Il-Malti

Ħarġa Akkademika XCII 2019

# Il-Malti

PUBBLIKAZZJONI TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



Ħarġa Akkademika XCII 2019

# Il-Malti

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA AKKADEMIKA
XCII
2019

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Dr George Farrugia

*Membri*: David Aloisio
Phyllis Debono
Dr Immanuel Mifsud

Qari tal-provi: Chris Giordano
Joseph P. Borg

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti
© 2021 L-Akkademja tal-Malti

Fl-istudju ta' David Agius Muscat intużat it-tipa tal-Akkademja tal-Malti bbażata fuq it-Times New Roman.

ISBN: 978-99932-7-813-9

Iddedikat lil
Marlene Mifsud Chircop

# Werrej

L-editorjal
*George Farrugia* .......................................................................ix

**Diskorsi**

De Soldanis u l-Kapuċċini
*Stanley Fiorini* ..........................................................................02

Il-preżenza tal-ilsien Malti fil-proġetti kirografiċi
u semjotiċi ta' William Wolkowski
*Mario Cassar* ............................................................................07

It-tnedija ta' *Vespri*, diskors tal-għeluq
*Trevor Żahra* ............................................................................22

**Kritika Letterarja**

"Malta wkoll miegħek titgħannaq" – Sejba ta' poeżiji ġodda
tal-Prof. P. Anastasju Cuschieri, Karmelitan
*Charlò Camilleri O.C.* ..................................................................26

L-umoriżmu fil-letteratura Maltija
*Charles Casha* ..........................................................................66

Proża popolari Maltija kontra l-Komuniżmu
*Sergio Grech* ........................................................................78

*Ħelsien* u n-narratur li dejjem jindaħal
*Adrian Grima* ........................................................................97

La Mamma dei Cretini è sempre Incinta JEU Ghasc Barra mhusc bilfors Mod Iehor (jeu Ahjar) : L-insularità f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo u f'*What Happens in Brussels stays in Brussels* ta' Ġużè Stagno
*Emanuel Tanti* ........................................................................121

## Riċerka

Siltiet minn *Stedina* ta' Vassalli fil-ġurnal *Il-Kaulata Maltia* (1839)
*David Agius Muscat* ........................................................................130

## Lingwistika

Verbi bl-ewwel radikali "W"
*Lawrenz Cachia*........................................................................150

Iż-żamma tal-kuntest kulturali tat-test sors u tal-elementi lessikali kemm dijakroniċi kif ukoll sinkroniċi fil-proċess tat-traduzzjoni li tinvolvi testi letterarji u nonletterarji
*Paul Zahra* ........................................................................152

## Intervista

Lil Dun Karm 'nirringrazzjah u nibqa' nqimu' – Tliet awturi Maltin jintervistaw lill-Kardinal Prospero Grech dwar *Dun Karm – Poet of Malta*
*Ivan Said* ........................................................................168

## Reċensjonijiet

Għemil li jiġbed il-ħsieb: Il-poeżija ta' Jonathan Balzan
*Charles Briffa* ........................................................................184

L-Akkademja tal-Malti matul is-snin... (2013-2015)
*Joseph P. Borg* ........................................................................189

## Il-Malti

Linji gwida għall-edituri u l-bordijiet editorjali......................................207

# L-editorjal

George Farrugia

## L-2020

Is-sena 2020 kellha tkun imfakkra mill-Akkademja tal-Malti bħala s-sena taċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħha, imma bla dubju aktar se nibqgħu niftakruha bħala s-sena tal-imxija tal-COVID-19 – virus li ġab id-dinja għarkupptejha. Fl-ewwel xhur tas-sena d-dinja waqfet ħesrem, ir-ritmu qabbieżi tal-ħajja mgħaġġla li konna qed ngħixu nbidel mil-lejl għan-nhar f'ritmu ta' marċ funebri kawża ta' virus qerriedi li ħasad u għadu jaħsad il-ħajja ta' mijiet ta' eluf ta' persuni. Tħawwadna lkoll għax ma konniex nafu x'qed jiġri u wisq anqas x'se jiġri. Fi żmien qasir għalaqna l-iskejjel u l-ajruport, bdejna naħdmu u nitgħallmu mid-dar, negozju wara l-ieħor bdew jagħlqu l-bibien tagħhom u kienu bosta li tilfu xogħolhom. Bdejna naħsbu b'mod differenti, nirraġunaw b'mod differenti... ngħixu b'mod differenti.

Imqar il-lingwa kellha tirrifletti dan it-tibdil kollu. Fi lsienna beda dieħel kliem ġdid, x'aktarx mill-Ingliż, li l-midja bdiet tibbumbardjana bih lejl u nhar u li kompla jinxtered b'mod virali bħal leħħa ta' berqa permezz tal-mezzi soċjali. Kliem bħal COVID, virus, swab test, cluster, visor, contact tracing, R-factor, bubble, curve, ventilator u tant oħrajn sar parti mid-diskors tagħna ta' kuljum. Kliem ieħor bidel jew wessa' t-tifsira tiegħu. 'Niltaqgħu' saret tfisser 'nitkellmu ma' xulxin virtwalment'; l-aġġettiv 'pożittiv' sar iwerwer lil kulħadd; il-'maskra' ma baqgħetx assoċjata l-aktar mal-karnival iżda kellna nilbsuha mqar fil-knisja; u min ma kienx jixrob beda jara kif se jakkwista l-'alkoħol'!

Kif stenbaħna wara x-xokk li ħadna, kellna nibdew ngħixu ħajja differenti, 'normalità ġdida'. Bosta restrizzjonijiet ġew imposti minn żmien għal żmien f'bosta pajjiżi, inkluż Malta. L-attivitajiet tal-massa kellhom jitħassru għax kellna nżommu d-distanza soċjali u bosta attivitajiet soċjali li kienu ppjanati ġew posposti, fosthom l-attivitajiet marbuta ma' għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Imma kif jgħidu, "Kull deni ħudu b'ġid". Ladarba dawn l-attivitajiet soċjali marbuta ma' dan l-avveniment daqstant importanti għall-Akkademja kellhom jiġu posposti jew illimitati biss għal ftit persuni f'ċirkustanzi 'strambi', il-Kunsill tal-Akkademja minflok baqa' idu fuq żaqqu, minnufih ħaseb li jiffoka fuq mezzi oħrajn li s-soltu, minħabba impenji oħra, ix-xogħol fuqhom jimxi aktar b'pass kajman. Il-Kunsill iddeċieda li jaħdem fuq numru ta' pubblikazzjonijiet, fosthom l-istampar ta' ktejjeb dwar l-ittri tal-alfabetti l-qodma tal-Malti, l-istampar ta' ktieb dwar is-sessiżmu fil-Malti, pubblikazzjoni li tiġbor xogħlijiet marbuta mal-istorja tal-Akkademja, u żewġ ħarġiet ta' *Il-Malti,* waħda letterarja u oħra akkademika, sewwasew din li qed nippreżentawlkom.

Din il-ħarġa hija mżewqa b'bosta taqsimiet li jiġbru fihom xogħlijiet ta' natura differenti. Fit-taqsima tad-Diskorsi nsibu tliet xogħlijiet, tnejn minnhom, ta' Trevor Żahra u ta' Stanley Fiorini, saru f'okkażjonijiet ta' tnedija ta' kotba filwaqt li l-ktiba ta' Mario Cassar saret mill-awtur f'waħda mit-taħditiet li organizzat l-Akkademja. Il-ktiba ta' Fiorini hija bbażata fuq diskors li kien għamel fit-tnedija tal-ktieb ta' Rev. Dr Martin Micallef *Crux Invicta: Il-Kurċifiss Mirakuluż u l-Kapuċċini f'Għawdex* li saret fil-Palazz tal-President f'Sant'Anton nhar il-25 ta' Frar 2020. F'din il-ktiba Fiorini jispjega kif kurċifiss li kien jitqies mirakoluż spiċċa proprju fid-dar tal-Kanonku Ġan Piet Franġisk Agius de Soldanis. Fil-kuntest ta' din il-ġrajja Fiorini jagħtina tagħrif ieħor interessanti dwar ir-rabta li De Soldanis kellu mal-Kapuċċini t'Għawdex u mal-Kapuċċini ħbieb tiegħu, fosthom Patri Pelaġju. Id-diskors ta' Trevor Żahra, li kien sar bħala d-diskors tal-għeluq fl-okkażjoni tat-tnedija tal-ktieb tiegħu *Vespri*, huwa diskors konċiż iżda profond. X'inhu verament dak li jqanqal lill-kittieb biex jikteb? Żahra jgħid li kull meta jkun mistieden iżur l-iskejjel biex ikellem lit-tfal ta' spiss l-għalliema jew it-tfal infushom jistaqsuh il-mistoqsija: "L-għaliex tikteb?", mistoqsija li l-ewwel darba li staqsewhielu bħal donnu ma kienx preparat għaliha u li l-unika tweġiba li seta' jagħti kienet li ma jistax ma jiktibx. Għal Żahra f'"kull biċċa xogħol li jikteb il-kittieb dejjem jipprova jispjega dak li min-natura tiegħu huwa inspjegabbli. Bħal donnu jilmaħ quddiemu dell li jkun jixtieq jaħtfu u jikxfu u jiskoprih, imma meta jiġi biex jikkonkretizzah permezz tal-kelma, jinduna li din il-kelma hija impotenti".

Id-diskors ta' Mario Cassar jiffoka fuq William Wolkowski, poliglotta u kaligrafista Franċiż ta' nisel Pollakk. Mill-1987 Wolkowski beda jsawwar għadd ta' proġetti multilingwi msejsin fuq kwotazzjonijiet ta' personaġġi u awturi famużi. F'dawn il-kollezzjonijiet ġieli dehru kampjuni bil-Malti, fosthom traduzzjonijiet ta' xogħlijiet ta' personaġġi u awturi kbar bħal Lewis Carroll, Arthur Rimbaud, Robert Schuman, Marie Curie, Nicolas Gogol, Shakespeare, u anki xi testi bibliċi u reliġjużi. Wolkowski ħadem ukoll fuq ġabra ta' poeżiji Marjani bil-Malti. Il-kompilatur isostni li kull proġett għandu dimensjoni kirografika u semjotika. It-taħdita ta' Cassar tiġbor is-siltiet kollha bil-Malti u anki l-poeżiji Marjani, biż-żieda ta' kummenti li jkomplu jitfgħu dawl fuq is-sinifikat tagħhom.

It-taqsima tal-Kritika Letterarja hija l-aktar taqsima li tiġbor fiha xogħlijiet f'din il-ħarġa akkademika. Fix-xogħol tiegħu "'Malta wkoll miegħek titgħannaq' – Sejba ta' poeżiji ġodda tal-Prof. P. Anastasju Cuschieri, Karmelitan" Charlò Camilleri O.C. jinkludi poeżiji tal-Prof. P. Anastasju Cuschieri bil-Malti u bit-Taljan li sab wara l-pubblikazzjoni tal-edizzjoni kritika tal-*Poeżiji Miġbura* fl-2013, frott tar-riċerka tiegħu li baqgħet u għadha għaddejja. Mhux eskluż li jkomplu joħorġu kitbiet u poeżiji ta' Cuschieri fil-ġejjieni; dan għaliex kif jinnota P. Charlò Camilleri, Cuschieri ma kienx xi persuna organizzata ħafna u kien juża kull biċċa karta li jsib u fuqha jħażżeż xi poeżija, jew xi punti għal xi diskors jew omelija. Għaldaqstant ukoll il-folji, il-pitazzi u n-noti ta' Cuschieri jafu jinstabu fi mkejjen li mhux dejjem taqagħlek f'rasek tfittex fihom. Sakemm kienet qed titħejja din il-pubblikazzjoni fil-fatt l-awtur qalilna li nstabu poeżiji oħra ta' Cuschieri qalb il-kitbiet u l-istudji u l-manuskritti ta' reliġjuż Karmelitan ieħor, P. Valentin Borg Gusman, Karmelitan Marjologu, bniedem kolt u ta' studju u riċerka li fost suġġetti oħra kien jgħallem ukoll il-kritika letterarja. Fil-poeżiji msemmija f'din il-ktiba naraw kif Cuschieri jgħaqqad flimkien temi li kienu għal qalbu bi kreattività liema bħalha.

Charles Casha jittratta l-umoriżmu fil-letteratura Maltija fil-ktiba li ġġib sewwasew dan it-titlu. Il-letteratura tinterpreta l-ħajja u tirrifletti fuqha u għalhekk l-umoriżmu, flimkien mal-biża', l-avventura, l-imħabba u l-aspetti oħrajn tal-ħajja, huwa ingredjent essenzjali fil-kitba tan-novelli, tar-rumanzi, tad-drammi u tal-ġeneri letterarji l-oħrajn. Fil-letteratura Maltija nsibu numru sabiħ ta' awturi li għamlu użu mill-umoriżmu, għalkemm mhux ilkoll bl-istess mod jew għan. Xi awturi sawru xi xogħlijiet tagħhom fuq umoriżmu li l-għan tiegħu ewlieni hu li jnissel tbissima u jipprovdi divertiment sempliċi, oħrajn kitbu biex jgħallmu lill-poplu u jerfgħuh mill-injoranza li kien jgħix fiha u

hemm dawk li kellhom il-ħsieb li b'mod satiriku jikkritikaw faxex tas-soċjetà Maltija. Barra minn dawn, l-umoriżmu iswed (black humour), li jwassal għal katarsi intellettwali u jikxef ir-realtà traġika tan-natura, daħal ukoll fil-letteratura Maltija permezz tal-kitbiet ta' Alfred Buttigieg, Ġużè Stagno, Oreste Calleja u Alex Vella Gera. Xi awturi, bħal Simone Spiteri, iħallu s-sitwazzjonijiet li jsibu ruħhom fihom il-karattri jiżviluppaw l-element umoristiku waqt il-provi tad-dramm. Fil-ktiba tiegħu Casha jargumenta li l-umoriżmu jista' jkun biċċa għodda tajba f'idejn il-kittieb biex jittratta problemi soċjali jew personali. L-umoriżmu, meta mqiegħed f'postu, itaffi mill-element qawwi ta' xi kitba li taf tgħejji lill-qarrej meta dan ikollu x-xewqa li jirrilassa. Mil-lat psikoloġiku l-umoriżmu jgħin ħafna biex inkunu aktar f'saħħitna għax jista' jħalli effett pożittiv kemm fuq is-saħħa fiżika u kemm fuq is-saħħa mentali.

"Proża Popolari Maltija kontra l-Komuniżmu" hija ktiba ta' Sergio Grech li tiffoka fuq perjodu politiku ta' pajjiżna u kif dan ġie rifless fil-letteratura ta' żmienu. Id-deċiżjoni tal-Perit Mintoff li jissieħeb fl-AAPSO u s-Socialist International kienet biżżejjed biex il-forzi Kattoliċi Maltin jirritaljaw u jpoġġu l-akkuża li Malta b'Mintoff fil-poter kienet se ssir ċentru ħaj u vibranti ta' Komuniżmu. Inzerta li f'Kuba, Fidel Castro kien ħa l-poter f'idejh u maż-żmien kien sar mexxej assolut fejn il-Knisja Kattolika ntefgħet fis-sagristija u tnaqqsitilha s-saħħa tagħha. Il-'ħbiberiji Russi' tal-Perit Mintoff ma għenux u l-ilma kompla jiddardar. Il-forzi reazzjonarji mill-ewwel użaw l-istampa għall-kampanja tagħhom. Minn hemm jibda moviment b'saħħtu ta' proża f'sens miftuħ ta' letteratura anti-Komunista b'mod speċjali fil-gazzetti u sorsi oħrajn. Skont Grech il-biża' mill-Komuniżmu ma kienx ġdid f'Malta u anki dakinhar intużat l-istampa bħala parti mill-kampanja reazzjonarja.

L-artiklu ta' Emanuel Tanti jitkellem dwar l-insularità psikoloġika, soċjali, morali u politika f'żewġ rumanzi: *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo u *What Happens in Brussels stays in Brussels* ta' Ġużè Stagno. Bħala spunt jieħu l-esej 'Desert Islands' ta' Gilles Deleuze, li fih dan il-ħassieb jistqarr li l-insularità tmur lil hinn mil-limitazzjonijiet ġeografiċi marbutin mal-gżira: l-'idea' li l-abitanti jkollhom tal-gżira li qed jgħixu fuqha hija importanti daqs il-gżira nnifisha. Għalhekk il-vjaġġi lejn l-Amerka u lejn il-Belġju ma joffrux il-ħelsien jew is-serħan mistenni mill-forma mentis li ssawwar fil-karattri ta' dawn ir-rumanzi. Dwar dan jiġu ppreżentati żewġ perspettivi: dik tal-'idea ġenerattiva', li tilqa' l-eteroġeneità u l-progress; u dik tal-'idea replikatorja', li xxekkel l-iżvilupp u tiffavorixxi l-insularità. Fl-aħħar nett jiġi diskuss il-kunċett tal-eroj, primarjament ir-rwoli li għandhom il-karattri ta' Filiċ u Alexia fir-rumanzi

ta' Mamo u Stagno rispettivament. Dawn il-karattri jispikkaw għaliex jeżistu fil-periferija tal-grupp minħabba li ma jħaddnux il-fehmiet dominanti tiegħu.

L-aħħar xogħol fit-taqsima tal-kritika letterarja huwa l-istudju ta' Adrian Grima, intitolat '*Ħelsien* u n-narratur li dejjem jindaħal'. L-argument prinċipali fl-istudju tiegħu huwa li l-leħen narrattiv eterodijeġetiku, li fit-terminoloġija fundamentali ta' Gérard Genette huwa ta' xi ħadd li mhuwiex wieħed mill-karattri, dejjem jindaħal fir-rakkont biex jagħtina l-perspettiva tiegħu. Ma jistax ikun mod ieħor. Biex jiddiskuti dan l-aspett fundamentali tan-narratoloġija fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici, iħares lejn ir-rumanz ikoniku *Germinal* (1885) ta' Émile Zola u l-ewwel rumanz Verista Taljan, *Giacinta* (1879) ta' Luigi Capuana, imnebbaħ fost l-oħrajn mix-xogħol ta' Zola u r-rumanziera Russi. Fil-kuntest tar-rumanz Realista Malti li ispira ruħu minn din il-letteratura, li tosserva mill-viċin lill-bnedmin u n-natura, Grima jqis in-narratur ta' *Ħelsien* bħala wieħed mill-iktar narraturi li jagħmel l-isforz li jillimita l-kummentarji li jidentifikaw minnufih is-soġġettività tiegħu u jwasslu l-pożizzjoni ideoloġika li jieħu. Idu tingħaraf sew fid-determiniżmu filosofiku u psikoloġiku tiegħu. Iżda l-personaġġi u l-ġrajjiet mhux dejjem jobdu l-formuli stabbiliti mir-Romantiċiżmu u r-Realiżmu Malti, u l-lingwaġġ tar-rumanz huwa rikk biżżejjed biex jirreżisti l-kontroll assolut ta' vuċi waħda.

Fit-taqsima tar-Riċerka Storika nsibu x-xogħol ta' David Agius Muscat li fih jeħodna lura fl-ewwel xhur ta' meta Malta kisbet il-libertà tal-istampa. Waqt li kien qed jeżamina wieħed mill-ewwel ġurnali bil-Malti, *Il Kaulata Maltia* (1839), Agius Muscat sab li t-tielet u l-aħħar ħarġa li għandna f'idejna ta' dan il-ġurnal fiha siltiet minn *Stedina* ta' Mikiel Anton Vassalli. Fil-ħarġa m'hemmx l-isem tal-awtur. Sa qabel din is-sejba kien maħsub li *Stedina* kienet dehret l-ewwel darba fl-1841 f'pubblikazzjoni ta' George Percy Badger. Fl-istess artiklu Agius Muscat jagħti tagħrif ġdid fuq Mikelanġ Camilleri, kittieb tas-seklu 19. Fih huwa attribwielu pubblikazzjonijiet li sal-lum jew konna nqisuhom anonimi, jew inkella konna nattribwuhom lil awturi oħrajn. Fl-artiklu Agius Muscat iġib ukoll ittra tal-1844 li tinsab fl-arkivju tal-Pontificio Collegio Irlandese, Ruma. F'din l-ittra jissemma kif il-Maltin ġabu ruħhom ma' Camilleri meta minn qassis Kattoliku qaleb Protestant u żżewweġ.

Ix-xogħlijiet ta' Mons. Lawrenz Cachia u ta' Paul Zahra huma żewġ xogħlijiet ta' natura lingwistika li jkomplu jżewqu l-għażla wiesgħa ta' suġġetti varji f'din il-ħarġa akkademika ta' *Il-Malti*. Fix-xogħol tiegħu Zahra jitkellem fuq l-importanza taż-żamma tal-kuntest kulturali tat-test sors u tal-elementi lessikali, kemm dijakroniċi kif ukoll sinkroniċi, fil-proċess

tat-traduzzjoni li tinvolvi testi letterarji u nonletterarji. Fil-proċess tal-kitba oriġinali l-kuntest hu wieħed bipolari, li jinvolvi kemm lingwa kif ukoll kultura waħda. Dak tat-traduzzjoni, biż-żieda tal-lingwa mira, isir wieħed triangolari. Lingwistikament it-test sors hu mutabbli u trasferibbli. Iżda għall-kuntrarju, kulturalment it-test sors hu immutabbli u intrasferibbli. Dan ifisser li fit-traduzzjoni m'hemmx lok għad-domestikazzjoni tal-kultura sors permezz tal-lokalizzazzjoni. L-analiżi tal-kuntest hi essenzjali għax fost ħwejjeġ oħrajn din tinkludi ż-żmien li fih inkiteb it-test sors, l-elementi kulturali li jinsabu fih, l-udjenza primarja u l-udjenzi sekondarji, flimkien mal-aħjar mod kif għandha ssir it-traduzzjoni sabiex, sa fejn hu possibbli, ma jintilef xejn minnu. Biex jasal għal dan, it-traduttur jeħtieġlu għalhekk janalizza, b'mod partikolari, waqt il-proċess tat-traduzzjoni inġenerali, kemm l-elementi lessikali dijakroniċi u sinkroniċi taż-żewġ lingwi involuti kif ukoll l-element kulturali tat-test sors u kif dan jista' jgħaddi fit-test mira bla ma jinbidel.

Fil-ktiba qasira tiegħu Mons. Cachia jiddiskuti l-verbi bl-ewwel radikali W. Dawn il-verbi Cachia jaqsamhom f'żewġ taqsimiet ewlenin: (i) taqsima li tiġbor fiha l-verbi tal-forom imnissla flimkien mal-kwadrilitteri u (ii) taqsima oħra li tiġbor fiha l-verbi trilitteri tal-ewwel forma. Skont Cachia l-verbi tal-ewwel taqsima ma joħolqu ebda problema għaliex fihom ir-radikali W tibqa' tidher. Min-naħa l-oħra l-verbi fit-tieni taqsima jwaqqgħu r-radikali W fl-imperfett u fl-imperattiv u dawn jaqsamhom fi tliet kategoriji. Fl-aħħar tal-ktiba tiegħu Cachia jagħti tagħrif addizzjonali dwar il-verb *ibbies*.

Fit-taqsima tal-Intervisti nsibu x-xogħol ta' Ivan Said, mibni fuq intervista li Toni Cortis, Żebbuġi bi mħabba kbira għal Dun Karm u Mikiel Anton Vassalli, kien għamel lill-Kardinal Prospero Grech OSA dwar il-ktieb *Dun Karm – Poet of Malta* tal-Professur Arthur John Arberry. L-intervista saret fiż-żmien meta Malta kienet waslet biex tiċċelebra l-50 anniversarju tal-mewt tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm. L-awturi Achille Mizzi, Ġorġ Peresso u Ġorġ Borg kienu mistiedna jipprovdu lil Cortis xi mistoqsijiet dwar dan il-ktieb biex jistaqsihom lill-Kardinal Grech. Fl-okkażjoni tal-mewt tal-Kardinal Grech, li seħħet fit-30 ta' Diċembru 2019 fl-età ta' 94 sena, Ivan Said ittraskriva din l-intervista u pprovda introduzzjoni riċerkata dwar il-ktieb, il-Kardinal Grech u kif saret l-intervista. Insiru nafu kif il-Kardinal Grech kien għen lill-Professur Arberry fit-tfittxija u l-qlib għall-Ingliż tal-poeżiji ta' Dun Karm li jidhru fil-ktieb u li kiteb ukoll introduzzjoni estensiva dwar il-poeta u x-xogħlijiet tiegħu.

Din il-ħarġa tinkludi wkoll riċensjoni magħmula minn Charles Briffa dwar il-poeżija ta' Jonathan Balzan, imsejsa fuq it-tliet kotba tal-poeta *Irdieden – Poeżiji* (2013), *Kilometri – Poeżiji* (2016) u *Madwar Ħajti – Poeżiji* (2018). Balzan huwa poeta kontemporanju li skont Briffa jgħarrex il-valuri umani tal-kontemporanjetà bl-istil partikolari tiegħu – "stil li meta nifluh nilmħu sitwazzjoni interessanti għax il-poeżija ta' Balzan turina qagħda ta' moħħ b'xejriet meqjusa li jattiraw l-attenzjoni u jqajmu l-kurżità". Il-versi ta' Balzan, skont Briffa, huma ħielsa minn kull ilġiem biex il-produzzjoni tingħata bil-qawwa tal-Post-Modern li jlaqqa' kultura stabbilita ma' temi popolari. Briffa janalizza l-aktar aspetti stilistiċi li jirkaċċaw fil-poeżija ta' Balzan, fosthom ir-rima, il-konċiżjoni, u l-ħsieb dirett ħieles. Skont Briffa l-poeżija ta' Balzan hija għamla ta' diskors dirett ħieles "li jnixxi minn moħħ il-poeta", teknika li tagħmel il-ħsibijiet ta' Balzan aktar attwali msaħħa wkoll b'użu ta' lessiku kontemporanju magħżul b'ċerta ħila li, fi kliem Briffa, huwa komuni u ħaj u li jixraqlu dinjità letterarja.

L-aħħar ktiba f'din il-ħarġa akkademika tiffoka fuq il-ħidma tal-Akkademja bejn is-snin 2013 - 2015, u hija miktuba proprju mis-Segretarju attwali Joe Borg. Il-ktiba, mirquma b'dettalji mniżżla b'mod metikoluż minn Borg, tiffoka fuq dak kollu li seħħ fl-Akkademja f'dan il-perjodu u s-sehem tagħha f'attivitajiet kemm li kienet mistiedna tipparteċipa fihom, kif ukoll fil-bosta attivitajiet li organizzat hija stess, bħal taħditiet, serati mużiko-letterarji kommemorattivi, il-Konferenza Mikiel Anton Vassalli – 250 sena minn twelidu, tnedijiet ta' kotba, u s-sensiela ta' programmi fuq Radju Malta 1 – 'Nwar'.

Nittama li ssibu xi ktiba li tolqotkom f'din il-ħarġa akkademika mżewqa li qegħdin niddedikawha lill-memorja tal-għażiża Marlene Mifsud Chircop, li ħallietna fis-26 ta' Awwissu 2020. Nibku t-telfa tagħha iżda nibqgħu ngawdu u napprezzaw xogħlijietha għal dejjem.

# DISKORSI

# De Soldanis u l-Kapuċċini[1]

Stanley Fiorini

Dan il-ktieb hu minsuġ madwar il-wasla ta' kurċifiss f'Malta mill-Italja u l-ġrajjiet li għadda minnhom sakemm fl-aħħar sab il-mistrieħ tiegħu fil-kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex. Din il-mixja għaddietu minn diversi jdejn, f'itinerarju varjat f'diversi lokalitajiet: il-Kavallier Miceli kkommissjonah mingħand skultur f'Messina lejn l-1683, minn fejn, wara avventura fuq il-baħar, wasal Sirakuża, imbagħad Malta fid-dar tal-istess Miceli, fil-Belt. Kemm dam hemm seħħ it-terremot il-kbir tal-1693, meta għad-devozzjoni tal-fidili, f'din l-okkażjoni, tqiegħed fil-knisja tal-Vitorja, il-Belt, fuq talba tal-Kappillan, il-Kommendatur tal-Ordni Fra Ġużeppi Sciberras. Minn hawn jidher li għadda għand il-patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt, fuq talba tal-gwardjan, u minn hemm għall-kunvent u knisja tal-istess patrijiet Konventwali f'Għawdex, fuq talba tal-Gwardjan Patri Ġwann Camenzuli. Billi ma nstabitx niċċa li fiha joqgħod sew, minħabba d-daqs kbir tiegħu, dan il-kurċifiss jidher li ngħata u tqiegħed fid-dar tal-Kanonku Ġan Piet Franġisk Agius de Soldanis, li fl-aħħar nett fl-1 ta' Novembru 1746 irregalah lill-patrijiet Kapuċċini, li kienu għadhom kemm fetħu l-kunvent tagħhom maġenb il-knisja tal-Madonna tal-Grazzji, taħt il-Kastell fl-inħawi ta' Forn il-Ġir.

Dan kollu kien qed jiġri fl-isfond tas-seklu tmintax. Jien intlabt nagħti ħarsa ħafifa lejn dan il-kuntest storiku-kulturali biex nifhmu aħjar din il-ġrajja. Figura ċentrali f'din in-narrattiva kollha hi bla dubju ta' xejn il-Kanonku Għawdxi Ġan Piet Franġisk Agius Sultana, jew fil-forma Latinizzata tat-tieni kunjom, De Soldanis. Din kienet il-moda ta' dak iż-żmien, imma żgur li kienet tinżillu

għasel lill-Kanonk, għax kienet taqilgħu mill-qixx u l-mixx. Mhux għaliex De Soldanis kellu bżonnha din it-tefgħa żejda, għax kien mingħajr dubju l-iprem moħħ akkademiku f'dawn il-gżejjer fi żmienu – enċiklopedija ambulanti tabilħaqq – imma kull laqxa tirfed l-imramma, jgħid il-Malti. Ta' min isemmi li l-moda taż-żewġ kunjomijiet f'dawn il-gżejjer bdiet sewwasew fi żmienu, għajr għal każ wieħed eċċezzjonali ħafna, tliet sekli qabel, fil-Medjuevu. De Soldanis kien aktarx bniedem mimli bih innifsu, daqsxejn pompuż, ferħan b'rixu, jippromwovi kitbietu, jiftaħar b'xi donazzjoni li jkun għamel, li ma naqasx li jaspira għal kemm-il ġieħ jew ieħor, xi benefiċċju ieħor ma' li diġà kellu, ukoll jekk mhux dejjem kien jirnexxilu jiksbu. Insemmu biss kif, meta kien laħaq l-ewwel biblijotekarju nazzjonali, ried kieku jwaqqaf soċjetà akkademika li ġġib ismu, Agiusiana. Ħalliha li l-proġett miet fuq ommu.

Ta' 17-il sena kien diġà kanonku tal-Matriċi Għawdxija, studja l-filosofija u t-teoloġija Malta fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-Belt, u wara siefer lejn l-Italja, fejn studja u ggradwa fil-liġi minn Pavia. Hawnhekk, l-aktar fit-Toskana, seħħlu jagħmel ħafna kuntatti siewja ma' intellettwali barranin, Taljani, Franċiżi u oħrajn. Saħansitra sar membru ta' erba' akkademji Taljani. Imma bħall-esperjenza tagħna sal-lum, nistgħu ngħidu li jekk tkun qattajt żmien barra minn dil-gżira, bħal dik il-ħamiema homer li dejjem tipponta munqarha lejn il-bejta fejn twieldet u ma tistrieħx sa ma ssibha, hekk De Soldanis baqa' jixxennaq għal art twelidu. Xhieda ta' dan huma ż-żewġ volumi tiegħu *Gozo Antico – Moderno*. Imma wara li fetaħ l-orizzonti ta' moħħu barra, Għawdex tiegħu issa beda jħoss fih insularità li xxekklu. Dak id-djuq ried kieku jtaffih bil-kuntatti li ħoloq hawn mal-intelligentsia lokali. Fuq l-għatba tal-Illuminiżmu f'Malta ma kienx hawn nuqqas tagħhom. Fost dawn, il-Konti Ġan Anton Ciantar, Dun Injazju Saverju Mifsud, avukat u konsultur tal-Inkwiżitur, il-kirurgu Mikiel Anġ Grima, il-pittur Antoine Favray, Giuseppe Giacomo Testaferrata, Giovanni Cachia u oħrajn. Il-kumpanija ta' dawn kien jistmaha ħafna u jfittixha, mhux l-anqas għax permezz tagħhom seta' jilħaq imħuħ oħra barra minn Malta, bħall-istoriċi Muratori u Mongitore, l-arkeologu u Arabista Francesco Vettori, il-filosfu arkeologu Franċiż Condillac, il-Patri Teatin Paolo Maria Paciaudi, il-Ġiżwita Patri Pietro Lazzari u s-Semitista magħruf Assemani.

F'Malta, naturalment, kien hawn l-Ordni ta' San Ġwann fil-gvern, u fost il-kavallieri De Soldanis kellu wkoll iċ-ċirku tiegħu. Kien midħla sew ta' għadd ta' kappillani konventwali, fosthom il-Kommendatur Fra Gabriele Miceli. Kien hemm ukoll Fra Giuseppe Almeida u Fra Etienne Turgot u oħrajn li kellhom interess fl-ilsien Malti, tant li dawn saħansitra talbu 'l De Soldanis

biex jiktbilhom dizzjunarju u grammatika Maltija. Kien imfittex minnhom ukoll għall-prietki tiegħu, l-aktar dawk tar-Randan.

Fis-seklu tmintax il-Knisja f'Malta, għall-inqas mil-lenti umana, kienet fl-aqwa fjoritura tagħha. Sal-bidu tas-seklu l-għadd ta' parroċċi ġodda kotor kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Hawnhekk, l-erba' parroċċi Medjevali – il-Matriċi, San Ġorġ, San Ġakbu u Ta' Savina – imrekkna u mgeddsa qaqoċċa flimkien għall-wens fil-Kastell u fir-Rabat, faqqsu u nfirxu fl-irħula ġodda li nibtu mperrċa fuq l-għoljiet, issa bla biża' minn xi ħbit għal għarrieda tal-kursara, fix-Xewkija, l-Għarb, Ta' Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur u ż-Żebbuġ. L-istess ngħidu għall-ordnijiet reliġjużi, li sa tmiem is-seklu sbatax f'Għawdex kien hemm biss tnejn minnhom, fir-Rabat – l-Agostinjani u l-Konventwali. Tentattiv li jiddaħħlu d-Dumnikani u l-Ġiżwiti kien safa fix-xejn. Dan il-ktieb jurina fid-dettall kif il-Kapuċċini, wara li kienu tefgħu l-ankri fil-Furjana fi tmiem is-seklu sittax, issa bdew ifittxu li jinfetħu 'l barra, fil-Kalkara f'Santa Liberata kif ukoll f'Għawdex, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji. Madwar dan is-santwarju bnew il-kunvent, li ntiseġ mal-ħajja Għawdxija u sseddaq matul is-snin bil-preżenza Kapuċċina.

Hekk naraw kif din il-ġrajja toħodna lura lejn it-terremot il-kbir tal-1693, bil-purċissjoni votiva li baqgħet issir kull sena b'radd il-ħajr 'l Alla għall-ħelsien minn dak il-flaġell. Kien sewwasew minħabba dil-konkorrenza kbira tal-Għawdxin li l-Kapuċċini għażlu fejn riedu li jitwaqqaf il-kunvent tagħhom. U l-Għawdxin ma ddiżappuntawhomx, kif jidher mill-approvazzjonijiet li ngħatawlhom, mill-Università u l-poplu inġenerali, mill-awtoritajiet tal-Knisja, fosthom miż-żewġ ordnijiet reliġjużi preeżistenti, u mill-benefatturi ġenerużi li ma naqsux jgħinuhom minkejja xi intopp 'l hawn u 'l hinn. Iċ-ċentralità tas-santwarju fil-ħajja reliġjuża Għawdxija toħroġ mill-fatt kif l-isqfijiet tad-djoċesi l-ġdida dejjem bdew iċ-ċerimonja tal-ingress tagħhom minnu. F'idejn il-Kapuċċini s-santwarju baqa' jkun il-kalamita li ġibdet lejha l-ħarsa tal-Għawdxin kull meta ħteġilhom idawru għajnejhom lejn is-sema fi żminijiet ta' kriżi. Bħalma ġara fit-terremot, bosta pellegrinaġġi oħra warajh narawhom jiffukaw fuq is-santwarju, bħal fi żmien ta' nuqqas ta' xita fl-1758, fil-pesta qalila tal-1813, fl-imxijiet tal-kolera tas-seklu dsatax – fl-1837, fl-1850 u fl-1865 – fi żmien ieħor ta' nixfa fl-1840 u fl-1867, u fil-pestilenza tad-dud tal-qoton fl-istess żmien.

Hu sewwasew De Soldanis, bl-imħabba tiegħu għad-dettall storiku, li ħallielna l-aktar informazzjoni dwar il-Kapuċċini f'Għawdex, li kien iqishom fi kliemu stess bħala "l-patrijiet tagħna". Kien midħla sew tagħhom u ħabib

ta' ġewwa, kif jidher mill-ħafna kuntatti li kellu magħhom u xogħlijiet minn tiegħu li ħallielhom. Fost dawn hemm il-manuskritti tal-kotba *Il Gozo Antico-Moderno*, *Nuova grammatica* u *Dizionario Punico-Maltese* (reċentement ippubblikat bħala *Id-Ḋamma*), kif ukoll *Critica intorno al naufragio di S. Paolo Apostolo in Malta*; dawn tal-aħħar mitlufin. Fost il-Kapuċċini ħbieb tiegħu nsibu lil Patri Lwiġi Bartolo, disinjatur u storiku, u 'l-famuż Patri Pelaġju minn Ħaż-Żebbuġ, magħruf qabel daħal Kapuċċin bħala Dun Bartilmew Mifsud Gauci Piscopo, protonutar appostoliku u duttur fil-mediċina, li jitqies bħala wieħed mill-istoriċi ewlenin tal-Ordni. Ir-relazzjoni bejn De Soldanis u Patri Pelaġju għaddiet minn diversi fażijiet. Bdiet fuq livell ta' ħbiberija, tant li spiss kienu jaqsmu informazzjoni fuq temi ta' interess komuni. Kienu midħla sew ta' xulxin, hekk li l-informazzjoni li l-kurċifiss ta' din l-istorja kien jinsab fid-dar ta' De Soldanis qabel wasal għand il-Kapuċċini nafuha biss minn dak li ħallielna Patri Pelaġju. Irid jingħad hawn li din l-informazzjoni u dan id-dokument importanti qed jiġu ppubblikati għall-ewwel darba f'dan il-ktieb. Jibqa' fatt kurjuż li De Soldanis innifsu mkien ma jsemmi li kien hu li rregala l-kurċifiss lill-Kapuċċini; dan meta nqisu li l-Kanonku kien tant jiftaħar b'kull għotja li kien jagħmel, sal-inqas granċ… Intant, biż-żmien saru rivali akkademiċi akkaniti, kif jidher, ngħidu aħna, mill-kritika li Patri Pelaġju għamel dwar interpretazzjoni ta' De Soldanis fuq iskrizzjoni Għarbija. Fl-aħħar kienu kisruha sew fuq il-kwistjoni tal-lingwa.

Patri Pelaġju beda jkun kritiku sew tiegħu, kif jidher meta l-ftaħir kollu li De Soldanis kien għamel dwar is-sejba u l-konservazzjoni ta' iskrizzjoni Rumana li tfaċċat fl-iskavi għall-pedament tal-kunvent ġabhulu fix-xejn. B'mod aktar ġenerali, kien aħrax sew miegħu dwar dak li kiteb fuq il-kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex. Saħansitra jsejjaħlu 'nofs ħabib', li 'kitbitu mhix ta' min jorbot fuqha u li persuni bħal dawn qatt m'għandhom jiktbu xejn'. Bħalkieku biex jinkih, Patri Pelaġju ma kienx iżidlu t-tieni kunjom – De Soldanis – meta jindirizzah, għax fl-opinjoni tiegħu dan ma kien xejn għajr 'frugħa tal-frugħat'. Imma l-aktar li fettilha miegħu kien fuq l-ilsien Malti. Kif tarrafna diġà, De Soldanis kiteb dizzjunarju u grammatika tal-Malti għax fost ir-riformi li xtaq iwettaq b'risq art twelidu ried joħloq bażi solida għal-lingwa. Biex seta' jasal għal dan, ħtieġlu l-ewwel isolvi l-problema tal-ortografija, li qatagħha bl-użu tal-alfabett Latin biż-żieda ta' ftit punti dijakritiċi. Kien hawn li Patri Pelaġju xellef difrejh sew u rrabja għax kellu interess personali sħiħ fil-materja, b'opinjonijiet differenti. Ir-riżultat kien kritika qawwija li De Soldanis kien imissu kkonsulta ma' ħaddieħor qabel qabad u għaffiġha. Il-kritika ma

ġietx biss minn Patri Pelaġju. Giovanni Cachia wkoll, li De Soldanis kien ikkonsultah, ried bħal jimponi xi karattri bl-Għarbi, kif fil-fatt għamel Vassalli aktar tard. Minkejja din l-oppożizzjoni f'art twelidu, il-verdett aħħari fl-appell lill-awtorità ta' Giuseppe Aloisio Assemani, professur tas-Sirjak f'La Sapienza, kien għalkollox favur De Soldanis.

De Soldanis sab oppożizzjoni wkoll fuq il-front politiku, kemm min-naħa tal-Ordni kif ukoll mill-Inkwiżitur. De Soldanis kien wera ruħu favur id-dritt li r-Re Alfonsu kien ta lill-Maltin li setgħu, *manu forti*, jilqgħu għall-ksur tal-privileġġi tagħhom. Hawnhekk kemm il-Gran Mastru Pinto kif ukoll l-Inkwiżitur Passionei wrew id-diżapprovazzjoni tagħhom, u De Soldanis kellu jirtira fit-torri tal-avorju akkademiku tiegħu fil-Biblijoteka.

Dawn huma biss xi aspetti tal-możajk rikk tas-soċjetà Maltija ta' nofs is-seklu tmintax li nilmħu 'l hawn u 'l hinn f'dan il-ktieb informattiv ta' Fr Martin.

**Noti**

1 Dan id-diskors sar mill-awtur fit-tnedija tal-ktieb ta' Rev. Dr Martin Micallef *Crux Invicta: Il-Kurċifiss Mirakuluż u l-Kapuċċini f'Għawdex* li saret fil-Palazz tal-President f'Sant' Anton nhar il-25 ta' Frar 2020.

# Il-preżenza tal-ilsien Malti fil-proġetti kirografiċi u semjotiċi ta' William Wolkowski[1]

Mario Cassar

## Preżentazzjoni

F'din il-ktiba se nipprova nintroduċikom max-xogħol ta' William Wolkowski, li ħakem l-arti tal-kirografija u li bħal skriba Medjevali jfittex li jagħti kulur, timbru, karattru lil dawk it-testi li jagħżel jinterpreta. Għedt 'nipprova' għax diffiċli tesprimi ruħek f'isem persuna oħra; jien speċi ta' ventrilokwista li qed jitkellem bil-vuċi ta' ħaddieħor. Ix-xogħol ta' Wolkowski ġibidli l-attenzjoni għax xi kultant jinkludi testi bil-Malti, u sintendi jien nifraħ kull meta nara lsien pajjiżi jiġi espost b'xi mod jew ieħor barra minn xtutna. Ġibidli l-attenzjoni wkoll minħabba l-ispirtu interkulturali marbut miegħu. Il-fatt li t-taħdita saret f'Dar l-Ewropa ma kienx kumbinazzjoni, għax kif se naraw hemm ukoll dimensjoni Ewropea.

### Kirografija u semjotika

Etimoloġikament it-terminu 'kirografija' hu mnissel minn żewġ elementi ta' nisel Greko-Latin: *chiro* li tfisser 'id'[2] u *grafia* li tfisser 'kitba'. Għal diversi studjużi l-kirografija hija x-xjenza tal-kaligrafija (jew tal-kitba bl-idejn). Fil-fatt hemm ħafna li jqisu t-termini 'kirografija' u 'kaligrafija' bħala sinonimi. Id-dizzjunarji Ingliżi normalment jiddefinixxu *chirography* (jew *cheirography*) bħala "the study of penmanship and handwriting". Madankollu, hemm xi wħud (bħal

Wolkowski nnifsu) li jippreferu jfettqu fuq din il-ħaġa. Għalihom il-kaligrafija hija arti viżiva marbuta mal-kitba, u timplika l-mod kif wieħed jikteb b'mod espressiv u armonjuż. Min-naħa l-oħra, il-kirografija hija l-istudju tal-kitba bl-idejn fl-aspetti kollha tal-kelma, u tinkludi l-iżvilupp storiku u kulturali tagħha. Il-kirografija, għalhekk, hija xjenza interdixxiplinarja u tmur lil hinn mill-ambitu strettament estetiku għax għandha wkoll dimensjoni semjotika.[3]

It-terminu 'kirografija' deher għall-ewwel darba fl-Ingliż fis-seklu sbatax, u ħafna drabi ntuża biex jirreferi għall-kitba ta' dokumenti u testi importanti. Kultant jintuża f'kuntrast mat-terminu 'tipografija', li jirreferi għal kwalunkwe materjal mitbugħ. Issir distinzjoni wkoll bejn dawn iż-żewġ termini u 'grafoloġija' – ix-xjenza (jew skont xi wħud il-psewdoxjenza) li tistudja l-karattru, id-dispożizzjonijiet u l-attitudnijiet tal-persuna evidenti mill-kitba tagħha.

Georges Jean isostni li kitba kkodifikata ma tistax teżisti sakemm ma jkunx hemm kunsens fuq ir-repertorju ta' sinjali u simboli formali li jistgħu jiġu applikati biex jirrappreżentaw il-ħsibijiet u l-ħsus ta' dawk stess li qed jużawhom.[4] Hawn mhux il-lok li noqogħdu nitkellmu fuq l-iżvilupp tal-kaligrafija kuntestwali fil-Mesopotamja u l-Eġittu tal-Qedem, il-ħolqien tal-ewwel alfabett (kif almenu nifhmuh illum) mill-Feniċi, it-testi bibliċi bl-Aramajk, is-sistemi kaligrafiċi fiċ-Ċina u l-bqija tal-Orjent, u l-iżviluppi skritturali fl-Ewropa tal-Punent. Għalkemm, sa ċertu punt, il-metodi effiċjenti ta' stampar, anki b'mezzi elettroniċi, donnhom tefgħu t-tekniki kumplessi tal-kaligrafija fil-ġenb, dan il-qasam għad għandu relevanza f'diversi ċirkoli akkademiċi. Il-kaligarija, fil-fatt, għadha pjuttost importanti f'numru ta' ilsna tal-Lvant Imbiegħed u anki f'għadd ta' forom ta' Għarbi kursiv. Għalkemm dan l-istudju, fi żmienna, jista' jidher sorpassat, kultant jista' jirriżulta utli biex wieħed jaħfen ċerti sottiljezzi f'forom arkajċi (u anki kurrenti) tal-lingwa li qed tiġi studjata.

Wolkowski huwa konvint li hemm rabta sfiqa bejn il-kitba tal-wiċċ u l-ispirtu tal-kontenut, bejn il-forma esterna u l-essenza interna. Il-kaligrafista jfittex is-sens 'l hinn mill-ittri; ifittex joħloq impressjoni ekstragrafika 'l hinn mill-grafija. L-awtur innifsu kiteb hekk: 'The origin of handwriting and manuscripts goes back to the art of cave painting and mural decorations. These marks and their artistic expression may present deep meaning and internal coherence. The permanent interaction between the stroke of the hand and its significance is the subject of research which is both artistic and literary, therefore transdisciplinary.' Huwa għalhekk li ħafna mix-xogħlijiet tiegħu

huma sottotitolati "The Spirit and the Letter – A Chirographic and Semiotic Study". Nerġa' nikkwota lil Wolkowski stess: "My chirographic and semiotic studies investigate a variety of subjects, and they are research projects on the relationship and the interface between Spirit and Letter, between the Inner and the Outer, betweeen Meaning, Essence and Form."[5]

Semmejt is-semjotika, ix-xjenza li tistudja s-sinjali u s-simboli, u l-użu jew l-interpretazzjoni tagħhom. Għal Wolkowski l-ittri li jsawru l-kitba huma sinjali dinamiċi, u għalhekk huma mogħnija b'tifsira u jgawdu valur komunikattiv: id-daqqiet, it-tidwiriet, il-forom, l-ilwien u l-bqija huma għeliem li jagħtu xejra, timbru, karattru lit-test. L-iskriba Medjevali kien artist li jinterpreta t-test bil-mod tiegħu, u l-interpretazzjoni ta' skriba partikolari, sintendi, kienet tvarja mill-interpretazzjoni ta' skriba ieħor. Id-daqqa mortali waslet bl-invenzjoni tal-istampa, għax issa t-test sar sempliċiment prodott ċatt, iswed fuq l-abjad. Fi kliem Wolkowski, l-invenzjoni ta' Gutenberg (1439) kienet inġenjuża, imma ironikament qatlet l-arti sabiħa tal-iskriba. L-istampa għalih hija xorta ta' reduzzjoniżmu għax xejnet l-element espressiv li kien jeżisti qabel. Wolkowski, min-naħa tiegħu, għadu jemmen bis-sħiħ fid-dimensjoni interpretattiva tal-kaligrafija, u qalli li jħobb jesperimenta u jfittex metodi ġodda f'dik li hija teknika grafika.

**Ġeopoetika**

Il-proġetti ta' Wolkowski għandhom jiġu evalwati wkoll f'kuntest ġeopoetiku. Il-ġeopoetika hija moviment internazzjonali li dejjem qed jikber u li għandu ċentri attivi f'diversi nħawi tad-dinja, fosthom il-Belġju, il-Ġermanja, l-Iżvizzera, l-Italja, is-Serbja, Quebec (il-Kanada), New Caledonia (territorju Franċiż fil-Paċifiku), Franza u l-Iskozja. Huwa moviment li jipproponi viżjoni tal-univers bħala entità waħda fejn kollox hu relatat, u fejn kull qasam ta' għerf u xorta ta' esperjenza jistgħu jiġu integrati f'sistema unika. Hi viżjoni intellettwali daqskemm spiritwali, għax temmen li kull kuntatt sensorju u ċerebrali man-natura huwa neċessarjament ibbażat fuq premessa poetika, jiġifieri fuq lingwa li ssawwar in-natura tagħha minn kwalunkwe forma ta' espressjoni umana – orali, letterarja, artistika-viżiva, mużikali, u l-bqija. Il-filosofija li treġi l-ġeopoetika hija aktarx imfassla fuq l-ideat ta' ħassieba mhux daqstant ortodossi bħal Friedrich Nietzsche, Arthur Rimbaud, Henry David Thoreau, u Patrick Geddes.[6]

Anki jekk mhux xi fenomenu ġdid, il-ġbir ta' opri u siltiet letterarji, kif ukoll ta' kwotazzjonijiet u versi ċelebri, f'diversi lingwi jidher li huwa rifless loġiku ta' din il-viżjoni. Il-fatt li għandek test multilingwi bejn żewġ qoxriet tal-istess ktieb jixhed l-avviċinament konvenjenti ta' ħsus u ideat li normalment jitqiesu tipiċi ta' kurrenti u xejriet speċifiċi u għaldaqstant distinti. Minflok, it-test hawn isir rifless ta' sensibilità umana komuni aktar milli ta' kultura partikolari. Il-ġabriet ta' Wolkowski jridu jiġu apprezzati f'dan il-qafas filosofiku għax hu stess jistqarr li hu miġbud ħafna lejn din il-viżjoni unitarja. Wolkowski ddeskriva l-ġeopoetika bħala approċċ poliglotta f'ambjent globali. L-inklużjoni tal-Malti fix-xogħlijiet tiegħu, għalhekk, ukoll tista' tinftiehem f'dan l-ambitu ġeopoetiku.

**Bijografija essenzjali**

[Zbigniew] William Wolkowski twieled il-Ġermanja fl-1946. Hu ċittadin Franċiż imma, kif jixhdu ismu u kunjomu, il-familja tiegħu hija ta' nisel Pollakk, terġa' u tgħid mil-Litwanja. Għandu żewġ dottorati superjuri mill-Università ta' Pariġi, waħda fix-Xjenzi Fiżiċi (1972) u l-oħra fl-Istorja u l-Filosofija tax-Xjenza (1998). Hu stess għallem fis-Sorbonne għal ħafna snin, imma llum huwa rtirat u jgawdi t-titlu ta' professur emeritu. Huwa poliglotta u jgħodd ruħu bħala persuna kredenti – ħaġa li tispjega x-xejra reliġjuża ta' ħafna mill-proġetti tiegħu. Fl-1975, bħala xjenzat rispettat u rappreżentant tal-Henri Poincaré Institute, kien mitlub jeżamina l-kapaċitajiet suppost paranormali tal-psikiku Jean-Pierre Girard.[7]

Tgħallem l-arti tal-kaligrafija mingħand missieru Jan, li kellu f'idejh l-Art Scriptorium fil-Fine Arts Building ta' Michigan Avenue, Chicago għal tletin sena sħaħ sakemm miet fl-1997. Minn mindu rtira fis-sena 2007 Wolkowski ddedika ruħu esklussivament għall-kirografija, xogħol li hu jwettaq bi mħabba u dedikazzjoni kbira. Wolkowski nnifsu qalli li hu mhuwiex interessat fil-promozzjoni u fl-akkoljenza kritika. U lanqas ma jinteressah kemm ibigħ; mhuwiex wara l-qligħ finanzjarju. Spjegali li jaħdem mal-CreateSpace Independent Publishing Platform, filwaqt li l-Amazon jieħdu ħsieb id-distribuzzjoni. Il-kotba tiegħu ma ssibhomx fil-ħwienet. Fil-fatt meta xi ħadd jordna xi wieħed mill-opri tiegħu, l-Amazon sempliċiment tistampa kopja minn fuq il-matriċi elettronika u tibgħathielu – b'hekk jiġu stampati kopji daqskemm jiġu ordnati – mod uniku kif wieħed ixerred xogħlu.[8]

**Proġetti ewlenin**

Fl-1987 William Wolkowski u missieru ġew mistednin biex jippreżentaw il-kollezzjoni intitolata *The Gospel in Many Tongues*, b'siltiet mill-Vanġelu ta' San Ġwann, b'27 lingwa differenti, fil-kripta tal-Bażilika tas-Sacré-Cœur f'Montmartre, Pariġi. Fl-1998 iż-Znad Wilii Gallery ta' Vilnius, fil-Litwanja, offriet li tospita *The Renewal of the Art of Benedictine Illumination in the XX^th^ Century*. Din il-wirja żaret ukoll xi lokalitajiet fil-Polonja matul is-sena ta' wara.

Mill-1987 'l hawn il-kollezzjonijiet grafiċi ta' Wolkowski dehru fi sbatax-il pajjiż differenti mifruxa f'ħames kontinenti. Fost dawn l-istudji kirografiċi nistgħu nsemmu x-xogħlijiet li jinkludu kwotazzjonijiet minn Solange Clesinger (Tokyo u Vjenna, 2003), George Sand (Pariġi, 2004), Arthur Rimbaud (Kaunas, il-Litwanja u Pariġi, 2005), Robert Schuman (Lorraine, Franza u Kaunas, il-Litwanja, 2005), Teilhard de Chardin (Montreal, il-Kanada; Pariġi; Palo Alto, California; New York; u Philadelphia, 2005); Jean-Paul Sartre (Londra u Gabes, it-Tuneżija, 2005), René Descartes (Touraine, Franza, 2006), Antoine de Saint-Exupéry (Sceaux, Franza, 2007), Oscar Milosz (Fontainebleau, Franza, 2009), Régine Pernoud (Quebec, 2009), u Edgar Allan Poe (fi ħdax-il università differenti, 2009).

Fl-2003 l-interess ta' Wolkowski fil-ġeopoetika xprunah biex jippubblika kompilazzjoni ta' poeżija waħda tal-poeta Pollakk Adam Mickiewicz f'109 lingwi differenti. Skont l-*Index Translationum* tal-UNESCO, din hija l-aktar investigazzjoni estensiva ta' kwalunkwe poeżija fid-dinja kollha. Fl-2006 l-Monasteru ta' Venière, f'Boyer, Franza esebixxa l-Prologu tal-Regola ta' San Benedittu f'erbatax-il lingwa. Fl-2009 xogħol fuq l-awtur Russu Nicolas Gogol fi 23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kien ippreżentat f'Moska, San Pitruburgu u Quebec.

B'kollox Wolkowski s'issa wettaq mal-mitt proġett kirografiku. Ħafna minn dawn il-proġetti jżewġu l-aspett kaligrafiku mal-aspett ġeopoetiku. Il-kwotazzjoni minn Oscar Milosz dehret f'24 lingwa; dik ta' Rimbaud f'34 lingwa; dik ta' Edgar Allan Poe f'19-il lingwa, il-famuża *Ode to Joy* ta' Schiller f'disa' lingwi, u sunett ta' Ronsard f'disa' lingwi. Wolkowski jemmen li dawn huma l-prekursuri ta' dak li huwa jsejjaħ l-Ispazju Poetiku Ewropew. Il-ħolma tiegħu hija li tissawwar matriċi ta' poeżija bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.[9]

L-interessi ta' Wolkowski huma tassew eklettiċi. Is-suġġetti tiegħu jinkludu ħassieba bħal René Descartes, Jean Paul Sartre u Pierre Teilhard de Chardin;

personaġġi storiċi bħal Charles de Gaulle, Napuljun Bonaparti u Winston Churchill; personaġġi reliġjużi bħal Kalvinu, San Bernard u Santu Wistin; personaġġi mid-dinja tax-xjenza bħal Marie Curie, Kurt Gödel u Alan Turing; personaġġi mid-dinja tal-ispettaklu bħal Charles Aznavour, Edith Piaf u Marilyn Monroe; kompożituri Klassiċi bħal Verdi, Wagner u Mozart; u saħansitra personaġġi mid-dinja tal-mużika pop u rock bħall-Beatles, ir-Rolling Stones u Bob Dylan. Għandu wkoll pubblikazzjonijiet relatati mal-matematika, il-mediċina, l-Olimpjadi u l-kċina Franċiża.

Iżda kif wieħed jista' jobsor, l-akbar għadd ta' xogħlijiet idur ma' kittieba ta' kull xorta – poeti, prożaturi, drammaturgi u l-bqija. Fost dawn nistgħu nsemmu lil William Shakespeare, William Blake, Edgar Allan Poe, Honoré de Balzac, Lewis Carroll, Arthur Rimbaud, Antoine de Saint-Exupéry, Albert Camus, Marcel Proust, Pierre de Ronsard, Robert Louis Stevenson, Robert Burns, Oscar Wilde, Alexander Pushkin, Jules Verne, Agatha Christie, Molière, Jean de La Fontaine, Victor Hugo, Paul Valéry, François Rabelais, George Sand, André Malraux u Omeru.

## Il-preżenza tal-Malti

L-ilsien Malti s'issa deher fi tlettax-il proġett ta' Wolkowski, li huma dawn li ġejjin:

**1. *Alice in Many Tongues: A Chirographic Opus in Sixty Languages* (2014)**
Dan ix-xogħol b'sittin lingwa tnieda biex jiċċelebra l-150 anniversarju mill-pubblikazzjoni ta' *Alice in Wonderland* (1865) ta' Lewis Carroll.[10] It-test magħżul kien jikkonsisti mill-ftuħ tat-tieni kapitlu, intitolat 'The Pool of Tears': "'Curiouser and curiouser,' cried Alice"; u l-verżjoni Maltija, meħuda mit-traduzzjoni ta' John Sciberras (2003), tgħid hekk: "'X'kull waħda u x'kull waħda!' skantat Alice".[11]

**2. *Arthur Rimbaud: The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study* (2014)**
Dan ix-xogħol kien ippreżentat kemm-il darba fi Franza, apparti fil-Litwanja u l-Vjetnam. L-istudju jinkludi l-famuża kwotazzjoni tal-poeta "Je est un autre" f'34 ilsien, inklużi l-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Din l-istqarrija enigmatika (normalment tradotta fl-Ingliż bħala "The self is another") tidher

f'ittra li Rimbaud kiteb lil ċertu Georges Izambard fl-1871, meta kellu biss 17-il sena.[12] Mhux l-eseġisti kollha jaqblu fuq is-sinifikat veru tagħha, imma aktarx tfisser li l-kunċett tal-'jien' hu fil-fatt differenti mill-'jien' interjuri. It-test Malti jaqra "Ieħor Huwa", li forsi mhijiex traduzzjoni daqstant feliċi; kont nippreferi "Jien hu l-Ieħor".[13]

**3. *Ave Maria: A Chirographic Opus in 300 Languages* (2014)**

Dan ix-xogħol kien ċertifikat mis-Société Française d'Etudes Mariales u riċensjonat mill-Marian Library tal-Università ta' Dayton f'Ohio. Fuq l-internet jidhru diversi verżjonijiet bil-Malti ta' din it-talba, imma Wolkowski jidher li uża dik li dehret fil-ġabra *Ave Maria in 404 lingue* (Milan: Ordine Equestro del San Sepolcro di Gerusalemme, 1931).[14] It-talba tas-Sliema, imsejsa fuq it-tħabbira tal-Arkanġlu Gabrijel lill-Verġni Mbierka, hi misluta minn żewġ siltiet mit-Testment il-Ġdid – Luqa 1:28 u Luqa 1:42.[15]

**4. *Bogurodzica: A Study in Sixty Four Languages* (2014)**

Dan hu studju f'64 lingwa tal-*Carmen Patrium*, l-ewwel poeżija komposta bil-Pollakk. Kien preżentat fil-Kanada, Franza, il-Litwanja u l-Polonja stess. It-titlu huwa bis-Slav Ekkleżjastiku Qadim u jfisser "Dik li Wildet lil Alla". Il-poeżija hija innu reliġjuż li, skont il-kroniki, kien jitkanta mis-suldati qabel il-battalja biex il-Madonna tħarishom waqt it-taqbid. Jeżistu diversi verżjonijiet ta' dan l-innu, imma l-oriġinal jidher li nkiteb matul is-seklu 13. Għal xi żmien kien saħansitra jintuża bħala l-innu nazzjonali (mhux uffiċjali) tal-Polonja.[16] It-traduzzjoni għall-Malti saret mill-Prof. Oliver Friggieri.

**5. *The Book of Revelation: The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study of a Polyglot Quotation* (Pariġi, ippubblikat privatament, 2006)**

Studju ta' kap. 20, vers 6 tal-Apokalissi f'126 lingwa. It-test Malti, meħud direttament mill-*Bibbja Saydon* (1977), jaqra hekk: "Imbierek u qaddis hu min għandu sehem fl-ewwel qawma: fuq dawn it-tieni mewt ma għandhiex setgħa." Dan ix-xogħol kien ċertifikat mill-Alliance Biblique Française.

**6. *Johannine Chirography* (żewġ partijiet)**

***Johannine Chirography (Part One). One Verse of the Gospel of Saint John (III, 16) in Four Hundred and Twenty-Seven Languages* (Pariġi, ippubblikat privatament, 2004)**[17]

Il-kwotazzjoni magħżula kienet Ġwanni 3, 16 u t-test Malti jaqra: "Għaliex Alla

hekk ħabb id-dinja illi ta l-Iben tiegħu uniġenitu sabiex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem."[18] Is-silta mhijiex miktuba bl-ortografija tal-Għaqda. Dan ix-xogħol kien ċertifikat mis-Société Biblique Française. Ta' min jirrimarka li l-British Bible Society ippubblikat kompilazzjoni tal-istess kwotazzjoni f'aktar minn 800 lingwa.[19]

***Johannine Chirography (Part Two). The Prologue of the Gospel of Saint John (I, 1-5) in One Hundred and Twenty-Nine Languages* (Pariġi, ippubblikat privatament, 2004)**[20]

Il-kwotazzjoni magħżula kienet Ġwanni 1, 1-5 u t-test Malti jaqra: "Fil-bidu kienet il-kelma u l-kelma kienet għand Alla, u Alla kien il-Kelma. Dina kienet fil-bidu għand Alla. Kollox biha sar; u mingħajrha xejn ma sar milli sar. Fiha l-ħajja kienet u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin. U d-dawl jilma fid-dlamijiet, u d-dlamijiet ma fehmuhx."[21] Anki din is-silta ma tidhirx bl-ortografija tal-Għaqda. Iż-żewġ siltiet mill-Vanġelu ta' San Ġwann jixbhu t-testi li jidhru fil-*Bibbja Saydon* (1977) imma, kif wieħed jista' jinnota, hemm xi differenzi sintattiċi u anki lessikali. Wolkowski jgħid li din l-opra grafika kienet ispirata mill-*Codex Purpureus*, li xi paġni minnu għadhom preservati f'monasteru fuq il-gżira ta' Patmos, il-Greċja u f'xi libreriji oħra Ewropej.[22]

**7. *Marie Curie's Family: The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study* (2013)**[23]

Dan ix-xogħol fih kwotazzjoni ta' Marie Curie tradotta fi 23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tat-tieni Premju Nobel li kienet rebħet.[24] It-test oriġinali jaqra: "Nothing in life is to be feared; it is only to be understood." filwaqt li t-test Malti jaqra: "Fil-ħajja m'hemmx imniex tibża'; kollox qiegħed biex tifhem."[25] Curie hawn riedet issostni kemm hu importanti li nifhmu aktar, biex b'hekk nibżgħu anqas. Għalkemm din il-kwotazzjoni hi dejjem attribwita lil Curie (anki fi Franza), ma tidher f'ebda diskors uffiċjali, bijografija jew sors affidabbli, u għalhekk hemm min jiddubita mill-awtentiċità tagħha.

**8. *Nicolas Gogol: The Spirit and the Letter. Chirographic and Semiotic Studies* (2015)**

Dan ix-xogħol kien ippreżentat bit-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Istitut tal-Letteratura Dinjija ta' Moska biex jiċċelebra l-biċentinarju tiegħu. Nicolai Gogol (1809-1852) kien rumanzier u drammaturgu Russu ta' oriġini Ukrena; l-aqwa xogħol tiegħu jibqa' *Dead Souls* (1842). Il-kwotazzjoni li

jġib Wolkowski, fil-fatt, hija misluta minn dan ix-xogħol u tgħid hekk: "Rus, whither art thou racing? Give me an answer. She gives no reply." (traduzzjoni ta' Robert A. Maguire). It-test Malti jaqra hekk: "Russja, 'il fejn inti sejra? Weġibni, nitolbok. L-ebda tweġiba." Lejn l-aħħar tar-rumanz in-narratur jara *troika* (speċi ta' karozzella) għaddejja, li tnebbħu jikkontempla l-futur ta' ġensu.[26] Ir-rumanz, fil-fatt, kellu l-iskop li jikxef id-difetti tal-karattru Russu u l-mentalità prevalenti fil-pajjiż.[27]

**9.** ***A Study in Geopoetics and Identity: The Polyglot Compilation of One Poetry*** **[i.e. Poem]** ***in One Hundred and Nine Languages*** **(2002)[28] 4 editions**
Traduzzjoni f'109 lingwi tal-ewwel 22 vers tal-poema *Pan Tadeuz* ta' Adam Mickiewicz (1798-1855), wieħed mill-pilastri tal-letteratura Litwana. Dawn il-versi, magħrufa wkoll bħala *L-Invokazzjoni*, jikkostitwixxu l-bikja jew il-lamentazzjoni ta' eżiljat f'Pariġi tal-1832 li qed jixxennaq għal art twelidu, il-Litwanja.[29]

Dan ix-xogħol ġeopoetiku deher bħala parti mill-atti ta' kollokju internazzjonali organizzat mill-American Society of Geolinguistics fuq ir-rabta bejn il-lingwa u l-identità, li kien sar fit-2 ta' Ottubru 2002 f'Baruch College (City University of New York). Aktar tard kien preżentat fil-Kanada, Franza, il-Litwanja u l-Polonja. L-*Index Translationum* tal-UNESCO kien iddefinixxa dan ix-xogħol bħala opra bla preċedenti, filwaqt li Wolkowski, aktar tard, kellu jikteb studju monografiku biex jispjega l-valur lingwistiku, transkulturali u etnoloġiku tiegħu. It-traduzzjoni għall-Malti saret għal darb'oħra mill-Prof. Oliver Friggieri.

**10.** ***Pater Noster. A Chirographic Opus in One Hundred and Twenty-Six Languages*** **(Pariġi, ippubblikat privatament, 2004)**
Il-ġbir tat-talba tal-Missierna f'diversi ilsna għandu storja twila.[30] Din id-drawwa kienet addottata l-aktar mill-filologi prexjentifiċi li kienu jinqdew bit-talba tal-Pater Noster bħala kampjun tal-ilsna li jkunu qed jiddeskrivu. Fi żmienna u f'kuntest lingwistiku, din l-użanza m'għadhiex daqstant invoga għax is-sura tal-talba, mimlija kif inhi b'tant sentenzi imperattivi, m'għadhiex rappreżentattiva tad-diskors politiko-kulturali kontemporanju. Madankollu, il-ġbir tal-Missierna f'diversi lingwi bi skop reliġjuż għadu sejjer sal-lum. Wolkowski uża l-verżjoni li pprovda Rev. Dr Joseph Bezzina.[31] Dan ix-xogħol kien iċċertifikat mis-Société Biblique Française.

**11.** ***Prologue to the Rule of Saint Benedict: The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study*** **(2013)**
Xogħol uniku ppreżentat għall-ewwel darba fil-Monasteru ta' Notre Dame ta' Venière, f'Boyer, Franza. Jinkludi verżjonijiet tal-Prologu tar-Regola Benedittina b'44 lingwa, fosthom 20 li huma ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. It-test iġib silta appuntu mill-prologu tar-Regola Benedittina (*Regola Benedicti*), miktuba minn San Benedittu ftit qabel ma miet f'nofs is-seklu sitta WK.[32] Dan ix-xogħol kien iċċertifikat mill-Gran Prijur tal-istess Ordni.

**12.** ***Que soy era immaculada councepciou: The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study*** **(2015)**
Xogħol ippreżentat mill-Isqof ta' Lourdes lill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan fl-2004. Jinkludi verżjonijiet tad-dikjarazzjoni ċelebri tal-Madonna "Jiena [jien] l-Immakulata Kunċizzjoni" lil Bernadette Soubirous (1844-1879) bi 78 lingwa differenti, fosthom 23 ilsien uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Ta' min jirrimarka li din l-istqarrija famuża tlissnet oriġinarjament (u allegatament) bil-Bigurdjan, sottodjalett Oċċitan.[33]

**13.** ***Skakespeare Unbound: The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study***
Dan ix-xogħol, bl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ġie ppreżentat mill-French Shakespeare Society waqt konferenza f'Pariġi li saret bejn it-18 u l-20 ta' Jannar 2018. Is-silta magħżula hija meħuda mid-dramm *Richard II* (Att III, Xena III, 16-17): "Take not, good cousin, farther than you should. Lest you mistake the heavens are o'er our heads." It-test Malti jaqra hekk: "Tiħux, kuġin, iktar milli jmissek, li ma tindunax li hemm is-smewwiet fuqna."[34] Dan il-kliem jgħidu d-Duka ta' York lil Henry Bolingbroke. Wolkowski jikkummenta li din hija kwotazzjoni tassew attwali; tixhed ir-regħba tal-bniedem li donnu m'għandux xeba'.

**Poeżiji Marjani**

Wolkowski ħadem fuq diversi proġetti li jiġbru siltiet minn għadd ta' poeżiji Marjani. S'issa dehru antoloġiji bl-Ingliż, bil-Franċiż, bir-Russu, bil-Pollakk, bl-Olandiż, bil-Kroat u bil-Litwan.[35] Bl-għajnuna tal-Prof. Oliver Friggieri, dan l-aħħar, kien qed jaħdem fuq it-tmien damma ta' poeżiji Marjani – appuntu




Silta mill-poeżija 'Kenn il-Midinbin' ta' Marjanu Vella

bil-Malti. Dawn għadhom ma dehru mkien; anzi, illum, bil-permess ġentili ta' Wolkowski nnifsu, qed nippreżentawhom għall-ewwel darba. L-erbatax-il silta ttieħdu minn poeżiji ta' Patri Anastasju Cuschieri (erbgħa), Dun Karm (tnejn), Ġużè Delia (tnejn), Wallace P. Gulia, Ružar Briffa, Marjanu Vella, Patri Fidiel, Ġużè Muscat Azzopardi u Oliver Friggieri. It-titlu proviżorju ta' dan ix-xogħol hu *Maltese Marian Poems: The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study*. Nisperaw li jara d-dawl ma jdumx, u nkunu nistgħu anki nordnawh minn fuq l-Amazon.

**Ħjut Ewropej**

Biex nagħlaq se nsemmi żewġ affarijiet li huma marbutin direttament mal-Unjoni Ewropea. Fl-2013 deher ix-xogħol *Robert Schuman (1886-1963): The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study of His Quotations*. Schuman jitqies bħala wieħed mill-missirijiet tal-Ewropa moderna u jibqa' magħruf għad-diskorsi mimlijin ħeġġa li għamel. Wolkowski jixtieq li xi darba jikkompila xogħol kirografiku ieħor bi kwotazzjoni waħda ta' Schuman bl-24




Kwotazzjoni ta’ Robert Schuman

lingwa uffiċjali tal-UE. Jien antiċipajtu u tajtu din: “When one has an idea and one knows that it is just and true, one has to realise it, whatever it may cost until the end.” Bil-Malti tiġi: “Meta xi ħadd ikollu idea u jkun jaf li hija ġusta u ġenwina, għandu jwettaqha akkost ta’ kollox sal-aħħar” (traduzzjoni tiegħi).

Aktar ’il fuq semmejt il-famuża *Ode to Joy*, l-odi miktuba minn Schiller fl-1785 imma ppubblikata sena wara. Verżjoni ftit differenti dehret, imbagħad, fl-1808. Beethoven uża t-test, b’xi modifikazzjonijiet, biex jakkumpanja passaġġ mid-*Disa’ Sinfonija* tiegħu, komposta fl-1824. Is-silta mużikali (imma mhux it-test) saret l-innu uffiċjali tal-Kunsill tal-Ewropa fl-1972 u aktar tard tal-Unjoni Ewropea. Wolkowski kien ħejja xogħol b’disa’ lingwi (mhux ippubblikat), imma l-Malti ma kienx inkluż. It-test tal-odi ġie tradott aktar tard minn Oliver Friggieri. Wolkowski pprovda tliet interpretazzjonijiet kirografiċi differenti tal-ewwel strofa.[36] L-istili użati huma: (a) Taljan Kanċellesk tas-seklu XVI, (b) Gotiku u (ċ) uncial script (użat mill-iskribi Griegi u Latini fil-Medjuevu Bikri).

**Noti**

1 Dan ix-xogħol huwa mibni fuq taħdita pubblika li ta Dr Mario Cassar f'Dar l-Ewropa nhar is-16 ta' Jannar 2018. Din it-taħdita kienet organizzata mill-Akkademja tal-Malti.

2 It-terminu jitfaċċa wkoll fi kliem bħal 'kiromanzija' ('il-qari tax-xorti minn fuq il-pala tal-id') u 'kiropodija' ('it-trattament mediku tas-saqajn u l-idejn').

3 Fuq dan l-argument ara https://www.quora.com/ Whats-the-difference-between-calligraphy-and-chirography-and-graphology.

4 Jean, G. *Writing: The Story of Alphabets and Scripts*. New York: Henry N. Abrams, 1992: 12.

5 Kwotazzjonijiet meħuda minn Wolkowski, W. 'The Gospels: The Spirit and the Letter. Chirographic and Semiotic Studies' f' *W Kręgu Apokryfów* ('In the Circle of Apocrypha') (ed. Edward Jakiel & Janusz Mosakowski). University of Gdansk, 2015: 467.

6 Ix-xogħlijiet ta' Kenneth White, poeta Skoċċiż u fundatur tal-International Institute of Geopoetics (Franza, 1989) jikkostitwixxu qari essenzjali f'dan il-qasam. Għal introduzzjonijiet bażiċi fuq is-suġġett wieħed jista' jaqra xi artikli tal-istess awtur f'diversi siti elettroniċi bħal: http://www.geopoetics.org.uk/what-is-geopoetics/ u http://institut-geopoetique.org/en/articles-en/37-an-outline-of-geopoetics.

7 Ara https://fr.wikipedia.org/wiki/Jean-Pierre_Girard_(sujet_psi).

8 Ix-xogħlijiet ta' Wolkowski jidhru fis-sit tal-Amazon: https://www.amazon.co.uk/ s/ref=nb_sb_noss?url=search-alias%3Dstripbooks&field keywords =z.w.+wolkowski&rh =n%3A266239%2Ck%3Az.w.+wolkowski. Ara wkoll is-sit tal-WorldCat Indentities: http://www.worldcat.org/identities/lccn-n85-110419/.

9 Dan it-tagħrif huwa msejjes fuq l-artiklu 'The Spirit and the Letter: Chirographic and Semiotic Studies', li Wolkowski stess kiteb fil-ġurnal *Abgadiyat* (Nru 4, 2009: 94-6) maħruġ mill-Biblioteca Alexandrina (Calligraphy Center) ta' Lixandra.

10 Il-ktieb oriġinarjament kien jismu *Alice's Adventures in Wonderland* u kien jinkorpora għadd ta' illustrazzjonijiet tal-famuż John Tenniel. Lewis Carroll kien il-psewdonimu ta' Charles Lutwidge Dodgson (1832-1898). Wolkowski kiseb is-silta ta' Sciberras mingħand l-awtur preżenti.

11 Il-kelma 'curiouser' ma teżistix fl-Ingliż; hija neoloġiżmu ta' Carroll stess. Tfisser 'more and more curious, increasingly strange'. Wolkowski ppretenda li t-traduttur Malti kellu joħloq neoloġiżmu ieħor fi lsienu biex b'hekk jirrispetta l-ispirtu tat-test oriġinali.

12 Jean Nicolas Arthur Rimbaud (1854-1891) jibqa' magħruf għall-influwenza li ħalla fuq il-letteratura moderna, l-aktar dik f'vena simbolista u surrealista. Ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu huma *Une saison en enfer* (1873) u *Illuminations* (1874).

13 Ħajr lit-traduttur Paul Zahra. It-traduttur Anthony Aquilina ssuġġerixxa: "Jien xi ħadd ieħor."

14 Din il-verżjoni hija riprodotta fis-sit elettroniku http://www.christusrex.org/www1/pater/JPN-maltese.html.

15 Fil-*Bibbja Saydon* (1977) dawn iż-żewġ siltiet jidhru hekk: "Daħal l-anġlu għandha u qalilha: 'Sliem għalik, ja mimlija bil-grazzja! Il-Mulej miegħek!'… u [Elisabet] għajtet b'leħen għoli u qalet: 'Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott ta' ġufek.'"

16 Ara wkoll *Bogurodzica: A Polyglot Opus in Forty Languages* (Broché, 2003). Din hi verżjoni oħra (aktra bikrija u ridotta) tal-ġabra.

17 S'issa dehru erba' edizzjonijiet differenti ta' din il-ġabra. L-edizzjoni tal-Amazon dehret fis-sena 2014.

18 Il-verżjoni li tidher fil-*Bibbja Saydon* (1977) tgħid hekk: "Iwa, Alla hekk ħabb id-dinja li ta l-Iben tiegħu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem…"

19 Wolkowski (2005): 468.

20 S'issa dehru tliet edizzjonijiet differenti ta' din il-ġabra. L-edizzjoni tal-Amazon dehret fis-sena 2014.

21 Il-verżjoni li tidher fil-*Bibbja Saydon* (1977) tgħid hekk: "Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet għand Alla, u l-Kelma kienet Alla. Kienet din fil-bidu għand Alla. Kollox sar biha, u mingħajrha ma sar xejn milli sar. Fiha kienet il-ħajja, u kienet il-ħajja d-dawl tal-bnedmin. Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma laqgħux."

22 Wolkowski (2005): 468. Il-*Codex Purpureus* jiġbor fih l-erba' vanġeli, imma fih bosta lakuni. Inkiteb bil-Grieg fis-seklu 6, b'ittri majjuskoli, fuq il-parċmina.

23 S'issa dehru erba' edizzjonijiet ta' dan ix-xogħol.

24 Maria Skłodowska (1867-1934), waħda mill-aqwa xjenzati tal-epoka moderna, twieldet il-Polonja, kisbet iċ-ċittadinanza Franċiża u żżewġet lil Pierre Curie. Kienet l-ewwel mara li qatt rebħet il-Premju Nobel u l-ewwel persuna li qatt rebħet l-istess premju f'żewġ dixxiplini differenti – għall-Fiżika fl-1903 u għall-Kimika fl-1911.

25 Il-verżjoni Franċiża, normalment, tgħid hekk: "Il n'y a rien à craindre de la vie. Il y a tout à comprendre." jew "Rien dans la vie ne doit être redouté; c'est seulement pour être compris."

26 Ħajr lil Ġużeppi Schembri Bonaci.

27 Din il-frażi, sintendi, għandha eki bibliċi, kemm fit-Testment il-Qadim (Ġenesi 16:8, Ġenesi 32:18, Imħallfin 19:17), kif ukoll fit-Testment il-Ġdid (Ġwanni 13:36, Ġwanni 16:5). Tfakkrek ukoll fil-ġrajja apokrifa ta' meta Kristu jidher lil San Pietru f'Via Appia wara li ħarab minn Ruma u jsaqsih: "Quo vadis?"; "Fejn int sejjer?"

28 S'issa dehru erba' edizzjonijiet ta' dan ix-xogħol. L-edizzjoni tal-Amazon dehret fis-sena 2014.

29 Tagħrif mogħti fl-introduzzjoni tal-istess ktieb, paġna mhux innumerata. Il-poema ġiet iffilmjata darbtejn. L-ewwel verżjoni ċinematografika (muta) kienet diretta minn Ryszard Ordynski fl-1928, filwaqt li t-tieni verżjoni kienet diretta mill-famuż Andrzej Wajda fl-1999. Ta' min ifakkar li għal madwar 400 sena l-Polonja u l-Litwanja kienu nazzjon wieħed; is-saltna nqasmet fi tlieta fl-1795.

30 Fuq das-suġġett ara Cassar, Mario. 'Il-Pater Noster bl-Ilsien Malti: Storja Lingwistika' f'*Symposia Melitensia*, nru 9. Malta, 2013: 63-92. Il-Pater Noster hija waħda mit-talbiet ċentrali tal-Kristjaneżmu. F'Jum l-Għid tal-2007 ġie kkalkulat li maż-żewġ biljun Kattoliku, Anglikan, Protestant u Ortodoss tal-Lvant setgħu jaqraw, jirreċitaw jew ikantaw din it-talba b'mijiet ta' lingwi differenti. Minkejja kull differenza dottrinali, il-Pater Noster kapaċi tgħaqqad il-Kristjani tad-dinja kollha f'talba komunitarja waħda. Biżżejjed wieħed jgħid li sit elettroniku ġestit mis-Soċjetà Christus Rex (imniedi fl-1994) irnexxielu jiġbor il-Missierna f'1,697 lingwa differenti – fis-sew kapulavur glottoloġiku.

31 Ara http://www.christusrex.org/www1/pater/JPN-maltese.html.

32 San Benedittu ta' Nursia, prijur ta' Monte Cassino (c. AD 450-550), bena l-preċetti tiegħu fuq is-sisien tal-ubbidjenza u l-paċi interjuri. Il-motto famuż tal-Ordni tiegħu hu *Ora et labora* ('Itlob u aħdem'). Wieħed jista' jaqra t-test sħiħ tar-Regola (bl-Ingliż) f'dan is-sit elettroniku: http://www.documentacatholicaomnia.eu/03d/0480-0547,_Benedictus_Nursinus,_Regola,_EN.pdf

33 Il-Knisja Kattolika temmen li d-dehriet tal-Madonna f'Lourdes (Lorda bl-Oċċitan) seħħew bejn il-11 ta' Frar u s-16 ta' Lulju 1858. Id-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni kienet ipproklamata mill-Papa Piju IX erba' snin qabel u l-messaġġ ta' Lourdes bħal donnu taha t-timbru deċiżiv. Il-kwotazzjoni, ħafna drabi, tidher bil-Latin: "Ego sum Immaculata Conceptio".

34 Fil-verżjoni ta' Alfred Palma (li ttraduċa d-drammi kollha ta' Shakespeare) tvarja xi ftit u tgħid hekk: "Tiħux, twajjeb kuġin, aktar m'li jmissek, // Ma tmurx tintebaħ l'hemm is-sema fuqna."

35 *Poesie mariale française: L'esprit et la lettre, une étude chirographique et sémiotique*, li jinkludi poeżiji Franċiżi mifruxa fuq sitt sekli, deher fl-2015. *Seven Centuries of Polish Marian Poetry: The Spirit and the Letter. A Chirographic and Semiotic Study* deher fl-2017 biex jiċċelebra l-1,050 anniversarju mill-'magħmudija' tal-Polonja.

36 Abbozz tal-ewwel strofa ta' din l-odi kien ipprovdieh ukoll Kurt Buttigieg, ex traduttur mal-Parlament Ewropew. "Hena, xintilla tiddi divina, /bint l-allat, /nidħlu, b'ħeġġa ferventi, /o ċelesti, fit-tempju tiegħek. /Is-saħra tiegħek tgħaqqad /dak li l-mogħdija firdet. /Il-ġnus isiru aħwa, /la tħaddanna taħt ġwinħajk." Ħajr lil Mark Vella.

# It-tnedija ta' *Vespri* diskors tal-għeluq

Trevor Żahra

Meta nħares lura lejn dak kollu li ktibt, dejjem nisma' f'widnejja l-kliem ta' Ernest Hemingway: "Aħna lkoll apprentisti f'sengħa li fiha ħadd ma jista' jsir mgħallem."

Dan il-kunċett żied jispjegah il-kittieb Awstraljan Richard Flanagan, li fid-diskors tiegħu meta rebaħ il-Man Booker Prize tas-sena l-oħra, kien qal: "Il-kitba hija vjaġġ ta' umiltà, meta dejjem tħossok qed tiġi megħlub minn forzi wisq akbar minnek."

F'kull biċċa xogħol li jikteb il-kittieb dejjem jipprova jispjega dak li min-natura tiegħu huwa inspjegabbli. Bħal donnu jilmaħ quddiemu dell li jkun jixtieq jaħtfu u jikxfu u jiskoprih, imma meta jiġi biex jikkonkretizzah permezz tal-kelma, jinduna li din il-kelma hija impotenti. Ma tasal qatt tagħti ġisem lil dell. U allura jipprova jinqeda bil-figuri tad-diskors… bit-tixbihat, bil-metafori u l-bqija… bit-tama li joqrob xi ftit lejn it-tir tiegħu. Iżda meta jtemm il-ktieb, u l-istess bħal pittur li jtemm inkwatru jersaq lura u jħares lejh f'distanza, iħoss sens ta' diżappunt, u jibda jgħid lilu nnifsu: "Imma jien mhux dan biss ridt ngħid. Hemm ħwejjeġ li ridt ngħidhom mod ieħor. L-idea inizjali kienet wisq isbaħ minn din!"

U dan iwasslu għat-tieni ktieb, bit-tama li did-darba jirnexxilu. Iżda l-istorja tirrepeti ruħha. Jerġa' jħossu ddiżappuntat u hekk iqatta' ħajtu kollha jiġri wara dan id-dell… wara dan it-tarf tal-qawsalla mingħajr ma qatt jasal isib il-bieqja tad-deheb.

Kull meta nkun mistieden inżur l-iskejjel, biex inkellem lit-tfal, l-għalliema jew il-ġenituri, dejjem insib lil xi ħadd jistaqsini: "L-għaliex tikteb?" L-ewwel darba li staqsewhieli kont waqaft naħseb għal ftit sekondi… għax fil-fatt mistoqsija bħal din qatt ma kont għamiltha lili nnifsi. U l-unika tweġiba li stajt insib kienet waħda sempliċi: "Għax ma nistax ma niktibx! Għax għadni nittama li xi darba forsi jirnexxili ngħid dak li *verament* nixtieq ngħid!"

Scott Fitzgerald kien qal hekk: "Huwa minnu li aħna l-kittieba ħafna drabi nirrepetu lilna nfusna. Dan jiġri għax x'aktarx f'ħajjitna jkollna minn tnejn sa tliet esperjenzi, li tant ikunu qanqluna u kagħbruna, skantawna u megħkuna mal-art, farrkuna u ppremjawna, tilfuna u salvawna… li jidhrilna li ħadd qatt ma jkun ġarrab bħalhom. Imbagħad nitgħallmu s-sengħa tal-kitba… u tajjeb jew ħażin inqattgħu l-bqija ta' ħajjitna nirrakkuntaw dawn l-erba' stejjer… imma dejjem infittxu mod ġdid kif ngħiduhom, u nibqgħu nirrepetuhom u nirrepetuhom sa ma nibqgħu nsibu lil min jismagħna."

Hawnhekk Scott Fitzgerald qed idaħħal fl-istampa lill-qarrej… lilkom. Meta l-kittieb jiddeċiedi li jxandar dak li kiteb ikun qed iċedi l-paternità tal-kitba tiegħu. Ikun qed jgħidilkom: "Hawn, issa f'idejkom. Dan ix-xogħol issa huwa tagħkom daqskemm hu tiegħi." Għax huwa u jaqra kull qarrej ikun fil-fatt qed jaqra lilu nnifsu. Ix-xogħol tal-kittieb huwa li jagħti lill-qarrej lenti jew mikroskopju, li permezz tagħhom il-qarrej jara lilu nnifsu kif qatt ma jkun rah qabel. Il-fatt li fit-tali ktieb il-qarrej isib lilu nnifsu jkun prova ċara tal-verità tal-ktieb.

Hemm kotba miktubin bl-akbar sengħa, iżda li jħalluk biered. Hemm oħrajn li jkollhom storja li ssammrek mal-paġni, iżda li hekk kif ittemm l-aħħar kapitlu, tagħlaq il-ktieb u tinsieha. Iżda mbagħad ikun hemm oħrajn li jdoqqulek korda minn ruħek, li tħoss li l-kittieb qed jgħid dak kollu li inti tant xtaqt tgħid iżda ma kontx taf kif… kotba li jkunu qed iberrħulek parti mis-sigrieti tiegħek. Għax kif jgħid il-kittieb Amerikan u editur Rob Bignell: "Il-kitba tfejjaq il-qalb aktar mill-aqwa pillola!"

Nittama li minbarra daqsxejn ta' tbissima, *VESPRI* joffrilkom mument ta' ġabra; ta' dik il-paċi ta' nżul ix-xemx qabel id-dalma tal-lejl; tat-talb sieket li jasal itaffi l-karba tal-uġigħ. Jekk dawn il-paġni jirnexxilhom idewqukom is-salmi tal-vespri, allura jiena nħoss li forsi rnexxieli naħtaf nitfa minn dak id-dell li ili kważi nofs seklu niġri warajh.

Grazzi ħafna.

# KRITIKA LETTERARJA

# “Malta wkoll miegħek titgħannaq” Sejba ta’ poeżiji ġodda tal-Prof. P. Anastasju Cuschieri, Karmelitan

P. Charlò Camilleri

Għeluq il-ħamsin sena mill-mewt tal-Prof. P. Anastasju Cuschieri, il-Karmelitan magħruf bħala l-poeta tal-Madonna u l-kelma Maltija, ġab miegħu l-iskoperta mġedda tal-istudju u r-riċerka fuq dan il-persunaġġ Malti li għamel isem mhux biss lill-Ordni Karmelitan f’Malta iżda wkoll lil pajjiżu, li tant kien iħobb, u li nistgħu ngħidu tħabat għalih fit-tħaddim tal-ilsien Malti, iżda wkoll fuq livell ċivili bħala senatur fiż-żmien li fih pajjiżna kien beda jagħti l-ewwel passi fit-treġija tiegħu nnifsu. Passi meqjusa, ċkejknin, iżda fl-istess ħin kbar, li wassluna għall-indipendenza u għat-twaqqif tar-repubblika Maltija. L-għajta kostanti ta’ Cuschieri għal Malta u l-Maltin kienet dejjem waħda: “Qum”, għajta li Cuschieri xtaqha tidwi mhux biss fil-kurituri tal-binjiet tat-treġija politika u ċivili iżda wkoll xtaqha tidwi fil-kurituri ekkleżjastiċi u fid-djar Maltin, għal qawmien ta’ sens ċiviku u reliġjuż, li fil-ħsieb tiegħu kienu l-kolonni ta’ pajjiż u poplu b’saħħtu fis-sens uman. L-għajta tiegħu hija wkoll, bħala filosfu, waħda mtennija fil-kurituri universitarji fil-qasam tal-għerf, bix-xewqa li r-raġunar u l-ħsieb ikunu sodi, loġiċi u mhux fjakki jew banali.

Din l-għajta tinstema’ wkoll fil-poeżiji li nstabu dan l-aħħar fl-arkivji tal-Ordni Karmelitan. Għal dawn l-aħħar snin, mill-2011, f’ħidma bla heda, il-Provinċja Karmelitana Maltija ħasbet sabiex jinġabar l-arkivju, kemm jista’ jkun kollu, tal-Prof. Cuschieri. Il-ħsieb huwa wkoll li jiġu ppubblikati l-kitbiet kollha tal-Prof. Cuschieri fis-serje *Kitbiet Miġbura*. F’għeluq is-sena taċ-ċelebrazzjoni tal-50 sena mill-mewt tiegħu ġiet ippubblikata, minn P. Charlò Camilleri O.Carm u s-Sur Toni Cortis, l-edizzjoni kritika tal-poeżiji miġbura.

Din il-ġabra tinkludi fiha l-poeżiji bil-Malti u dawk bit-Taljan kif ukoll xi epigrafi bil-Latin. Ir-riċerki baqgħu għaddejjin bl-għajnuna ta' P. Glen Attard O.Carm u s-Sa Rita Vella Brincat TOK fl-arkivju tal-kunvent tal-Karmnu fil-Belt, fl-Arkivju Ġenerali tal-Ordni Karmelitan f'Ruma, fl-arkivju tal-kunvent tal-Karmnu fl-Imdina u fl-arkivju tal-Provinċja Karmelitana Maltija. Kif kellna okkażjoni nuru fil-pubblikazzjoni tal-ewwel volum tal-*Kitbiet Miġbura*, ir-riċerka ħaditna wkoll Boxmeer fl-arkivji tal-Provinċja Karmelitana Olandiża.

Illum nistgħu ngħidu li għandna, fl-arkivji tal-provinċja Karmelitana Maltija, il-*Fondo Cuschieri* komplut. Dan il-*Fondo* jiġbor fih il-poeżiji, il-filosofija, korrispondenza, ritratti, omeliji, diskorsi, artikli u materjal ieħor arkivistiku marbut mal-Professur Cuschieri. Ir-riċerka tat il-frott tagħha. Fost il-folji, il-pitazzi u n-noti ta' Cuschieri nstabu xi poeżiji ġodda bil-Malti u bit-Taljan. Ma nistgħux ngħidu li Cuschieri kien xi persuna organizzata ħafna. Il-manuskritti bil-kitbiet juru li huwa kien juża kull biċċa karta li jsib u fuqha jħażżeż xi poeżija, jew xi punti għal xi diskors jew omelija.

F'din il-pubblikazzjoni qegħdin inġibu l-poeżiji li nstabu wara l-pubblikazzjoni tal-edizzjoni kritika fl-2013. Fihom insibu l-istess temi u l-istess stil tipiku ta' Cuschieri; għaldaqstant hawnhekk mhux se nagħtu kumment kritiku dwar dawn il-poeżiji. Dak li nkiteb fl-2013 fl-edizzjoni kritika jgħodd ukoll għal dawn il-poeżiji 'ġodda'. Elementi importanti huma l-element Marjan, Pawlin u patrijottiku. Prattikament insibuhom fil-poeżiji kollha. Cuschieri jirnexxilu jgħaqqad dawn it-temi flimkien f'poeżiji b'diversi temi.

Tema oħra importanti hija dik tal-faqar, u nsibuha fil-poeżija *Lil San Ġużepp Benedittu Labre* u l-varjazzjonijiet kollha tagħha. Din il-poeżija u l-varjazzjonijiet kollha tagħha juruna l-ħila ta' Cuschieri fl-użu tal-ilsien Malti. L-istess tema jdur magħha u jikteb diversi verżjonijiet tagħha, kollha tajbin fihom infushom fuq livell poetiku u fit-tħaddim tal-ilsien Malti. F'Cuschieri hemm l-idealizzazzjoni tal-foqra u l-imtarrfin. Poeżija interessanti hija *Rip*, dwar kebbies tal-fanali li t-tfal jgħadduh biż-żuffjett u li fl-aħħar l-awtur tagħha jagħlaq billi bħal donnu jinsinwa li min ma jużax l-ilsien Malti fil-kitba, aħjar jibda jkebbes il-fanali, għax almenu jkun jiswa għal xi ħaġa ta' ġid! L-għeluq tal-poeżija donnu jittantana nispekulaw jekk 'Rip' hijiex fil-fatt allegorija tal-ilsien Malti mkażbar iżda li jagħti d-dawl!

Poeżija importanti bit-Taljan hija *Betlem*. Din il-poeżija tfakkarna f'*Fil-Milied tas-Sena 1916 (Tqabbil ibiddel il-qies)* u fl-oħra *Qobra u Ħolm*. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li *Betlem* fiha mit-tnejn li huma. Dak li Prospero Grech ikkummenta dwaru f'*Fil-Milied tas-Sena 1916* jgħodd ukoll għal *Betlem*.

Hawnhekk Cuschieri narah jantiċipa lil Mario Azzopardi fl-istil tal-poesaġġi *Fil-Fabbrikant tal-Marjunetti* (2012) u *Epistoli mid-Deżert* (2014). F'din il-poeżija jitfanndu flimkien iċ-ċokon, il-faqar u l-malinkonija ta' Cuschieri l-filosfu. Dan kollu jiddawwal bil-misteru tat-twelid ta' Sidna.

Jalla dawn il-poeżiji mitbugħa jqanqlu iktar interess fl-istudju ta' Cuschieri u l-ħsieb tiegħu.

P. Charlò Camilleri O.Carm
Carmelite Institute Malta
Kunvent tal-Karmnu
Triq Villegaignon
L-Imdina MDN 1190

**Poeżiji bil-Malti**[1]

**Lil San Ġużepp Benedittu Labre**[2]

O Ġużeppi Labre mqaddes,
Fjur u xempju ta' qdusija,
Int bħal warda dejjem tfewwaħ,
Int bħal kewkba kollha dija.
Hienja Franza, art twelidek,
Hienja l-ġnus li ftaħru bik,
Inti dejjem b'talbek thenni
Kull min qima u ġieħ jagħtik.
Sa mill-ewwel snin ta' ħajtek
Skiet u ġabra wisq ħabbejt
Lejn il-frugħa ta' did-dinja
Ebda ġibda ma ħassejt.
Bit-talb tiegħek din il-ġibda
Inti eqred minn ġo fina,
Lilna għallem kif id-dinja
Dejjem tfittex tqarraq bina.
Fid-deżert l-Iżraeliti
Imxew dejjem bla serħien,
Inti bħalhom xbieha tagħhom
Fittixt 'l Alla kullimkien.
Min qatt bħalek wieġeb dejjem
Għal kull sejħa tas-smewwiet?
Int qalbieni għamilt dejjem
Dak li minnek Alla ried.

Minnek Alla għoġbu jsawwar
Mera ċar li fih issib
Xbieha ħajja, xbieha vera
Ta' Ġesù fuq is-salib.
Int għad-dinja mitt għal kollox
Għalik stess int mitt ukoll,
Lil kull wieħed minna għallem
Biex minn kollox qalbu jħoll.

Għalkemm stajt int tgħix fil-għana
Għext ta' fqir u ta' tallab,
Għext fil-għaks u f'tant tbatija
Li ħadd bħalek għad ma nstab.

**1a. Lil San Ġużeppi Benedittu Labre**[3]

O Ġużeppi Labre Benedittu,
Fjur u xempju ta' tjubija,
Int bħal warda dejjem tfewwaħ,
Int bħal kewkba tarmi d-dija.
Hienja Franza, art twelidek,
Għandha biex tiftaħar bik,[4]
Int Ġużeppi b'talbek thenni[5]
Kull min qima u ġieħ jagħtik.
Sa mill-ewwel snin ta' ħajtek
Int is-skiet bil-wisq ħabbejt[6]
Lejn il-frugħa ta' dil-ħajja
Ebda ġibda qatt ma wrejt.
Bit-talb tiegħek din il-ġibda
Inti tħallix tidħol fina,
Lilna għallem kif id-dinja
Dejjem tfittex tqarraq bina.
Fid-deżert l-Iżraeliti
Imxew dejjem bla serħien,
Inti bħalhom xbieha tagħhom
Fittixt 'l Alla kullimkien.
Min qatt bħalek malajr wieġeb
Għal kull sejħa tas-smewwiet?
Minn tfulitek għamilt dejjem
Dak li minnek Alla ried.

Minnek Alla għoġbu jsawwar
Mera ċar li fih issib
Xbieha vera, xbieha ħajja
Ta' Ġesù fuq is-salib.

Int għad-dinja mitt għal kollox
Għalik stess int mitt ukoll,
Lil kull wieħed minna għallem
Biex mid-dinja qalbu jħoll.
Għalkemm minn darek kont fil-għana
Għext ta' fqir u ta' tallab,
Għext fil-għaks u fit-tbatija
Imkien bħalek qatt ma nstab.
Għalhekk lilek aħna nħobbu[7]
U quddiemek mixħutin
Nitolbuk li tħenn għalina[8]
Għajnejk tixħet, o ħanin.

O Ġużeppi, min qatt talbek
U t-talb tiegħu ma smajtux?[9]

---

Lil Ġesù fit-tabernaklu[10]
Lill-qalb tiegħek, o Marija,
Liema ġieħ kien huwa jagħti
Dal-kbir għaġeb ta' qdusija?
Ġod-deżert imrekken f'għorfa
Għaddejt waħdek ftit taż-żmien
Is-santwarji kont iżżurhom
B'ħatar biss ta' pellegrin.[11]
Ħalla d-dar t'ommu l-għażiża[12]
Biex f'deżert waħdu ġo għarix[13]
Lejl u nhar hemmhekk kien jitlob,
Xejn ma jiekol ħlief ħaxix.

**1b. Varjazzjoni**[14]

O Ġużeppi ġieħ ta' Franza
U tal-Knisja Nisranija,
Int mill-bidu bdejt biex qalbek
Mal-qalb torbot ta' Marija.

Hi mexxietek, hi għallmitek
Li fid-dinja kollox frugħa,
L-ewwel ħaġa l-biża' t'Alla,
Ġid id-dinja qerq u bluha.

Minn ċkunitek fi kliem Kristu
L-hena tiegħek bdejt issib:
Min irid jimxi warajja
Fuq spallejh jerfa' s-salib.

Għalkemm għani kont minn darek
Għext ta' fqir u ta' tallab,
Għext fin-niket u t-tbatija,
Imkien bħalek qatt ma nstab.

Ħdimt għal Alla bla mistħija
Bla ma tħares lejn ilbies,
Ħasbuk iblah, int ridt tikber
Fil-ħsieb t'Alla mhux tan-nies.

B'ħatar f'idek u bomblu ilma
Ħobż imgeżwer ġo maktur
Is-santwarji tal-Ewropa
Hekk kull sena tmur iżżur.

Kemm-il darba f'dawk il-vjaġġi
Għajjien mejjet u bil-ġuħ,
Kont tmidd rasek fuq xi ġebla
Sakemm tieħu ftit tar-ruħ.

F'kunvent darba ġewwa ċella
l'iktar kellha minn għarix
Mort tingħalaq. O, jaħasra,
Ma kontx tiekol ħlief ħaxix.

Lil Ġesù fit-tabernaklu,
Lill-qalb ħelwa ta' Marija,
*Ġieħ kont tagħti bl-akbar ħrara*
*Bl-akbar ħeġġa ta' qdusija.*[15]

**1ċ. Varjazzjoni**[16]

1. O Ġużeppi ġieħ ta' Franza
Fjur u xempju tal-qdusija,
Int mill-bidu bdejt biex qalbek
Mal-qalb torbot ta' Marija.

2. Hi mexxietek, hi għallmitek
Kif fid-dinja kollox frugħa,
L-ewwel qaltlek: Ibża' mn'Alla,[17]
Dak hu l-għerf bla qerq u bluha.

3. L-hena tiegħek fi kliem Kristu[18]
minn ċkunitek bdejt issib:
Meta qal: Min jimxi warajja
Jimxi bħali bis-salib.[19]

4. Għalkemm għani kont minn darek
Għext ta' fqir u ta' tallab,
Libsa fuqek kollha mraqqgħa,[20]
Żarbun bċejjeċ qalb it-trab.[21]

5. Għajnejk dejjem lejn is-sema
Qatt ma tħares lejn ilbies,
Ħasbuk iblah, għax ridt tikber[22]
Fil-ħsieb t'Alla mhux tan-nies.[23]

6. B'ħatar f'idek, flixkun ilma[24]
Ħobż imnawwar ġo maktur[25]
Is-santwarji tal-Ewropa
Hekk kull sena kont iżżur.[26]

7. Kemm-il darba f'dawk il-vjaġġi
Għajjien mejjet u bil-ġuħ,
Middejt rasek fuq xi ġebla
Ħalli tieħu ftit tar-ruħ.

8. F'kunvent darba mort tingħalaq
F'ċella żgħira daqs għarix[27]
Sħabek stagħġbu għax rawk tbati[28]
Ma kontx tiekol ħlief ħaxix.[29]

8a. Meta rawh maħmuġ, imqatta'[30]
F'dik is-sura b'dak l-ilbies[31]
Ħasbu wħud li tilef rasu
Mingħajr għaqal mingħajr qies.[32]

8b. Ħsieb tal-bniedem kemm int dgħajjef
Kemm titqarraq meta trid
L-għemil tajjeb li ġej mn'Alla
Issa tnaqqas, issa żżid.

9. Lil Ġesù fit-tabernaklu,
Lill-qalb ħelwa ta' Marija,
Ġieħ kont tagħti bl-akbar ħrara
Bl-akbar ħeġġa ta' qdusija.[33]

10. Jekk bil-ħniena, Labre mqaddes,
Int mis-sema tħares lejna,
Il-mard jaħrab minn ġisimna
Id-dmugħ jitlaq minn għajnejna.[34]

**1d. Lil S. Ġużepp Labre**

O Ġużeppi ġieħ ta' Franza
U tal-Knisja Nisranija,
Lilek aħna lkoll insellmu
Fjur u xempju tal-qdusija.

Għalkemm għani kont minn darek
Għext ta' fqir u ta' tallab,
Libsa fuqek imqattgħa ċraret
Żarbun bċejjeċ lewn it-trab.

Int mill-ewwel snin ta' ħajtek
Lil Omm Alla wisq ħabbejt,
Lejn il-frugħa ta' did-dinja
L-ebda ġibda ma ħassejt.

Min qatt bħalek wieġeb dejjem
Għal kull sejħa tas-smewwiet?
Minn ċkunitek għamilt dejjem
Dak li minnek Alla ried.

F'kunvent darba mar jinħeba[35]
F'ċella żgħira daqs għarix;
Minn hemm ħareġ għadma u ġilda:
Ma kienx jiekol ħlief ħaxix.

Alla minnek ried isawwar
Mera kbir li fih issib
Xbieha ħajja, xbieha mnikkta
Ta' Ġesù fuq is-salib.

B'ħatar f'idu u xi ħbejża
Iebsa mnawra ġo maktur
Is-santwarji tal-Ewropa
Kien kull sena jmur iżur.

Kemm-il darba f'dawk il-vjaġġi
Għajjien mejjet u bil-ġuħ,
Kont tmidd rasek fuq xi ġebla
Sabiex tieħu ftit tar-ruħ.

Lil Ġesù fit-tabernaklu
Lill-Qalb ħelwa ta' Marija
Ġieħ kien jagħti bl-akbar ħrara,
Bl-akbar ħeġġa ta' qdusija.

Il-mewt tiegħek ġiet imżejna
Bl-aktar kbar għeġubijiet,
Dik il-qima li ħrabt dejjem
Alla jroddlok f'mewtek ried.[36]

Iva, lilek għal qdusitek
Qima llum il-ġnus nagħtuk
Malta wkoll miegħek titgħannaq
Lilek tfaħħar, lilek tbus.

Jekk bil-ħniena Labre mqaddes,
Int mis-sema tħares lejna,
Il-mard jaħrab li jgħakkisna,
Id-dmugħ jinxef ġo għajnejna.

Bit-talb tiegħek int aqlgħalna
Ħajja safja minn kull ħtija,
U bħal tiegħek ruħna agħmel
Bit-talb biss dejjem mogħnija.

**1e. Lil S. Ġużepp Labre**
(*Varjazzjoni*)[37]

O Ġużeppi ġieħ ta' Franza
U tal-fidi Nisranija,
Lilek Alla għoġbu jagħżel
Biex tkun mera tal-qdusija.

Sa mill-ewwel snin ta' ħajtek
Wara d-dinja qatt ma mxejt,
Lejn il-frugħa ta' did-dinja
L-ebda ġibda ma ħassejt.[38]

Min qatt bħalek ħarstu dejjem
Għal kull sejħa tas-smewwiet?
Minn ċkunitek għamilt dejjem
Dak li minnek Alla ried.[39]

Għalkemm għani kont minn darek
Għext ta' fqir u ta' tallab,
Libsa fuqek imqattgħa ċraret
Żarbun bċejjeċ lewn it-trab.

Ħafna drabi mar jinħeba
F'ċella żgħira daqs għarix;
Minn hemm ħareġ għadma u ġilda:[40]
Għax ma kielx ħlief ftit ħaxix.

Alla minnu ried isawwar
Kuraġġ kbir li fih issib
Xbieha ħajja, xbieha mnikkta
Ta' Ġesù fuq is-salib.

B'ħatar f'idu u xi ħbejża
Iebsa mnawra ġo maktur
Is-santwarji tal-Ewropa
Kien kull sena jmur iżur.[41]

Kemm-il darba f'dawk il-vjaġġi
Għajjien mejjet u bil-ġuħ,
Kont tmidd rasek fuq xi ġebla
Sabiex tieħu ftit tar-ruħ.

Lil Ġesù fit-tabernaklu
Lill-Qalb ħelwa ta' Marija
Ġieħ kien jagħti bl-akbar ħrara,
Bl-akbar ħeġġa ta' qdusija.

Il-mewt tiegħu ġiet imżejna
Bl-aktar kbar għeġubijiet,
Dak il-ġieħ li ħarab dejjem
Alla jroddlu f'mewtu ried.

Iva, lilek għal qdusitek
Qima llum il-ġnus jagħtuk
Malta wkoll miegħek titgħannaq
Lilek tfaħħar, lilek tbus.

Jekk bil-ħniena Labre mqaddes,
Int mis-sema tħares lejna,
Il-mard jaħrab li jgħakkisna,
Id-dmugħ jinxef ġo għajnejna.

Bit-talb tiegħek int aqlgħalna
Ħajja safja minn kull ħtija,
U bħal tiegħek ruħna agħmel
Bit-talb biss dejjem mogħnija.

**1f. Lil San Ġużepp Benedittu Labre**

O Ġużeppi, ġieħ ta' Franza
U tal-Knisja Nisranija
Lilek aħna lkoll insellmu:
Fjur u xempju ta' qdusija.

Minnek Alla għoġbu jsawwar
Mera ċar li fih issib
Xbieha sħiħa, xbieha ħajja
Ta' Ġesù fuq is-salib.

Sa mill-ewwel snin ta' ħajtek
Lil Omm Alla wisq ħabbejt,
Lejn il-frugħa ta' did-dinja
L-ebda ġibda ma ħassejt.

Għalkemm għani kont minn darek
Għext ta' fqir u ta' tallab,
Għext fil-għaks u fit-tbatija:
Żgur qatt bħalek ħadd ma nstab.

B'ħatar f'idek u xi ħbejża
Ġewwa għamla ta' maktur
Is-santwarji tal-Ewropa
Kont kull sena tmur iżżur.

Kemm-il darba f'dawk il-vjaġġi
Għajjien mejjet u bil-ġuħ
Kont tmidd rasek fuq xi ġebla
U hekk tieħu ftit tar-ruħ!

Lil Ġesù fit-tabernaklu,
Lill-qalb ħelwa ta' Marija
Ġieħ kont tagħti bl-akbar ħrara,
Bl-akbar ħeġġa ta' qdusija.

Il-mewt tiegħek Alla żejjen
Bl-aktar kbar għeġubijiet,
Dik il-qima li ħrabt f'ħajtek
Alla jroddlok f'mewtek ried.

O Labre li għal qdusitek
Qima llum jagħtuk il-ġnus
Malta wkoll titgħannaq miegħek,
Lilek tħobb u lilek tbus.

Mill-għedewwa int ħarisha,
Int agħtiha dak id-dawl
Li bih fiha dejjem tibqa'
Sħiħa l-fidi ta' San Pawl.

**1ġ. Lil San Ġużepp Benedittu Labre**
(*Varjazzjoni*)[42]

O Ġużeppi, ġieħ ta' Franza[43]
U tal-Knisja Nisranija
Lilek aħna lkoll intennu:
Inti xempju ta' qdusija.

Minnek Alla ried isawwar
Mera ċar li fih issib
Xbieha ħajja liema bħalha
Ta' Ġesù fuq is-salib.[44]

Sa mill-ewwel snin ta' ħajtek
Irbatt qalbek ma' Marija,
Lilha kont kull ħin issejjaħ
Hi mexxietek għall-qdusija.[45]

Għalkemm għani kien minn daru[46]
Għex ta' fqir u ta' tallab,
Għex fin-niket u bla faraġ:
Imkien bħalu qatt ma nstab.

B'ħatar f'idek u xi ħbejża
Iebsa mnawra ġo maktur
Is-santwarji tal-Ewropa
Kont kull sena tmur iżżur.

Kemm-il darba f'dawk il-vjaġġi
Għajjien mejjet u bil-ġuħ
Kien imidd rasu fuq il-ġebel
Ħalli jieħu ftit tar-ruħ!

Lil Ġesù fit-tabernaklu,
Lill-qalb ħelwa ta' Marija
Ġieħ kont tagħti bl-akbar ħrara,
Bl-akbar ħeġġa ta' qdusija.

Għalhekk Alla lilu żejjen
Bl-aktar kbar għeġubijiet:
Ta' Labre l-isem ixxerred
Ma' kemm huma l-artijiet.

O Labre li għal qdusitek
Qima llum jagħtuk il-ġnus
Malta wkoll titgħannaq miegħek,
Lilek tħobb u lilek tbus.

Mill-għedewwa int ħarisha,
Int agħtiha dak id-dawl
Li bih fiha dejjem tibqa'
Sħiħa l-fidi ta' San Pawl.

**2. Kurunella f'ġieħ San Ġużepp Benedittu Labre**[47]

I

O Ġużeppi Benedittu
Fjur għażiż minn tal-Qdusija
Fjur li bħalu qatt ma deher,
Ġdida jarmi kollha d-dija.

Hienja Franza, li nisslitek!
Hienja l-bliet, li tgħaxxqu bik!
B'talbek lilna Int ukoll henni,
Ukoll min ġieħ itik.
Pater, Ave, Glorja

II

Sa mill-ewwel snin ta' ħajtek
Skiet u ġabra Int wisq ħabbejt:
Lejn il-logħob, lejn kull frugħa
Ebda ġibda qatt ma wrejt.

Din il-ġibda bit-talb tiegħek
Fittex inti mewwet fina
Lilna għallem kif id-dinja
Bi frugħitha tqarraq bina.
P., A., G.

III

Magħżul mn'Ommok u Missierek,
Biex titgħallem tħobb lil Alla
Tbegħidt minnhom bħal Abram,
Li biex wieġeb blietu ħalla.

Min-nirien ta' din l-imħabba,
Illiuhedem[48] kisbu f'qalbek,
Biex kif ħaqqna nħobbu 'l Alla
Taqilgħilna[49] rriduk b'talbek.
P., A., G.

IV

Iżraeli fid-deżert,
Imxi dejjem bla serħien
Huwa xbieha sewwa tiegħek
Tfittex 'l Alla kullimkien.

O Ġużeppi Benedittu,
Warda ddur dejjem max-xemx,
Int għallimna nfittxu 'l Alla,
Illi ħliefu ġid ma hemmx.
P., A., G.

V

Fost ir-rħieb, illi ħajjithom
Mhix ħlief sawm, skiet, moħqrija,
Int ġarrabt seba' darbiet
Illi tgħix ħajtek moħbija.
Min qatt bħalek wieġeb dejjem
għal kull sejħa tas-smewwiet?
Int semmagħna s-sejħat t'Alla,
Mhux tad-dinja s-sħarijiet.
P., A., G.

VI

Iva, minnek Alla ried
Mera jsawwar, fih isib
Xbieha ħajja, xbieha sewwa
Ta' Ġesù fuq is-salib.

Għala d-dinja mejjet kellek
Għalik stess mejjet ukoll,
Lil kull wieħed minna għallem
Li minn kollox qalbu jħoll.

P., A., G.

VII

Għalkemm stajt Int tgħix fil-għana,
Fqir, imġewwaħ u tallab
Għext, għax ridt, fost tant tbatija,
Li ħadd bħalek għad ma nstab.

Kemm, jaħasra, ngħixu mqarrqa
Li nistmerru kull tbatija!
Inti b'talbek aqilgħilna
Qalb bħal tiegħek hekk qawwija.

P., A., G.

VIII

Lil Ġesù fis-Sagrament,
U l-Imqaddsa Ommu Marija
Ġieħ Int tgħid, li qatt ma jaqta'
Bl-akbar ħeġġa tal-qdusija,

B'ruħek toħroġ medhi fihom
Dhert fil-knejjes Serafin:
Lejhom b'talbek iġbed qalbna
Biex nagħtuhom ġieħ kull ħin.

P., A., G.

IX

Mingħajr tebgħa bniedem anġlu
Martri għext f’Alla mistur,
Pellegrin l-egħżeż santwarji
Qatt ma għejejt kull sena ddur.
Bit-talb tiegħek aqilgħilna
Ħajja safja minn kull ħtija,
Bħal tiegħek hekk perfetta
Fit-talb ’l Alla biss medhija.
P., A., G.

X

Mewt għażiża kienet tiegħek
Bil-ġieħ għanja, u bl-għeġubijiet:
Dik il-qima, li ħrabt dejjem,
Li titraddlek Alla ried.
Mal-fqajrin u ma’ kulħadd
Dejjem għext qalbek ħanina:
Kemm fik kotrot din il-ħniena
Nitolbuk issa turina.
P., A., G.

**2a. Kurunella f’ġieħ San Ġużepp Benedittu Labre**[50]

I

O Ġużeppi Labre mqaddes
Fjur u eżempju ta’ qdusija
Int bħal warda dejjem tfewwaħ,
Int bħal kewkba tarmi d-dija.

Hienja Franza, art twelidek!
Hienja l-ġnus, li ftaħru bik!
B’talbek inti dejjem henni,
Kull min qima u ġieħ jagħtik.
Pater, Ave, Glorja

II

Sa mill-ewwel snin ta' ħajtek
Skiet u ġabra wisq ħabbejt:
Lejn kull frugħa ta' did-dinja
Ebda ġibda ma ħassejt.

Bit-talb tiegħek din il-ġibda
Fittex int mewwet ġo fina
Lilna għallem kif id-dinja
Trid bil-frugħa tqarraq bina.
P., A., G.

III

Magħżul mn'Ommok u Missierek,
Biex tingħaqad iżjed m'Alla
Ħallejt darek il-għażiża,
Bħal Abram li blietu ħalla.

In-nirien ta' di' l-imħabba,
Li f'dar ommok xegħlu f'qalbek,[51]
Biex kif sewwa nħobbu 'l Alla
Taqilgħalna b'qawwet talbek.
P., A., G.

IV

L-Iżraeliti fid-deżert,
Imxew dejjem bla serħien
Inti bħalhom, xbieha tagħhom
Fittixt 'l Alla kullimkien.

O Ġużeppi Benedittu,
Warda ddur dejjem max-xemx,
Int għallimna nfittxu 'l Alla,
Għax mingħajru ġid ma hemmx.
P., A., G.

V

Fost ir-rħieb, li b'ħajja tagħhom
Ma kenitx ħlief skiet, tbatija,
Int ġarrabt għal seba' drabi
Ħajtek tgħix fis-skiet moħbija.
Min qatt bħalek wieġeb dejjem
għal kull sejħa tas-smewwiet?
Int semmagħna s-sejħat t'Alla,
Mhux tad-dinja s-sħarijiet.
P., A., G.

VI

Alla minnek ried isawwar
Mera ċar li fih isib
Xbieha vera, xbieha ħajja
Ta' Ġesù fuq is-salib.

Għal did-dinja kont int mejjet
Għalik stess mejjet ukoll,
Lil kull wieħed minna għallem
Li minn kollox qalbu jħoll.
P., A., G.

VII

Għalkemm stajt Int tgħix fil-għana,
Għext imġewwaħ u tallab
Għext fil-għaks, u fit-tbatija,
Li ħadd bħalek għad ma nstab.
Kemm, jaħasra, ngħixu mqarrqa
Jekk nistmerru kull tbatija!
Inti b'talbek aqlgħalna
Qalb bħal tiegħek hekk qawwija.
P., A., G.

VIII

Lil Ġesù fit-tabernaklu,
U l-Imqaddsa Ommu Marija
Kien ġieħ jagħti, qatt ma jaqta'
Bl-ogħla ħeġġa tal-qdusija,
B'ruħu nar tal-aqwa mħabba
Deher fil-knejjes Serafin:
Lejhom b'talbek iġbed qalbna
Biex nagħtuhom ġieħ kull ħin.
P., A., G.

IX

Bniedem anġlu mingħajr tebgħa
Martri għext f'Alla mistur,
Pellegrin l-egħżeż santwarji
Qatt ma qtajt kull sena ddur.
Bit-talb tiegħek int aqlgħalna
Ħajja safja minn kull ħtija,
U bħal tiegħek ruħna agħmel
Fit-talb dejjem biss medhija.[52]
P., A., G.

X

Il-mewt tiegħek Alla żejjen
Bil-ġieħ għanja, bl-għeġubijiet:
Dik il-qima, li ħrabt dejjem,
Wara l-mewt iroddlok ried.[53]
Mal-fqajrin u ma' kulħadd
Dejjem għext qalbek ħanina:
Kemm fik kotrot din il-ħniena
Nitolbuk issa turina.
P., A., G.

### 3. Jiena *Figlia* ta' Marija[54]

Taħt saqajja l-art li nirfes
Tilbes libsa kollha fjuri;[55]
Is-smewwiet ukoll jiżżejnu
Bl-isbaħ lewn u l-isbaħ dija
    Kif jisimgħu din il-kelma:[56]
    Il-bint jiena ta' Marija.

Is-suldat li rebaħ l-għadu
B'ħiltu jifraħ u jitkabbar;[57]
L-iskultur tarah jintefaħ[58]
Għax senagħtu wisq qawwija:
    Ġieħi wieħed, m'għandix għajru,
    Il-bint jiena ta' Marija.

Kieku kelli mant ilellex,
Jedd u setgħa ta' sultana,
Qatt ma kont inkun, kif jiena,
Bl-ogħla ferħ dejjem ferħana:
    Ġieħi wieħed, bih niftaħar,[59]
    Il-bint jiena ta' Marija.

### 4. Il-Midalja ta' Marija[60]

Aħna nġibu f'għonqna mdendla
Il-midalja ta' Marija;
O b'kemm ferħ ħadnieha[61]
Minn idejn is-saċerdot!

Dan sinjal, huwa qalilna –
Jien biriktu fl-isem t'Alla;[62]
Ilqgħuh mela fuq sidirkom
Għaliex huwa wisq għażiż.

Il-midalja ta' Marija
Hija sur li ħadd ma jwaqqa',
Għajn ta' ħlewwa liema bħalha,
Baħar wiesa' ta' kull ġid.

B'qalbkom safja, mingħajr tebgħa,[63]
Ħarsu dejjem il-midalja:
Das-sinjal hu ġej mis-sema,
Gwaj għal min jipprofanah.

**5. Rip**[64]

B'edak l-imbierek ta' fanal kull lejla
Kont tarah jiġri mat-triqat għall-bċejjeċ;
Leħjitu bajda, twil, niexef, kien donnu
Bniedem tal-qedem.[65]

Min jaf kemm drabi ma' tfal oħra sħabi
Irbattlu b'ħajta xi sigarru jinten,
Jew kutu kutu mort warajh u tfejtlu
Id-dawl li kellu!

Illum, xħin naħseb kemm u kemm l-imsejken
Bla nifs ħallejtu jiġri għal warajja,
Inħoss bħal demgħa, u nixtieq kont nista'
Nitolbu maħfra.

Mistrieħ għal dejjem, ja Rip[66] ta' tfuliti!
Illum il-bċejjeċ mhux mill-art niġbruhom,[67]
Illum fil-kotba tal-barrani nfittxu
Qegħdin il-bċejjeċ.[68]

Biex imbagħad bihom bħaċ-ċawla tal-ħrafa
Mal-kbar niżżattu u ta' kittieba ngħaddu
Bħal kieku l-kobor ta' ħaddieħor jista'
Jeqred ċkunitna.[69]

Bil-Malti jikteb min irid, ta' Malti
Iħoss u jaħseb; u jekk dan ma jista',
Aħjar idendel xi musbieħ u jiġbor
Xi beċċ mit-Torok.[70]

Lonzu ta' Greibel

**6. Tal-Erwieħ**[71]

Tal-erwieħ it-titjir, iż-żfin u l-għana[72]
Waqfu għalkollox; xejn issa ma tara[73]
Mas-sema kollu ħlief erwieħ ferħana;

Ilbieshom nar jew abjad daqs tajjara,
Ilkoll weqfin, ebsin; ilkoll għajnejhom[74]
'Il fuq, lejn Alla, mixgħulin bil-ħrara.

Imqassmin f'seba' taqsimiet, riġlejhom
Fuq sħaba rqiqa lewn id-deheb safrani:
Kemm huma sbieħ! X'inhuma l-kwiekeb ħdejhom?[75]

Dak li minn dejjem kien, li kbir u għani
B'setgħa bla qies, twieled u miet għalina[76]
Dak li sar mal-marid[77]

… huwa hekk kif kien jitkellem…[78]

**7. Lil Malta**[79]

Art qaddisa, Malta tagħna,
Int il-Gżira ta' San Pawl,
Fik Missierna l-kbir Appostlu
Ġieb il-Hena, ġieb id-Dawl.

Kemm għedewwa t'Alla u tiegħek
Biex minn Pawlu jifirduk
Ġew fuq artek, b'ħalfa sħiħa
Li fix-xejn jerġgħu jġibuk.
Malta ċkejkna, it-Tama tiegħek
Kienet kbira fil-Mulej,
Ma stajt qatt, le qatt, tintrebaħ
Mill-għedewwa tal-Feddej.
Kemm għożżejtu l-wirt ta' Pawlu
Jixhdu d-demm ta' fuq l-iswar
Li ċarċart fil-jiem tal-qilla
Sa ma l-għadu għeb u mar.
Tixhdu l-karba tal-imnikkta
Li tinstama' minn ġol-art
Fejn l-għeżież missirijietna
Niżlu, imżejna b'rand u ward.
Dak id-demm illum qed jgħajjat:
"Malta tagħna, Malta qum,
Ħejji ruħek għat-taqbida
Għadu ieħor hawn illum.
"Ma smajthiex id-daħqa tfaqqa'
Fuq xofftejn il-barranin?
Ma rajthiex in-nasba lesta
Li ħejjewlek il-ħajnin?"
Bħal fl-imgħoddi uri d-dinja
Illi Malta ma tmur qatt,
Għaliex Malta hi ta' Kristu
U fuq Dan ma jista' ħadd.

* * *

Malta qamet, semgħet għajta,
U semgħetha nhar San Pawl;
Kien il-leħen ġej mill-oqbra?
Jew mis-Sema kien xi dawl?

Jien ma nafx; naf biss li Malta
Tħeġġet f'daqqa dakinhar,
Qalbha sseddqet b'Dawl u Mħabba
B'tama sħiħa daqs l-azzar.
U bdiet tgħajjat Malta kollha:
"Jien bint Pawlu, jien Maltija,
Miskin hu min ġieħi jkażbar,
Miskin hu min jidħaq bija.
"Alla tiegħi; Jiena t'Alla,
Xejn ma rrid jekk Alla miegħi:
Min mhux m'Alla kontra t'Alla,
Min mhux m'Alla kontra tiegħi."

* * *

Malta qamet, semgħet leħen,
U semgħetu nhar San Pawl:
Kien il-leħen tal-Appostlu
Li ġibilha s-Sliem u d-Dawl.

**Poeżiji bit-Taljan**

**1. E tu, Betlem…**[80]

E tu, Betlem…
…
Cantò il Profeta.
Betlem, la patria di Gesù, era
un piccolo villaggio della Giudea che contava,
credisi, un migliaio all'incirca di famiglie.
Altra celebrità non ebbe, e migliore non
potrebbe avere, che quella che viene
dalla nascita del Salvatore. Il Profeta la disse
non ultima tra le terre di Giuda, ma noi
allargando il confronto la possiamo chiamare

con sicurezza non la più piccola ma la
più grande fra quante città vi furono
o sono o saranno. Perchè il bene che
da lei si diffuse non ha confini nel tempo
non ha cinieti nello spazio: perchè Gesù
è nato non a salvare i Giudei e i Giudei
del suo tempo ma a salvare l'umanità
dallo stipite… fino all'ultimo.

Gesù nacque in Betlem.
Betlem, piccola città[81] della Giudea cantava,
credesi, un migliaio di famiglie, e nulla avea
che la rendesse grande agli occhi degli uomini.
Ma era grande inanzi a Dio:[82] era
grande inanzi agli occhi del Profeta che di lei cantava:

> E tu Betlem terra di Giuda
> tu non sei la più piccola tra' principi di Giuda,
> perchè fuor da te verrà un duce
> che governi il mio popolo Israele.

Così è ben detta, anzi scolpita, la grandezza morale
di Betlem. Questa cittadina non è l'ultima
ma la prima, non è la più piccola ma la più
grande fra tutte le città di Giuda. È poco,
è poco. Betlem è la prima fra tutte le città
che furono, che sono, che saranno. Il bene che
da lei si diffuse non è limitato alla Giudea.
Gesù nacque non per salvare i Giudei, ma per
redimere l'uomo, tutti gli uomini.

> Betlem, salute o terra
> Nativa di Gesù

O Betlem, cara terra dolcissima
Patria di Cristo, patria delle anime
rinate alla gioia, rinate
alla pace, rinate alla gloria.

Laudata oh sempre sii tu dolcissima
terra di Giuda!

O patria di Cristo, o patria
delle anime, Betlem nostra,
laudata sii tu per sempre
dolcissima terra di Giuda.

O Betlem, o patria di Gesù,
l’umanità ti saluta riconoscente!
Quando nacque Gesù regnava in Giudea Erode,
non per altro famoso che per sua crudeltà.
Era costui nativo di Tolemea

O Betlem, cara, terra dolcissima
Patria di Cristo, patria delle anime
rinate alla gioia rinate
alla pace,
O Betlem, o cara

Laudata sii tu nei secoli
Dolcissima terra di Giuda.

O Betlem nostra,
O dolce terra
che sazia di gioia cantando
Vai; Io con la patria di Cristo,
Laudata sii tu per sempre,
Dai cuori assetati di pace
Dai cuori assetati di luce
Laudata sii tu nei secoli.
Dolcissima terra di Giuda.

Laudata sii tu per sempre
Dolcissima terra di Giuda
O Betlem, o terra ove nacque
Gesù, per lung’ordine di anni

Dai cuori assetati di gioia
Desiato con ansia febbrile
Dall'alone vaganti nell'ombra
Con voce di pianto invocato.

Laudata sii tu per sempre
Dolcissima terra di Giuda!
O Betlem, o terra, ove nacque
Gesù, per lun'ordine di anni
Con ansia febbrile invocato
dai cuori, assetati di luce,
vaganti nell'ombra di morte.

. . .

Siam polvere ed ombra: ed è sogno
La vita: è sogno la gloria.
I lauri già colti che valgono?
Che valgono i giorni vissuti?
Io nasco or che parlo e nascendo
Già muoio. È un'istante la vita.

. . .

Laudata sii tu per sempre
Dolcissima terra di Giuda!
Non polvere ed ombra è la vita
Che in seno a te nascere li io vidi:
Non sogno è la Gloria cantata
Un giorno sulla culla divina.

O Betlem, sorgente di vita,
Sorgente di luce, sorgente
Di gloria, prostrato in ginocchio,
Prostrata la fronte e lo spirito
Prostrato il saluto io ti porto
Dei popoli: che tu hai redenti.

O Betlem sorgente di vita
O Betlem sorgente di gloria
Prostrato il ginocchio e lo spirito
A te il saluto io porto
Dei popoli.

Laudata sii tu per sempre
Dolcissima terra di Giuda:
Prostrato il ginocchio e la fronte
Dei popoli che tu hai redenti
Il saluto io ti porto.

**2. Smeraldi e Fiori**[83]

Smeraldi e fiori a te fuggente invano
con le man'piene gitta il padre, invano
ei supplicava nel tumulto fiero:
con noi rimani.

Tu come cerva al murmure de l'acque
corri, la voce che nel cor ti parla
solo ascoltando, corri e suggellate
porte di ferro.

Ombra del chiostro muta, o tu che sai
Di cuori umani palpiti e misteri,
Apriti e avvolgi questo che a te viene
fior di bellezza.

Forse a le belle cedono le Parche?
Splendere quante Raffaello vide
forme divine, e, nubi lievi poi
via dileguare!

Anima umana, che io ti veda, mentre
come ape succhi de la vita il fiore:
ahi, ahi, non miele, da quel fior emana
cenere e tosco.

Pace le cure trepide de l'oro,
pace le insanie vince de la gloria,
pace su' chiostri solitaria diva
candida vola.

Non pace chiede dalla tomba e prega
questo sepolto fior di giovinezza;
pace gli eroi non chiedono ed eroica
anima è questa,

Ma via il presagio che a San Marco triste
nunzio sonava d'itale sventure,
pace invocando dall'Italia madre
lungi pregava,

Quando con ferne le pupille in alto[84]
aerea[85] stette col pensier d'Aquino
parea sul labbro rifiorirle il core
di Chiaravalle.

Ne l'Infinito, come perle in mare,
invano a Lei s'occultano i misteri,
Ella le acute d'aquila pupille
dentrovi figge.

Salve, o gentile che de l'Arno in riva
siedi e ti guarda Fiesole da l'alto,
a te dal chiostro via per l'aure venne
suon di campane.

Moriva il vespro roseo sui colli
Che a te le cime levano d'intorno;

### 3. All’ombra della croce[86]

All’ombra della croce or che tu dormi,
se lagrime e corone da la patria
aspetti, invano aspetti. Non corone
la patria ai figli suoi decreta, ove grato,
disse, il mio cor si mostra agli estrani
mirto nè lauro attendi. De la croce
sol l’ombra ti consoli
mirto nè lauro attendi.

### 4. O Vergine Madre[87]

O Vergine Madre
nel giorno sacro al tuo casto sposo
in cui fra le mie mani
Gesù tuo Figlio s’immola
arridi propizia
e fa che questo mio primo sacrificio
a me santa vita
ai miei genitori pace eterna
agli amici e conoscenti arrechi
gaudio e conforto.

### 5. Splende a la notte fosca[88]

Splende a la notte fosca de’ secoli
il sole: arcana fossa per l’aere
diffusa corre gli oceani
propositi e l’amplio flute commuove.

Non più di sangue, non più di lagrime
fugaci tristi gli anni trascorrano:
Non più di sangue resti trascorrono
gli anni – via da la memoria fuggano

**6. Madre bella, Madre santa**[89]

Madre bella, Madre santa,
o speranza d'ogni cor,
nel mio verso che ti canta
splenda un raggio del tuo amor.

No, non lauri al crin mi metto
quando vengo inanzi a te,
il mio lauro è qui sul petto,
il mio lauro è tua mercè;

il mio lauro è questo, o madre,
dolce e santo scapolar,
son le mani tue leggiadre
che tal veste ci donâr.

O per sempre benedetta
Vergin santa del Carmel,
chi più t'ama più s'aspetta
gioia in terra gloria in ciel.

Raggi il sole e nevi i monti
non han pari al tuo candor,
tu più bella de' tramonti
che si veston di fulgor.

Triste l'uom che mai non prova
la dolcezza del tuo amor,
in lui nasce e si rinnova
la tempesta del dolor.

Genti udite! De la gloria
chi la vetta salirà?
Sol nel bene è la vittoria,
Sol nel ben la libertà.

O speranza de' credenti,
Stella fulgida del mar,
A te volgansi le genti
Pace e gloria a supplicar.

**Noti**

1 Il-poeżiji qed jiġu traskritti kif kitibhom Cuschieri kemm bil-pinna kif ukoll bit-typewriter.
2 Għażilna li nħalluha fil-forma li taha Cuschieri, jiġifieri f'żewġ taqsimiet l-ewwel waħda b'sitt strofi magħqudin flimkien u t-tieni bi tlieta. F'xi każijiet meta jmorru għall-istampa xi poeżiji jkollhom taqsima mifruda minn oħra bi tliet stilel.
3 Verżjoni miktuba bil-lapes li turi tibdil li għamel Cuschieri fuq l-istess manuskritt ittajpjat tal-poeżija 1.
4 Varjazzjoni: "Hieni l-ġens li jiftaħar bik"
5 Varjazzjoni bil-lapes fil-ġenb: "Int mis-sema thenni u tfarraġ"
6 Varjazzjoni bil-lapes fil-ġenb: "O kemm int is-skiet (ħabbejt)"
7 L-istrofi li ġejjin huma miktubin bil-lapes fuq wara tal-verżjoni ttajpjata.
8 Varjazzjoni: "Nitolbuk li fuqna dejjem"
9 Varjazzjoni: "U t-talb tiegħu mar fir-riħ?"
10 Strofi miżjuda bil-lapes taħt linja li tifred mill-bqija ta' qabilhom.
11 Varjazzjoni oħra ta' din l-istrofa bil-lapes: "Sa f'deżert mar hu jinħeba/ biex jitbiegħed mill-bnedmin/ B'ħatar f'idu biex mill-għadu jkun sigur/ Ta' kull sena s-Santwarju kien iżur."
12 Varjazzjoni bil-lapes: "Ħalla 'l ommu u 'l missieru"
13 Varjazzjoni bil-lapes: "Biex jgħix waħdu ġo għarix"
14 Bla titlu. Din tidher li hija varjazzjoni fuq ta' qabilha u mogħtija xeħta Marjana. Ittajpjata.
15 Ara n-noti dwar id-disa' strofa tal-varjazzjoni.
16 Għal din il-varjazzjoni bil-lapes fuq il-manuskritt ittajpjat tal-Varjazzjoni 1b ingħata numru għal kull strofa, sabiex jinftiehmu aħjar il-kummenti fin-noti fuq it-tmien strofa.
17 Varjazzjoni: "Hija qaltlek: Ibża' mn'Alla"
18 Varjazzjoni: "Minn ċkunitek fi kliem Kristu/ Inti l-hena bdejt issib:"
19 Żewġ varjazzjonijiet: "Jimxi mgħobbi bis-salib"; "Għandu jimxi bis-salib"
20 Varjazzjoni: "Libsa fuqek imqattgħa ċraret"

21 Żewġ varjazzjonijiet: "Żarbun kellu lewn it-trab"; "Żarbun sabu qalb it-trab"

22 Varjazzjoni: "Għax ridt togħla fi ħsieb Alla"

23 Varjazzjoni: "Meta l-ħidma tkun għal Alla/ Għalfejn tagħti kas tal-lbies/ Għax ridt tikber fil-ħsieb t'Alla/ Ma tajtx kas ta' x'jgħidu n-nies".

24 Varjazzjoni: "B'ħatar f'idek, bomblu bl-ilma"; "B'ħatar f'idek, xi ftit ilma"; "B'ħatar f'idek u xi bomblu"

25 Varjazzjoni: "U xi ħbejża ġo maktur"

26 Żewġ varjazzjonijiet: "Ta' sikwit kont tmur iżżur"; "Ta' sikwit kont inti żżur"

27 Żewġ varjazzjonijiet: "F'ċella kiesħa daqs għarix"; "Ġewwa ċella daqs għarix"

28 Varjazzjoni: "Sħabek stagħġbu xħin rawk tbati"; "Sħabek stagħġbu kemm batejt"

29 Varjazzjoni ta' din l-istrofa nsibuha bil-lapes fuq wara tal-manuskritt ittajpjat: "Għal xi żmien f'kunvent ingħalaq/ F'ċella żgħira daqs għarix/ Sar jaħasra għadma u ġilda/ Ma kienx jiekol ħlief ħaxix."

30 Varjazzjoni ta' din l-istrofa nsibuha bil-lapes ħdejha stess: "Meta rawh maħmuġ jiġġerra/ Bla mistħija qalb in-nies/ Tilef rasu wħud ħasbu/ Għaliex dak ma kienx ilbies."

31 Varjazzjoni: "Ma kellux sura ta' nies". Mill-kontenut tagħhom dawn iż-żewġ strofi li ġejjin jidhru li huma maħsuba għal wara strofa 8; għaldaqstant qed inqegħduhom wara l-istrofa numru 8.

32 Varjazzjoni: "Għaliex dak ma kienx ilbies."

33 Varjazzjoni: "Ħdejn Ġesù fit-tabernaklu/ Kont tinxteħet għarkopptejk:/ Rasek fl-art, ruħek fis-sema/ In-nies kollha tħares lejk." Dan l-aħħar vers għandu varjazzjoni oħra: "In-nies mgħaġġba tħares lejk."

34 Din l-istrofa dam jilgħab magħha sakemm sab il-kliem li joqgħod tajjeb. Verżjoni oħra: "Il-mard jaħrab li jgħakkisna/ Id-dmugħ jinxef ġo għajnejna."

35 Jidher li hawnhekk il-poeta kien għadu mhux ċert ikomplix jindirizza lil S. Ġużepp Benedittu Labre għax jerġa' jdur il-kliem bit-typewriter: "F'kunvent darba mort tinħeba".

36 Ara nota 34.

37 Bil-lapes.

38 Varjazzjoni bil-lapes: "Minn ċkunitek l-ebda ġibda/ Lejn id-dinja ma ħassejt/ F'Alla biss kien il-ħsieb tiegħek/ 'L Alla biss dejjem ħabbejt."

39 Varjazzjoni bil-lapes: "Min qatt bħalek, Labre mqaddes/ Żamm għajnejh lejn is-smewwiet/ Min qatt bħalek għamel dejjem/ Dak li minnu Alla ried?" Dawn l-aħħar żewġ versi fihom varjazzjoni oħra: "Min qatt bħalek mejjel rasu/ Għal kull xewqa tas-smewwiet?"

40 Varjazzjoni bil-lapes: "Minn hemmhekk ħriġt għadma u ġilda". Ara nota 34.

41 Varjazzjoni: "Kont kull sena tmur iżżur". Ara nota 34.

42 Bil-lapes.

43 Bil-lapes il-poeta jniżżel l-istess varjazzjoni li nsibu hawnhekk fl-ewwel strofa tal-Varjazzjoni 1ċ. L-istess jingħad għall-istrofa numru 2.

44 Varjazzjoni bil-lapes: "Hekk hu tgħallem minn ċkunitu,/ Dan il-kliem tal-kbir Ħabib:/ Min irid jimxi warajja/ Fuq spallejh jirkeb salib". Varjazzjoni oħra bil-lapes fl-istess manuskritt iġġib: "Minn ċkunitek sammart f'moħħok/ Dik il-kelma tal-Feddej (Mulej):/ Min irid jimxi warajja/ B'salib jgħabbi lil spallejh." Taħtha nsibu verżjoni oħra: "Sammart f'rasek fik il-kelma/ li fid-dinja l-ħajja ġġib:/ Min irid jimxi warajja/ fuq spallejh jerfa' salib". Din il-varjazzjoni jerġa' jikkoreġiha b'dal-mod: "Sammart rasek b'dak il-kliem/ Li fid-dinja l-ħajja jġib:/ Min irid jimxi warajja/ Jaqbad jimxi bis-salib."

45 Bil-lapes wara t-tielet strofa, fuq wara tal-manuskritt, iqiegħed din li ġejja, li ħadimha fi tliet waqtiet sa ma wasal għall-aħħar verżjoni: "Ħdimt għal Alla bla mistħija/ Bla ma ħsibt xi jgħidu n-nies:/ In-nies qalu li kont iblah/ Għax raw fuqek dak l-ilbies."

46 Ara nota 34. Varjazzjoni: "Għalkemm għani kien minn daru/ għex ta' fqir u ta' tallab/ Libsa fuqu mqattgħa ċraret/ Żarbun sabu qalb it-trab." Dan l-aħħar vers għandu varjazzjoni: "Żarbun ċraret kollu trab."

47 Din il-kurunella hija bla titlu u bla data. Nistgħu ngħidu li hija elaborazzjoni tal-poeżija *Lil San Ġużeppi Benedittu Labre*, li tagħha Cuschieri jagħti erba' verżjonijiet ittajpjati, kollha kkoreġuti bil-lapes. Jidher li Cuschieri dam jaħdem fuqha. Jiġina naħsbu li Cuschieri kiteb din il-kurunella għall-knisja ta' San Ġakbu fil-Belt Valletta, li kienet is-sede tal-Istituto Maltese di Educazione Cattolica, imwaqqaf mill-Ġiżwita Massimiliano Ryllo fl-1839 għat-tagħlim tad-duttrina għas-subien, u li Cuschieri kien midħla tiegħu. Għal dan l-istitut Cuschieri kiteb l-innu *Voce dall'Alto* sabiex jitkanta mill-kor tat-tfal, li kien imsemmi u kien jieħu sehem f'diversi ċelebrazzjonijiet reliġjużi. Il-knisja ta' San Ġakbu hija marbuta mal-ġrajja ta' San Ġużeppi Benedittu Labre (1748-1783), il-vagabond Franċiż li jingħad li żar Malta u kien jintasab għal ħin twil jitlob f'din il-knisja, u wkoll kien jieqaf fuq it-taraġ tal-knisja jiekol u jistrieħ hemmhekk. Fost il-knejjes li jingħad li żar insibu l-Bażilika ta' San Ġorġ Martri fir-Rabat, Għawdex, fejn baqgħet issir il-festa tiegħu. Jista' jkun li Cuschieri dil-kurunella kitibha għal hemmhekk? Għal aktar dettalji dwar Labre u Malta ara: Morana, Martin. *Bejn Kliem u Storja*. Malta: BDL, 2011. San Ġużeppi Benedittu, wara li pprova bosta drabi għalxejn li jissieħeb f'ordnijiet monastiċi, qatagħha li jgħix ħajja fqira bħala pellegrin u tallab, idur minn knisja għal oħra u jorqod barra. Miet Ruma u ġie midfun fil-knisja ta' Santa

Maria dei Monti. Kien il-Papa Ljun XIII li kkanonizzah fl-1881. Jingħad ukoll li żar Għawdex u kien jintasab biswit il-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat. Hemm bosta aneddoti dwar il-qagħda tiegħu fil-gżejjer Maltin. Jidher li mal-kanonizzazzjoni xterdet sew f'pajjiżna d-devozzjoni lejh.

48 L-awtur ta' dan ix-xogħol jaħseb li din il-frażi għandha tinqara "Illi waħedhom" u qed tirreferi għan-nirien tal-imħabba li kisbu (ħadu) f'qalb il-poeta. Jidher li Cuschieri għandu f'moħħu wkoll it-traħħim tal-kurunelli kif reċitat bl-amment u għaldaqstant, ċertu kliem jiktbu kif jinħass oralment b'tali mod li jħares ir-ritmu tat-traħħim.

49 Taqlgħalna.

50 Din il-verżjoni hija miktuba bil-lapes fuq il-manuskritt ittajpjat u tidher li kellha tkun l-aħħar verżjoni. Cuschieri jidher li reġa' darha bil-lapes.

51 Nota fil-ġenb maqtugħa turi: "Li f'dar ommok ksibt int f'qalbek".

52 Taħt il-vers ikkoreġut, Cuschieri jagħti verżjoni oħra bil-lapes: "Bit-talb biss dejjem mogħdija".

53 Jew verżjoni oħra: "Alla jroddlok f'mewtek ried".

54 Din il-poeżija kienet maħsuba għal xi ħadd partikolari. Fit-tarf tal-karta Cuschieri jiffirma: "Pregate per me. A Cuschieri O.C.". Il-Figlie di Maria ġew imwaqqfin f'Malta mill-Qaddej ta' Alla Mons. Isidor Formosa (1851-1931) biex jieħdu ħsieb il-fqar. Iktar tard Mons. Formosa waqqaf il-kongregazzjoni tas-sorijiet Ursolini ta' Sant'Angela Merici.

55 Varjazzjoni: "Tilbes libsa bellusija"

56 Varjazzjoni: "Xħin jisimgħu l-għanja tiegħi:"

57 Varjazzjoni: "Tarah ġej kollu kburija"

58 Varjazzjoni: "L-iskultur ukoll jintefaħ"

59 Varjazzjoni: "Ġieħi wieħed, jiswa mija:"

60 Fuq l-istess folja.

61 Varjazzjoni: "Illi lilna ġiet mogħtija"

62 Varjazzjoni: "Fuq sidirkom intom ġibu:/ Għaliex fih intom issibu"

63 Varjazzjoni: "Ħarsu mela, mingħajr ħtija/ Dil-midalja ta' Marija:"

64 Ittajpjata b'Malti antik u kkoreġuta. Il-kontenut tagħha juri li hija dedikata lil ċertu wieħed imlaqqam 'Rip(i)'? Mhux ċar hijiex iffirmata Lonzu ta' Greibel jonkella r-'Rip' innifsu huwiex Lonzu ta' Greibel. Isfel tal-paġna hemm din in-nota ttajpjata: "Il-kollaboraturi tagħna jafu wkoll meta jridu jiktbu xi erba' versi bla rima. – N. tal-E." Minkejja li nstabet mal-poeżiji ta' Cuschieri, u tiżviluppa tema malinkonika marbuta wkoll mal-ilsien Malti, kif ukoll fiha l-korrezzjonijiet ta' Cuschieri, jidħol dubju hijiex tiegħu tassew.

65 Cuschieri jikkoreġi bil-pinna: "Ħiereġ minn qabar".
66 "Ripi" kkoreġuta.
67 Ikkoreġuta "jiġbruhom".
68 Ikkoreġuta: "Illum fil-kotba tal-barrani nfittxuhom/ Qiegħed il-Malti."
69 Ikkoreġuta: "Mal-kbar jiżżattat – ta' kittieb jgħaddi/ Bħalkieku l-kobor ta' ħaddieħor jista'/ Jeqred ċkunitek."
70 Ikkoreġuta "Xi beċċ għall-pipa".
71 Bla titlu. Framment.
72 Varjazzjoni: "Tal-erwieħ it-titjir, waqaf l-għana"
73 Varjazzjoni: "Siket għalkollox; xejn issa ma tara"
74 Varjazzjoni: "Bil-libsa nar jew bajda daqs tajjara,/ Ilkoll donnhom tar-rħam: Ilkoll għajnejhom"
75 Minn din l-istrofa 'l quddiem il-poeżija tkompli bil-lapes.
76 Żewġ varjazzjonijiet: "B'setgħa bla qies, ried jieħu minħabba fina"; "B'kull ġid u hena ried imut għalina"
77 Varjazzjoni: "issa tkellem maż-żagħżugħ Nisrani;"
78 Il-karta mċarrta u l-kumplament mitluf.
79 Attribwita. Mitbugħa fuq folju mill-Empire Press, il-Belt Valletta (9.2.1956). Iffirmata 'Poeta Malti Kattoliku'. It-tħaddim tal-kelma, it-tema flimkien mat-tliet taqsimiet mifrudin minn xulxin bil-kwiekeb karatteristiċi ta' Cuschieri, li mill-manuskritti nafu li kien jużahom xi drabi biex jifred paragrafu minn ieħor jew strofa minn oħra, jindikaw li hija tiegħu.
80 Mingħajr titlu. Kemm għat-tema kif ukoll għall-prosodija, din il-poeżija tfakkarna f'*Fil-Milied tas-Sena 1916 (Tqabbil ibiddel il-qies)*, li fiha, fil-fehma ta' Prospero Grech, Cuschieri jmur lil hemm minn dawk li ġew qablu u jażżarda iktar fil-prosodija. Poeżija oħra li tfakkarna fiha għall-prosodija hija *Qobra u Ħolm*. F'dawn il-poeżiji jingħaqdu b'ħila f'Cuschieri l-ħassieb li jħażżeż ħsibijietu f'solilokwiju u l-poeta li jinfexx jgħanni. Dak li joħroġ minn din l-għaqda huwa poesaġġ riflessiv li fih il-poeta jikxef il-ġewwieni turmentat u moħħ li ma jiqafx jhewden fuq il-misteru eżistenzjali. Din il-poeżija ġġib ukoll diversi tibdiliet 'l hawn u 'l hinn, fejn jidher li l-poeta qiegħed jilgħab biex isib il-kelma eżatta. Għażilna li hawnhekk nagħtu l-verżjoni aħħarija għax b'differenza mill-każ tal-poeżija u l-kurunella dwar San Ġużepp Benedittu Labre, it-tibdil ma jurix li hemm diversi varjazzjonijiet tal-istess poeżija. Cuschieri daqqa jikteb Betlem u daqqa Betlehem. Bit-Taljan tagħmel iktar sens li tintuża Betlem. Għaldaqstant għażilna li nużaw lilha.
81 Jikkoreġi "piccolo villaggio".
82 Jikkoreġi "agli occhi di Dio".

83 Mingħajr titlu. Mhux kompluta. Fuq wara tal-manuskritt Cuschieri kiteb bil-pinna "Memento! Camilleri".

84 Varjazzjoni: "Quando l'un'ora in estasi sopita/ aerea stette".

85 Bil-lapes: "lung'ora".

86 Mingħajr titlu. Il-manuskritt fih erba' verżjonijiet. Din tidher l-aħħar waħda għax fiha l-inqas korrezzjonijiet.

87 Mingħajr titlu fuq pitazz li fih noti mill-Kostituzzjonijiet tal-Ordni. Tidher li hija xi epigrafu għal santa ta' prima messa. Iffirmata P. P. … //19…

88 Mingħajr titlu. Mhux kompluta. Miktuba fuq pitazz b'noti għal omelija fuq l-Ewkaristija.

89 Bla titlu.

# L-umoriżmu fil-letteratura Maltija

Charles Casha

Fost il-ħlejjaq kollha, il-bniedem biss jista' jidħak jew idaħħak, u għalhekk il-fenomenu tal-umoriżmu nsibuh f'ċiviltajiet u kulturi li ffjorixxew matul iż-żminijiet. Permezz tal-umoriżmu l-bniedem ifittex li jserraħ lilu nnifsu minn dawk il-beżgħat li għandu ġewwa fih. Bħalma l-inbid fil-bettija jeħtieġ l-arja minn żmien għal żmien biex ma jitħassarx, hekk ukoll il-bniedem jeħtieġ l-umoriżmu sabiex ibiegħed it-taħsir li dawn il-beżgħat jistgħu jġibu kemm fuqu u kemm fuq dawk ta' madwaru.

Il-ħajja nistgħu nħarsu lejha minn żewġ perspettivi. Fuq naħa hemm il-perspettiva tas-serjetà u fuq in-naħa l-oħra l-perspettiva tal-umoriżmu, li kapaċi turina l-ħajja f'dawl isbaħ u li biha nkunu nistgħu naċċettaw fatti u esperjenzi li ma tantx huma sbieħ jew jogħġbuna. Jekk wieħed ikollu xi difett fiżiku, iktar faċli li jasal li jgħix bih u jaċċettah jekk iħares lejh mil-lat umoristiku, milli jieħdu bis-serjetà u jispiċċa biex jiffissa u jibda jarah ikbar u ikreh milli hu. L-istess fil-ħajja, sitwazzjonijiet koroh jistgħu jkunu minimizzati jekk ippreżentati b'mod umoristiku.

Coleridge jgħid li l-umoriżmu għandu x'jaqsam b'mod spiritwali mas-sens ta' ħasra u mogħdrija li aħna nħossu meta naraw in-nuqqasijiet tan-natura umana. Fuq kollox l-umoriżmu m'għandux isir b'mod li jweġġa' jew li joffendi lil ħaddieħor.[1]

Mela l-umoriżmu huwa parti integrali minn ħajjitna, huwa bżonn bħalma huma l-arja u l-ilma. U allura jekk il-letteratura se tinterpreta jew tirrifletti fuq il-ħajja u l-imġiba tal-bnedmin, żgur li għandha tilqa' fiha l-umoriżmu.

M'hemmx dubju li l-umoriżmu jeżisti fil-kulturi kollha u ħafna drabi huwa speċifiku għal dik il-kultura partikolari. Kultant jista' jkun hemm raġunijiet storiċi għala nies ta' pajjiż joħolqu ċajt fuq ċittadini ta' pajjiżi oħrajn. Eżempju l-Ingliżi jħobbu jagħmlu ċajt fuq l-Irlandiżi. Jista' jkun ukoll li xi ċajt jew kitbiet umoristiċi ma jkunux apprezzati jew mifhuma minn nies ta' pajjiżi oħrajn għal diversi raġunijiet, bħal meta t-traduzzjoni taċ-ċajta minn lingwa għal oħra tista' titlef ħafna u kważi tibda ma tagħmilx sens. Kultant l-umoriżmu jista' jkun fuq dawk stess li joħolquh (ngħidu: "Kemm għandhom sense of humour!").

Xi wħud mill-kittieba għamlu użu mill-umoriżmu bl-iskop li jiddevertu lill-qarrejja tagħhom. Insemmi l-kitbiet ta' Patri Wistin Born *Mill-Ħajja Maltija*, li nemmen li l-għan ewlieni tagħhom kien li jipprovdu divertiment lis-semmiegħa tar-Rediffusion. L-istess forsi jista' jingħad għall-ġlieda bejn Gerit u Ċikka fir-rumanz *Is-Salib tal-Fidda* tal-istess awtur. U hawn nikkwota silta qasira mir-rumanz:

> Il-ġlied ta' bejn Gerit u Ċikka kien jibda bħal xi taqliba xitwija fl-ajru; beraq ileħħ fil-bogħod, beraq ileħħ aktar qrib u ta' sikwit, tkarwit ta' ragħad mitfi, ragħad aktar qawwi, sajjetti, xita bil-qliel u rwiefen. L-ewwel ma kienu jibdew kienu jaqbdu jsaffru (u f'dan Gerit kienet toħroġ dejjem telliefa minħabba snienha).[2]

Imma bil-maqlub, fir-rumanz *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* Juann Mamo, riformatur soċjali, jinqeda bl-umoriżmu biex juri fiex kien jinsab il-poplu Malti, poplu fqir u injorant, li proprju għax kien nieqes mit-tagħlim ma kellux il-ħila jintebaħ bil-qagħda mwiegħra li kien jinsab fiha. Id-deskrizzjoni ta' Ġakbu turi li għalkemm mar l-Amerka baqa' injorant kif kien qabel ma telaq.

Il-poplu Malti kien medhi bil-ħmerijiet u qajla kien jaf x'qiegħed jiġri madwaru f'dinja ferm akbar u differenti minn dik li kien jgħix magħluq fiha. Permezz tal-umoriżmu, Mamo joħroġ diversi nuqqasijiet tal-poplu Malti, fosthom ċerti drawwiet li ma tantx kienu sbieħ, bħal meta Klement "beżaq rawta fl-art u mesaħ xufftejh".

Fir-rumanz tiegħu Mamo jdaħħal l-umoriżmu f'partijiet twal fir-rakkonti tiegħu, tant li dawn is-siltiet umoristiċi tista' tislithom bħala rakkonti għalihom. Imma f'salt wieħed jieqaf u jiġbidlek l-attenzjoni għas-serjetà li fl-aħħar mill-aħħar ried iwasslek għaliha. Hekk insibu lin-nisa Maltin qegħdin jitkellmu dwar il-ħolm li kellhom u x'numri tal-lottu kellhom jilagħbu u f'salt wieħed Juann Mamo jieqaf u jsemmi n-nisa li f'pajjiżi oħra kienu qegħdin jitkellmu dwar il-vot!

Povru dak il-Malti li f'moħħu "kellu bazaar Orjentali sħiħ u ħrejjef qodma"!

L-umoriżmu jista' jinħoloq ukoll meta l-individwu jġib ruħu b'tali mod li jikxef id-difetti tiegħu mingħajr ma jirrealizza li huma difetti. U aħna nidħku bihom. Hekk, pereżempju, fil-kitba ta' Temi Zammit 'Ir-Rebħa ta' Pupull' aħna nidħku b'Pupull għax hu injorant meta hu ma jafx li hu injorant u li ma kellux ħila jħaddem il-kaxxa tad-daqq. L-istess nidħku b'Ċensa li marret għall-ewwel darba ċ-ċine u għeliet li kienet nefqet sikspenz għalxejn!

> Dur, dur ma rajna xejn, urewna li riedu u l-isbaħ ħwejjeġ li kienu avżati żammewhom.[3]

Jekk immorru għal storja oħra ta' Temi Zammit naraw lir-raħħal f'*Nies bla Sabar*, li għalkemm huwa injorant u bla skola, jaf iħaddem rasu u jobrox xelin bla taħbit minn fuq dahar is-Sur Anġ. Fl-istorja 'Il-Ħmar tas-Sienja' l-avukat jidher imċekken quddiem Peppi tan-nar, li għaraf jagħti tweġiba, frott l-għerf u d-dehen li jiġu mill-esperjenzi tal-ħajja.

Kittieba oħrajn użaw l-umoriżmu biex jikkritikaw is-soċjetà Maltija, kif insibu fl-istorja 'Id-Direttorju' ta' Lino Spiteri, fejn Żeża, il-mara anzjana u ta' ftit tagħlim, teħodha kontra l-burokrazija tad-dipartimenti tal-Gvern.

Tusè Costa, influwenzat minn Boccaccio (skont ma stqarr miegħi huwa stess f'intervista li kont għamiltlu) ħoloq il-karattru ta' *Dak l-imbierek ta' Kappillan*, li permezz ta' stejjer umoristiċi u sarkażmu, fl-ambjent ta' raħal Malti, ried jikkritika lill-Knisja, lill-politikanti u jattakka drawwiet Maltin li fl-opinjoni tiegħu ma kellhomx jibqgħu għax ma kinux tajbin.

Kittieb ieħor li għaraf juża tajjeb l-umoriżmu fil-kitba tiegħu huwa Joe Friggieri, li fl-istejjer dwar 'ir-Ronnie' (karattru simpatiku li jġiegħlek titħassru waqt li titbissem), jistenna li l-qarrej jirrifletti fuq dan il-karattru, li b'xi mod dejjem jispiċċa l-vittma u donnu ma jafx kif se jintegra fis-soċjetà li jgħix fiha. Ta' min hu t-tort, jistaqsi l-awtur? Żgur li mhux dejjem tar-Ronnie. Karattri bħal dak tar-Ronnie narawhom kuljum madwarna u forsi mhux dejjem nissimpatizzaw magħhom.

Oliver Friggieri joħlom li għad jara Malta ġdida u adulta. Fil-ktieb *Fil-Gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri* huwa jsawwar għadd ta' stejjer, frott l-immaġinazzjoni tiegħu, li taħt l-umoriżmu tagħhom hemm moħbija l-karba tal-awtur li tant iħobb lil art twelidu. Kif jistqarr huwa stess, dan l-umoriżmu huwa biss qoxra li taħtu hemm mistura l-bikja tal-poeta.

Kultant l-umoriżmu jista' jintuża biex l-awtur inissel simpatija lejn il-karattri li jkun ħoloq aktar milli biex idaħħak b'xi sitwazzjoni, avolja din tista' tkun komika minnha nnifisha. Dan kien il-ħsieb tiegħi f'xi wħud mill-istejjer li hemm fit-tliet kotba *Mit-Toroq tar-Raħal* (edizzjoni ġdida ta' *Minn Tarf sa Tarf tat-Triq*), *Minn fuq il-Għatba* u *Mill-Gallarija*. Fir-rakkont 'Ix-Xewqa ta' Patist' (*Mit-Toroq tar-Raħal*) il-qarrej għandu jħoss ċerta simpatija lejn Patist, li hu ddominat minn martu u li fl-aħħar wasal biex għamel waħda minn tiegħu, u għalkemm daħħak lil kulħadd bih, kien qata' xewqtu u sar magħruf kif dejjem xtaq u kif kien jimmaġina bil-moħħ dgħajjef tiegħu. L-istess jista' jingħad għal 'Il-Miżwed' (*Mill-Gallarija*) u 'L-Iskorfna' (*Minn Fuq l-Għatba*), iż-żewġ karattri strambi imma simpatiċi li kulħadd kien iħobb u li ma' oħrajn kienu jagħtu kulur lill-ħajja sterjotipata u forsi xi ftit monotona tat-triq fejn trabbejt jien fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet.

Dun Xand Cortis kiteb għadd ta' ħrejjef li permezz tagħhom ried jgħallem. Ir-rakkonti tiegħu huma qosra, bi stil idjomatiku u sintassi maqtugħa. Huwa juża l-umoriżmu biex iwassal il-messaġġ tiegħu, messaġġ li ma tridx wisq biex tifhmu. Għan ieħor fil-kitba ta' Cortis kien li min jaqra jew jisma' dawn il-ħrejjef qosra tiegħu jkun qiegħed jiddeverti b'mod *tajjeb*. U hawnhekk il-kelma 'tajjeb' tirreferi għal dak li hu moralment tajjeb. Alfons Maria Galea wkoll kellu dan l-għan, li jipprovdi lill-qarrejja mezz ta' divertiment *tajjeb*.

Fil-kitba umoristika l-karikatura fid-deskrizzjonijiet jista' jkollha effett qawwi u tagħti lok għall-immaġinazzjoni tal-qarrej. George Zammit jiddeskrivi lil Anġlu u lil Rożu fil-ktieb *Ix-Xhud li ma Deherx*, b'mod xi ftit jew wisq grottesk:

> Jekk Anġlu ma kienx xi xempju tal-ġmiel, Rożu lanqas ma kien ta' min jitgħaxxaq bih wisq. Kien qisu għafrit, magħlub, qasir, liebes qalziet ta' suldat li kien jesa' tnejn oħra miegħu; kien iswed u mgermed daqs qiegħ ta' borma ta' Franza u biex tagħqad kellu *żirma* vjola fuq imnieħru li minħabba fiha kienu laqqmuh 'Brunġiela'.[4]

F'*Għajnejn Kalanġ* ta' Kilin insibu realiżmu li ħafna drabi jippreżenta aspetti negattivi tal-ħajja, bħalma huma d-drogi, il-prostituzzjoni, problemi matrimonjali, il-korruzzjoni u l-bqija. Imma Kilin jaf iżewwaq b'attitudni pożittiva u b'sens reliġjuż li dejjem iwasslu għat-tama aħħarija. Dan nistgħu narawh fir-rakkont 'Inti Biss' fl-istess ġabra ta' novelli. Imbagħad Kilin għandu l-mod tipiku tiegħu kif idaħħal ċerti battuti umoristiċi biex donnu jtaffi t-toqol tal-aspetti negattivi li jittratta f'dawn in-novelli. Hekk fin-novella 'Gamiem u

Baċilli' l-messaġġier waqqa' nofs lira karta fl-art u ta l-bqija fidda lil Toni, li kien iffittat fuq l-indafa u tant jibża' mill-mikrobi. Meta l-messaġġier żamm in-nofs lira, Toni talabhielu u l-messaġġier wieġbu:

> Dik waqgħet fl-art, Sir, dik mimlija baċilli![5]

L-umoriżmu fil-kitba ta' Kilin narawh ukoll meta jiddeskrivi karattri bħall-mara x-xiħa fl-istess storja 'Gamiem u Baċilli'.

> Kellha mustaċċi griżi, wiċċ kollu felul u sinna waħda biss fuq quddiem. Waqt li qed tkellimna poġġitilha dubbiena fuq xoffitha t'isfel u meta għolliet idha biex tkeċċiha rajna li kellha dwiefer twal, suwed u mxaqqin.[6]

L-umoriżmu nsibuh ukoll fil-poeżiji ta' Anton Buttigieg u George Zammit. Fl-epigrammi u poeżiji umoristiċi *Ejjew Nidħku Ftit* u *Ejjew Nidħku Ftit Ieħor* Buttigieg jixħet dawl fuq is-soċjetà ta' żmienu. Bħala satirista Buttigieg ma jrid iweġġa' lil ħadd iżda jwaqqa' għaċ-ċajt id-difetti, il-pożi u l-vizzji tal-"pulċinelli *żgħar* li jekk jirnexxilhom jidħlu daħla fihom infushom u jidħku daħka bihom infushom, ikunu għorrief kbar."[7] Il-vina umoristika li George Zammit juri fl-istejjer ta' Wenzu u Rożi tinħass ukoll f'xi poeżiji umoristiċi ħfief bħal 'L-Għani u l-Pittur' u 'Żewġ Żifniet'.

Fis-seklu sbatax iċ-ċittadini ta' Ruma kienu jesprimu l-oppożizzjoni tagħhom lejn il-korruzzjoni u l-ħakma awtoritarja tal-Papa billi matul il-lejl kienu jwaħħlu kitbiet satiriċi (ħafna drabi kontra l-Papa) ma' statwi fosthom waħda mlaqqma "Il Pasquino", biex filgħodu n-nies jaqrawhom sakemm dawn jitneħħew mill-awtoritajiet. Minn din l-istatwa (Il Pasquino) ħareġ l-isem għal dawn il-poeżiji jew kitbiet satiriċi, u hekk bdew jissejħu "Pasquinati". Waħda minn dawn il-pasquinati kienet tikkritika lill-Papa Urbanu VIII, li kien mill-familja Barberini. Jingħad li dan kien ħa xi xogħlijiet tal-bronż mill-Pantheo biex jagħmel tinda kbira fuq l-artal maġġur f'San Pietru.

> Quod non fecerunt barbari
> Fecerunt Barberini
>
> Dak li m'għamlux il-Barbari
> Għamlu Barberini.

F'kumment li għamel dwar Dwardu Ellul, Pawlu Montebello jxebbah il-kitbiet satiriċi ta' dan l-awtur ma' dawn il-pasquinati.

> Ma' dawk il-Pasquinati jiena nxebbah il-poeżiji ta' Dwardu Ellul. Bħalhom huma qosra, magħsura, maħsuba tajjeb, mimlija "melħ" u joqorsu fil-laħam il-ħaj bis-satira, u bil-parodija bla ħniena tagħhom.[8]
>
> *Plus Cela Change*
> Fil-kurja għamlu kunsill għar-riforma
> ġdid fjamant u bis-solita ċorma
> għat-tisjir fl-istess dlam
> bl-istess nar tal-injam
> bl-istess kok, bl-istess ġwież, fl-istess borma.[9]

Jekk nagħtu ħarsa lejn il-kotba għat-tfal bil-Malti, naraw li fil-maġġoranza dawn huma kotba dwar avventura jew b'tema umoristika. Mill-esperjenza tiegħi fil-klassi u fix-xogħol bħala librar tal-iskola, naf li t-tfal iħobbu żewġ ġeneri estremi – dak umoristiku jew tal-biża'. Fi kliem ieħor, it-tfal, minbarra li jħobbu jidħku, iħobbu *jibżgħu*. Mela l-umoriżmu jappella għat-tfal bħalma jappella għall-adulti, forsi f'aspetti differenti. It-tfal iridu jidħku u permezz tad-daħk l-awtur jista' jilħaqhom, iwassal dak li jixtieq iwassal, iħajjarhom jaqraw u fuq kollox jagħtihom gost.

Fost il-karattri li kisbu suċċess fost il-qarrejja żgħar tagħna hemm Fra Mudest, Kunċett u Marinton u Pietru Pitravu. Iż-żewġt ixjuħ, Kunċett u Marinton, li Zahra jpinġi bħala eċċentriċi, jgħixu f'ambjent magħluq ta' raħal Malti ta' qabel il-gwerra. Kunċett u Marinton huma tant differenti minn xulxin u s-sitwazzjonijiet komiċi huma aktar ibbażati fuq il-karattri ta' dawn it-tewmin. Il-lingwaġġ umoristiku tal-awtur huwa effettiv f'dawn ir-rakkonti.

Cauchi ħoloq il-karattru simpatiku ta' Pietru Pitravu, it-tifel imqarqaċ li tinġibed lejh mingħajr ma trid. Pietru jagħmel bawxata waħda wara l-oħra u l-qarrejja jieħdu gost jaraw lis-Sur Borg jitbaqbaq jew jispiċċa vittma ta' xi waħda milli jaf jagħmel Pietru Pitravu. Naturalment wieħed ma jistax iħalli barra l-istejjer ta' Ġaħan, il-karattru inġenwu li l-praspar tiegħu baqgħu għaddejjin minn ġenerazzjoni għal oħra.

Fl-1967 jiena kont ippubblikajt l-ewwel rakkont ta' Fra Mudest fil-paġni taċ-*Children's Own*. L-umoriżmu f'dawn ir-rakkonti jinħoloq ħafna mis-sitwazzjonijiet li jsib ruħu fihom il-fra, iżda huwa dejjem il-karattru tiegħu li jirbaħ is-simpatija u l-attenzjoni tal-qarrejja. Il-karattri l-oħra li niltaqgħu magħhom f'dawn l-istejjer

huma kollha sekondarji u lkoll b'xi mod jew b'ieħor huma marbutin ma' Fra Mudest, li jitlef jew jirbaħ, u huwa dejjem l-eroj (jew l-antieroj) tal-ġrajja.

Hawnhekk nixtieq nikkwota minn ittra li kitibli l-Prof. Oliver Friggieri dwar dan il-karattru:

> Inti wellidt karattru li llum sar famuż u emblematiku, u li nistħajlu, bħal Pinocchio, jimpika miegħek. Għandek tassew għalfejn tkun hieni u kburi li rnexxielek tul dawn is-snin kollha twelled u tagħti lill-poplu Malti karattru li hu, daqskemm ma huwiex, tat-tfal.
>
> Persuna interġenerazzjonali li kiber ma' ġenerazzjonijiet sħaħ. Fil-persunaġġ tiegħek nara Malti medju oriġinali, li jdaħħak u ma jifraħx dejjem, u li taħt l-inġenwità tiegħu rnexxielek tinserixxi moħħ matur u qalb intensa. F'dan id-dawl fil-persunaġġ tiegħek hemm xi ħadd li hu u ma hux 'modest'. Irnexxielek toħloq suċċessur modern ta' karattru klassiku, bħal Ġaħan, imma li hu wisq aktar kumpless u paradossali minn Ġaħan.[10]

Karattri oħra li huma marbutin ma' sitwazzjonijiet komiċi huma Wenzu u Rożi, in-nannu Ċens, Wiġi u Katrin (fil-ktieb tiegħi *Darbtejn Insiru Tfal*) u Mastru Gerfex.

Kien hemm żmien meta l-poplu Malti ma tantx kellu fejn u biex jiddeverti, u għalhekk is-serati li kienu jsiru fis-sala tal-knisja jew tar-raħal, jew fil-bitħa tal-każin, kienu b'xi mod jimlew dan il-vojt. Fl-ewwel parti tas-serata x'aktarx li kien ikun hemm xi rappreżentazzjoni serja, imma t-tieni parti kienet tipprovdi l-okkażjoni biex in-nies tidħak, u għalhekk il-farsa kienet popolari ħafna. L-islapstick jipprovdi opportunità biex wieħed jidħak b'dak li jiġrilu ħaddieħor, mhux f'sens ta' kattiverija iżda aktar bis-sitwazzjoni nnifisha milli għax wieħed jieħu gost li ħaddieħor weġġa' jew ġralu xi ħaġa. L-iskop tal-farsa huwa li jdaħħak b'esaġerazzjonijiet u mhux li jimita r-realtajiet tal-ħajja. Fil-farsa l-karattri qegħdin hemm biex iwasslu t-tema tal-plott, filwaqt li fil-kummiedja l-karattri huma aktar importanti mill-plott.

L-umoriżmu nsibuh ukoll fil-makkjetti u l-kanzunetta Maltija, l-aktar meta din tal-aħħar bdiet tieħu r-ruħ u min kien jemmen li l-Malti ma joqgħodx għall-kanzunetti bħalma kienu l-Ingliż u t-Taljan, beda jara li kellu żball. Fost il-kanzunetti li nkitbu kien hemm xi wħud b'temi umoristiċi. Insemmi bħala eżempji l-kanzunetti 'Sparaw għall-Qamar' (1960), 'Xemx jew Qamar' (1962), it-tnejn kitba ta' George Zammit u mużika ta' Joseph Ciappara, u 'Taxi

Mary' (fil-bidu tas-sebgħinijiet), kitba ta' Fredu Abela (il-Bamboċċu) u George Azzopardi (il-Makk).

Hawnhekk nixtieq insemmi l-ġabra ta' tletin kanzunetta Maltija bl-isem *Malta's Lost Voices*,[11] li rriproduċa Andrew Alamango. Uħud minn dawn għandhom tema umoristika – 'X'Aħna Sbieħ Min Jaf Jarana' (C. Satariano), kantata minn Emmanuele Cilia u l-Kor, 'Maddalena' (C. Satariano, V. Ciappara), kantata minn Carlo Satariano, u 'Għid lill-Mamà' (C. Pace) kantata mis-Sinjorina Aquilina, W. Cachia u A. Castelletti.

Hemm ukoll il-ġurnali Maltin li kellhom l-għan li jkunu umoristiċi jew satiriċi, bħalma kienu *Il-Ġannett*, *L-Għafrit*, *Bertoldu*, *Iċ-Ċajtier*, *Panjotta*, *Dr Brombos*, *Ix-Xewka*, *Il-Felu*, *Ġaħan*, *Il-Frosta* u *In-Niggieża*.

Dan l-aħħar rajna l-pubblikazzjoni ta' xi kotba li fihom ġabra sabiħa ta' aneddoti umoristiċi. Qed nirreferi għall-kotba *Iċ-Ċirasa* (Mario Galea), *Ċajt ta' Klassi u Battuti Oħra* (Bertram Portelli), *Ġustizzja bi Tbissima*, *Hekk Nafhom Jien*, *Nidħku Bina Nfusna* (Tonio Borg), *Praspar mill-Klinika* (Marica Mizzi), *Żelqiet Sportivi u Ċajt Ieħor* (Mario Pisani), *Tilqima bi Tbissima* (William Grech) u *Ċajt mis-Sagristija* (Josianne Camilleri). *Xenati minn fuq il-Palk* ta' Ron Briffa.

Tip ieħor ta' umoriżmu huwa dak li bl-Ingliż jissejjaħ 'black humour'. F'xi wħud mix-xogħlijiet ta' Alfred Buttigieg, Oreste Calleja, Ġużè Stagno u Alex Vella Gera nsibu dan it-tip ta' umoriżmu. L-iskop aħħari ta' dan l-umoriżmu mhux li jwaqqa' għaċ-ċajt jew jirridikola, iżda li jwassal għal katarsi intellettwali. Imma huwa wkoll umoriżmu li juri r-realtà traġika tan-natura u d-destin tal-bniedem. Il-ktieb *La Daronne* ta' Hannelore Cayre (maqlub għall-Ingliż minn Stephanie Smee bl-isem *The Godmother*) huwa thriller li fih insibu ingredjenti ta' dan l-umoriżmu iswed jew il-kummiedja sewda. Hemm diversi kittieba barranin li fix-xogħlijiet tagħhom insibu dan it-tip ta' umoriżmu, bħal Joseph Heller, John Irving, Martin Amis, Philip Roth, Amanda Filipachi u Robert Anton Wilson. Imma waqt li kont qiegħed niġbor xi tagħrif dwar kittieba ta' dan il-ġeneru, sibt ukoll li l-istejjer ta' Roald Dahl huma meqjusa li fihom dan l-umoriżmu iswed.

> What his children books and his adult fiction have in common
> is the author's interest in dark themes and their humorous treatment.[12]

Fi tweġiba għall-mistoqsija "Kif tagħmel użu mill-umoriżmu fid-drammi tiegħek?" Simone Spiteri, drammaturgu, weġbitni hekk:

> Biex inkun onesta ma tantx infittex li ndaħħal umoriżmu jew serjetà b'xi mod. Nisma' dak li l-karattri jkunu jixtiequ jgħidu u ħafna drabi l-umoriżmu joħroġ waħdu, bħala konsegwenza tas-sitwazzjoni li l-karattru/xena jkunu fiha. Minħabba li l-parti l-kbira tal-kitba tiegħi hi fit-teatru, hemm ukoll l-element ta' sorpriża li tiskoprih waqt il-provi, meta tkun qed tesperimenta mal-atturi. Ġieli passaġġi li ma kontx immaġinajthom li huma tad-daħk jispiċċaw ikunu umoristiċi meta d-dramm jieħu l-ħajja, minħabba l-mod ta' kif attur/direttur jiddeċiedi li jaħdimha. L-istess ħaġa waqt ir-rappreżentazzjonijiet infushom. Mhux l-ewwel darba li udjenza tidħak f'post li m'antiċipajniex jew f'punt fid-dramm li l-udjenza tal-ġurnata ta' qabel ma tkunx daħket fuqha. (13/06/2020)

L-umoriżmu jvarja skont il-kultura, id-drawwiet, it-twemmin ta' kull poplu u ż-żminijiet differenti. Jista' jagħti l-każ li dak li għall-Ingliżi huwa umoristiku, għalina l-Maltin ma jkunx. F'intervista li kellu fuq Net News (Diċembru 2017), dwar il-ktieb tiegħu *Maltese Humour – but Seriously*, l-awtur Martin Morana jgħid hekk dwar l-umoriżmu tal-Maltin:

> Il-Maltin idaħħquhom ħafna tipi ta' ċajt u umoriżmu. Naħseb l-iżjed ħaġa bażika hija l-islapstick. Slapstick huwa l-buffunaġni… meta l-bniedem jagħmel ċerti mossi, il-body language tiegħu tkun tad-daħq, jilbes b'mod goff. U din narawha anki fl-umoriżmu li naraw fuq il-palk. Ħafna drabi l-komiċi tagħna, meta jkunu fuq il-palk biex idaħħqu, biex jenfasizzaw aktar iċ-ċajt tagħhom jilbsu b'mod stramb.

Morana jgħid ukoll li ċ-ċajt politiku u dak marbut mas-sess huma wkoll umoriżmu favorit fost il-Maltin. Il-ktieb ta' Morana jiġbor fih studju fuq l-umoriżmu Malti, kemm dak tal-passat u kemm dak tal-preżent.[13]

Bħala eks għalliem nemmen ħafna li d-drama tista' tgħin biex it-tfal jiżviluppaw it-talenti tagħhom, u b'dan il-ħsieb f'moħħi jiena kont ktibt erba' drammi li fihom daħħalt kanzunetti, umoriżmu u żfin biex b'hekk nagħti l-opportunità lil numru kbir ta' studenti jieħdu sehem u jiskopru xi talent li jista' jkun għadu moħbi fihom. Bejn l-1993 u l-1995 jiena ktibt erba' drammi oħra qosra għall-istudenti tal-ħames sena fl-iskejjel sekondarji.[14] Dawn kellhom tema soċjali, imma fi tlieta minnhom jiena għamilt użu mill-umoriżmu għax ridt nilħaq ċerti għanijiet. Bil-għajnuna tal-umoriżmu ridt nasal għas-serjetà.

F'*It-Timbru tas-Soċjetà* jiena kkritikajt lis-soċjetà li ħafna drabi tittimbra liċ-ċittadini skont kriterji bbażati fuq il-preġudizzju, tagħrif żbaljat u għax

hekk ikun jaqbel. Il-Kunsill tax-Xjuħ li jmexxi l-belt Città Storduta huwa ppreżentat b'mod umoristiku u kultant redikolu, f'kuntrast qawwi mar-*Ribell*, iż-żagħżugħ li fl-aħħar ikisser dawn in-normi tas-soċjetà.

Fid-dramm *Il-Verità* jiena trattajt is-sensazzjonaliżmu fl-aħbarijiet u l-iżball li jsir minn xi ġenituri meta dawn iqabblu s-suċċessi li jiksbu wliedhom fl-iskola u fil-karriera, bil-konsegwenza li xi drabi xi wħud mill-ulied jispiċċaw jitilfu kull fiduċja fihom infushom. Il-bidu tad-dramm huwa umoristiku, fejn il-qarrejja tat-tliet gazzetti *Id-Dritt*, *Il-Verità* u *Is-Sewwa* qegħdin jaqraw l-istess aħbar fit-tliet gazzetti, imma b'interpretazzjoni differenti, u għal dawn il-qarrejja dak li jaqraw huwa 'vanġelu'.

*X'Aħna Sbieħ min Jaf Jarana* huwa dramm li jittratta ħames temi: is-sens ta' tpattija, in-nuqqas ta' paċi, in-nuqqas ta' tolleranza, il-kburija u l-ipokrezija. Dawn it-temi huma trattati b'mod umoristiku b'ħames atti qosra li jsiru fiċ-Ċirku u li huma wkoll imżewqa b'taqbiliet folkloristiċi Maltin.

Il-Kaptan bil-pipa f'ħalqu,
f'ħalqna gidba mill-kbar nett!
U l-lanċa tibqa' tbaħħar,
minn Tas-Sliema għal Marsamxett
…
Kulħadd jemmen dak li jogħġbu,
basta jkun, dan, jaqbel magħna,
għaliex aħna tolleranti.
X'aħna sbieħ min jaf jarana!
…
U bħall-Buffu naħbu wiċċna
taħt dil-maskra kollha lwien.
Kemm hi tqila biex ninżgħuha!
Tgħid tibqa' hemm għal tul iż-żmien?[15]

Għadni niftakar tajjeb is-satira *Aħn'Aħna jew m'Aħniex?* (1986), li tant konna nistennew bil-ħerqa biex naraw l-episodji u li meta waqfu ħallew vojt kbir. Grupp ta' sitt żgħażagħ fuq xarabank jinqabdu fi studio minn fejn ma jistgħux joħorġu, u għalhekk ikollhom joqogħdu jsegwu x'kien qiegħed jiġri fil-pajiiż fittizju jismu Chuckaii. B'dan il-mod il-programm kien jesponi u jikkritika l-imġiba kollettiva tal-poplu Malti.

## Għeluq

Meta l-kittieb jirnexxilu jagħmel użu tajjeb mill-umoriżmu, jasal biex iqanqal lill-qarrej biex jirrifletti u jmur lil hinn mill-kelma miktuba. Il-bniedem iħoss il-bżonn li jesprimi d-dwejjaq jew li jibki. Hekk ukoll fil-bniedem hemm ix-xewqa li jidħak. Dan narawh meta f'xi kriżi serja l-umoriżmu jtaffi ħafna mill-weġgħat u l-beżgħat li l-poplu jkun għaddej minnhom. Ukoll fil-politika, li taf tkun mezz ta' firda, speċjalment fejn jidħol l-element tal-fanatiżmu. Ċajta fuq il-politiċi, miktuba u preżentata b'mod intelliġenti, taf tinżel tajjeb ukoll ma' dawk li forsi wieħed jistenna li mhux se jaċċettawha jew li se jħossuhom offiżi b'dak li jingħad jew jinkiteb. U l-istess nistgħu ngħidu għall-aspetti l-oħrajn tal-ħajja li kapaċi joħolqu firda u mibegħda, bħalma huma r-reliġjon, il-kulur tal-ġilda, l-orjentament sesswali u l-bqija.

Battuti umoristiċi waqt xi omelija, taħdita, lecture jew xi forma oħra ta' komunikazzjoni żgur li jgħinu ħafna biex jiġbdu l-attenzjoni u l-interess tal-udjenza, u dak li jkun jixtieq iwassal il-kelliem jasal b'aktar faċilità. Battuta umoristika tajba u f'waqtha taf tibqa' stampata f'moħħ il-qarrej jew semmiegħ u ġġiegħlu jaħseb fuq dak li jkun qara jew sema'.

Jekk il-kittieb jiddeċiedi li se jagħmel użu mill-umoriżmu fil-kitba tiegħu, irid qabelxejn jara kif se jużah biex dan jilħaq l-għan aħħari tiegħu. L-umoriżmu jista' jkun wieħed ħafif u dirett, ħafna drabi parti mill-ġrajja jew inkella deskrizzjoni (kultant grotteska) ta' xi karattru.

L-umoriżmu jista' jkun biċċa għodda tajba f'idejn il-kittieb biex jittratta problemi soċjali jew personali. L-umoriżmu, meta mqiegħed f'postu, itaffi mill-element qawwi ta' xi kitba li taf tgħejji lill-qarrej meta dan ikollu x-xewqa li jirrilassa.

Mil-lat psikoloġiku l-umoriżmu jgħin ħafna biex inkunu aktar f'saħħitna, għax jista' jħalli effett pożittiv kemm fuq is-saħħa fiżika u kemm fuq is-saħħa mentali. Ftit snin ilu attendejt għal wieħed mill-kunċerti sbieħ ta' André Rieu u l-orkestra tiegħu. F'ħin minnhom André staqsa lill-udjenza: "Kif taħsbu li kienet tkun id-dinja mingħajr il-mużika?" U tajjeb li hawnhekk nistaqsu lilna nfusna: "Kif kienet tkun il-letteratura mingħajr l-umoriżmu?"

**Noti**

1 Gusheva, Jasmina Mojsieva. *Humour in Literature*. Blesok 05, Oct-Nov 1998.

2 Born, Wistin. *Is-Salib tal-Fidda*. Merlin Library Ltd, 1991: 33.

3 Zammit, Temi. *Nies bla Sabar u Stejjer Oħra*. Merlin Library Ltd, 1987: 25.
4 Zammit, Ġorġ. *Ix-Xhud li ma Deherx*. Klabb Kotba Maltin, 1984: 58.
5 Briffa, Charles. *In-Novella Maltija*. PIN, 1991: 136, 137.
6 Kilin. *Għajnejn Kalanġ u 24 storja oħra*. Klabb Kotba Maltin, 1998: 16.
7 Buttigieg, Anton. *Ejjew Nidħku Ftit*. 1962 (l-aħħar strofa tal-Prologu): 1.
8 Montebello, Pawlu. *Ħabib, Dwardu, Għadek Fostna* (apprezzament tal-ktieb *Lejn is-Sema bid-Daħka – Epigrammi ta' Dwardu Ellul* miġbura minn Eugene P. Sapiano. SKS, 1984, nru 10): 100-102.
9 Ellul, Dwardu. *Lejn is-Sema bid-Daħka – Epigrammi ta' Dwardu Ellul*.
10 Friggieri, Oliver. Ittra lill-awtur datata 8 ta' Marzu 2018.
11 Alamango, Andrew. *Malta's Lost Voices – recordings of Maltese music from the early 1930s*.
12 Šimková, Martina. *Darkness and Humour in Selected Short Stories by Roald Dahl*. Masaryk University, 2014.
13 Morana, Martin. Intervista fuq Net News dwar il-ktieb tiegħu *Maltese Humour – But Seriously*. 25 ta' Diċembru 2017.
14 Casha, Charles. *Minn Bejn il-Kwinti*. Stamperija Indipendenza, 1995.
15 Casha, Charles. *Minn Bejn il-Kwinti*. Stamperija Indipendenza, 1995: 51, 54.

# Proża popolari Maltija kontra l-Komuniżmu

Sergio Grech

Id-deċiżjoni tal-1961 tal-Perit Duminku Mintoff li jdaħħal il-Partit Laburista fl-A.A.P.S.O. xegħlet il-bozza l-ħamra għal dawk li kellhom l-emmna li l-politiku msemmi kellu l-ħsieb li jibdel lil Malta f'Kuba oħra fil-Mediterran.[1] Essenzjalment, dawn it-talin kienu konvinti li s-Sur Mintoff kellu l-pjan li jibdel lil Malta fi stat Komunista, kif kien għamel Fidel Castro fil-każ ta' Kuba, fejn il-pajjiż inbidel f'wieħed Komunist, alleat tar-Russja u ċ-Ċina.[2]

Grazzi għall-istampa, il-Moviment Azzjoni Soċjali, immexxi minn Dun Fortunato P. Mizzi, iben il-Prim Ministru Nerik Mizzi, kien kixef dak il-fatt tas-sħubija[3] u minn hemm tista' tgħid li jibda moviment ta' proża bil-Malti, primarjament fil-ġurnali, kotba żgħar kif ukoll permezz tal-karti volanti kontra l-Komuniżmu.

Is-sħubija fl-A.A.P.S.O. ġiet deskritta mill-alleati Kattoliċi bħala anti-Kattolika u żnaturali, u din ma setgħetx ma tqanqalx ċerta ewforija anki fil-kamp tal-pubblikazzjonijiet.[4] It-terminu 'proża' hawnhekk qed jintuża b'komma wiesgħa kemm jista' jkun, imma mhux jinkludi n-novella, il-poeżija jew ir-rumanz.

Il-moviment kontra l-Komuniżmu kellu l-kaptani tiegħu, li primarjament kienu jagħrfu lill-Kap tal-Knisja Kattolika Monsinjur Mikiel Gonzi bħala dak li kellu jilqa' għall-assedju Komunist. Dawn is-sorsi kienu qed jgħidu fost l-oħrajn li Malta ta' Pawlu, l-Appostlu tal-Ġnus, kienet fid-dmir li taqbeż għall-patrimonju Nisrani tagħha miġjub mill-qaddis imsemmi. Sena qabel, Malta kollha kienet waqfet biex tfakkar l-1,900 sena minn dik il-ġrajja storika

meta skont it-tradizzjoni San Pawl waqaf Malta għal xi xhur u ta d-din Nisrani lill-Maltin. Saru ċelebrazzjonijiet kbar b'diversi dinjitarji barranin.[5]

**L-isfond fil-qosor**

Fil-qosor ta' min jispjega li fl-1958 il-Partit Laburista kien irriżenja mill-gvern wara li falliet il-politika tiegħu tal-Integrazzjoni mar-Renju Unit, u ħtija ta' komplikazzjonijiet finanzjarji oħrajn il-Prim Ministru Mintoff kien iddeċieda li jieqaf hemm f'dik li hi tmexxija tal-pajjiż.[6] Kien hemm ukoll il-famużi rvellijiet ta' April 1958.[7] Mintoff kien anki waħħal fil-Knisja Maltija li tellfet dik l-opportunità tal-Integrazzjoni lill-Maltin, li skont hu kienet tfisser paga ta' disa' sterlini fil-ġimgħa u l-qerda tal-emigrazzjoni minn Malta darba għal dejjem.[8]

F'dak il-punt, f'termini ta' diskors tat-triq, kien żdied 'għadu' ieħor f'għajnejn il-Kap Laburista. Kif qal Mintoff stess lil Pirotta, mill-1959 'il quddiem kien iddeċieda li l-Knisja tkun miġġielda, u fost l-oħrajn ftit snin qabel kien beda diskors li l-Knisja kienet alleata mal-gvern Ingliż.[9] Mintoff kien ħoloq il-famuża metafora *Sir Michael Gonzi* meta kien jitkellem dwar l-Arċisqof.[10] Il-botta kienet ċara - l-Arċisqof kien kelb tal-but tal-Ingliżi ħakkiema.

Sadanittant Mintoff kien beda jitkellem dwar indipendenza mingħajr sarima għal Malta. L-affarijiet kellhom jikkumplikaw ruħhom fi żmien qasir, sakemm il-Knisja ħarġet l-interdett fl-1961 wara li talbet lill-Partit Laburista jirtira *Stqarrija ta' Politika*.[11]

Fl-1962 il-Partit Nazzjonalista kien rebaħ l-elezzjoni, u sa sentejn wara Malta ħadet l-Indipendenza tagħha minkejja li l-profeti foloz kienu raw id-dagħbien kull darba li ssemmiet dik il-kelma. Kienet elezzjoni missielta, bil-Knisja tagħti struzzjonijiet ċari preferenzjali għal min l-elettorat kellu jivvota. Il-vot kellu jmur għal dawk il-partiti li tlaqqmu 'ta' taħt l-umbrella', li kienu jeskludu lill-Partit Laburista.

L-istampa kienet lagħbet parti kbira f'dik l-elezzjoni, li rat ukoll numru rekord ta' kandidati. Waħda mill-għajtiet elettorali kienet biex Mintoff ma jitlax, biex il-Komuniżmu jibqa' barra l-pajjiż. Wieħed irid ifakkar ukoll li fl-Italja, pajjiż ġar ta' Malta, il-Partit Komunista kien l-iktar wieħed b'saħħtu wara dak Russu, u dan kollu kien jiftaħ l-għajnejn ta' min kien jibża' mill-Komuniżmu. Il-Partit Komunista Taljan kien twaqqaf fl-1921, inċidentalment fl-istess żmien li f'Malta twaqqaf il-Partit Laburista.

**Biżgħat qodma mill-Komuniżmu**

Tajjeb jingħad li din ma kinitx l-ewwel darba li f'Malta ssemma diskors kontra l-Komuniżmu. Lura fis-snin meta twaqqaf il-Partit Laburista fl-1921 kien qam biża' dwar ix-xellug Malti x'direzzjoni kien se jieħu, u allura l-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Mawru Caruana kien talab lil Monsinjur Mikiel Gonzi biex jidħol fil-lista tal-kandidati Laburisti.[12] Fil-fatt il-partit spiċċa b'moviment kontra l-ieħor fi ħdanu stess, wieħed favur Laburiżmu Nisrani u l-ieħor iktar ta' linja Soċjalista.[13]

Wieħed ma jridx jinsa li ftit snin qabel, il-Knisja Maltija f'kumplott mal-Gvern Ingliż kienet sikktet lil Manwel Dimech minħabba l-kitbiet tiegħu u dan spiċċa eżiljat.[14] Terġa' u tgħid, l-enċiklika tal-Papa Ljun XIII *Rerum Novarum* għalkemm tkellmet fuq il-jeddijiet soċjali għall-ħaddiema u qablet mal-kunċett tal-istrajk f'sens ta' moderazzjoni, kienet ħadet pożizzjonijiet ukoll kontra s-Soċjaliżmu u l-Komuniżmu u anki l-Kapitaliżmu.

Sadanittant, iktar tard, fis-seklu 20 bikri kif ukoll wara, bdew joħorġu wkoll verżjonijiet bil-Malti tal-enċiklika kruċjali ta' Ljun XIII. Fl-1930 id-Dumnikan Ġeraldu Paris kien ħareġ traduzzjoni tal-enċiklika msemmija.[15] Fl-istess perjodu, bejn wieħed u ieħor, Alfons Maria Galea kien qed jipproponi s-sensiela ta' kotba tiegħu *Cotba tal-Mogħdija taż-Żmien*, li hu kien qed jissottomettihom għaċ-ċensura Kurjali.

Il-Knisja kienet ukoll b'seba' għajnejn fuq it-tarzna, li kienet meqjusa bħala l-bejta tar-radikaliżmu u n-nonkonformità. Ma jidhirx imma li Alfons Maria Galea kien espona dawn is-suġġetti tas-Soċjaliżmu u l-Komuniżmu fil-proġett tiegħu.

Iktar ma għadda żmien, il-partiti politiċi bdew jesprimuha fil-manifest elettorali tagħhom li huma Nsara u li kienu se jimxu ma' dawk il-prinċipji li għall-Knisja kienu kardinali. Il-Knisja kienet tibża' li s-Soċjaliżmu seta' awtomatikament iwassal għall-Komuniżmu, u allura dan ma kienx ittollerat.

Minbarra r-*Rerum Novarum* il-Papiet li ġew wara komplew isaħħu t-tagħlim f'dan ir-rigward, u beda l-argument mill-Papat li n-Nisrani ma setax ikun Soċjalista, u li s-Soċjaliżmu kien se jwassal għall-Komuniżmu, li kien ateu u inuman.[16] Dawn l-enċikliki, minn żmien għal żmien, bdew ukoll jinqalbu għall-Malti u bil-mod il-mod beda dieħel lingwaġġ teoloġiku fl-ilsien-omm.

Fl-erbgħinijiet tas-seklu 20 beda diskors dirett li l-Komuniżmu kien dieħel f'Malta. L-akkuża kienet saret mill-Arċisqof Gonzi nnifsu. Fl-1948 hu kien sostna li l-Komuniżmu kien jinsab fuq l-għatba ta' Malta.[17] F'Mejju tas-sena

ta' wara, meta kien qed jindirizza attività taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, l-Arċisqof kien sostna li l-Komuniżmu kien dieħel f'Malta f'dożi żgħar.[18] Spjega wkoll li dawn l-individwi kienu xorta jmorru għall-attivitajiet reliġjużi biex ma jintgħarfux u ma jinqabdux li huma Komunisti. B'mod partikolari, Monsinjur Gonzi rrefera għat-Tarzna bħala bejta suspettuża għall-Komuniżmu.[19]

Fid-diskors tal-Kandlora tal-1959, meta ma kienx hawn gvern Malti, il-Gvernatur Robert Laycock kien għamel rimarka li l-letteratura Komunista kienet dieħla f'Malta b'ċerta konsistenza, u żied jgħid li l-pajjiżi ta' wara l-Purtiera tal-Ħadid kienu konvinti li f'Malta setgħu jippenetraw b'mod kbir.[20]

## L-Għaqda ta' Qari Tajjeb tilqa' għall-Komuniżmu

Fl-1935 il-patri Ġiżwita Thomas Agius waqqaf l-Għaqda ta' Qari Tajjeb. Għall-għaqda tiegħu Agius kien addotta motto ispirat minn Santu Wistin: Ħu f'idejk u *aqra*. L-ewwel ktieb li ħareġ Agius kien traduzzjoni tal-kitba ta' Monsinjur Cologan dwar San Ġwann Fisher. Bħala emblema l-Għaqda ta' Qari Tajjeb kienet iġġib salib bi tmien ponot. Mill-1935 sal-1941 l-Għaqda ta' Qari Tajjeb ħarġet 41 ktejjeb, u sas-sena msemmija 7 titli kienu eżawriti għalkollox.[21]

Fil-lista ta' pubblikazzjonijiet tal-Għaqda ta' Qari Tajjeb wieħed jiltaqa' wkoll ma' titli li jmissu t-tema tal-Komuniżmu u s-Soċjaliżmu. Dun Ġużepp Zarb, li iktar tard fost l-oħrajn kien sar kappillan ta' Ħaż-Żabbar, kien ippubblika *Soċjaliżmu* u l-ktieb dwar il-*Mażunerija*. Il-Knisja Kattolika kienet ilha sa mis-seklu 18 li ħadet pożizzjoni kontra l-Mażunerija. Fil-każ ta' *Soċjaliżmu* ntuża l-kulur aħmar fil-qoxra u illustrazzjoni ta' raġel b'bandiera ħamra f'idu.[22]

Mal-kitbiet ta' Zarb, dejjem fi ħdan l-Għaqda ta' Qari Tajjeb, ta' min iżid li l-Latinista Dun Edward Coleiro fl-1935 kien ippubblika żewġ traduzzjonijiet li jmissu mas-suġġett diskuss – *Il-Bolxeviżmu*[23] u *Communiżmu*.[24] Hawn min isostni li l-awtur imsemmi kien jinfluwenza ħafna lill-Arċisqof Gonzi. Coleiro kien ukoll prekursur tas-soċjoloġija Kattolika f'Malta.

Il-qarrej għandu jżomm f'moħħu li dan kien ukoll il-perjodu tal-każ tas-Sedizzjoni, meta f'Marzu 1933 numru ta' attivisti Laburisti ġew imħarrka u mtellgħin il-Qorti minħabba li kellhom fir-residenza tagħhom letteratura fost l-oħrajn Komunista kif ukoll testi ta' Bernard Shaw, meqjusa dik il-ħabta bħala sedizzjużi u sovverżivi li jkollok, li inċidentalment fl-Ingilterra, li dik il-ħabta Malta kienet taħtha, ma kinux.[25] Iż-Żejtuni Karmnu Carabott, li Mintoff jiddeskrivih bħala sieħbu, kienu nstabulu manifest Komunista u diversi rivisti Komunisti.[26]

**Sehem il-gazzetti u r-rivisti**

F'kemm ilni ngħidlek, wara li faqqgħet l-istorja tal-A.A.P.S.O., il-gazzetti u r-rivisti Kattoliċi lokali mtlew b'artikli u kontro-artikli dwar is-suġġett. Diversi artikolisti kienu jiffirmaw il-kitbiet tagħhom b'nom de plume. Dan minbarra l-ittri lill-editur u kultant kienet tiżżerżaq ukoll xi taqbila. Din t'hawnhekk hija biss idea ġenerali; tant hu vast il-materjal!

Il-*Leħen is-Sewwa* kienet minn ta' quddiem f'din il-battalja tal-kliem, u bdew jidhru diversi artikli miktuba minn Don Camillo u Gladiator,[27] li kienu Patri Feliċjan Bilocca u Patri Karm Fenech rispettivament. Din il-ħabta *Leħen is-Sewwa* kienet editjata minn Dun Salv Bartoli Galea, li kellu pinna b'saħħitha ħafna u li ma tagħmilx wisq kompromessi.

Bartoli Galea dam editur ta' *Leħen is-Sewwa* għal tlieta u tletin sena, u fi kliem Herbert Ganado kien kolt "bħala qassis u bħala storiku, kien studjuż…"[28] Tista' tgħid ukoll li bosta mill-kelliema fir-rallies tal-Ġunta kienu jiktbu wkoll l-artikli tagħhom fil-gazzetta msemmija, bħal Patri Joseph Bernard SJ.

Noms de plume kien hemm bil-gzuz. Dun Anġ Seychell, li kien chaplain taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, kien juża Marċell. Lino Cassar, li kien fuq in-naħa Laburista, kien juża Carcas. Fil-*Forward* kien jikteb Minini. Piju Spiteri kien Ralph il-Bajjad. Diffiċli ssib soluzzjonijiet għal ħafna oħrajn minħabba l-kwantità kbira li kienu dehru. Mhux eskluż li l-istess persuna kienet tħaddan ismijiet differenti.

Is-suġġett bosta drabi kien jiġi trattat minn diversi angoli – fosthom dawk teoloġiċi u storiċi. Pereżempju Dun Mikielanġ Camilleri ppubblika artiklu fuq l-ewwel paġna dwar il-Ħajt ta' Berlin, li kien konsegwenza tal-Komuniżmu.[29]

Il-gazzetti kienu jirrappurtaw ukoll fuq stejjer fejn il-Knisja kienet qed tkun trattata ħażin mill-gvernijiet Komunisti jew stejjer ta' avvanz mill-Komunisti. Kuba kienet tkun spiss fl-aħbarijiet minħabba Fidel Castro. *Il-Ħaddiem*, li kienu jippubblikawh iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara (ŻĦN), kellu sikwit stejjer dwar Kuba, bħal "Oħt Castro Ħarbet minn Kuba."[30] Niftakar lill-editur innifsu Piju Spiteri jgħidli li hu dik il-ħabta kien attenda konferenza fil-Brażil taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u kien irnexxielu jkollu sorsi tajbin dwar Kuba għall-gazzetta tiegħu.

Ta' min jagħmel parentesi hawnhekk u jiddistingwi ftit x'qed jifhem b'ġurnali Kattoliċi. Fil-verità f'Malta kulħadd, jew il-maġġoranza, kien ta' dik il-fehma reliġjuża, imma kellek gazzetti li kienu ta' għaqdiet reliġjużi u oħrajn indipendenti jew ta' partit politiku. Anki dawn tal-aħħar, fil-verità, għalkemm

ma kellhomx linja diretta Kurjali, kienu ta' natura Kattolika. Naturalment il-gazzetti Laburisti ma naqsux li jwieġbu għall-akkużi li l-gazzetti l-oħrajn kienu jagħmlulhom.

*Il-Berqa*, *The Times of Malta* u *Forward* tal-familja Strickland ma naqsux li jirrappurtaw dwar il-Komuniżmu. Attiv f'din il-linja kien hemm il-ġurnalist u opinjonista J. G. Vassallo, li fl-1962 kien ikkontesta l-elezzjoni mas-Sinjorina Mabel Strickland u l-Partit Kostituzzjonali Progressiv. Minn dak il-partit, fl-elezzjoni msemmija, kienet telgħet Mabel biss.

J. G. Vassallo, fost l-artikli li kien kiteb fil-*Forward*, kien sostna li min kien Komunist kien tgħallem u kien żviluppa t-tekniċi tiegħu ta' kif jopera f'arti fina.[31] Skont hu, il-Komunisti riedu jaqtgħu l-linja bejn l-Insara u Ruma. Il-qassis li jikkoopera mal-Komunisti kien jissejjaħ minnhom 'progressiv' waqt li dak li jopponi kien għalihom 'reazzjonarju'. Kompla jallega li l-Komunisti l-ġlieda tal-klassijiet riedu jdaħħluha anki bejn il-qassis sinjur u l-qassis fqir.

Ta' min iżid li l-*Forward*, għalkemm il-qarrejja tagħha kienu ftit wisq, kienet anki żvelat artiklu li kien deher ir-Russja, fil-gazzetta Komunista *Isvestia*, li kien qed jaqbeż għall-Perit Mintoff u jikkritika lill-Gvern Ingliż u lill-Knisja Maltija, lit-tnejn li huma l-'għedewwa' komuni tal-Partit Laburista.[32]

F'artiklu ieħor partikolari, *Il-Berqa* sostniet li fil-pajjiżi Baltiċi l-Knisja kienet għaddejja minn kundizzjonijiet ħżiena.[33] L-attivitajiet reliġjużi kienu kontinwament taħt attakk mill-atei Bolxevisti u l-awtoritajiet kienu qed jagħmlu tfittxija fil-libreriji pubbliċi u l-ħwienet tal-kotba għal-letteratura Kattolika. Bibbji u kotba tal-kant kienu qed jiġu kkonfiskati wkoll. Il-gazzetta kompliet tallega li l-kleru bosta drabi kien qed jispiċċa taħt interrogazzjoni kontinwa mill-Pulizija Komunista.

*Il-Qawmien* tal-Moviment Azzjoni Soċjali (M.A.S.) mhux biss kixfet l-istorja tal-A.A.P.S.O. iżda kompliet tinsisti li l-Komuniżmu kien l-għadu ewlieni taċ-ċiviltà Kattolika. Il-Komuniżmu, billi hu materjalista, ma setax jaqbel mal-prinċipji Kattoliċi, bħall-eżistenza t'Alla, l-idea tar-ruħ u l-ħajja wara l-mewt. Il-Komuniżmu "jeqred il-libertà u d-demokrazija" u hu "l-aktar kolonjaliżmu kiefer".[34] *Il-Qawmien* għamlet akkuża lil Mintoff li s-Soċjaliżmu "li ser ikollna nħabbtu wiċċna miegħu mhuwiex dak moderat u demokratiku… iżda Soċjaliżmu li jrid jaqdi kemm jista' lir-Russja."[35] Għall-gazzetta msemmija, "il-Komunisti ma għandhomx kuxjenza".[36]

*Il-Qawmien* mhux biss mexxiet kampanja kontra l-Komuniżmu imma allegat ukoll li l-ħakma li l-Mażunerija kellha fuq il-pajjiż kienet kbira tant li,

skont hi, dawn kienu qed jokkupaw "pożizzjonijiet kjavi kullimkien". B'mod partikolari semmiet is-Servizz Ċivili, ix-Xandir u l-Università.[37]

Il-M.A.S. minbarra l-gazzetta kien ukoll union u kellu interess fl-1 ta' Mejju, li dwaru ppubblika ktejjeb. L-1 ta' Mejju kien jinteressa wkoll lill-Komunisti u s-Soċjalisti, li kienu jorganizzaw matulu manifestazzjonijiet kbar. Fil-ktejjeb imsemmi l-M.A.S. tkellem dwar kif l-Ewwel ta' Mejju twaqqaf, u jġib ukoll fost l-oħrajn id-diskors lill-ħaddiema tal-Arċisqof Gonzi tal-1956.[38] Min-naħa tagħha l-Knisja Kattolika ppruvat tikkontrolla l-festa tal-1 ta' Mejju milli tibqa' biss dominju tal-Komunisti u s-Soċjalisti u introduċiet il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.

Barra minn hekk, il-M.A.S. tebagħ ktejjeb biex jipprova li l-A.A.P.S.O. kienet Komunista, taħt l-influwenza Russa u Ċiniża. Ikkwotat ukoll għejun tal-aħbarijiet li jikkonfermaw il-fil Komunista tal-A.A.P.S.O. u kitba dwar it-trade unions fl-Unjoni Sovjetika, fejn ġie allegat li meta jkun hemm l-okkażjoni, "il-management Sovjetiku jonqos mid-dmirijiet tiegħu lejn il-ħaddiema."[39]

Bdew ukoll fatturi oħra għalkemm mhux totalment ġodda. L-użu qawwi tal-karikatura, speċjalment mill-gazzetti Stricklandjani, fejn kien jibbrilla x-xogħol ta' Alfred Gerada, ma jistax jinqabeż. Bdew jintużaw iktar il-karti volanti, li normalment kienu jużawhom biex iwasslu messaġġi, tagħlim kontra l-Komuniżmu, appelli biex wieħed jattendi r-rallies tal-Ġunta, ritratti bil-kulur tal-Arċisqof Gonzi u ġieli anki kienu jidhru fihom artikli minn gazzetti u editorjali. Pereżempju l-karta volanti *X'irid Mintoff: Żwieġ bla Sagrament!*[40]

Il-materjal tal-Knisja beda jitqassam mill-action leaders, li minnhom kien hawn mas-700 bejn Malta u Għawdex, sitt mija minnhom f'Malta. Kull wieħed kellu tessera bir-ritratt.[41] Fosthom kien hemm il-poeta Mario Azzopardi, li kien attiv fuq in-naħa tal-Ġunta Djoċesana, jiddefendi lill-Arċisqof Gonzi u l-imsemmija Ġunta. Skont xhieda li tani Azzopardi nnifsu, hu kien speċifikament "nikteb għanjiet biex jitkantaw waqt il-kruċjati u niddisinja materjal ta' propaganda favur ir-reżistenza li kienet qed toffri l-Knisja. Kont niddisinja wkoll posters kbar biex jitwaħħlu mal-galleriji ta' ċentri militanti, u niftakar li kont wieħed minn dawk li organizzaw mixja b'karozzella dekorata u mikxufa meta l-Arċisqof Gonzi kien żar il-Ħamrun."[42]

Kien hemm ukoll il-kartelluni fil-meetings u fir-rallies, li fi ftit kliem riedu jwasslu messaġġ qawwi u li joqros. Uħud minnhom setgħu kienu libellużi, imma aktarx kienu ngħalqu l-għajnejn biex ma jinqalax iktar inkwiet.

Iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara kienu attivi fil-qasam tal-istampar. Qalb il-kotba tagħhom ta' min isemmi *Cardijn* ta' Joe Agius, li fih fost l-oħrajn offra

bijografija tal-qassis Belġjan kif ukoll ġie inkluż id-diskors li Monsinjur Cardijn kien għamel lill-imsieħba fit-Teatru San Remo fil-Ħamrun f'Mejju 1961, meta dan kien żar Malta u indirizza lil Malta Kattolika waqt rally kbir fil-Furjana.[43]

Kif għedna, kien hemm anki għaqdiet reliġjużi li bdew jippubblikaw traduzzjonijiet tal-enċikliki tal-papiet, profili tal-Arċisqof Gonzi u ħajjiet ta' Nsara li ġġieldu għall-Knisja jew għexu ħajja eżemplari Nisranija.[44] Fost l-enċikliki maqlubin għall-Malti kien hemm il-*Mater et Magistra* ta' Ġwanni XXIII, li ġiet maqluba mill-Professur Dun Karm Sant u Salvinu Busuttil.[45] Busuttil dik il-ħabta kien ukoll attiv fi ħdan iż-Żgħażagħ. Dik kienet enċiklika importanti ħafna minn papa li kien qed jipprova jqarreb id-dinja lejn il-paċi dejjiema.

Il-Ġunta Djoċesana bdiet tistampa wkoll id-diskorsi li bdew isiru fir-rallies tagħha. Waħda mill-iktar pubblikazzjonijiet popolari kienet *Il-Protesta ta' Malta Kattolika*. Il-ktejjeb fih id-diskorsi kollha li saru fir-rally tal-5 ta' Marzu 1961, li sar fil-Furjana, fuq il-Fosos, fejn ġew ikkundannati bla tlaqliq is-Soċjaliżmu u l-Komuniżmu u s-sħubija fl-A.A.P.S.O., u l-Maltin preżenti ddeploraw il-kuntatti tal-Perit Mintoff mal-Komunisti.[46]

Skont Dun Charles G. Vella, il-moħħ wara l-pubblikazzjoni, dakinhar kien hemm folla ikbar minn dik taċ-ċentinarju Pawlin fl-1960.[47] L-editur insista li preżenti kien hemm ukoll "nies anki mmankati li b'sagrifiċċju kbir riedu juru li huma mal-Ġunta."[48] Fuq il-qxur tal-ktejjeb imsemmi hemm ritratt tal-miġemgħa miġbura.

*Problemi ta' Llum* kienet rivista ppubblikata mill-Ġiżwiti Maltin, u għalkemm fiha wieħed ma jarax devjazzjonijiet fil-pożizzjonijiet uffiċjali tal-Knisja dwar is-Soċjaliżmu u l-Komuniżmu, imma kien hemm ċerta intellettwalità fl-espożizzjoni tal-argumenti. Eżempju ta' dan insemmi editorjal mingħajr passjoni dwar l-A.A.P.S.O.[49] Minflok, spjegazzjoni dettaljata ta' x'kienet l-organizzazzjoni u l-andament tagħha matul is-snin. Ma naqsux ukoll kitbiet dwar il-kwistjonijiet minn Patri Ġużè Delia. Pereżempju Delia kiteb dwar Kuba u Fidel Castro.[50]

Anki l-istudenti universitarji, permezz ta' *Il-Kokka*, ħadu pożizzjoni kuntrarja għall-Komuniżmu f'Malta.[51] Ta' min iżid li bħala student universitarju Mintoff kien serva fl-iStudents' Representative Council.[52]

Sadanittant, minbarra li kien ħareġ l-interdett, kien hemm ukoll projbizzjoni tal-qari tal-gazzetti Laburisti.[53] Il-konfessuri ngħataw anki l-jedd li jistħarrġu l-projbizzjoni fil-qrar. Imma l-Partit Laburista kompla għaddej bil-gazzetti tiegħu, xi drabi anki jibdel l-ismijiet. Gazzetta li taqa' fi projbizzjoni klerikali

ma kellhiex futur, mhux biss għax kienet titlef ir-riklamar imma agħar minn hekk il-bejgħ. Il-General Workers Union ma għaddietx mill-istess sitwazzjoni u baqgħet sejra bil-pubblikazzjonijiet tagħha.

**Il-Lega Anti-Komunista**

Kienet twaqqfet ukoll il-Lega Anti-Komunista, li minn Ġunju 1961 bdiet tippubblika *L-Anti Komunist*, li kienet pubblikazzjoni dgħajfa ħafna. Ġieli din ġiet stampata u ġieli ttajpjata, u ġieli saret anki bl-idejn, u milli wieħed jista' japprezza kienu jsiru wkoll xi kopji aktarx b'xi Gestetner. Il-messaġġi imma kienu mingħajr ekwivoċi. F'każ minnhom sostnew li *Better Dead Than Red*.

*L-Anti Komunist* kienet tagħti wkoll rendikont ta' dak li kien qed jiġri fil-qasam tar-reżistenza fid-dinja fejn jidħol il-Komuniżmu.[54] Il-fundaturi tal-Lega kienu Emilio Camilleri u G. M. Vella Gatt. Xi kultant kienet tidher xi karikatura, imma kif ikkummenta Vella, il-kwalità tat-tpinġija kienet ta' livell baxx ħafna.[55] F'waqt minnhom il-Lega msemmija kienet iddikjarat li għandha l-appoġġ morali tal-parti l-kbira tal-organizzazzjonijiet Maltin u li kienet tħaddan fiha iktar minn 100,000 Malti.

F'okkażjoni minnhom il-Lega kienet ġabet kelliema barranin jitkellmu fuq is-suġġett f'konferenza internazzjonali.[56] Rivista akkademika bħax-*Scientia*, editjata mid-Dumnikan Serafin Zarb, kienet tagħti ħafna piż lil-Lega. Fil-fatt l-istess Zarb kien qrib il-Lega. Imma fil-verità l-impatt tal-Lega fil-kwistjoni aktarx li kien minimu. Ma' Zarb jistgħu jissemmew ukoll Fr Joseph Bernard SJ, Dun Philip Calleja, Monsinjur Anton Cilia (għal xi żmien President tal-Ġunta Djoċesana), Sir Luigi A. Camilleri, il-Prof. Walter Ganado, u J. G. Vassallo.[57]

**Ħanut b'kotba Komunisti**

Jidher li għal xi żmien kien hemm ukoll ħanut tal-kotba fi Strada Stretta, il-Belt, f'Vincenti Buildings, li kien ibigħ letteratura Komunista.[58] Alfred Mallia Zarb, f'artiklu f'*The Times of Malta*, kien sostna li f'Malta kien hemm dħul kostanti ta' letteratura Komunista. Kien hemm it-teżi li l-ambaxxati taċ-Ċina, ir-Russja, il-Jugoslavja, il-Polonja u l-Ungerija li kien hemm Londra, kienu qed jibagħtu dan il-materjal lejn Malta bil-posta.[59]

Id-Direttorju tal-Azzjoni Kattolika kien iddiskuta l-wasla ta' letteratura Komunista minn imkejjen Komunisti u kellhom il-wegħda tal-Ministru responsabbli mill-Posta Carmelo Caruana li kien se jinvestiga.[60]

Sadanittant wieħed ma jridx jinsa r-rwol qawwi li kellha ċ-ċensura f'Malta ta' dik il-ħabta, speċjalment sas-sittinijiet tas-seklu 20, għax imbagħad bdiet tillaxka iktar fis-sebgħinijiet, fi żmien meta Mintoff kien fil-gvern, anki bħala parti minn proċess ta' sekularizzazzjoni meta essenzjalment Mintoff kien qed iżarma lill-Knisja mill-poteri u l-influwenzi immedjati tagħha.

Imma dil-ħabta anki ktieb fuq l-arti mhux darba jew tnejn inżamm. Kotba fuq l-ippjanar tal-familja nżammu. *Il-Ħajja*, fi Frar 1970, kienet ħarġet storja li letteratura msejħa minnha 'oxxena', minn sorsi Żvediżi, identifikata bħala pornografija u erotografija, kienet qed tasal Malta puntwalment fid-djar tal-Maltin. Dan minbarra rivisti Komunisti bħal *Peking Review* u *Soviet Weekly*.[61] L-istorja kienet ta' Charles Buttigieg. Fl-istess żmien Malta kienet tidħol ukoll puntwalment letteratura reliġjuża jew semireliġjuża li kienet anti-Komunista, li kont issibha għand membri tal-kleru u f'kunventi fejn kien hemm libreriji u arkivji. Fost dawn il-kotba l-awtur preżenti ltaqa' ma' *Catechismo del Comunista*.[62] L-istess il-Biblijoteka tal-Università kellha minn dawn il-kotba. Uħud minnhom għadhom anki fuq l-ixkafef sa meta l-awtur preżenti qed jikteb.

**Herbert Ganado – Militanti Kattoliku kontra l-Komuniżmu**

Wieħed mill-iktar awturi assidwi kontra l-Komuniżmu wara t-Tieni Gwerra Dinjija kien l-Avukat Herbert Ganado. Minbarra l-pinna tiegħu kien hemm ukoll attiviżmu qawwi fil-politika. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija Ganado kien ġie internat lejn l-Uganda. Qabel l-internament Ganado kien għamel perjodu editur tal-gazzetta *Leħen is-Sewwa*, minn fejn kien anki ħa pożizzjonijiet sa ċertu punt kontroversjali favur id-dittatur Spanjol il-Ġeneral Franco permezz tal-famuż editorjal 'Dħalna Madrid'. Wara li nġieb lura Malta mill-eżilju, Herbert Ganado ntefa' b'ruħu u ġismu fil-Partit Nazzjonalista. Iżda sal-1958 Ganado kien imkeċċi mill-partit imsemmi wara li ma bediex jaqbel mal-politika ta' Borg Olivier, speċjalment fejn jidħol il-Perit Mintoff.

Skont Herbert Ganado, Borg Olivier kien dgħajjef wisq fil-linja li kien qed jieħu fejn tidħol il-politika ta' Mintoff.[63] Kien hemm akkużi fil-konfront tiegħu, mill-qalba tal-Partit Nazzjonalista, li kien qed jipprova jieħu post Borg Olivier bħala leader.

Għalkemm tkeċċa l-Avukat Ganado ma rtirax mill-politika, imma f'Ottubru 1958 waqqaf partit li semmieh Partit Demokratiku Nazzjonalista, kif kien l-isem tal-Partit Nazzjonalista fi żmien l-Avukat Nerik Mizzi, li kien sar prim ministru fl-1950.[64]

Ganado beda jew preċiżament kompla juża l-gazzetta *Malta Tagħna*, li oriġinarjament kienet tal-Partit Nazzjonalista, u minn hemmhekk kien imexxi battalja b'saħħitha bil-pinna kontra Mintoff u kontra l-Komuniżmu. Hawn min jakkuża lil Ganado li kien hu li tefa' lill-Knisja f'Malta f'paniku li jekk Mintoff jieħu l-poter allura Malta kienet issir Komunista. Iktar tard l-Avukat Ganado ġabar il-ġrajjiet ta' dak il-perjodu fir-raba' volum mis-sensiela *Rajt Malta Tinbidel*.[65]

Għal Ganado r-reliġjon kienet parti mill-patrimonju nazzjonali, u l-poplu kellu mhux biss il-jedd imma d-dmir li jiddefendiha.[66] Wieħed irid jiftakar li dik id-dikjarazzjoni kienet qed issir fi żmien meta kienu għaddejjin fuq livell lokali l-preparamenti għaċ-ċentinarju Pawlin.

Skont Ganado l-Komunisti kellhom għan wieħed – dak li jitfgħu l-Knisja fis-sagristija. Il-Komunisti kienu jagħmlu bħall-Perit Mintoff – jiddistingwu bejn l-isqof bħala persuna u l-isqof li għandu dak l-uffiċċju. Mintoff dik il-ħabta, kif semmejna iktar qabel, kien ħoloq il-metafora *Sir Michael Gonzi* meta kien jitkellem fuq il-ħbiberija li kien hemm bejn l-Arċisqof u l-Ingliżi. Fi kliem Ganado, Mintoff ried iġib il-pajjiż f'sitwazzjoni fejn għalih l-isqof mhu ħadd. Ganado kien argumenta wkoll li ġaladarba Malta mhix parti mill-Afrika jew mill-Asja, ma kellhiex għalfejn tissieħeb fl-A.A.P.S.O.[67]

F'Awwissu 1958 Ganado akkuża lil Mintoff li bil-U-turn tiegħu favur l-indipendenza kien biss se jaqdi lir-Russja Komunista.[68] Ganado kien ibbaża l-pożizzjoni tiegħu fuq l-argument li kien għamel il-President Onorarju tal-Partit Laburista Ċensu Bugeja, li kien sostna li jekk Malta tmur għall-indipendenza kien se jkollha bżonn potenza oħra li tipproteġiha u tgħinha (enfasi tal-awtur preżenti).[69]

It-telegramma li Mintoff kien bagħat lir-Russja, kif kien bagħat lil Franza, l-Istati Uniti u l-Ingilterra biex iqanqlu l-kwistjoni ta' Malta fil-laqgħa ta' Ġinevra, skont Ganado, kienet l-aktar logħba perikoluża li qatt kien lagħab Mintoff sa dak il-mument, għax issa dan il-pajjiż ateu kien se jidħol fil-politika ta' pajjiżna. Skont Ganado, Mintoff kien donnu se jagħmel bħal Nasser tal-Eġittu u Kassim tal-Iraq meta sservew bir-Russja, iżda "Nasser spiċċa biex induna li r-Russja kienet lifgħa f'ħobb ir-Repubblika Għarbija."[70]

Ganado kien ċert li Mintoff sa minn mindu kien għadu student kellu dejjem ideat ħomor u tendenzi Marxisti li f'Oxford kompla jiżviluppahom. "U f'San Pawl il-Baħar snin ilu kixef il-karti."[71] Dakinhar Mintoff kellu ikla mażżgħażagħ tal-partit u dawn laqgħuh bl-*Innu tal-Bandiera l-Ħamra*. Ganado kien konvint li l-A.A.P.S.O. kienet Komunista u kienet strument biex taqdi lir-Russja u liċ-Ċina.[72] Għall-forzi Kattoliċi dakinhar kienu nkixfu l-karti waqt li n-naħa l-oħra baqgħet tinnega.

F'Lulju 1960 Herbert Ganado wasal f'konklużjoni li kien hemm trijumvirat fil-Partit Laburista li kien Komunista – Mintoff, l-Avukat Joe Attard Kingswell u s-Segretarju Ġenerali Toni Pellegrini.[73]

## Il-babaw Russu

Din il-biża' mill-Komuniżmu kienet timxi anki pari passu mal-biża' mir-Russja, u dan kien ifisser li l-Knisja kemm jista' jkun kienet tipprova tbiegħed kull kuntatt ma' dal-pajjiż. L-idea ta' turiżmu mir-Russja ma kinitx togħġobha wisq lill-Knisja. Aħseb u ara kemm kienu se jmorru Maltin ir-Russja! Ma kienx jogħġobha lanqas in-negozju mar-Russja.

Wieħed irid japprezza li sa ċertu punt din il-biża' ma kinitx qed tistrieħ fuq il-vag imma kien hemm diversi kapitli, anki ta' għeluq ta' knejjes u arresti u torturi lill-kapijiet tal-Knejjes Kattoliċi bħal Stepinac, Mindszenty u Beran. L-istejjer tagħhom waslu Malta grazzi għall-istess ġurnali. Kienu komuni l-istejjer li r-Russi jieklu t-tfal – element li anki ssemma fl-istejjer ta' Don Camillo u Peppone.[74]

Dak li pereżempju ġara l-Ungerija kien segwit mill-Maltin kollha. Fl-1956 l-Ungeriżi qamu kontra l-Komuniżmu, imma ftit wara li kienu se jwaqqfu gvern daħlu r-Russi bit-tankijiet għalihom u kollox miet fuq ommu. Is-sitwazzjoni ġabet is-simpatija tal-Maltin, tant li anki kien twaqqaf il-Pro Free Hungarian Committee u anki ntbagħtet għajnuna materjali lejn il-pajjiż imsemmi.[75] Sa Awwissu 1957 il-gazzetti kienu qed jirrappurtaw li l-Komunisti kienu qed jarrestaw mijiet ta' qassisin fl-Ungerija.[76]

Aktarx li l-fatt li Malta damet ma kellha ambaxxata Russa kien ġej minn dis-sitwazzjoni wkoll. Kien Borg Olivier li beda l-ewwel kuntatti mar-Russja. Fil-fatt fl-1966 kienet qamet għagħa dwar il-possibilità li r-Russja jkollha ambaxxata f'Malta.

Pereżempju editorjal ta' *It-Tarka* mhux biss kien kuntrarju li jkun hemm kuntatti mar-Russja, imma kompla sostna li "lanqas il-ftehim kummerċjali li

kien sar mal-Jugoslavja ma jogħġobna, għaliex nafu kif il-pajjiżi Komunisti jisservew b'kull ftehim biex minn kummerċjali jaslu għall-kulturali, minn kulturali jgħaddu għall-ftuħ ta' ambaxxati, imbagħad ħoll xagħrek u ġib iż-żejt għax ma tkun tista' żżommhom b'xejn għajr b'att drastiku…"[77] *It-Tarka* kienet il-gazzetta tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara. Is-sena ta' wara l-ambaxxatur Russu kien ġie l-ewwel darba f'Malta u ma naqasx in-nuqqas ta' qbil dwar iż-żjara.[78]

Kif intqal qabel, imqar l-idea ta' kultura Russa, bħaċ-ċinema, ma kinitx aċċettabbli għall-Knisja. *Leħen is-Sewwa* fl-1959 kienet oġġezzjonat għall-film dwar is-satellita Russa li marret fuq il-qamar, u argumentat li dan jista' jiftaħ il-pass għal iktar films mill-pajjiż imsemmi. Għaliha l-films Russi kienu għodod propagandistiċi.[79]

## Żewġ patrijiet kontra l-Komuniżmu

Id-Dumnikan Ġeraldu Paris kien awtur prolifiku ħafna. Minbarra li qaleb għall-Malti l-evanġelji, liema traduzzjoni ġiet ikkritikata bl-aħrax minn Monsinjur Pietru Pawl Saydon, iddedika ħafna enerġija biex jiġġieled il-Komuniżmu.

Patri Paris kien waqqaf ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, li kienet taħdem biex jinqered id-dagħa minn fomm il-poplu Malti. Iddiskutejt lil Patri Paris, xi snin ilu, ma' Patri Lawrence E. Attard, riċerkatur fuq l-emigrazzjoni, u dan saħaq miegħi li Paris "kien ġgant… Kien fenominali… Kien bniedem li jinteressa ruħu f'kollox. Għandu rumanzi. Għandu kotba teoloġiċi… Kien wieħed mill-pijunieri li qaleb it-Testment il-Ġdid fil-Malti… Kien bniedem fokuż… Kien predikatur. Kien wieħed mill-kolonni tagħna fl-Ordni."[80]

Biss biss Patri Paris kien jeditja żewġ gazzetti, *The Faith* u l-*Militia Christi*. Iż-żewġ gazzetti kienu mexxew kruċjata kontra s-Soċjaliżmu u l-Komuniżmu u favur il-vot Kattoliku, li huwa kien isejjaħlu "vot intelliġenti".[81] Il-*Militia Christi* kienet il-leħen tal-Fratellanzi tal-Isem Imqaddes t'Alla u ta' Ġesù. *The Faith* kienet l-organu tas-St Paul's Apologetics Circle, li Paris kien imexxi. Fiż-żewġ gazzetti Patri Paris kien jesponi bl-iktar mod ċar u awtentiku t-tagħlim tal-papiet dwar il-materja msemmija.[82] Kliemu kien mingħajr tidwir u ma jħalli l-ebda dubju fejn se jxaqleb il-miżien. Għal Patri Paris is-Soċjaliżmu ma joqgħodx mat-tagħlim ta' Kristu.[83] Lanqas dak moderat ma kien aċċettabbli għalih.[84] Anki l-Protestantiżmu ma kienx jittollerah.[85]

Kien konvint li s-Soċjaliżmu kien mogħdija naturali għall-Komuniżmu.[86] Mill-*Militia Christi* Paris sejjaħ għall-penitenza, inkella l-pajjiż kien f'riskju

li jsir bħal Havana, il-belt kapitali ta' Kuba, li fi kliemu kienet l-iktar belt "immorali u mgħarrqa fid-dnubiet, speċjalment fid-dnubiet tad-diżonestà."[87] Mhux darba jew tnejn li Paris inkluda wkoll kitbiet jew diskorsi tar-ragħajja tal-Knisja, fosthom tal-Isqof Emanuel Galea, fil-gazzetti tiegħu.[88]

Il-kitbiet tal-Isqof Galea dik il-ħabta kienu popolari u ħafna kienu japprezzaw il-mod sempliċi u kważi telegrafiku li bih kien jippreżenta ħwejjeġ filosofiċi u reliġjużi. L-Azzjoni Kattolika Maltija kienet ħarġet żewġ kotba tiegħu, *Frak tad-Deheb* (li tiegħu saru iktar minn edizzjoni waħda)[89] u *Inħarsu dak li hu Tagħna*.[90] Interessanti li għal Paris il-Gvern Ingliż kien dominat mill-Mażunerija.[91]

Fost il-kotba ta' Patri Paris ta' min isemmi *Komuniżmu Nisrani u Komuniżmu Marxjan*. Il-ktieb kien jiġbor fih ġabra ta' artikli li kienu dehru f'*Leħen is-Sewwa* fl-1946, u fost l-oħrajn isostni li "l-Komuniżmu Nisrani, hekk minna msejjaħ, huwa l-unika triq tajba għas-salvazzjoni soċjali u għall-prosperità tad-dinja."[92] Kritiċi tiegħu kienu jsostnu li Patri Paris kien qed imexxi dil-kampanja kollha minħabba li ħuh Anton kien politikament attiv fil-Partit Nazzjonalista.[93]

Patri Attard jistqarr li għalkemm hu ammiratur ta' Patri Paris, u fil-fatt Attard kien kiteb dwar u rriċerka l-istorja tax-Xirka msemmija, Patri Paris kien iħallat ir-reliġjon mal-politika. Għalih "li tkun Kattoliku kien ifisser li tkun Nazzjonalist… Ma kellux kantunieri. Ma kienx bniedem ta' intern ħażin… Kellu ħafna kuntatti ma' barra, Kattoliċi u mhumiex… Sa stamperija kellu… Ma kellux appoġġ kbir mid-Dumnikani. Kien jaħdem għal rasu."[94]

Fil-fehma ta' Patri Marius Zerafa, li lil Paris kien jafu, "Paris kien raġel sewwa ħafna u ħadem daqs kelb. Ta kontribut kbir. Imma kien fanatiku għat-Taljani… Il-*Militia Christi* għamlet ħafna ħsara. Meta Strickland talab skuża, qallu, 'Ikkonvertejt, Milord?' Baqa' jsaħħan… Dak kellu jiġi internat imma qabeż għalih il-Provinċjal Nolan."[95]

Il-Ġiżwita Patri Albert Busuttil kien pilastru ieħor fil-ġlieda kontra l-Komuniżmu bil-kitba. Fil-fatt Busuttil kien jikkoordina l-*Kollezzjoni Żmienna*, li fost l-oħrajn tkellmet fuq kif il-Polonja, darba pajjiż Kattoliku, kienet inbelgħet mill-Komuniżmu,[96] il-ħruxija tad-dittatur Russu Stalin[97] u kif il-Komuniżmu daħal fi Spanja, li kien pajjiż arċi-Kattoliku.[98] Busuttil sostna li Josef Stalin kellu politika agħar minn dik ta' Leon Trotsky.[99] Biss biss fl-1953 fil-Polonja l-Komunisti kienu għamlu festa bl-Isqof Kaczmarek u arrestaw il-Kardinal Wyszynski.[100]

Bla dubju Busuttil kien ukoll imperjalista u wisq probabbli kien jara tarka fl-Imperu Ingliż, li ħafna kienu jemmnu li mhu se jintemm qatt.[101] Fil-*Kollezzjoni* kienu dehru wkoll titli bħal *Demokrazija u Partiti*, bijografija tal-awtur Russu

Dostoevsky u tagħlim dwar id-duttrina soċjali tal-Knisja, li kienet meqjusa bħala alternattiva għall-Komuniżmu u anki l-Kapitaliżmu. Kiteb ukoll testi ta' teoloġija.[102]

Barra l-*Kollezzjoni Żmienna* Busuttil kien editur ukoll ta' *Frak* (deskritta minnu bħala rivista ta' kultura u formazzjoni spiritwali) u *Biblijoteka ta' Kultura*, fejn il-kontenut kien jagħfas fuq materjal xjentifiku, storiku u apoloġetiku. Ħuh, li kien ukoll Ġiżwita, Patri Emvin Busuttil, kien stampa ktieb biex jiftaħ għajnejn il-qarrej mill-perikli tal-Mażunerija.[103]

Kienet dehret ukoll fi ktejjeb żgħir ġabra ta' artikli kontra l-Komuniżmu li kienu dehru f'*Leħen is-Sewwa*, miktuba minn Dun Ugo Gambin. Gambin kien ukoll l-awtur ta' għadd ta' rumanzi li wisq probabbli kienu indirizzati iktar lejn il-mara tad-dar. Minn dawn ir-rumanzi kien dejjem jipprietka valuri Nsara. Fost ir-rumanzi ta' min isemmi *Briġida Omm*, *Briġida Miżżewġa*, *Aħjar miż-Żwieġ* u *Żahar tal-Larinġ*.

Ma naqsux ukoll inizjattivi bin-noms de plume li kienu jiktbu kontra l-Komuniżmu. Pereżempju fl-1962 ċertu SJ kien ippubblika ktejjeb fil-format ta' mistoqsija u tweġiba fejn saċerdot u żagħżugħ qed jiddiskutu l-Komuniżmu. Il-ktejjeb għalaq bil-punt "L-errur u l-ereżija jfaqqsu bħall-fniek."[104] Jista' jkun, minħabba n-nom de plume użat, li SJ kien patri Ġiżwita.

## Pubblikazzjonijiet mill-Kurja tal-Arċisqof

Minn żmien għal żmien il-Knisja, kif intqal qabel, kienet tippronunzja ruħha dwar diversi suġġetti, fosthom il-Komuniżmu u s-Soċjaliżmu. Dawn l-ittri pastorali tal-Arċisqof kienu anki jiġu mitbugħa fi ktejjeb żgħir minbarra li bosta drabi kienu jiġu ppubblikati kelma b'kelma f'gazzetti bħal *Leħen is-Sewwa* jew isiru rapporti dwarhom fil-ġurnali. Dan minbarra li kienu jinqraw fil-knejjes, liema qari mhux darba jew tnejn kien iġib xi inċident mill-kongregazzjoni.

L-ittra pastorali tar-Randan tal-1959 wasslet il-messaġġ li l-lajċiżmu jista' jwassal għall-Komuniżmu, u fakkret li l-liġijiet huma ġusti meta l-leġiżlatur ma jaqbiżx il-limiti tas-setgħa tiegħu.[105] L-ittra pastorali tar-Randan tal-1960, miktuba mill-Isqfijiet Gonzi u Pace, kienet speċifikament fuq is-Soċjaliżmu, u l-awturi fakkru fil-pożizzjoni ta' papa wieħed wara l-ieħor kontra s-Soċjaliżmu u l-Komuniżmu, u enfasizzaw ukoll li l-lajċiżmu jrid jimpedixxi kull indħil tal-Knisja fil-ħajja pubblika.[106]

Din il-kitba tat ħarsa ġenerali lejn proża Maltija li nkitbet kontra l-Komuniżmu, l-iktar fis-snin erbgħin, ħamsin u sittin tas-seklu 20. Is-suġġett hu vast u hawnhekk wieħed ta ħarsa konċiża. Biss biss ma għandniex xi ngħidu li dawn l-argumenti ġew ribattuti speċjalment mill-Partit Laburista, li kien qed ikun akkużat li se jdaħħal il-Komuniżmu f'Malta, u allura wieħed jista' jimmaġina din il-vastezza tas-suġġett.

**Noti**

1 *Il-Berqa*, 18 ta' Jannar 1961: 1.
2 Angalus, Oskar. 'Il-Gwerra tal-Komuniżmu hija Gwerra kontra r-Reliġjon,' *Il-Berqa*, 1 ta' Lulju 1964: 3.
3 Ara pereżempju *Il-Qawmien*, 25 ta' Jannar 1961: 1.
4 *Malta Tagħna*, 21 ta' Jannar 1961: 1.
5 *Souvenir Programme of XIX Centenary Celebrations of St Paul's Shipwreck on Malta*. Malta: Empire Press, 1960: 13.
6 *The Malta Government Gazzette*, 24 ta' April 1958: 521.
7 Dwar dawn l-irvellijiet ara Sant, Alfred. *28 ta' April 1958: Il-Ħobż u l-Ħelsien*. Malta: SKS, 1988.
8 *Is-Sebħ*, 25 ta' Frar 1957: 1.
9 Pirotta, Joseph M. *Fortress Colony: The Final Act 1945-1964*, Vol. 3: 1958-1961. Malta: Studia Editions, 2001: 598.
10 Spiteri, Raymond u Massa, Alfred. *Twelid ta' Stat Indipendenti*. Malta: PIN, 1989: 42.
11 *The Bulletin*, 8 ta' April 1961: 1.
12 Chircop, John. *The Left within the Maltese Labour Movement*. Malta: Mireva Publications, 1991: 14.
13 Ibid.
14 Frendo, H. *Manwel Dimech, Ħajtu u Ħsibijietu*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1971: 91.
15 Papa Ljun XIII, *Rerum Novarum: Fuk il Cundizionijet tan-Nies tax-Xoghol*. Malta: Dar ta' San Ġużepp, 1930.
16 Papa Piju XII, *Quadragesimo Anno*. http://w2.vatican.va/content/pius-xi/en/encyclicals/documents/hf_p-xi_enc_19310515_quadragesimo-anno.html.
17 *Il-Berqa*, 8 ta' Mejju 1948: 1.
18 Ibid.
19 Ibid.
20 *Times of Malta*, 4 ta' Frar 1959: 4.
21 Coleiro, Edward. *Il-Fidwa tal-Ħaddiem fir-*Rerum Novarum. Qxur ta' ġewwa.
22 Zarb, Ġużepp. *Soċjaliżmu*. Malta: Għaqda ta' Qari Tajjeb, 1937.

23 Coleiro, Edward. *Il-Bolxeviżmu*. Malta: Għaqda ta' Qari Tajjeb, 1935. L-awtur oriġinali kien J. Conway.
24 Coleiro, Edward. *Communiżmu*. Malta: Għaqda ta' Qari Tajjeb, 1935. L-awtur oriġinali kien Lewis Watt.
25 Dwar dan is-suġġett ara Galea, Francis. *Is-Sedizzjoni*. Malta: SKS, 1993.
26 Galea, Francis. *Is-Sedizzjoni*. Malta: SKS, 1999: 121.
27 Ara pereżempju *Leħen is-Sewwa*, 6 ta' Ġunju 1959: 1.
28 *Leħen is-Sewwa*, 22 ta' Novembru 2016: 20.
29 *Leħen is-Sewwa*, 10 ta' Awwissu 1962: 1.
30 *Il-Ħaddiem*, 1 ta' Lulju 1964: 1.
31 *Forward*, 25 ta' Mejju 1956: 5.
32 *Forward*, 14 ta' Lulju 1961: 4.
33 *Il-Berqa*, 1 ta' Lulju 1964: 7.
34 *Il-Qawmien*, 15 ta' Ġunju 1961: 2.
35 *Il-Qawmien*, 16 ta' Novembru 1961: 1.
36 *Il-Qawmien*, 23 ta' Frar 1961: 1.
37 *Il-Qawmien*, 10 ta' Ottubru 1963: 1.
38 *L-Ewwel ta' Mejju Festa tal-Ħaddiem Nisrani*. Malta: M.A.S., 1967: 12.
39 *Il-Verità dwar l-A.A.P.S.O.* Malta: M.A.S., 1961: 8.
40 Stampat fl-Empire Press, 1 ta' Lulju 1963.
41 Email mingħand Mario Azzopardi lil Sergio Grech datata 11 ta' Marzu 2001.
42 Grech, Sergio. *Patri Feliċjan Bilocca: Ħajtu u Żminijietu 1914-1978*. Malta: Outlook Coop, 2004: 129.
43 Agius, Joe. *Cardijn*. Malta: ŻĦN, 1962: 41.
44 Seychell, Angelo. *Marcel Gallo: Martri taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara*. Malta: ŻĦN, 1962.
45 Ara Papa Giovanni XXIII. *Ittra Enċiklika* Mater et Magistra *fuq l-Aħħar Żviluppi tal-Kwistjoni Soċjali fid-Dawl tat-Tagħlim Nisrani 15 ta' Mejju 1961*. Malta: Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, 1961.
46 Vella, C. G. *Il-Protesta ta' Malta Kattolika*. Malta: Empire Press, 1961: 1.
47 Ibid.
48 Ibid.
49 *Problemi ta' Llum*, Frar 1961: 33.
50 *Problemi ta' Llum*, Novembru 1961: 321.
51 *Il-Kokka*, 23 ta' April 1960: 1.
52 https://www.independent.com.mt/articles/2012-08-22/news/reactions-to-mintoffs-death-314944/

53 'Ċirkolari tal-Arċisqof, Il-Kundanna tal-Gazzetti tal-MLP maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, 26 ta' Mejju, 1961' f'Cassar, A. *Meta l-Għawdxin kienu Mxewxa*. Malta: Union Press, 1982.

54 *L-Anti Komunist*, Settembru 1962: 1.

55 Vella, Dennis. *Maltese Political Cartoons 1980-1995*. Malta: The Malta International Arts Festival Committee, Ministry for Justice and the Arts, 1950: 12.

56 *It-Tarka*, 25 ta' Novembru 1962: 2.

57 *The Anti-Communist*, Lulju 1961: 1.

58 Ittra lil Sergio Grech mingħand Monsinjur Lawrenz Cachia, 28 ta' Marzu 2001.

59 *Times of Malta*, 13 ta' Marzu 1962: 11.

60 Minuti tad-Direttorju Azzjoni Kattolika, 24 ta' Ġunju 1953. Arkivju Azzjoni Kattolika, Istitut Kattoliku, il-Furjana.

61 *Il-Ħajja*, 11 ta' Frar 1970: 1.

62 *Catechismo del Comunista*. Rome: A.V.E., 1938.

63 Grech, Sergio. *It-Tabib Sandy*. Malta: Kite Group, 2013: 100.

64 Dwar it-twaqqif tal-PDN ara Grech, Sergio. 'Mostin Tesserati fil-Partit Demokratiku Nazzjonalista,' *L-Annwal Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard, Festa Santa Marija 2019*: 276.

65 Ganado, Herbert. *Rajt Malta Tinbidel*, Volum 4. Malta: Il-Ħajja, 1977: 233.

66 *Malta Tagħna*, 5 ta' Settembru 1959: 1.

67 *Malta Tagħna*, 21 ta' Jannar 1961: 1.

68 *Malta Tagħna*, 16 ta' Awwissu 1958: 1.

69 *Malta Tagħna*, 10 ta' Mejju 1958: 1.

70 *Malta Tagħna*, 9 ta' Mejju 1959: 1.

71 Ibid.

72 *Malta Tagħna*, 21 ta' Jannar 1961: 1.

73 *Malta Tagħna*, 2 ta' Lulju 1960: 1.

74 Ara https://www.verona-in.it/2018/10/01/comunisti-tomba-extra-peppone-don-camillo/

75 *Times of Malta,* 31 ta' Ottubru 1956: 9.

76 *The Bulletin*, 1 ta' Awwissu 1957: 1.

77 *It-Tarka*, 3 ta' Novembru 1966: 2.

78 *It-Tarka*, 7 ta' Diċembru 1967: 1.

79 *Leħen is-Sewwa*, 7 ta' Ottubru 1959: 4.

80 Intervista ma' Patri Lawrence E. Attard, 20 ta' Frar 2016, il-Kunvent tad-Dumnikani, Tas-Sliema.

81 *The Faith*, Marzu 1961: 295.

82 *The Faith*, Ġunju 1961: 328.

83 *Militia Christi*, Diċembru 1961: 1.
84 *Militia Christi*, Marzu 1961: 1.
85 Intervista ma' Patri Lawrence E. Attard, 20 ta' Frar 2016, il-Kunvent tad-Dumnikani, Tas-Sliema.
86 *The Faith*, Settembru 1961: 854.
87 *Militia Christi*, Ġunju 1961: 316.
88 *Militia Christi*, Awwissu 1964: 1.
89 Galea, Emanuel. *Frak tad-Deheb*. Malta: Azzjoni Kattolika Maltija, 1962.
90 Galea, Emanuel. *Inħarsu dak li hu Tagħna*. Malta: Azzjoni Kattolika Maltija, bla data.
91 *Militia Christi*, Ġunju 1961: 1.
92 Paris, G. M. *Komuniżmu Nisrani Versus Komuniżmu Marxjan*. Malta: Empire Press, 1947: 39.
93 Intervista ma' Patri Lawrence E. Attard, 20 ta' Frar 2016, il-Kunvent tad-Dumnikani, Tas-Sliema.
94 Ibid.
95 Intervista ma' Patri Marius Zerafa, il-Kunvent tad-Dumnikani, Tas-Sliema.
96 Busuttil, Albert. *It-Test Case jew Il-Kalvarju tal-Polonja*. Malta: Dar ta' San Ġużepp, bla data.
97 Busuttil, Albert. *Stalin: il-Bniedem tal-Azzar*. Malta: Giovanni Muscat, 1938.
98 Busuttil, Albert. *It-Traġedja Spanjola*. Malta: Giovanni Muscat, 1930: 30.
99 Ibid.: 37.
100 Lord Longford, *Pope John Paul II, An Authorised Biography*. UK: William Morrow & Co, 1982: 58.
101 Ara Busuttil, Albert. *L-Imperu Ingliż*. Malta: Giovanni Muscat, 1938.
102 Ara pereżempju Busuttil, Albert. *Il-Vittma Divina*. Malta: Dar ta' San Ġużepp, bla data.
103 Busuttil, Emvin. *L-Id Moħbija*. Malta: Giovanni Muscat, bla data: 21.
104 S.J. *Il-Komuniżmu*. Malta: Lux Press, 1962: 28.
105 Gonzi, Mikiel u Pace, Ġużeppi. *Ittra Pastorali: Id-Dmirijiet tan-Nisrani fil-Ħajja Pubblika*. Malta: Empire Press, 1960.
106 Gonzi, Mikiel u Pace, Ġużeppi. *Ittra Pastorali tar-Randan tas-Sena 1960 fuq is-Soċjaliżmu*. Malta: Empire Press, 1960.

# *Ħelsien* u n-narratur li dejjem jindaħal

Adrian Grima

L-argument prinċipali tiegħi f'dan l-istudju huwa li l-leħen narrattiv eterodijeġetiku, li fit-terminoloġija fundamentali ta' Gérard Genette huwa ta' xi ħadd li mhuwiex wieħed mill-karattri, dejjem jindaħal fir-rakkont biex jagħtina l-perspettiva tiegħu. Ma jistax ikun mod ieħor. Biex niddiskuti dan l-aspett fundamentali tan-narratoloġija fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici se nħares lejn ir-rumanz ikoniku *Germinal* (1885) ta' Émile Zola, u l-ewwel rumanz Verista Taljan, *Giacinta* (1879) ta' Luigi Capuana, imnebbaħ fost l-oħrajn mix-xogħol ta' Zola u r-rumanziera Russi. Fil-kuntest tar-rumanz Realista Malti li ispira ruħu minn din il-letteratura li tosserva mill-viċin lill-bnedmin u n-natura, jidhirli li n-narratur ta' *Ħelsien* huwa wieħed mill-iktar narraturi li jagħmel l-isforz li jillimita l-kummentarji li jidentifikaw minnufih is-soġġettività tiegħu u jwasslu l-pożizzjoni ideoloġika li jieħu. Idu tingħaraf sew fid-determiniżmu filosofiku u psikoloġiku tiegħu. Iżda l-personaġġi u l-ġrajjiet mhux dejjem jobdu l-formuli stabbiliti mir-Romantiċiżmu u r-Realiżmu Malti u l-lingwaġġ tar-rumanz huwa rikk biżżejjed biex jirreżisti l-kontroll assolut ta' vuċi waħda.

L-istorja tan-narratur fit-tielet persuna fir-rumanz Realista Malti hija storja ta' ndħil. Waqt li qed jirrakkonta minn barra d-dijeġesi, id-dinja maħluqa mir-rakkont, l-univers tan-narrattiva (Genette, *Narrative Discourse* 228), in-narratur eterodijeġetiku Malti jgħaddi l-kummenti, jiġġudika, ifaħħar, jikkundanna, u jippreżenta l-muftieħ morali jew filosofiku li bih irid lilna, in-narratarji tiegħu,

ninterpretaw il-ġrajjiet li jirrakkonta. B'mod espliċitu u b'mod impliċitu, ngħidu aħna bit-ton, l-aġġettivi u l-metafori tiegħu, jagħtina l-impressjoni li m'hemmx mod ieħor kif ninterpretaw l-istorja. F'dan is-sens huwa narratur li la hu moralment u lanqas psikoloġikament jew emozzjonalment maqtugħ mid-dinja li suppost qed jirrakkontalna minn barra.

**Gradi ta' Ndħil**

Il-kunċett l-iktar ċentrali fl-analiżi ta' test narrattiv huwa dak tan-narratur jew narratriċi (Bal 18). Il-karattru speċifiku tat-test ġej, skont Mieke Bal, mill-identità ta' dan il-leħen narrattiv, minn kemm u kif din l-identità tinkixef fit-test, u mill-għażliet implikati. In-narrazzjoni eterodijeġetika, li fid-distinzjoni l-iktar bażika u utli ta' Genette tingħażel min-narrazzjoni omodijeġetika, jiġifieri ta' wieħed mill-karattri (*Narrative Discourse* 244-45; *Narrative Discourse Revisited* 97-98), ma tistax tkun maqtugħa għalkollox mill-karattri u l-ġrajjiet. L-għażliet l-iktar fundamentali li jagħmlu l-awturi diġà jikxfu l-pożizzjoni filosofika u morali li jieħdu n-narraturi tagħhom, is-simpatiji u l-antipatiji li jittrażmettu. Skont Bernard Micallef, "in-narratur jista' jkun eterodijeġetiku iżda jkollu vuċi individwali (ideoloġika, filosofika, reliġjuża, eċċ.) tant qawwija li jsir kuxjenza qawwija kważi inkarnata fid-dinamika tan-narrattiva." Il-leħen tan-narratur eterodijeġetiku jinħass sew fir-rumanz *Ħelsien*. L-istess jista' jingħad dwar in-narratur eterodijeġetiku tar-rumanzier Naturalista Émile Zola (1840-1902), awtur li jissemma minn Juann Mamo f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (408) u minn Ġużè Ellul Mercer f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* (95). In-narratur ta' Zola jirrakkonta l-ġrajjiet ta' *Germinal* (1885) l-aktar mill-perspettivi tal-ħaddiema fqar u sfruttati tal-minjieri tal-faħam: għalhekk, dan in-narratur diġà qed jieħu pożizzjoni ideoloġika identifikabbli. Eventwalment insiru nafu li l-fokalizzatur ewlieni tiegħu huwa ħaddiem imnebbaħ bid-dikjarar mill-fehmiet ta' Marx u mill-għaqda Internazzjonali tas-Soċjalisti. Paul Cobley iħares lejn *Germinal* bħala l-istorja ta' komunità ta' minaturi maqsuma bejn l-interessi tal-borgeżija u l-proletarjat, żewġ gruppi maqbudin fil-morsa tar-riżorsi naturali essenzjali għall-"eżistenza industrijali" li tipprovdihom il-minjiera (98); għal Ruth Scurr *Germinal* huwa "*a timeless cry of protest against oppression and the misery of the poor who never inherit the Earth*." Anki meta jagħżel li jikxef l-identità tal-protagonista tiegħu bil-mod (Genette, *Narrative Discourse* 191), l-ewwel billi ma jagħtiniex ismu u mbagħad billi jiffoka fuq karattri oħrajn li l-protagonista

għad irid ikollu x'jaqsam magħhom, in-narratur ikun qed isawwar id-dinja tar-rakkont u jinfluwenza ħafna r-reazzjoni tagħna bħala narratarji.

Fir-rumanz *Ħelsien* (1940) ukoll,[1] in-narratur eterodijeġetiku ta' Ġużè Bonnici, minkejja t-tendenza tiegħu li ma jikxifx wisq il-preżenza tiegħu, jistabbilixxi sa minn kmieni l-pożizzjoni ideoloġika tiegħu kemm bit-ton li bih jirrakkontalna l-ġrajja, kif ukoll bil-kummenti li jgħaddi, dawk li Mieke Bal issejħilhom "kummenti mhux narrattivi" (31), aktarx argumentattivi li jistqarru l-ideoloġija tat-test (33). Minkejja t-ton leġġer, anki ironiku, tal-bidu, in-narratur juri minnufih l-interess "personali" tiegħu fil-ħajja tal-bdiewa fqar bħal Ġamri, "l-eluf ta' qalbiena bla isem" (25). Iżda mingħajr il-militanza politika tan-narratur ta' Zola. In-narratur jemmen li "d-dinja rota u n-nies imgħażel; u nies Ġamri li minn ġidd għal ieħor kien mistagħdar fil-għaks u fil-ġuħ, issa, mat-tidwir ta' risqu megħjun mill-ħerqa u mill-bżulija ta' Ġamri, beda jħalli t-tajn u l-ħama tal-ħajja u jogħla kemxejn 'il fuq fejn in-nifs hu aktar safi u fejn ix-xemx tinħass tiddi aktar ħanina" (125). L-użu tal-qawl "Id-dinja rota, in-nies imgħażel u x-xitan idur u jagħżel," huwa xhieda tan-natura filosofika tal-kumment tiegħu dwar il-ħakma tax-xorti li jiżżewweġ mat-tagħrif narrattiv dwar Ġamri; iżda l-użu tal-qawl jurina wkoll li n-narratur ma jistax jikkontrolla għalkollox id-diskorsi tar-rumanz.

In-narratur eterodijeġetiku oġġettiv jintervjeni wkoll fuq livell iktar "mikroskopiku" permezz tal-għażla tal-kelma, bħal meta juża ċerti aġġettivi jew metafori. Fl-ewwel kapitlu ta' *Germinal*, meta l-protagonista Étienne Lantier, il-fokalizzatur ewlieni tar-rumanz, jara l-kumpless tal-mina ta' Voreux, id-deskrizzjoni tiegħu tal-"massa tqila" b'"turrun bini baxx" mill-ewwel tagħtina ħjiel tas-sentiment ġenerali tar-rakkont, għax il-lampi huma "malinkoniċi" u l-pajsaġġ kollu "mgħarraq fil-lejl u n-nugrufum." Dawn l-osservazzjonijiet metaforiċi jsiru mill-perspettiva tal-makkinist Étienne, li qed iżur dawn l-inħawi, bħalna, għall-ewwel darba. Matul ir-rumanz, meta ma jkunx qed josserva l-karattri u l-ambjent kompletament minn barra l-kuxjenza tal-karattri, il-pożizzjoni tan-narratur hija sikwit dik ta' dan is-sindikalista żagħżugħ.

In-Naturaliżmu ta' Zola ried jirrakkonta l-affarijiet kif inhuma, mingħajr il-medjazzjoni tal-awtur. Imma din l-oġġettività mhix kwistjoni ta' nuqqas assolut ta' intervent imma ta' gradi, ta' intervent mill-inqas. In-narratur ma jistax ikun għalkollox inviżibbli. Jiġu mumenti meta n-narratur ta' Zola jgħid affarijiet li nħossu li mhumiex għalkollox meħtieġa biex ikollna ritratt tad-dinja maħluqa mit-test. Ngħidu aħna, f'sentenza qasira li fiha n-narratur jgħidilna dwar kunflitt li nibet bejn il-protagonista Étienne u ġuvni ieħor, jikkummenta

wkoll fuq kif dan kien eżempju tat-tip ta' mibegħda "istintiva" li tinbet "f'salt" bejn il-bnedmin (Part 1, Ch. 3). Imbagħad, fl-istess paragrafu, tinħass l-id tan-narratur li jinqeda bil-metafora biex jagħti interpretazzjoni tal-ispiera tal-minjiera (donnha ħalq kbir ta' bhima guluża) li kuljum "tibla' r-razzjon tagħha" ta' mijiet ta' ħaddiema li jinżlu jaħdmu "f'din in-nemmiela enormi, kullimkien iħaffru fl-art, itaqqbu fiha qisha biċċa njama qadima mikula mid-dud." F'nofs "is-skiet tqil u l-piż li jgħaffeġ" tas-saffi tal-blat, "dak li jkun" seta' jqiegħed widintu mal-blat u jisma' "ċ-ċaqliq ta' dawn l-insetti bnedmin qed jaħdmu." Dawn l-osservazzjonijiet suġġettivi ma jidhirx li huma frott il-ħsieb ta' Étienne li huwa l-fokalizzatur ewlieni f'din il-parti tar-rumanz; u lanqas mhuma "meħtieġa" biex nifhmu l-ġrajjiet. Il-metafori li juża n-narratur eterodijeġetiku jistabbilixxu l-pożizzjoni ideoloġika tiegħu fir-rakkont imma dan jagħmluh mingħajr il-ħtieġa tat-tip ta' dikjarazzjonijiet politiċi, qishom kummentarji regolari (u prevedibbli) li spiss jagħmel in-narratur ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*. Il-figurazzjoni tal-minjiera bħala ħlejqa enormi li l-ħin kollu tibla' lill-ħaddiema-nemel terġa' tidher fis-sitt kapitlu tal-ewwel parti u tinħass li ġejja direttament mingħand in-narratur. Iżda meta l-bhima kattiva u dejjem imġewħa titfaċċa fit-tieni kapitlu tas-seba' u l-aħħar parti tar-rumanz, hija l-metafora ta' Souvarine, l-aġitatur anarkiku Russu: "*He would kill the Voreux at last, that evil beast with ever-open jaws which had swallowed so much human flesh!*" Meta l-minjiera tisfronda, in-narratur eterodijeġetiku jgħidilna li l-bhima, midruba (Part 7, Chap. II), li tħanżret fil-laħam tal-bnedmin, tinbela' mill-abbiss (Part 7, Chap. III); u fl-aħħar kapitlu tar-rumanz Étienne jara l-bhima mostruża ta' taħt l-art bħala metafora tas-sistema kapitalista (Part 7, Chap. VI). Dan ifisser li l-metafora tal-minjiera bhima dejjem imġewħa tiżviluppa minn figurazzjoni tan-narratur għal viżjoni tad-dinja tal-protagonisti nfushom: fl-aħħar mill-aħħar din il-metafora ċentrali, bħad-diskors dwar il-forza tax-xorti u d-destin f'*Ħelsien*, issir parti mid-dinja tar-rumanz, mit-tessut tiegħu magħmul mill-kuxjenza tan-narratur u tal-karattri.

B'dat-tip ta' osservazzjonijiet biss mifruxin matul ir-rumanz, donnhom moħbijin f'deskrizzjoni li tidher oġġettiva, jew f'aġġettiv, jew f'metafora, u mhux frott il-kuxjenza tal-karattri, nistgħu nibnu l-profil ta' narratur li donnu jipprova jikxef mill-inqas l-identità tiegħu. In-narratur eterodijeġetiku ta' *Ħelsien* huwa inqas mistur minn dak ta' *Germinal* iżda inqas mikxuf u didattiku minn dak ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, rumanz li Bonnici ppubblika sena qabel lesta *Ħelsien*. Hemm waqtiet meta n-narratur ta' Ellul Mercer jipprietka u ma jagħmel ebda sforz biex jaħbi n-natura didattika tal-intervent tiegħu, bħal

meta jinqeda bil-vuċi awtorevoli tal-ewwel persuna plural f'kummentarju dwar il-qagħda ta' Leli. Wara li jirrifletti fuq in-narrazzjoni tiegħu stess, b'verbi bħal "Niftiehmu," "Għedna" u "ma għaġġibnihiex," jgħaddi għal prietka fuq it-twemmin Kattoliku li tinqeda bl-imperattiv: "Staqsu," "idħlu daħla fikom infuskom," "oqogħdu aħsbu" (Ellul Mercer 141). In-narratur ta' Ellul Mercer jindirizzana kemm-il darba biex jidderieġi l-qari tagħna, bħal meta jgħidilna, "jekk għadkom tiftakru" (179), u biex jidderieġi l-interpretazzjoni tagħna tal-ġrajjiet: "Ħaġa tal-għaġeb! Kif mara ssib jew iġġib id-dmugħ f'għajnejha kull xħin trid?" (194), u "tistagħġbux għaliex għedna li għal Vira dan kien l-akbar niket li setgħet iġġarrab u li għal Leli dan kien jum ta' għajb li ma bħalu" (216). Ħafna drabi l-intervent tan-narratur ta' *Ħelsien* huwa iktar sottili, bħal meta fit-tieni nofs tal-ewwel kapitlu jistqarr li "L-aqwa ħaġa hi l-ikel: bla lbies u bla kenn wieħed jista' jgħaddi, iżda bla ikel ma jdumx wisq ma jibda jnin u jitmantar" (21), u mbagħad ikompli jitkellem dwar Paċikku u Kurun. Huwa intervent li jfakkarna fir-Realiżmu "klassiku" li jagħtina l-impressjoni li mhux qed "jimmanipula, jinkwadra u jippreżenta verżjoni tiegħu tal-ġrajjiet" (Cobley 84). L-oġġettività, li mhix għajr soġġettività moħbija, "*in disguise*" (Bal 41), teħtieġ "in-naturalizzazzjoni." In-narratur ta' *Ħelsien* jagħmel tabirruħu li qed jgħid xi ħaġa minn ewl id-dinja.

Hemm tentattiv deċiż tan-narratur eterodijeġetiku li jżomm id-distanza mid-dijeġesi f'dak li jitqies bħala l-ewwel rumanz Verista, *Giacinta* (1879) ta' Luigi Capuana (1839-1915), li l-awtur iddedikah lil Zola. Id-distakk jinħass l-aktar fit-tieni edizzjoni iktar Naturalista tar-rumanz tal-1886. Wieħed mill-kriterji ewlenin tal-Veriżmu, magħruf bħala "l-eklissi tal-awtur," insistew fuqu kemm Capuana u kemm Giovanni Verga, li kien ippropona li l-id tal-artista trid tibqa' għalkollox inviżibbli (Brincat 96). Capuana stqarr li r-rumanz m'għandux iservi ta' mezz biex titwassal xi idea jew sistema (Capuana, *Gli "ismi" contemporanei* 30). Naturalment, jgħid Brincat, dan ma jfissirx li Capuana u Verga mxew ma' dawn "il-prinċipji teoriċi" (96-97); wara kollox, il-leħen tan-narrazzjoni maħluq mill-awtur jew l-awtriċi huwa dak li jmexxi r-rakkont.

Capuana kien rumanzier Kataniż magħruf sew f'Malta tal-bidu tas-seklu 20 min-nies tal-kultura (Friggieri, *Ellul Mercer* 4), u fl-ewwel ħarġa tar-rivista *Malta Letteraria* ta' Settembru 1904 dehret novella tiegħu bl-isem ta' "Sorrisino;" f'dir-rivista deher ukoll xogħol dwar il-kitba tiegħu (Friggieri, *Ellul Mercer* 7). Letterati bħal Giacinto Tua u l-awtoritajiet ta' Malta laqgħu l-fehmiet ta' Capuana li kien ġie Malta bejn it-12 u s-27 ta' Diċembru 1910 fuq stedina ta' Agostino Levanzin biex jagħmel taħdita fuq ir-relazzjoni bejn ix-xjenza u

l-arti. Iż-żjara qanqlet entużjażmu kbir (Brincat 92, 112; Friggieri, "La visita"), kemm għax Capuana kien awtur kontemporanju ewlieni kif ukoll għaliex kien professur tal-letteratura Taljana fl-Università ta' Katanja (Friggieri, "La visita"). Madankollu kien hemm ukoll figuri letterarji ewlenin, bħal Ġużè Muscat Azzopardi, li ħaduha qatta bla ħabel kontra l-Veriżmu għal raġunijiet morali u beżgħu mir-"*ributtante verismo zoliano*" (Brincat 92; Vella 82). Ir-rumanz Malti kellu jistenna sas-snin 30 tas-seklu 20 biex jibda jesperimenta b'elementi tal-Veriżmu, waqt li l-esperimentazzjoni fin-novella bdiet qabel (Brincat 93-94). Fid-diskors pubbliku tiegħu, li deher ftit wara fil-ġurnal Malti *L'Avvenire*, Capuana tkellem dwar kif l-arti, minkejja l-vokazzjoni tagħha marbuta mal-immaġinazzjoni, ma setgħetx tibqa' sajma mill-iżviluppi li kienu qed iseħħu fil-qasam tax-xjenza (Friggieri, "La visita"). Balzac daħħal fir-rumanz l-idea, jgħid Capuana, tal-osservazzjoni immedjata tal-post u tal-ambjent u l-awturi ma setgħu jinjoraw ebda rokna tal-ħajja fir-rappreżentazzjoni fin-narrattiva letterarja. Fl-istess ħin il-kelliem saħaq li kunċetti xjentifiċi, filosofiċi, reliġjużi, mistiċi, u estetiċi ma kienx posthom fix-xogħol tal-arti, għax il-funzjoni tal-arti hija tassew differenti minn dik tax-xjenza, tal-morali u tar-reliġjon.

Ma nafux jekk Ġużè Bonnici kienx influwenzat direttament min-novelli jew ir-rumanzi ta' Luigi Capuana, u ma nafux qarax is-saġġi kritiċi tiegħu. Nafu, però, li bħal Capuana, Bonnici kellu interess kemm fl-arti u kemm fix-xjenza, u fil-kelmtejn ta' preżentazzjoni għall-ktieb ta' Bonnici tal-1932 dwar *It-Trobbija tat-Tfal*, il-Prof. Giusè Ellul, li kien jgħallmu l-Università, sejjaħlu "ż-żagħżugħ tabib Bonnici, wieħed mill-kittieba tal-Malti, studjuż ħafna tax-Xjenza li huwa bil-qalb ħaddan, u ħabib tal-fqar" (Ellul 4). L-istil għalkollox differenti tal-kitba f'dan il-ktieb, b'sentenzi kultant qosra ħafna li jippreżentaw idea waħda, jixhed li l-awtur kien konxju sew tal-modi differenti kif jista' juża l-lingwa fl-arti u fix-xjenza, fin-narrattiva u f'manwal għall-poplu. Barra minn hekk, mix-xogħol ta' riċerka ta' Shanna Spiteri nafu li Bonnici kien iħobb jaqra ħafna bit-Taljan, prinċipalment kotba klassiċi Taljani. F'diskors dwar "L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija" (1949), il-ħabib tal-qalb tiegħu Rużar Briffa jgħid li "Ġużè Bonnici kien miġnun fuq ir-rumanzi u n-novelli Taljani" (1). Mill-fatt li kiteb novella bit-Taljan nistgħu nobsru li r-rabta tiegħu mat-Taljan letterarju kienet b'saħħitha (ara Borg xiv). Shanna Spiteri tgħid ukoll li kellu kollezzjoni ta' xogħlijiet letterarji ta' awturi Russi, fosthom *Anna Karenina* ta' Leo Tolstoy. Dawn huma awturi li nafu li influwenzaw sew lil Luigi Capuana, bħalma influwenzawh ir-rumanziera Franċiżi, fosthom Zola, li Capuana jirreferi għalih kemm-il

darba fil-kitbiet tiegħu, avolja eventwalment jitbiegħed minnu estetikament meta jinqata' mill-Pożittiviżmu (Dombroski 464). Meta nqis dan il-kuntest storiku letterarju u l-elementi Realisti f'*Ħelsien*, nasal għall-konklużjoni li l-fehmiet ta' Capuana dwar il-kitba tan-narrattiva jgħinuna biex nanalizzaw il-funzjoni tan-narratur eterodijeġetiku ta' Bonnici.

**Leħen Narrattiv Diskret**

F'saġġ dwar "La crisi del romanzo" li xxandar fl-1898, aktar minn 10 snin qabel iż-żjara tiegħu f'Malta, Capuana fisser kif fl-imgħoddi l-letteratura Taljana kienet marida sew bir-Romantiċiżmu, "*un accesso di romanticismo; febbre a quaranta gradi, allucinazioni, delirio!*" u għalhekk it-tabib ordna doża tajba ta' Naturaliżmu u sperimentaliżmu (*Gli "ismi" contemporanei* 24). Meta l-letteratura sikret b'dawn l-elementi, ingħatat doża ta' psikoloġiżmu f'kull parti ta' ġisimha, iżda din il-kura donnha qatgħet lil-letteratura, f'għajnejn Capuana, mir-realtà tal-ħajja ta' kuljum tal-biċċa l-kbira tal-poplu. Capuana jsostni li l-letteratura trid tħaddan "il-metodu tal-osservazzjoni," imma dejjem skont il-limiti imposti mill-karattru u n-natura tax-xogħol tal-arti (26). Id-dmir tal-artisti hu li "jibnu x-xogħol letterarju tagħhom fuq il-bażi ta' osservazzjoni diretta u jagħtu libertà sħiħa lill-fatti, lill-karattri, lill-passjonijiet biex jaġixxu," mingħajr ma l-awturi jdaħħlu "l-kriterji partikulari" tagħhom. Capuana jemmen li l-awturi jridu jimitaw proprju n-natura, li ġġib fid-dinja l-ħlejjaq u titlaqhom għal riħhom u tesponihom għall-ġudizzju tas-soċjetà (26). Dan l-element ta' karattri mitluqin għal riħhom min-natura jinħass fir-rumanz tat-tabib u xjenzat żagħżugħ Ġużè Bonnici, li jħares lejn il-karattri tiegħu maqbudin fil-morsa tan-natura (u x-xorti) tagħhom. Dawk li huma fiżikament b'saħħithom, bħal Peppi, ħu Feliċ, li "jiflaħ ikisser il-ġebel" (Bonnici, *Ħelsien* 103), u missieru Ġamri, kapaċi jkampaw fil-ħajja minkejja l-kuntrarji kollha tal-faqar u l-inġustizzja soċjali strutturali li jsibu ma' wiċċhom, għax is-saħħa fiżika tagħhom tirfed is-saħħa mentali. Ir-rumanz qed jitkellem fuq Malta li fiha kwart tat-trabi kienu jmutu qabel ma jagħlqu sena (Bonnici, *It-Trobbija* 13). Fin-narrattiva ta' Bonnici hemm "il-fehma li kollox iseħħ skont destin" (Friggieri, "Kumment" 27). Fir-"realiżmu psikoloġiku u spiritwali" tiegħu, "it-tbatija tal-individwu" hija "l-eżempju ewlieni tan-niket uman kollu," u l-inġustizzji soċjali l-awtur "ibiddilhom f'turija tal-qawwa tax-xorti fuq il-bniedem privat." Waqt li hu membru ta' komunità soċjali, il-bniedem jintlaqat bħala individwu (Friggieri,

"Kumment" 27). Kif turina l-ġrajja ta' Feliċ, fir-rumanz id-destin tal-individwu jistrieħ qabelxejn fuq is-saħħa fiżika.

Minkejja d-diwi politiku u soċjali ta' ismu, u minkejja l-fehma li fih "insibu mqaxxra l-ħajja raħlija kif jaf iħossha u kif jaf ifissirha l-kittieb" (Chetcuti 29), *Ħelsien*, bit-taqtigħa tal-bniedem man-natura u max-xewqat u l-ambizzjonijiet tiegħu, huwa rumanz iżjed mixħut fuq il-psikoloġija individwali milli fuq fenomeni soċjali. Jista' jkun li għalhekk ukoll il-ħabib tiegħu Ġużè Chetcuti kien ħabbar li "għalkemm għadu ma ħareġx għad-dawl, diġà jinsab imdaħħal bħala test fl-Università" (29): dan mhux rumanz li jisfida l-poter politiku, kulturali u soċjali. Mark Vella jiddeskrivi n-narrattiva ta' Bonnici bħala "'patoloġija' tar-ruħ umana" għax titlaq "mit-twegħir soċjali" sabiex tasal "għall-analiżi ta' individwi mnikktin u vittmi" (100-101). In-narratur ta' Bonnici ma jidhirx wisq interessat li jattakka l-istrutturi politiċi, ekonomiċi u soċjali inġusti li minħabba fihom ir-raħlin ta' Ħal Rażul, jitħabtu kemm jitħabtu, qajla jistgħu jieħdu r-ruħ. Ġamri jrid imur jittallab mingħand il-Gvern, bil-għajnuna tal-figura ekkleżjastika patrijarkali ta' Dun Xand, biex iqabbillu biċċa art moxa lejn Ta' Feles (94); u hemm nuqqas ta' aċċess għall-infrastruttura u għall-edukazzjoni għal min għandu bżonnha l-iżjed. Minkejja li jirrakkonta l-istorja fl-isfond ta' strutturi inġusti li jekk irridu, bħala qarrejja nistgħu nilmħuhom, in-narratur jidher li ma jridx jeħodna f'dik id-direzzjoni u jagħżel li jixħet l-attenzjoni tiegħu l-iżjed fuq il-psikoloġija u l-moralità tal-individwi. In-narratur jhewden mhux biss, ngħidu aħna, fuq il-fatt li Luretu "kien ifittex in-nisa, u n-nisa kienu jogħxew jintilfu miegħu f'sahriet ta' mħabba miġnuna," imma anki, skont il-kredu patrijarkali dominanti li jittrażmetti, fuq il-fatt li n-nisa "kienu donnhom jinsew dmirijiethom kollha" (139). Għal-leħen narrattiv ta' Bonnici, bħal dak ta' George Eliot f'*Middlemarch* (Eagleton f'Cobley 88), nistgħu niksbu l-akbar ġid għall-komunità billi niffukaw fuq ir-riforma morali personali minflok riforma politika li tmiss is-sisien mherrija ta' soċjetà kolonjali u kapitalista profondament inġusta.

Għalkemm ma nistgħux inqisuh bħala rumanz politiku, *Ħelsien* huwa l-iktar wieħed fost ir-rumanzi ta' Bonnici li għandu element politiku. Ngħidu aħna, in-narratur jgħaddi kumment negattiv fuq il-politika inġenerali meta jgħid li "l-għedewwa" politiċi ta' Luretu kienu moħħhom biex jaqilgħu l-ħama kollu li jsibu dwaru, "l-intietef kollha ta' ħajtu," qishom "Nemes għatxan id-demm u mxennaq minn fatra kotrana" li jrid, akkost ta' kollox, "iross u jaħfen u jeqred id-debħa mixtieqa" (160). Imma fl-aħħar mill-aħħar, ebda wieħed mill-erba' rumanzi ta' Bonnici m'għandu l-impenn politiku tad-delegat żagħżugħ tal-

Partit tal-Ħaddiema u awtur, fl-1931, tal-istorja bikrija tiegħu. Dik kienet fażi differenti ta' ħajtu, qabel laħaq tabib u nxteħet b'ruħu u ġismu fuq il-professjoni tiegħu, il-promozzjoni tal-Malti, il-kitba kreattiva, u l-pubblikazzjoni. Jista' jkun li kienet il-kultura ta' ħmieġ u opportuniżmu li jsemmi n-narratur li naffret lil Bonnici mill-politika.

Għan-narratur eterodijeġetiku, l-individwu jrid ikun magħmul b'mod li jkun jiflaħ jeħodha kontra l-qawwa u l-kapriċċi tan-Natura. Din hija t-taqbida ta' kuljum tal-bidwi. Il-bniedem li "n-natura ma tantx kienet ħanina miegħu," biex nikkwota min-novella "Paċikku" ta' Bonnici stess (103), "u għamlitu inqas minn ħaddieħor," għandu l-limiti tiegħu miktuba fl-inkapaċitajiet ta' ġismu. Ġamri, li kien qorob l-erbgħin sena,

> kien ġej minn ġebbieda ta' bdiewa: missieru, missier missieru, u l-qatgħa l-kbira minn niesu kienu kollha jaqilgħu x'jieklu mir-raba'. Hu kien wieħed minn dawk l-eluf ta' qalbiena bla isem li, għandhom mnejn bla ma jqisu l-kobor ta' ħidmithom, jeħduha mal-qawwa tan-natura biex jaħkmuha taħthom u jġiegħlu l-art troddilhom il-għajxien għalihom u għal ġenshom; wieħed minn dawk il-qalbiena li f'taqtigħa bla tmiem, f'kull siegħa u f'kull jum ta' ħajjithom bla mistrieħ u bla heda, iridu jżommu ruħhom dejjem imħejjija biex jilqgħu l-logħob tal-irjieħ u tax-xita . . . jerħulha mill-ġdid għat-taqbida ta' kuljum li minnha jridu jaqilgħu l-għajxien. (Bonnici, *Ħelsien* 25-26)

Biex tkampa, u wisq iktar biex ittejjeb is-sitwazzjoni ekonomika tiegħek, trid tkun b'saħħtek. Għalhekk id-destin ta' Feliċ, tifel dgħajjef, huwa miktub. Jista' jkun li għalhekk ukoll, minbarra l-ambizzjoni bla rażan u kattiva ta' Luretu, in-narratur ma jikkundannax bil-qawwa kollha lil Feliċ tad-delitt li jwettaq. Fil-ktieb *Il-Ġmiel ta' Ġisimna* tal-1939, li kitbu fl-istess sena li kiteb *Ħelsien*, Bonnici jinsisti fuq ir-rieda ħielsa tal-bnedmin: "Aħna naħsbu, irridu, nifhmu, nitkellmu. Aħna nistgħu nagħmlu t-tajjeb u l-ħażin, il-ġid u d-deni kif jogħġobna u kif jaqblilna; aħna nħobbu u nobogħdu, nidħku u nibku, nieħdu u nagħtu; aħna nagħżlu s-sabiħ u naħarbu l-ikrah, ingħollu s-safi u mmaqdru l-mittiefes," jgħid Bonnici, u "nqimu l-kbir u ngħajbu ċ-ċkejken u d-dgħajjef" (*Il-Ġmiel ta' Ġisimna* 158). Din tal-aħħar hija stqarrija li ma tistennihiex minn awtur dikjaratament Nisrani, iżda tirrifletti dak li jiġri fir-rumanz, speċjalment lil Feliċ.

Minkejja li "l-ħajja ġejja mir-ruħ li Alla jagħtina waqt it-tnissil tagħna," ir-rumanz irid iħabbat wiċċu mal-kunflitt bejn il-fehma li l-bnedmin mhumiex sempliċiment "magna mogħtija l-ħabel" għax għandhom ir-rieda ħielsa li

tispjega għaliex jagħmlu l-ħażen minkejja li ħalaqhom Alla, li hu tajjeb (*Il-Ġmiel ta' Ġisimna* 158), u l-fehma li d-destin tal-bnedmin huwa miktub. Waqt li "Feliċ jidher ikkundizzjonat mill-ambjent magħluq u miżeru ta' Ħal Rażul," Luretu wkoll, minkejja li donnu laħaq is-sema b'idu, "hu kkundizzjonat mill-permessività u l-opportuniżmu tal-belt. Kollox jieħu xejra fatalista" u l-bniedem jispiċċa parti minn "storja predeterminata" (Cassar 34), minkejja li mingħalih qed jidderieġi kollox hu. Hu u jitkellem fuq kif "il-kus tal-hena" ta' Luretu "kien għoddu mtela sax-xfar" (Bonnici, *Ħelsien* 159), in-narratur ta' *Ħelsien* jiddikjara li "x-xorti" tal-bnedmin hija "ħalja u nieqsa minn kull qies ta' ħaqq": fin-natura u fil-ħajja m'hemmx ġustizzja. Mhux veru li kulħadd jieħu li ħaqqu. Min-naħa l-oħra, huwa forsi minħabba l-inġustizzja tan-natura li n-narratur ma jeħodhiex daqshekk kontra Feliċ meta joqtol lil Luretu, għax donnu bil-qtil iwettaq il-ġustizzja li n-natura ma twettaqx, dik li Cassar isejħilha "ġustizzja poetika" (33). Il-pożizzjoni tan-narratur eterodijeġetiku fuq il-ħtija hija ambigwa. Fl-aħħar kapitlu l-maqtul u l-familja tiegħu ftit jew wisq jogħsfru mir-rakkont u n-narratur jiddedika l-aħħar paragrafi tar-rumanz lil Feliċ. Ix-xena fil-Qorti tispiċċa biċ-ċelebrazzjoni ironika, tista' tgħid assurda, ta' "Feliċ, merfugħ fuq l-idejn" (Bonnici, *Ħelsien* 258), u n-narratur ma jinfexx fit-ton ironiku tal-ewwel kapitli.

Fis-soċjetà ta' *Ħelsien* mhux biżżejjed li jkollok moħħok tajjeb: bħalma naraw fix-xena fis-Seminarju li fiha jrid jiddefendi ruħu fiżikament mill-omnipotenza ta' tifel imżarġan bl-isem ta' Albert li jgħajru "raħli maħmuġ" (79), anki Luretu, li ħdejn ir-raħlin l-oħra ġej minn familja tat-tajjeb li tiflaħ tagħtih l-aħjar opportunitajiet, irid juża s-saħħa fiżika biex ikampa fl-iskola. Is-sbuħija fiżika tiegħu mbagħad tgħinu biex jimxi 'l quddiem fil-professjoni tiegħu, essenzjalment qarrieqa skont in-narratur, ta' avukat, u jimponi ruħu bħala figura ewlenija fil-Belt.

Ir-rumanz ma jrid jagħmel xejn, jgħid Capuana, għajr "joħroġ kreaturi ħajjin minn ġo kwalunkwe materja" u "jwellidhom bl-istess varjetà, bl-istess ħala tan-Natura, imma aqwa minn tan-Natura, għax mhux soġġetti għall-jasar tal-kontinġenzi u tal-fatalità tal-mewt" (*Gli "ismi" contemporanei* 27); fl-aħħar mill-aħħar, waqt li l-bnedmin jispiċċaw, il-letteratura tibqa'. Ikun xi jkun l-istat soċjali tal-personaġġi, ikunu xi jkunu s-sentimenti, il-passjonijiet, il-fehmiet politiċi, it-twemmin reliġjuż, u l-konvinzjonijiet xjentifiċi tagħhom, jgħid Capuana, "ir-rumanz għandu jirriproduċi mhux il-mekkaniżmu imma proprju l-funzjoni normali u anormali ta' dawk l-elementi tant differenti minn xulxin, f'qalbhom, f'moħħhom u għaldaqstant fl-azzjonijiet li jwettqu u fil-

kumplikazzjonijiet li jinqalgħu" (27). Fil-limiti ta' rumanz Realista li ma jinqatax għalkollox mill-għażliet u l-preġudizzji tar-Romanticiżmu Malti f'aspetti bħall-puriżmu lingwistiku, il-lingwa letterarja stilizzata, il-puritaniżmu Kattoliku, il-kundanna tas-superfiċjalità u l-immoralità tal-Belt, u l-isterjotipizzazzjoni maskilista tan-nisa, Bonnici jipprova jesplora l-individwalitajiet tal-karattri ewlenin tiegħu f'*Ħelsien* u jagħtihom ċertu spazju biex "jitkellmu" huma minflok jitkellem in-narratur permezz tagħhom.

Nafu bl-influwenza tar-rumanziera Russi fuq Bonnici u fuq awturi Realisti Maltin ta' żmienu u l-personaġġi tagħhom, bħal Leli Braġ, li permezz tas-Sur Kelin jiltaqa' ma' *Il-Ħlas tal-Ħtija* u *L-Aħwa Karamazov* ta' Dostoevsky (Ellul Mercer, 198, 199; Psaila 172, 173; Friggieri, *Ellul Mercer* 29-30). Is-suċċess kbir tar-rumanzi Russi ta' awturi bħal Gogol, Tolstoy u Dostoevsky, jgħid Capuana, mhux ġej biss mill-"kunċetti tal-kriżi tal-kuxjenza, mit-taqbidiet fir-ruħ tal-bniedem, jew mill-viżjonijiet speċjali" tagħhom imma mill-"metodu ta' osservazzjoni bir-reqqa u s-sinċerità straordinarja" li biha jħaddmu dan il-metodu (28). Capuana jemmen li fix-xogħol letterarju tagħhom, ir-rumanziera għandhom l-obbligu li jinsew lilhom infushom, li jixxejnu, li jgħixu l-ħajja tal-personaġġi tagħhom (*Gli "ismi" contemporanei* 29). Iridu jħossu u jaħsbu bħall-personaġġi li joħolqu, mhux b'mod ironiku, jew kritiku, imma "b'oġġettività perfetta," għax il-personaġġi nfushom biss huma responsabbli minn dak li jħossu u dak li jaħsbu. Capuana jsostni li, kemm jista' jkun, ir-rumanziera m'għandu jkollhom ebda morali, reliġjon, jew politika tagħhom, fis-sens li n-narrattiva tagħhom ma tridx tikxef suġġettività awtonoma. Jekk ir-rumanziera jiddeffsu fil-karattri tagħhom jispiċċaw joħolqu pupazzi jew manikini li jilbsu u jaġixxu kif iriduhom huma.

Mhux xogħol il-karattri li jkissru rashom biex isolvu kwistjonijiet kbar, li jfissru xi teżi kbira. Xogħolhom hu li "jsolvu każijiet parzjali," għax kull persuna hija "dinja għaliha nfisha" (Capuana, *Gli "ismi" contemporanei* 29). Dawk li jitwieldu rumanziera, jgħid Capuana, jitwerwru, mingħajr ma jridu, "mit-teżi," jiġifieri mill-kitba ta' rumanz li jsostni teżi. Minħabba l-kwistjonijiet morali li jqanqal ir-rumanz ta' Bonnici, speċjalment lejn l-aħħar, in-narratur eterodijeġetiku għandu ħafna fejn jiffilosofizza u jippontifika dwar il-ħtija ta' Feliċ u ta' karattri oħrajn, imma dan jagħżel li ma jagħmlux. Meta nħares lejn *Ħelsien* fl-isfond ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, bin-narratur prominenti tiegħu, dan huwa wieħed mill-iktar aspetti li jissorprenduni. In-narratur idaħħalna fil-kuxjenza ta' Ġamri, Rożina u Paċikku waqt li qed jhewdnu li t-tort tal-qtil li wettaq Feliċ huwa tagħhom, iżda ma joħloqx it-teżi indipendenti tiegħu. Dan

jiftaħ it-tmiem tar-rumanz beraħ u jħallih, kif tgħid Maria Simiana (*L-Għeluq u l-Karatterizzazzjoni* 16, 93), mingħajr għeluq.

**Fokalizzaturi Differenti, Narratur Wieħed**

In-narrazzjoni ta' Bonnici ma titbigħedx mill-kummentarju suġġettiv daqs dik ta' Capuana. In-narratur imparzjali ta' *Giacinta* jirrakkonta l-aktar skont il-fokalizzazzjoni li jagħżel, skont il-karattri li jwasslilna r-riflessjonijiet individwali u ġewwiena tagħhom, Teresa Marulli, bintha Giacinta, il-maħbub tagħha Andrea Gerace, u oħrajn. L-analiżi psikoloġika tal-personalità mġarrba ta' Giacinta, minflok jagħmilha n-narratur li jkun qed josserva l-ġrajjiet, jagħmilha t-Tabib Follini, l-*alter ego* tar-rumanzier, fit-tieni kapitlu tat-tielet u l-aħħar parti tar-rumanz. Dan huwa fenomenu narrattiv li f'*Ħelsien* għandna biss ħjiel tiegħu: in-narratur jeħodna fil-ħsibijiet ta' Ġamri u Żabbetta dwar binhom Feliċ imma m'hemmx personaġġ partikulari li jagħmel analiżi xjentifika tal-personalità tal-protagonista minflok in-narratur. Fid-dijeġesi, Follini jistudja lil Giacinta "bil-kurżità bierda ta' xjenzjat *quddiem każ interessanti ħafna*" (Capuana, *Giacinta* 84); wara kollox ir-rumanz huwa studju psikoloġiku tal-protagonista u studju soċjoloġiku tas-soċjetà li topprimiha (Dombroski 464). Il-pożizzjoni ta' Follini, li qed josserva lill-protagonista minn ġod-dinja maħluqa mit-test letterarju, qisha l-pożizzjoni tan-narratur impersonali li ħoloq Capuana u li qed jifli l-karattri u l-ġrajjiet kollha minn barra. Follini jara fil-karattru passjonali ta' Giacinta mhux biss "prodott taċ-ċelluli, tan-nervituri u tad-demm" imma anki, bħala "dixxiplu" ta' Angelo Camillo De Meis tal-Università ta' Bologna, tar-ruħ u tal-ispirtu (Capuana, *Giacinta* 84). Fil-personalità tagħha jara dak li wirtet mingħand il-familja tagħha u r-riżultat taċ-"ċirkostanzi soċjali" li fihom sabet ruħha. Capuana jrid ineħħi kemm jista' kull ħjiel tal-vuċi separata tan-narratur u hawnhekk Follini, donnu t-"tabib-filosfu" ideali tiegħu, kif issejjaħlu Adriano (96), jaqdi l-funzjoni analitika li sikwit jaqdi n-narratur eterodijeġetiku f'rumanzi ta' ġeneri oħrajn. F'waqt wieħed ċkejken f'*Ħelsien*, sentenza waħda li donnha tħabbar il-kumplessità tan-narrattiva Maltija tal-ġenerazzjoni kożmopolita li ġiet ħafna wara, Ġamri, minn fokalizzatur "sieket" tan-narratur eterodijeġetiku, jindirizza fi ħsibijietu, mingħajr virgoletti, lil ibnu Feliċ. F'nifs wieħed Ġamri jsir bħallikieku n-narratur omodijeġetiku: "Min qatt kellu jgħidlu li ibnu, id-demm ta' demmu, sa jasal biex itabba' ġieħu u jtemm ħajtu fil-għajb! Imsejken Feliċ, kemm hi ħarxa l-aħħar biċċa tal-medda ta' ħajtek u

kemm imrar u qrusa kien imħejji għalik! Imma Feliċ ma kienx ħati; il-ħati kien hu, Ġamri . . . " (Bonnici, *Ħelsien* 219). Hawnhekk in-narratur eterodijeġetiku jċedi għal ftit il-ħakma u l-awtorità tiegħu fuq in-narrazzjoni. F'waqt ieħor, in-narratur jindirizza mingħajr virgoletti lil Rożina b'mod retoriku, "Għażiża, għażiża Rożina" donnu qed ikellimha Feliċ innifsu (252). Għal waqt wieħed, in-narratur isir Feliċ.

Bħal Capuana r-rumanzier, f'ħafna mumenti Bonnici jirrakkonta l-istorja tiegħu permezz ta' narratur li jinqeda b'għadd ta' fokalizzaturi u dan jagħtih il-possibilità li jagħmel dak li jissuġġerixxi Capuana t-teoriku letterarju, jiġifieri li jħalli l-karattri jsawru l-ġrajja tagħhom u l-interpretazzjoni tagħha. Ngħidu aħna n-narratur jagħmel l-għażla strateġika li jsejjaħ lill-Prosekutur "ir-raġel liebes l-iswed" sittax-il darba fl-aħħar kapitlu għax Feliċ, il-fokalizzatur, hekk jarah; il-mixli qatt ma daħal il-qorti u din id-dinja tal-borgeżija ma jafhiex. Iżda bħalma jiġri fil-każ ta' *Germinal*, hemm ukoll waqtiet meta n-narratur jintervjeni b'mod dirett. F'din is-silta jippreżenta lil Ġamri bħala parti minn kategorija anonima ta' bnedmin li minkejja li l-ħajja tagħtihom bil-ħarta u l-istrutturi tal-bnedmin huma inġusti magħhom, ma jaqtgħux qalbhom u jibqgħu jitħabtu biex itejbu l-kundizzjoni materjali tagħhom:

> Hu kien wieħed minn dawk l-eluf ta' qalbiena bla isem li, għandhom mnejn bla ma jqisu l-kobor ta' ħidmithom, jeħduha mal-qawwa tan-natura biex jaħkmuha taħthom u jġiegħlu l-art troddilhom il-għajxien għalihom u għal ġenshom; wieħed minn dawk il-qalbiena li f'taqtigħa bla tmiem, f'kull siegħa u f'kull jum ta' ħajjithom bla mistrieħ u bla heda, iridu jżommu ruħhom dejjem imħejjija biex jilqgħu l-logħob tal-irjieħ u tax-xita; wieħed minn dawk il-qalbiena li meta jaqgħu mirbuħa ma għandhom l-ebda tama li tagħhom u ta' għemilhom għad tibqa' xi tifkira ħlief xi ħarruba jew xi siġra oħra mikula mix-xemx u maħruqa mir-riħ. Biżżejjed ħalba xita mhix f'waqtha, biżżejjed ftit sigħat ta' riħ qawwi biex itellifhom ix-xogħol ta' xhur sħaħ; biżżejjed id-duda tinxtered aktar għaġġelija jew il-mard jidħol ftit aktar 'il ġewwa biex jaraw kollox jinbala' u jinxef f'idejhom, biex il-ħolm u t-tama ta' ftit qligħ sewwa jgħibu fix-xejn. B'daqshekk ma jaqtgħux qalbhom. (25-26)

Dan huwa l-ewwel intervent twil tan-narratur eterodijeġetiku ta' *Ħelsien* għax ma nistgħux nattribwixxu dan il-kumment lil Ġamri jew lil xi karattru ieħor. Il-qawwa ta' din il-vuċi minn barra d-dijeġesi tinħass sew fir-retorika ta' din is-silta u tiġbdilna l-attenzjoni, jew tfakkarna, kif jissuġġerixxi Cobley

meta jitkellem dwar ir-ritmi rikorrenti tan-narrazzjoni (41), li hemm narratur li qed jirrakkonta. Fid-definizzjoni ripetuta ta' Ġamri, permezz ta' anafora li tispikka, bħala "wieħed minn dawk il-qalbiena," hemm stqarrija espliċita ta' simpatija lejn Ġamri u l-membri anonimi tal-komunità li jbatu u jistinkaw fis-skiet. In-narratur eterodijeġetiku, li jirrakkonta l-ġrajjiet ta' komunità mwarrba ta' bdiewa fqar mill-perspettiva tagħhom, ma jagħmel ebda sforz biex jaħbi l-pożizzjoni ideoloġika tiegħu.

Id-definizzjoni suġġettiva tal-bdiewa bħala "qalbiena" tikkonferma l-pożizzjoni morali tan-narratur li hija iktar qrib dik tan-narratur tar-rumanz ta' Juann Mamo, awtur li Bonnici qatt ma jsemmi, milli tal-kittieba li jikkritika f'nota f' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, li "ħsiebhom biex jimxu wara l-bidwi li jiżra' f'art mhix maħduma" (Mamo 333). Mark Vella jara lil Bonnici bħala "pittur malinkoniku ta' raħħala miżerabbli u karattri marradija quddiem il-bruda u l-ipokrisija tal-bqija tas-soċjetà," awtur li jisħaq fuq "is-supremazija tal-emozzjonijiet" u jislet "riflessjoni dwar ir-ruħ umana, imtaħħta minn ambjenti isħeħ minnha (101). Bħalma n-narratur ta' *Germinal* jagħżel bejn minaturi differenti, fosthom Étienne u Chaval, skont il-karattri u l-valuri morali tagħhom, hekk ukoll jagħmel in-narratur ta' *Ħelsien*. Iżda t-tnejn li huma jixħtu l-ħarsa tagħhom fuq dawk li, biex nużaw diskors soċjoloġiku (Gelderblom 1310), għandhom kapital ekonomiku, soċjali, kulturali u simboliku limitat. Huma qalbiena iktar u iktar għax, kif jinterpreta x-xorti umana Bonnici, id-destin tal-personaġġi huwa miktub sa mit-twelid tagħhom: skont id-Deterministi, fl-oqsma tax-xjenza tal-ġenetika, tal-imġiba u tal-konjizzjoni, u tan-newroxjenza, qed tikber l-evidenza li r-reazzjonijiet tagħna l-bnedmin huma kkundizzjonati iktar milli naħsbu, jew milli konna naħsbu, minn fatturi li m'għandniex kontroll fuqhom (Willmott 7). Dak li jgħid Friggieri dwar kif "Id-determiniżmu fiżjoloġiku kien, ftit jew wisq, il-punt tat-tluq ta' kull rappreżentazzjoni tal-bniedem fil-kitba" fin-Naturaliżmu (*Ellul Mercer* 2), jgħodd ukoll għar-Realiżmu ta' *Ħelsien*.

Il-pożizzjoni filosofika tan-narratur ta' *Ħelsien* toħroġ ukoll fl-anafora fit-tieni sentenza, iqsar mill-ewwel waħda, li fiha jitkellem fuq il-vulnerabilità tal-bnedmin iż-żgħar quddiem il-forzi imprevedibbli tal-ħajja: fiċ-ċokon tal-kelma waħdanija "biżżejjed" hemm iċ-ċokon tal-anonimat ta' nies bħal Ġamri; fir-ripetittività tal-anafora hemm id-dgħufija kronika tiegħu u ta' nies bħalu li fiċ-ċirkostanzi ta' kompetizzjoni u stratifikazzjoni li jsibu ruħhom fihom diffiċli jissieltu biex ikabbru dawk li Gelderblom isejħilhom "il-portafolli tal-kapital" tagħhom (1310). Minkejja l-preżenza nofsha mistura tiegħu, għax

donnha maħżuna fil-kuxjenza ta' Ġamri, il-pożizzjoni ideoloġika tan-narratur maħluq minn Bonnici hija ċara.

Ir-relazzjoni bejn il-kuxjenza ta' karattru u l-osservazzjoni eterodijeġetika tan-narratur issir iktar kumplessa meta n-narrazzjoni tgħaddi minn leħen għal ieħor, mingħajr skossi, mhux biss f'paragrafu wieħed iżda saħansitra f'sentenza waħda. L-effett li jinħoloq huwa dak ta' narrazzjoni komprensiva li għandha ħakma fuq l-interpretazzjonijiet kollha. Ebda narrattiva ma tista' tkopri kull angolu imma din hija l-impressjoni li nħoss li tagħti din l-istrateġija tan-narrazzjoni f'*Ħelsien*. F'paragrafu twil, mifrux fuq żewġ paġni, fil-bidu tat-tielet kapitlu, ir-rumanz jintroduċilna l-personaġġ sorprendenti għal żmienu ta' Madliena. Hija mara b'sesswalità ripressa li donnha tħabbar il-miġja, wara l-Indipendenza, tal-karattru straordinarju tas-Sa Rożann, bil-profil psikanalitiku Modern tiegħu, fir-rumanz *Samuraj* ta' Frans Sammut. Is-sehem ta' Madliena mhuwiex sekondarju daqskemm jidher: id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' Paċikku bħala l-qattiel ta' Luretu hija wkoll dikjarazzjoni ta' mħabba lil Madliena. F'dan ir-rumanz kull personaġġ, kull episodju jipparteċipa fil-ġrajja prinċipali: f'*Ħelsien*, bħal f'*Germinal* u *Giacinta*, m'hemmx id-digressjonijiet ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*. Din storja magħquda sew li fiha l-partijiet jaħdmu flimkien f'tifsila waħda. Meta nħarsu lura nintebħu x'kien il-pjan, nagħrfu s-sinjali, nifhmu l-elementi kollha tad-disinn tal-awtur implikat, imma dan kapaċi nagħmluh wara, mhux huma u jseħħu l-ġrajjiet. It-ton leġġer tan-narrazzjoni fl-ewwel xeni aktarx iqarraq bina, bħalma jqarraq bina l-isem polifoniku tar-rumanz, bil-konnotazzjonijiet politiċi, soċjali u fl-istess ħin individwali tiegħu. Minħabba l-qrubija bejn l-osservazzjoni "minn barra" tan-narratur u l-osservazzjoni minn ġol-kuxjenza ta' Madliena, in-narratur eterodijeġetiku la jinħass imbiegħed u lanqas maqtugħ mill-karattri "tiegħu." Hemm kompliċità bejniethom li tinħass fis-sehem tagħhom fil-ġrajja. In-narratur iħoss anki għal dawk il-karattri ewlenin, Luretu u Rożina, li ma jaċċettax l-ambizzjoni tagħhom, imma jifhem il-psikoloġija li tmexxihom (donnha minn imneħirhom).

Il-kompliċità bejn il-leħen narrattiv u l-kuxjenza tal-karattri tinħass sew f'din is-silta mill-paragrafu dwar Madliena fil-bidu tat-tielet kapitlu:

> Id-dehra ta' dawk l-irġiel kollha fuq is-setaħ u l-ħsieb li issa jkollha tgħaddi kemm-il darba minn bejnhom u għandu mnejn, ukoll, ittihom jixorbu, ħawdu 'l Madliena u qanqluha sewwa; għajnejn l-irġiel kienet tħosshom jaħarquha; u kienet tħobb taħrabhom li ma tkunx il-ħtija ta' xi ħsieb ħażin fihom. Hi, fit-tjieba tagħha u f'dik id-daqsxejn frugħa li tibqa' dejjem miżrugħa ġo qalb

> il-bniedem, kienet tħossha bħalma kienu jarawha l-oħrajn, bħala bniedma li ċaħdet suritha ta' mara biex tagħti ruħha lil Alla u tagħmel ġid lil għajrha, bħala bniedma bla ġibda u bla ħajra. Hi, għandha mnejn bla ma kienet taf u bla ma kienet trid, kienet taħseb li dehritha setgħet tqanqal xi raġel u ġġiegħlu jidneb b'xi xewqat jew ħsebijiet ħżiena; u f'qalbha kienet tgħid li aħjar il-mewt minn ħtija bħal din. (Bonnici 50)

L-ewwel sentenza f'din is-silta tirrapportalna dak li għadda minn moħħ Madliena. Permezz tal-funzjoni tagħha bħala fokalizzatriċi, in-narratur ifissrilna x'inhuma l-affarijiet li ħawduha u qanqluha sewwa. Il-fokalizzazzjoni hija meta "*The story is presented in the text through the mediation of some 'prism,' 'perspective,' 'angle of vision,' verbalized by the narrator though not necessarily his*" (Rimmon-Kenan 73), f'dan il-każ l-angolu ta' Madliena. S'hawnhekk tidher id-distinzjoni bejn il-vuċi tan-narrazzjoni u l-personaġġ li mill-perspettiva tiegħu qed naraw is-sitwazzjoni.

L-affarijiet jikkumplikaw ruħhom sew fis-sentenza ta' wara, fost l-oħrajn bil-klawsoli subordinati tagħha: in-narratur jistqarr li Madliena kienet konxja minn kif kienet tħossha, bħala "bniedma li ċaħdet suritha," imma fl-istess nifs in-narratur jgħid ukoll li n-nies l-oħrajn hekk kienu jarawha. Issa din hija ħaġa li jafha n-narratur estern u hi ma jidhirx li hi konxja minnha. Ma kinitx taf kif kien iħares lejha ħaddieħor. Waqt li hi beżgħet li bil-qrubija fiżika tagħha fost l-irġiel setgħet tkun "il-ħtija ta' xi ħsieb ħażin fihom," in-narratur jistqarr li fl-irġiel Madliena ma kinitx tqanqal xewqat sesswali. It-tieni sentenza wkoll għandha klawsola subordinata li fiha n-narratur jgħaddi kumment li bid-dikjarar ma joħroġx mill-kuxjenza tagħha: permezz ta' osservazzjoni esterna dwar il-karattru ta' Madliena u kumment ta' psikoloġija popolari, in-narratur eterodijeġetiku jiġbdilna l-attenzjoni lejn "it-tjieba tagħha" u "dik id-daqsxejn frugħa li tibqa' dejjem miżrugħa ġo qalb il-bniedem." Imbagħad fit-tielet sentenza, in-narratur saħansitra jgħidilna x'kienet taħseb, għandu mnejn "bla ma kienet taf u bla ma kienet trid." F'dan is-sens, bejn il-leħen eterodijeġetiku u l-karattru m'hemmx biss intimità: hemm ukoll relazzjoni ta' poter. Hawnhekk l-awtorità tiegħu fuq il-kuxjenza ta' Madliena hija kbira. Hemm sitwazzjoni simili ta' poter fuq il-karattru, u bl-użu tal-istess frażi "għandu mnejn," f'sekwenza anaforika prominenti meta n-narratur barrani jipproponi t-tliet interpretazzjonijiet Romantiċi tiegħu tal-kaġun tat-tqanqila f'Luretu meta jara lil Rożina għand il-Barunissa De Angelis (144).

Is-sentenzi ta' wara f'dan il-paragrafu twil jikkonfermaw l-indħil mikxuf

tan-narratur eterodijeġetiku fil-kostruzzjoni tal-karattru tagħha: "Min jaf kinetx tkun imsabbra jew imweġġgħa," jistaqsi n-narratur mhux b'mod retoriku (u mingħajr is-sinjal tal-mistoqsija), "kieku ntebħet li għajnejn l-irġiel li għaddiet minn fosthom kollha strieħu fuq xbihet Gerit, kollha ħajja u fuq tagħha, u li lilha anqas messitha ħarsa waħda ta' tmellis u ta' mogħdrija" (Bonnici, *Ħelsien* 50). Ir-ritratt tas-sura tagħha, "irqiqa u niexfa donnha sejra tinqasam ma' kull pass, il-wiċċ isfar ħadrani u mixrub, b'xofftejn bojod u rqaq u b'għajnejn dejjem imwaħħla fl-art donnhom ifittxu xi ħaġa mitlufa," in-narratur jagħtihulna mill-perspettiva esterna tiegħu, mhux, ngħidu aħna, mill-perspettiva ta' xi ħadd mill-irġiel li qed josserva lilha u lil Gerit, kif aktarx kien jiġri kieku din kienet xena minn *Giacinta*. Terġa' u tgħid, fis-sentenza dwar suritha n-narratur idaħħal ukoll parenteżi. Dan donnu jagħmlu biex jinsisti fuq il-funzjoni tiegħu bħala leħen li jipprova jfisser il-psikoloġija tal-karattri, dak li ma tistax tispjegah jekk tgħid sempliċiment li għajnejha kienu jkunu "dejjem imwaħħla fl-art donnhom ifittxu xi ħaġa mitlufa (għandha mnejn kienet tfittex il-hena tal-imħabba li ma sabetx u li ma kellhiex tama li ssib aktar f'did-dinja) . . ." Minkejja li l-karattri ftit jew wisq jippreżentaw ruħhom huma meta jużahom bħala l-fokalizzaturi tiegħu, in-narratur jassisti wkoll lin-narratarji tiegħu fl-interpretazzjoni tal-imġiba. Hawnhekk, l-introduzzjoni tal-parenteżi tissuġġerixxi li l-leħen li qed jirrakkonta jrid jiddistingwi bejn żewġ stqarrijiet tiegħu. Minn banda hemm l-osservazzjoni "oġġettiva" tiegħu dwar id-dehra tagħha, bil-"libsa sewda maqfula sa għonqha u li bilkemm ma kinetx tħalliha tkaxkar mal-art u li ma kienet taqla' qatt minn fuqha." Skont in-narratur, b'din id-dehra ma setgħet tiġbed lejha l-ħajra ta' ħadd. Mill-banda l-oħra, il-kumment konxjament suġġettiv fil-parenteżi li qed jippreżenta ipoteżi, "għandha mnejn," huwa tentattiv ta' interpretazzjoni psikoloġika tal-imġiba u l-ilbies. Il-parenteżi, madankollu, m'għandhiex dejjem din il-funzjoni: f'kap III, pereżempju, il-parenteżi "u kollha kemm huma (barra, ma għandniex xi ngħidu, Toni)" (Bonnici, *Ħelsien* 60), tfakkar lin-narratarji li hemm narratur li qiegħed jieħu ħsiebhom u jmexxihom. Fid-diskors politiku li jagħmel Luretu lir-raħlin ta' Ħal Rażul (201-202), min-naħa l-oħra, fil-parenteżi hemm didaskalija li permezz tagħha n-narratur ifisser ir-reazzjonijiet tal-udjenza u jaċċentwa r-retoriċità tal-kelliem u t-teatralità tax-xena kollha.

In-narratur ikompli t-tieni parti tal-paragrafu b'osservazzjoni soċjoloġika: "Hi kellha madwar tletin sena: f'raħal, mara ta' daż-żmien, jgħodduha b'xiħa" (50). Il-fatt dwar l-età tagħha jintroduċi s-sinteżi "fattwali" (suġġettiva wkoll) tar-rotta li ħadet ħajjitha, donnha waħedha, miż-żgħożija sal-mument tan-

narrazzjoni. In-narratur jimponi l-interpretazzjoni tiegħu anki fuq in-narrattiva tagħha: "Qabel ma qatgħet qalbha għalkollox" għax ħadd ma riedha b'martu "u ngħatat għall-Mużew," hi kienet tgħid "li kellha ħafna min iridha" imma dan kienet tgħidu, skont in-narratur, "biex tistabar." Bħala prova tal-korrettezza tal-interpretazzjoni tiegħu, mhux tagħha, in-narratur jinqeda bix-"xhieda" tal-ħbieb tagħha stess, li "kienu jgħidu minn warajha li anqas kelb qatt ma ħass xi ġibda lejha" (50). Huwa kumment iebes ħafna minħabba l-ħjiel ta' metafora deumanizzatriċi. Fl-istess ħin il-leħen tan-narrazzjoni qed jikkonferma l-kredenzjali tiegħu bħala leħen li nistgħu nafdawh biex jirrakkontalna u jinterpretalna l-istorja u ma jħalli lil ħadd mill-karattri tiegħu jaħbilna. Ladarba anki l-ħbieb tagħha jgħidu dawn l-affarijiet, ħadd ma jista' jixlih li qed jittradixxi lill-personaġġ tiegħu. F'dan is-sens, il-funzjoni inevitabbli tan-narratur ta' Bonnici hi dik li jistqarr in-narratur eterodijeġetiku ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* bit-ton ta' sfida tiegħu: "Nistgħu ma niktbux il-veru? In-natural? Forsi ma jsirx dan?" (8). Is-soċjetà ta' *Ħelsien* hija kattiva ma' mara li tagħlaq it-tletin u jkun għadu, biex nużaw il-lingwaġġ tal-kultura maskilista, ma ġabarha ħadd. Imma matul ir-rakkont in-narratur ta' Bonnici jħoss għaliha u b'mod kemm jista' jkun sottili, meta tqis il-kuntest ta' letteratura Maltija li fiha n-narratur jindaħal ħafna, joffri narrattiva tagħha li tagħtiha lura l-umanità u l-fiżiċità tagħha.

Hemm digressjoni filosofika twila dwar tifel fil-bidu tar-raba' kapitlu li fiha n-narratur donnu jrid jippreżenta l-istorja ta' Luretu bħala xempju ta' sitwazzjoni iktar ġenerali, imma fl-aħħar mill-aħħar qed jirrifletti fuq tifel partikulari u l-perspettiva tiegħu: "Id-dinja, milmuħa mill-għajnejn safja u torja ta' tifel ta' madwar għaxar snin, tidher kollha mwiegħra u mgħawġa u mimlija ħwejjeġ nieqsa mid-daqsijiet xierqa tagħhom" (Bonnici, *Ħelsien* 70). L-istorja individwali u r-riflessjoni ġenerali fuq tifel ta' dik l-età jibqgħu mexjin flimkien fis-sentenzi u l-paragrafi ta' wara: "Il-ġrajjiet li jiġru quddiemu u li jolqtuh, sakemm jaslu fil-għarbiel ta' moħħu, jitilfu ħafna mis-sura ewlenija tagħhom u jieħdu xeħta u għamla ġodda li aktar jaqblu mal-ħsus żgħażagħ u mal-moħħ bikri tiegħu" (70-71). In-narratur donnu ma jridx jitlaq għalkollox l-opportunità li jwassal il-filosofija tiegħu; fl-istess ħin irid jirrakkonta storja, u l-forza tal-istorja, tal-ġrajjiet individwali, f'dan ir-rumanz inħoss li tegħleb it-tendenza ġenerali tan-narratur eterodijeġetiku tar-rumanz Malti, speċjalment dak ta' qabel l-Indipendenza, li jagħmilha wkoll ta' filosfu.

Genette jemmen li fl-aħħar mill-aħħar, anki jekk mhux b'mod espliċitu, kull

narrattiva hija "fl-ewwel" persuna "għax fi kwalunkwe mument in-narratur jista' juża dan il-pronom biex isejjaħ lilu nnifsu" (*Narrative Discourse Revisited* 97). Id-distinzjoni ġenerali bejn narrattivi fl-ewwel u fit-tielet persuna sseħħ, skont Genette, fi ħdan "il-karattru inevitabbilment personali ta' kull diskors" (97; ara wkoll 103). In-narratur eterodijeġetiku ta' *Ħelsien* jippreżenta ruħu fl-ewwel persuna plural, "aħna," fil-bidu tal-ħames kapitlu li jagħtina aġġornament dwar Feliċ, u bnadi oħra. Din għażla antika u mifruxa sew, mhux biss fin-narrattiva: Bonnici juża "aħna," pereżempju, fil-ktieb ta' xjenza popolari dwar *Il-Ġmiel ta' Ġisimna* (bħal f'p. 12). Cobley jgħid li l-iktar narrazzjoni komuni mhix tax-xeħta "omnixxjenti," li taf kollox, terminu li Mieke Bal tiċħdu għalkollox (72), imma tax-xeħta li tindaħal (Cobley 97). "Il-mixja taż-żmien," jgħid in-narratur ta' *Ħelsien*, "kienet ħażżet il-ħjiel tal-mogħdija tagħha fuq kollha kemm huma l-ħlejjaq tal-ġrajja tagħna" (87). "Tagħna," għax issa n-narratur eterodijeġetiku jirrikonoxxi li l-istorja qed jaqsamha magħna, in-narratarji tiegħu. Wara riflessjoni fuq il-bidla li jġibu magħhom seba' snin fil-ħajja taż-żgħar, fit-tieni paragrafu n-narratur jinsisti fuq il-vuċi tiegħu fl-ewwel persuna plural u jiddistingwi, b'mod interessanti ħafna, bejn "niesu li għexu miegħu kull jum ta' ħajtu" u "aħna li tlaqnieh tarbija fi ħdan ommu" (87). In-narratur qiegħed bħallikieku jagħmilha ta' medjatur bejn il-perspettiva tal-karattri fid-dijeġesi u l-perspettiva tagħna 'l barra minnha, għax hu kapaċi jidħol fid-dinja tal-karattri u kapaċi josservaha minn barra. Permezz tal-fokalizzazzjoni jidħol fil-moħħ u l-qalb tal-karattri, u jirrakkontalna anki l-imgħoddi tagħhom, qabel il-bidu tal-ġrajjiet li qed jirrakkonta, bħalma għamel meta ppreżenta lil Madliena. Imma dan jagħmlu wkoll waqt li qed josserva kollox minn barra d-dijeġesi, għax hu mhuwiex wieħed mill-karattri. Għalhekk nistgħu nqisuh bħala medjatur, bħala dak li se jdaħħalna fid-dinja tal-ġrajjiet imma joqgħod magħna barra wkoll.

Meta issa, bħallikieku f'salt, naraw lil Feliċ ta' seba' snin, "ma nistgħux ma nitbissmux bil-ħlewwa u ma nistagħġbux ferħana xħin, wara daż-żmien kollu, qisu ċċarrat minn quddiem għajnejna star tad-duħħan li kien qiegħed jostrilna dehra saħħarija, tixref minn ġoċ-ċpar tan-nisi x-xbieha ta' tfajjel ta' seba' snin li ma konniex nagħrfu" li kieku ma juriniex in-narratur, permezz ta' Rożina, li kien Feliċ. F'waqt ieħor, f'kap X, in-narratur eterodijeġetiku jindirizzana biex jgħidilna li qed jgħaddilna informazzjoni li jqisha bħala kunfidenzjali dwar l-opportuniżmu politiku ta' Luretu (li fil-fatt ma tissorprendiniex, għax diġà toħroġ minn tagħrif ieħor li jagħtina n-narratur dwaru): "Ngħiduha bejnietna (għax din kienet ħaġa li hu qatt ma kien fdaha ma' ħadd) . . ." Qed ifesfsilna

f'widnejna għax aħna kompliċi miegħu f'dan is-sindikar intimu. Imma iktar ma n-narratur jiġbidna lejh biex iġegħelna nittawlu lejn il-karattri tiegħu minn ġewwa, iktar ifakkarna li hemm distanza bejnna u bejnhom, u li hemm hu wara l-kwinti jidderieġi r-rakkont tal-azzjoni.

Fl-istess ħin nafu wkoll li d-diskors tan-narrazzjoni mhuwiex monovokali. Ix-xogħol ta' Mikhail Bakhtin juri li r-rumanz dejjem jinqeda b'diskorsi differenti, anki fi ħdan il-vuċi waħdanija tan-narrazzjoni. Bakhtin jitkellem fuq "*the refracting discourse of a narrator, refracting discourse in the language of a character and finally the discourse of a whole incorporated genre – all these discourses are double-voiced and internally dialogized*" (324). Il-fokalizzaturi differenti li tinqeda bihom in-narrazzjoni u l-ġeneri letterarji li tieħu minnhom u tipparteċipa fihom joffru wħud minn dawn id-diskorsi. In-narratur m'għandux kontroll sħiħ fuq il-lingwa u l-lingwaġġi li qed juża għax mhumiex tiegħu biss. Meta jitkellem fuq id-dinja bħala rota u n-nies imgħażel qed jinqeda b'qawl li għandu l-istorja u l-konnotazzjonijiet tiegħu u għalhekk ma jistax jikkontrollah għalkollox. Lanqas ma jista' jikkontrolla l-metafori ġodda li juża għax in-natura tagħhom hija minnha nnifisha indeterminata. In-narratur la jista' jikkontrolla d-dinamika kumplessa tar-relazzjoni bejn in-narratur u l-karattri, u lanqas id-diskorsi tar-Romantiċiżmu u r-Realiżmu Malti li jħaddem. Għalhekk waqt li n-narratur eterodijeġetiku għandu kontroll fuq dak li jagħżel li jirrakkonta u l-mod kif jirrakkontah, bħal meta f'salt wieħed jaqleb mill-perfett għall-imperfett (234), in-natura nnifisha tar-rumanz tillimita l-kontroll tiegħu fuq is-"sistema ta' lingwaġġi" (Saydon 18), fuq id-diskorsi li jinqeda bihom.

## Konklużjoni: Struttura Narrattiva u Ideoloġija

L-assenza tan-narratur eterodijeġetiku "mill-istorja li jirrakkonta" Genette jqisha bħala totali, għax in-narratur f'rakkonti bħal *L-Ilijade* ta' Omeru u *L'èducation sentimentale* ta' Flaubert mhuwiex wieħed mill-karattri. Min-naħa l-oħra, il-preżenza tan-narratur omodijeġetiku jqisha bħala preżenza fi gradi differenti, għax hemm differenza bejn narratur protagonist u mhux protagonist (*Narrative Discourse* 244-45). "*Absence is absolute*," kien qal Genette f'*Narrative Discourse*, "*but presence has degrees*" (245). Imma aktar tard irrikonoxxa li anki l-assenza għandha l-gradi tagħha (*Narrative Discourse Revisited* 105). In-narratur omodijeġetiku jinqeda bl-ewwel persuna, u meta jirrakkonta dak li qed jagħmlu karattri oħrajn jieħu bħallikieku r-rwol ta' narratur

li qed jirrakkonta storja li mhix tiegħu jew li mhuwiex involut fiha. In-narratur eterodijeġetiku "oġġettiv" u "assenti" mill-istorja jinqeda bit-tielet persuna u b'hekk jikkonferma d-distanza tiegħu, imma kif naraw f'*Ħelsien* hemm mument fin-narrazzjoni meta tant jitwaħħad mal-fokalizzatur tiegħu Ġamri li leħen il-karattru jidħol fl-ewwel persuna fin-narrazzjoni eterodijeġetiku tan-narratur. Dan huwa mument wieħed f'rumanz sħiħ, veru, imma huwa sintomatiku tal-qrubija, jew saħansitra tat-twaħħid tan-narratur mal-fokalizzaturi differenti tiegħu. Min-naħa l-oħra, meta n-narratur juża "aħna," juri kemm l-involviment sħiħ tiegħu fir-rakkont tal-ġrajja u kemm id-distanza tiegħu minn ġrajja li jagħmilha ċara li mhix tiegħu.

Bin-narrattiva ta' Jorge Luis Borges u ta' awturi oħrajn li jsemmi Genette (*Narrative Discourse* 246), ix-xenarju ta' possibilitajiet narrattivi fil-letteratura internazzjonali tas-sekli 20 u 21 kiber sew u saħansitra xejjen id-distinzjoni elementari bejn ir-rakkontar eterodijeġetiku u omodijeġetiku. Fil-letteratura Maltija ta' qabel l-Indipendenza hemm il-każ straordinarju, jidhirli uniku, tan-narratur eterodijeġetiku ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* li jagħtina x'nifhmu li jidħol fid-dijeġesi u jerġa' joħroġ minnha meta jżur id-dar ta' Armaużarma ma' Filiċ u oħtu Marì (kap III u V). Dan donnu jħalli s-sinjal tar-rifsa tiegħu fuq il-pajsaġġ tal-istorja li jirrakkontalna, bħall-"*cameo*" ta' reġistra tal-films, jew biex jurina l-kredenzjali antropoloġiċi tiegħu bħala bniedem li għandu esperjenza diretta tal-ambjenti rurali li qed jikteb fuqhom u ltaqa' wiċċ imb wiċċ man-nies li jgħammru fihom. Hemm ukoll element ta' awtoironija li narawha bnadi oħra fir-rumanz. In-narrazzjoni ta' Bonnici mhijiex daqshekk awdaċi. Dak li turina "n-narrazzjoni 'oġġettiva' klassika" tiegħu, "'l-oġġettività' remota wisq tan-narrattiva eterodijeġetika," biex nuża żewġ frażijiet ta' Genette (*Narrative Discourse* 251), hu li għalkemm in-narratur u l-karattri tiegħu huma distinti, huwa n-narratur li jippreżentahomlna u li jidħol u joħroġ mill-kuxjenza tagħhom kontinwament biex iwassalhomna. L-esperjenza tagħna ta' dawn il-karattri, u l-ġudizzji tagħna fuqhom, huma magħġuna wkoll mill-vuċi narrattiva u mhux biss minn dak li jlissnu huma (Cobley 77).

Għaldaqstant diffiċli nħarsu lejn in-narratur eterodijeġetiku bħala assenti għalkollox mill-istorja: idu, anki f'*Ħelsien*, għandha funzjoni determinanti wisq, u ma jaħbihiex. In-narratur jew narratriċi impossibbli jgħibu, għax "*the rendering of an object can never be the object itself and a* re-*presentation is always undertaken by some agency*" (Cobley 84). Hawn ukoll nistgħu nitkellmu fuq gradi differenti ta' assenza, jew ta' ndħil. Ir-Realiżmu Ewropew tas-seklu 19 ipprova jrażżan l-awtorità u l-poter tal-vuċi narrattiva u jwettaq dik li Cobley isejħilha "*a zealous pursuit*

*of realism*" (79): hemm ħjiel ta' din it-tendenza f'Bonnici, iżda t-tentazzjoni tal-vuċi narrattiva li tinterpretalna l-karattri u l-ġrajjiet u tiffilosofizza ma tegħlibhiex. Mhuwiex possibbli tnaqqi għalkollox il-preżenza tagħha mir-rakkont minħabba natura fl-aħħar mill-aħħar personali ta' kull diskors.

L-analiżi narratoloġika toffri spunti fundamentali għal kritika politika jew ideoloġika tar-rakkont (Bal 35). Għax la tista' taqta' l-ideoloġija minn analiżi tal-istruttura narrattiva, u lanqas twarrab l-analiżi strutturali mill-interpretazzjoni politika tax-xogħol. In-narrazzjoni eterodijeġetika f'*Ħelsien* tagħtina aċċess privileġġjat għad-dinja u l-kuxjenza ta' għadd ta' personaġġi biex naraw kif iħarsu lejhom infushom u lejn dak li hemm madwarhom u nġarrbu magħhom esperjenzi importanti. Fl-istess ħin, waqt li tirrakkontalna realtajiet politiċi u soċjali ta' faqar, tbatija, nuqqas ta' kapital kulturali, u emarġinazzjoni, il-vuċi narrattiva tibqa' tiffoka fuq l-individwi u ma twasslilniex il-ġrajja ta' personaġġi li jirribellaw kontra strutturi soċjali u politiċi profondament inġusti.

Ħajr lil Jean Paul Borg, Bernard Micallef u Rachel Saydon li ddiskutew miegħi aspetti minn dan l-istudju.

**Biblijografija**

Adriano, Federica. *Alienazione, nevrosi e follia: esiti della ricerca scientifica nella narrativa italiana tra Otto e Novecento*. 2009. Università degli Studi di Sassari, tesi di Dottorato in Scienze dei Sistemi Culturali;

Bakhtin, Mikhail Mikhailovich. *The Dialogic Imagination: Four Essays.* Edited by Michael Holquist, translated by Caryl Emerson and Michael Holquist, U of Texas P, 1981.

Bal, Mieke. *Narratology: Introduction to the Theory of Narrative*. 3rd ed., U of Toronto P, 2009

Bonnici, Ġużè. *Ħelsien*. 1940. SKS, 2019.

Bonnici, Ġużè. "Paċikku." *Il-Malti*, it-3 sena, għadd 3, 1927, p. 103-08.

Bonnici, Ġużè. *Il-Ġmiel ta' Ġisimna*. Progress Press, 1939.

Bonnici, Ġużè. *It-Trobbija tat-Tfal*, Tip. Lux, 1932.

Borg, Joseph P. Kelmtejn Qabel. *In-Novelli*, ta' Ġużè Bonnici, Għaqda tal-Malti – Università, 2007, p. xiii-xiv.

Briffa, Rużar. "L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija." *Rużar Briffa: Il-Poeżiji u Kitbiet Oħra*, DVD, Il-Bibljoteka tal-Università ta' Malta, Taqsima tal-Arkivji, 2008.

Brincat, Joseph M. "Il-Veriżmu f'Malta. Mill-Buzzett għall-Ewwel Rumanz Soċjali"

Journal of Maltese Studies, 21-22, 1991-92, p. 91-113.

Capuana, Luigi. *Giacinta*. 1879. LiberLiber. 1998. www.liberliber.it/mediateca/libri/c/capuana/giacinta/pdf/giacin_p.pdf

Capuana, Luigi. *Gli "ismi" contemporanei: verismo, simbolismo, idealismo, cosmopolitismo ed altri saggi di critica letteraria ed artistica*. Niccolò Giannotta, 1898. https://www.classicistranieri.com/liberliber/Capuana,%20Luigi/gli_is_p.pdf

Cassar, Mario. "Aspetti minn *Ħelsien*." *Leħen il-Malti*, ħarġa speċjali f'ġieħ Ġużè Bonnici, is-sena LIX, għadd 25-26, 1990, p. 33-34.

Chetcuti, Ġużè. "It-Tabib Ġużè Bonnici." *Il-Malti*, is-16-il sena, għadd 2, 1940, p. 27-31.

Cobley, Paul. *Narrative*. 2nd ed., Routledge, 2014.

Dalli, Charles. "Ir-Rikostruzzjoni Lingwistika f'*Ħelsien*." *Leħen il-Malti* – Is-sena LIX – Ħarġa Speċjali f'Ġieħ Ġużè Bonnici 1990 Għadd 25-26, p. 33-34.

Dombroski, Robert. "Writer and society in the new Italy." *The Cambridge History of Italian Literature*. Edited by Peter Brand and Lino Pertile. Cambridge UP, 1999, p. 459-479.

Ellul, Giusè. Prefazzjoni. *It-Trobbija tat-Tfal*, ta' Ġużè Bonnici, Tip. Lux, 1932, p. 4.

Ellul Mercer, Ġużè. *Leli ta' Ħaż-Żgħir*. KKM, 2010.

Friggieri, Oliver. *Ellul Mercer f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir. *Mir-Realtà għall-Kuxjenza*. Dipartiment tal-Edukazzjoni, 1983.

Friggieri, Oliver. "Kumment dwar Dramm Minsi ta' Ġużè Bonnici." *Leħen il-Malti*, ħarġa speċjali f'ġieħ Ġużè Bonnici, is-sena LIX, għadd 25-26, 1990, p. 26-27.

Friggieri, Oliver. "La visita di Luigi Capuana a Malta." *Spiragli*, anno II, n.4, 1990, p. 29-29. www.rivistaspiragli.it/2018/06/19/la-visita-di-luigi-capuana-a-malta/

Genette, Gérard, *Narrative Discourse: An Essay in Method*. Translated by Jane E. Lewin. Cornell UP, 1980.

Genette, Gérard, *Narrative Discourse Revisited*. Translated by Jane E. Lewin. Cornell UP, 1988.

Gelderblom, Derik, "The limits to bridging social capital: Power, social context and the theory of Robert Putnam." *The Sociological Review*, vol. 66, no. 6, 2018, pp. 1309-1324 doi.org/10.1177/0038026118765360. Aċċess 25 ta' Ġunju 2020.

Mamo, Juann. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, edizzjoni kritika ta' Adrian Grima. SKS, 2013.

Micallef, Bernard. "Dwar: In-narratur-li-jindaħal." Messaġġ elettroniku lil Adrian Grima, 25 ta' Novembru 2019.

Rimmon-Kenan, Shlomith. *Narrative Fiction: Contemporary Poetics*. 2nd ed., Routledge, 2005.

Saydon, Rachel. *Ir-Realtà li Toħloq il-Letteratura*. 2019. L-Università ta' Malta, teżi

tal-BA.

Scurr, Ruth. "Rereading Zola's Germinal," *The Guardian*, 19 June 2010, www.theguardian.com/books/2010/jun/19/emile-zola-germinal-ruth-scurr. Aċċess 25 ta' Ġunju 2020.

Simiana, Maria. *L-Għeluq u l-Karatterizzazzjoni f'Żewġ Rumanzi ta' Ġużè Bonnici*. 2012. L-Università ta' Malta, teżi tal-BA.

Spiteri, Shanna. "Dwar: Żewġ affarijiet." Messaġġ elettroniku lil Adrian Grima, 26 ta' Ġunju 2020.

Vella, Mark A. *L-Oriġini tan-Novella Maltija: Mil-Libertà tal-Istampa sa Temi Zammit u Ġużè Ellul Mercer*. 1997. L-Università ta' Malta, teżi tal-BA.

Willmott, Chris. *Biological Determinism, Free Will and Moral Responsibility: Insights from Genetics and Neuroscience*. Springer, 2016.

**Noti**

1 Id-data uffiċjali tal-pubblikazzjoni ta' *Ħelsien*, mogħtija minn Ġużè Bonnici bħala l-awtur u l-pubblikatur, hija l-1939. Ġużè Chetcuti jsemmi l-1939 ukoll fin-nekroloġija tiegħu, "It-Tabib Ġużè Bonnici," fl-1940 f'*Il-Malti* ftit wara li miet Bonnici. Iżda Chetcuti jgħid ukoll li l-ktieb kien "għadu ma ħareġx għad-dawl" (29) u għaldaqstant nifhmu li ħareġ fl-1940. Dan jispjega għaliex fl-ewwel edizzjoni tar-rumanz jidhru ż-żewġ dati.

# *La Mamma dei Cretini è sempre Incinta JEU Ghasc Barra mhusc bilfors Mod Iehor (jeu Ahjar):*
## L-insularità f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo u f'*What Happens in Brussels stays in Brussels* ta' Ġużè Stagno

Emanuel Tanti

"It's only an island if you look at it from the water," qal Brody (Roy Scheider) lil Hooper (Richard Dreyfuss) fil-film *Jaws* (1975). U għandu punt. Jekk l-abitanti ta' gżira jkunu f'nofsha, u din tkun kbira biżżejjed biex il-baħar jinħeba wara orizzont ta' sema u art, dawn ma jarawx lilhom infushom bħala abitanti ta' gżira. Ikollhom bilfors jesperjenzawha mod ieħor, jarawha minn perspettiva differenti – ikejluha, ipinġuha jew anki jimmaġinawha – biex b'hekk ikunu jistgħu jiddefinuha u jikkategorizzawha bħala gżira, u huma bħala l-abitanti tagħha (Williams).

Però l-gżejjer ma jeżistux biss fuq il-mapep u l-globi, imma nsibuhom ukoll fl-istrutturi mentali tagħna (Baldacchino). Gilles Deleuze, fl-esej tiegħu *Desert Islands*, jara l-gżira bħala entità immaġinarja u mitoloġika, imma fl-istess waqt reali. Din teżisti f'kunflitt imsawwar mill-art u mill-baħar, għax hija simultanjament maqtugħa (minn gżejjer oħra) u magħquda (permezz tal-baħar), omm u missier (għax għandha kwalitajiet kreattivi), abitata u diżabitata (jiddependi jekk in-nies iħaddnux l-idea tal-gżira jew le). Minflok ma jagħżel kundizzjoni li tiddomina fuq oħra, Deleuze jiffoka fuq ir-relazzjoni bejn dawn il-forzi, u t-tensjoni li tinħoloq fuq bażi ġeoloġika, umana u kożmika. Skont Deleuze, l-immaġinazzjoni tirbaħ u għalhekk hija propju l-*idea* tal-gżira li tħalli l-ikbar impatt. Meta n-nies jersqu lejn il-gżira, dawn ikunu qed isawruha kemm fiżikament, bil-preżenza tagħhom, kif ukoll spiritwalment, għax magħhom iġibu idea.

Il-problemi jfeġġu meta l-idea, minflok ma tqanqal il-bidla, ixxekkilha; minflok ma tibni fuq li hemm, tfittex li *terġa' tibni* dak li diġà hemm. B'dan

il-mod tinħoloq sitwazzjoni fejn l-immaġinazzjoni titjassar minħabba parametri ristrettivi, u minflok ma tixpruna bidla progressiva, l-idea tfittex il-kumdità insulari. Għall-fini tal-artiklu se naqsam dan il-fenomenu fi tnejn: *l-idea ġenerattiva*, dik li tistimola l-immaġinazzjoni, u *l-idea replikatorja*, dik li żżommha lura.

******

Minn bikri f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*,[1] l-intenzjoni tal-Maltin hija dik li jżarmaw l-Amerka u jarmawha Malta:[2]

> L-Emilki mmorru! Lejn l-Emilka nitilqulha! Hemm f'radda ta' salib nistagħnew, insiru nies, ngħaqqduhom, nimlew il-borża u ndawru denbna lura għal lil haw': nixtru xi tużżana djar, nikruhom bil-għoli ta' kera kif inhu miexi llum u noqogħdu b'moħħna mistrieħ bil-pipa f'ħalqna fuq it-taraġ ta' daz-zuntier nirrakkuntaw kemm ġiebet is-silla u l-widna t'għemnewwel, inkelle mmorru fuq l-Għalja tas-Saqqajja għar-rwieħ nittawlu fuq Molta killhe. (Mamo 1)

Din ix-xena naraw l-eku tagħha iktar 'il quddiem, meta Mariroż tkun qed tgħin lil binha Ġakbu jippakkja għas-safar. Ġakbu letteralment ibattal daru sabiex jieħu dak kollu li jista' miegħu. M'għandux intenzjoni li jimraħ fil-ġdid, li jassorbi dak li għandha x'toffrilu l-Amerka; minflok, irid jimponi l-idea tiegħu fuq il-madwar, qisu Robinson Crusoe li bena simulakru tad-dinja li ħalla warajh mill-oġġetti li ġab minn fuq il-vapur inkaljat (Deleuze). F'dan il-kuntest hija interessanti l-għażla ta' New York bħala l-belt fejn Mamo bagħat lil Ulied il-Gżażeb. Fiż-żmien meta hu ambjentat ir-rumanz, New York kienet għadha belt relattivament ġdida, spazju metropolitan li għadu qed jinħoloq. Ma kienx hemm il-"fatoti" tqal tal-passat li ssib fl-ibliet antiki Ewropej, bħal f'Londra u Pariġi, żewġ postijiet li Mamo żar (b'differenza ta' New York) u li kien iħobb. Ġakbu u sħabu ngħataw opportunità tad-deheb, li jintelqu f'dan il-fluss dinamiku u jisiltu minnu xi ħaġa ġdida; minflok, għamlu minn kollox biex jirreżistu dan l-impuls u insistew li jirreplikaw iz-zeitgeist skadut, magħluq u qerriedi li ġarrew magħhom minn Malta.

It-tensjoni bejn idea ġenerattiva u idea replikatorja hija prominenti wkoll f' *What Happens in Brussels stays in Brussels*[3] ta' Ġużè Stagno. Għal ħafna nies is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kienet tfisser il-ħelsien tal-pajjiż mill-kalzri ġeografiku, minn dak li, skont il-ħafna, kien qed iżomm lill-poplu lura milli jikber ekonomikament, politikament u kulturalment. Fil-psike popolari,

il-belt ta' Brussell kienet tepitomizza dan is-sentiment, u hekk kif twittiet it-triq bejn Malta u l-Ewropa, il-Malti seta' ipotetikament jikber, jimmatura, jeħles mill-insularità mnissla mill-għajxien fuq blata mjassra bil-baħar. Iżda fir-rumanz ta' Stagno, kanċell miftuħ u moħħ miftuħ huma żewġ affarijiet distinti – avolja waħda ma teskludix lill-oħra – kif turi din is-silta waqt festin għand Maltija li taħdem fi Brussell:

> [I]t-Twistees miġjuba minn Joanne l-aħħar darba li telgħet minn Malta [kienu] rrazzjonati aktar mill-ilma fuq bastiment mitluf bejn sema u ilma għal dawn l-aħħar xahrejn. (Stagno 256)

Indikattiva li Stagno juża x-xbieha tal-'bastiment mitluf', mhux biss għax din tfakkarna għal darb'oħra f'Robinson Crusoe, iżda wkoll għax fil-każ tal-karattri ta' Stagno, m'hemmx traġitti fuq baħar li jifred art minn oħra; m'hemmx il-periklu ta' ħalel vjolenti t'ilma li jibilgħu nofs vapur u forsi lil Bebeto miegħu. It-tranżizzjoni bejn idea u oħra, dik ta' Malta u dik t'Hemmbarra, ma tgħaddix mill-istess dagħdigħa bħal dik tal-*Ulied* peress li din isseħħ bl-ajru.[4] Iżda minkejja dan, u minkejja l-faċilità li biha wieħed jista' jmur lura d-dar, xorta waħda tinħass il-ħtieġa li jkun hemm oasi Malti (it-Twistees) fost dak il-barrani kollu. Għal darb'oħra Malta mhix punt kartografiku fiss imma hija kunċett maqbud f'ċirku vizzjuż ta' bini u ħatt, bini u ħatt, li sfortunatament iktar jirrinforza l-qadim milli l-ġdid. Kemm il-karattri ta' Mamo kif ukoll dawk ta' Stagno huma maqbudin f'mise en abîme li taħdem kontra l-idea ġenerattiva. Juru reżistenza ottuża lejn il-bidla u l-progress, jippruvaw jisfruttaw il-madwar mingħajr ma joffru xejn lura, mingħalihom li permezz t'hekk qegħdin irażżnu s-sistema u ma jħalluhiex tinqeda bihom. Iżda s-sistema mhux talli mhix titrażżan, talli bihom u mingħajrhom xorta.

Fil-każ t'*Ulied*, ir-raġuni prinċipali hija n-nuqqas t'edukazzjoni, l-injoranza, li fil-prevalenza assoluta tagħha donnha ssir endemika għall-Maltin. Mamo jisħaq kemm-il darba li dan huwa t-tort tal-Klikka, is-sistema klassista li ma riditx tħalli lill-ħaddiem iqum fuq saqajh, u "li minn missier għal iben dejjem wirtu l-iskejjel u postijiet governattivi" (261). Iżda minkejja dan, Mamo xorta waħda stenna ħafna iktar minnhom. Il-fatt li fit-titlu stess jirreferi għalihom bħala "ulied", Mamo jagħtina x'nifhmu li sa mill-bidu nett l-immaturità ta' dawn il-personaġġi hija tema ċentrali fir-rumanz. L-ebusija ta' rashom għandha ħafna mit-tisbit tas-saqajn tat-tfal, fejn ir-raġuni u s-sens komun jitwarrbu favur il-fsied; fsied li, f'dan il-kuntest, huwa manifestazzjoni

tas-sigurtà u l-aġevolezza li toffri l-idea replikatorja. Meta Carl Gustav Jung jiddiskuti l-arketip tal-wild eroj,[5] jisħaq kif dan il-personaġġ ikollu x-xenqa li jikseb l-indipendenza mill-ġenituri tiegħu, iżda biex jagħmel dan irid bilfors jeħles mix-xkiel t'għeruqu. Sigmund Freud, f'*Moses and Monotheism*, juża eżempju simili u jgħid li l-eroj huwa xi ħadd li joħodha kontra missieru u jegħlbu. Iż-żewġ ħassieba jaqblu fuq il-fatt li ma tistax timxi 'l quddiem sakemm tibqa' mgħobbi bit-tkeffin li geżwruk fih il-'ġenituri' tiegħek. Dan huwa d-dnub kardinali tal-Ulied: baqgħu mwaħħlin f'Malta li ħallew warajhom, f'Malta li ġarrew magħhom, f'Malta li riedu jmorru lura fiha. Mamo jikkastigahom bl-ikrah għaliex fl-aħħar jispiċċaw riġettati kemm mill-Amerka (Xmun u Majsi), kemm mill-baħar li wassalhom hemm (Ġannikol u Ċikka) u saħansitra minn art twelidhom stess (il-bqija).

Minkejja li l-krejjeċ ta' Stagno huma kważi identiċi għal dawk ta' Mamo, l-awtur ta' *Brussels* jinkludi karattri li huma mgħallma u ta' skola, frott l-iżvilupp fil-qasam edukattiv li seħħ fiż-żmien bejn meta nkiteb *Ulied* u meta nkiteb *Brussels*. Apparti minn hekk, fir-rumanz ta' Stagno hemm ukoll personaġġi li jgħixu propju fi Brussell. Mad-daqqa t'għajn jidher li dawn il-karattri (Gustav u Larissa) huma l-ekwivalenti ta' Filiċ f'*Ulied*, dak il-personaġġ li nqata' minn mal-miġemgħa Maltija, u saħansitra abbanduna lil oħtu Marì, meta ra li dawn kienu qed jagħqdu fil-vojt. Iżda Stagno jipproblematizza lil dawn il-karattri u juri kif avolja l-qagħda soċjali tagħhom hija ħafna aħjar minn dik tal-krejjeċ, xorta waħda m'hemmx baħar x'jaqsam bejniethom, u li d-differenzi huma biss skorċa fina li taħtha għad hemm l-insularità tbaqbaq.

Gustav, il-protagonista ewlieni, huwa karattru passiv immens. Ma joffri l-ebda tip ta' reżistenza jew sfida għall-konformiżmu u l-valuri kollettivi. Dejjem joqgħod lura milli jieħu deċiżjoni u allura jinħeba wara maskra magħmula minn taħlita t'għażż, rassenjazzjoni, fataliżmu dilwit u biża':

> Għax ix-xogħol ta' ġurnalist jogħġobni, minkejja li ma tantx iħallas u minkejja li l-kondizzjonijiet mhumiex daqshekk tajbin. U l-ħajja Malta togħġobni, ukoll. Għandna standard ta' għajxien tajjeb ħafna Malta: jgħidu x'jgħidu… u minkejja l-illapazzar u t-tbażwir li semmejna. Apparti minn hekk diffiċli nitlaq kollox, issa: għandi d-dar kważi lesta u dalwaqt niżżewweġ. Wasal iż-żmien li nitfa' l-ankri, xbin. U fl-aħħar nett: niddubita kemm Marlene se taċċetta li tiġi toqgħod f'post bħal Brussell, kieku… [M]'hemmx x'tagħmel. Kulħadd jagħżel triqtu, fil-ħajja. U xi kultant hi t-triq li tagħżel lilek. (Stagno 230)

Din is-silta, miżgħuda kif inhi bl-eżistenzjaliżmu fażull tal-"iva… imma, iva… imma", turi li Gustav mhux xi ħafna aħjar mit-tant redikolati Bebeto u l-bqija. Sħabu tas-safra għandhom bħala skuża n-nuqqas t'awtoriflessjoni, forsi minħabba l-livell edukattiv baxx – imma fil-każ ta' Gustav din l-iskuża ma treġix. Mhux talli hekk, talli l-persistenza li biha jipprova jiġġustifika l-aġir tiegħu, u fl-istess waqt jippatronizza lill-grupp li siefer miegħu mingħajr l-ebda ħjiel t'awtoironija, tikxfu bħala bniedem viljakk li qiegħed "[j]itfa' l-ankri" biex jaħbi l-fatt li l-vapur ilu li inkalja żmien. Mhux ta' b'xejn li Stagno jispiċċa r-rumanz billi jikkwota t-titlu – "Don't worry. What happens in Brussels stays in Brussels!" (301). Dan il-messaġġ li jirċievi Gustav mingħand Larissa, wara li jkun qatta' l-lejl magħha u qalibha lil għarustu li tinsab Malta, jenfasizza ċ-ċirkolarità li hemm f'ħajtu, kif l-idea replikatorja u l-insularità jservu ta' rifuġju komdu.

Larissa, min-naħa tagħha, ilha s-snin li telqet minn Malta u rabbiet l-għeruq fi Brussell. Iżda din xorta waħda ġġorr magħha u tipperpetwa l-idea ta' Malta insulari. L-eżistenza tagħha hija marbuta mal-kuntatt kontinwu li għandha mal-"Moltin ta' Molta", sew ma' dawk li qegħdin Brussell u sew ma' dawk li, bħal Gustav u l-iżgwajjati l-oħra, imorru għal ftit jiem biss. Il-laqam ta' Larissa, "ninfo", jimplika li din m'għandhiex kontroll fuq l-istinti tagħha, jew inkella, li tagħżel li ma teżerċita l-ebda tip ta' kontroll fuq il-ġibdiet sesswali li tħoss. Bil-mod tagħha hija maqbuda fl-istess tip ta' nassa ta' Gustav u mhix kumbinazzjoni li t-tnejn jispiċċaw flimkien. Ix-xena ta' sess bejniethom hija interminabbli, bla gost u maħmuġa, u ma twassal imkien.

L-uniċi personaġġi li joħorġu minn dan iċ-ċirku vizzjuż huma Filiċ f'*Ulied* u Alexia fi *Brussels*. Filiċ jistqarr li hu ma marx l-Amerka biex jarma-u-jżarma iżda "[j]ien ġejt biex insib xogħol u naħdem, u mhux biex noqgħod niġġieled bħal f'Molta u dejjem bil-ġewħ" (Mamo 172). Sa mill-bidu tar-rumanz naraw kif Filiċ huwa karattru apparti, iktar mgħallem minn sħabu u inqas mgħammad mill-insularità li taffliġġi lill-bqija. Hu jinsab magħhom minħabba skerz tad-destin, għax inzerta twieled fl-istess post u fl-istess żmien. Infatti, meta jara li dawn mhuma se jaslu mkien, jitlaqhom. B'differenza tal-gżażeb sħabu, Filiċ jara l-Amerka bħala opportunità sabiex jikber u jsir persuna aħjar u jifhem li biex jagħmel hekk irid iħalli warajh il-kalzri Malti. L-irbit familjari, soċjali u politiku huwa madmad li jsammru mal-art, avolja din hija art ġdida u art imbiegħda minn dik li sawritu.

L-istess Alexia, l-eks tfajla ta' Gustav. Il-ġurnalist ried jerġa' jkebbes il-fjamma ta' bejniethom u forsi, kif kien qed jissuspetta, xi ftit tax-xrar kien

għad hemm. Iżda Alexia, bil-maqlub tiegħu, mhix lesta li tħalli l-biża' u l-inkonvenjenza jżommuha milli tagħmel dak li tixtieq (issir?), avolja dan ifisser tagħti s-salt fid-dlam, jew tgħix f'ambjent fejn m'hemmx parametri fissi. F'ċertu sens, Alexia hija preżenza skomda għax tħaddan fiha spirtu anzjuż, imqanqal iżda mingħajr skop definit, bħal vjaġġatur li jħoss il-ħtieġa li jimxi mingħajr m'għandu destinazzjoni speċifika. Id-drabi li niltaqgħu magħha, Alexia tibqa' fuq l-għatba tas-sitwazzjoni għax, jiġri x'jiġri, ma tridx issib ruħha msakkra bejn erba' ħitan. Gustav, min-naħa tiegħu, ma jridx jabbanduna ħajtu f'Malta għal futur inċert, u jekk titqanna miegħu, Alexia tkun qed torbot piż (ankra?) ma' saqajha li se jiġbidha 'l isfel, l-agħar ħaġa li tista' tiġrilha. Għalhekk tkun se titlaq mill-appartament tagħha, għalhekk tagħti spazju lil Larissa meta din tiddeffes bejnha u bejn Gustav, u għalhekk meta tarahom jitbewsu, tinbela' minn Brussell u ma narawhiex iktar.

Il-fatt li Filiċ u Alexia jabitaw fil-periferija tar-rumanzi rispettivi tagħhom jagħmilhom karattri partikolari ħafna. Mhumiex it-tip t'eroj li nassoċjaw mal-mitoloġija jew mar-rakkonti epiċi, personaġġi eċċezzjonali li jgħaddu minn avventuri u taqbidiet straordinarji sabiex jiksbu teżori jew għerf għall-komunità li minnha telqu (Campbell). Lanqas ma jappartjenu għalkollox għall-kategorija tal-antieroj, kif inhi definita minn pereżempju Jesse Matz, għax bħala karattri (minkejja d-diżillużjoni tagħhom) ma tistax issejħilhom debboli, disfattisti, passivi jew xortihom ħażina. Adrian Grima jipproblematizza d-djalettika tal-eroj/antieroj, u jisħaq kif fil-fatt dawn huma żewġ naħat ta' munita waħda. It-tensjoni ontoloġika ta' bejniethom hija dik li tagħti impetu lit-terminoloġija:

> Minkejja l-bagalja diskursiva li jġib miegħu, it-terminu 'antieroj' għandu l-iżvantaġġ li jxekkel jew ixejjen it-tensjoni essenzjali fit-tifsira tal-kelma qadima 'eroj', tensjoni li tagħtiha s-saħħa narrattiva u etika tagħha. Fil-figura stess tal-eroj diġà hemm l-antieroj; l-eroj protagonisti; l-eroj li ma jridux ikunu protagonisti; l-eroj li jridu jagħmlu t-tajjeb u jaħdmu għall-ġid komuni; u l-eroj li jfittxu l-interessi tagħhom, li jridu jpaxxu lilhom infushom. Fil-kelma 'eroj' diġà hemm l-eroj li ma jridux ikunu eroj. (Grima 35)

Nistgħu għalhekk ngħidu li fil-każ ta' Filiċ u Alexia għandna eroj li huma aljenati mill-erojiżmu tagħhom infushom, u li din il-kontradizzjoni hija r-ruħ ta' dawn iż-żewġ karattri. It-tnejn li huma ma jokkupawx ħafna spazju fir-rakkonti rispettivi tagħhom (speċjalment Filiċ) iżda xorta waħda l-impatt tagħhom (jew *in-nuqqas* ta' impatt) huwa l-fulkru li fuqu ddur in-narrattiva. Filiċ u Alexia

jinkarnaw l-isfida lejn l-insularità għax huma mhumiex definiti mill-grupp; il-ħtiġijiet tagħhom u n-normi soċjali mhumiex allinjati. Il-bandiera li jġorru magħhom l-iżgwajjati ta' Mamo u ta' Stagno tixħet dell twil u ikrah fuq l-istess valuri li dawn mingħalihom qed jipproteġu. Din is-sitwazzjoni toħnoq lil Filiċ u Alexia, u dawn m'għandhom l-ebda għażla ħlief li jirribellaw. Il-prezz li jħallsu huwa l-(awto)iżolament, li fih innifsu huwa ġest erojku. Bl-aġir tagħhom isiru l-Ieħor li jitwarrab taħt it-tapit, mgħotti għax l-eżistenza tiegħu/tagħha hija ta' theddida għall-insularità li, fuq livell superfiċjali, tħannen u tipproteġi.

******

It-taqbida kontra l-insularità, bejn il-ġenerattività u r-replikazzjoni, hija ġlieda kontinwa. Minkejja li *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* nkiteb 'il fuq minn tmenin sena ilu, Stagno kien kapaċi jaġġorna din il-ġrajja b'karattri f'kuntest kontemporanju. Milli jidher, fl-immedjatezza tagħna għad hemm ħafna mill-immedjatezza ta' żmien Mamo, u l-prezz li wieħed iħallas għal din hija l-immaturità psikoloġika, soċjali, morali u spiritwali. Jista' jkun li forsi l-progress m'għandniex infittxuh f'dak li hemm jistenniena fil-futur, iżda f'dak li ħallejna warajna, għax milli jidher Venut għadha qed twelled.

**Biblijografija**

Baldacchino, G. "Islands, Island Studies, Island Studies Journal". *Island Studies Journal* vol. 1 no. 1, 2006: 3-18.

Campbell, Joseph. *The hero with a thousand faces*. New World Library, 2008.

Deleuze, Gilles. "Desert Islands". *Desert Islands and Other Texts: 1953-1974*, M. Taormina (Tradott), Semiotext(e), 2004: 9-14.

Freud, Sigmund. *Moses and Monotheism*. The Hogarth Press, 1939.

Grima, Adrian. "L-Ambigwità tal-Eroj: Leli f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* u Filiċ f' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*". *L-(Anti)eroj: Min huma? X'inhuma? Fejn Huma?*. Immanuel Mifsud (Editur), Klabb Kotba Maltin, 2015: 33-56.

Jung, Carl Gustav. *Archetypes and the Collective Unconscious*. Princeton University Press, 1981.

Mamo, Juann. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*. Adrian Grima (Editur), Sensiela Kotba Soċjalisti, 2013.

Matz, Jesse. *The Modern Novel: A Short Introduction*. Blackwell Publishing, 2004.
Stagno, Ġużè. *What Happens in Brussels stays in Brussels*. Merlin Publishers, 2013.
Williams, Stewart. "Virtually Impossible: Deleuze and Derrida on the Political Problem of Islands (and Island Studies)". *Island Studies Journal*, vol. 7 no. 2, 2012: 215-234.

**Noti**

1 Minħabba skopijiet prattiċi, minn issa 'l quddiem se nirreferi għar-rumanz ta' Mamo bħala *Ulied*.

2 Wieħed mill-karattri ta' Mamo huwa mlaqqam 'Armaużarma'.

3 L-istess bħal fil-każ t'*Ulied*, se nirreferi għar-rumanz ta' Stagno bl-abbrevjazzjoni *Brussels*.

4 L-apprensjoni xorta hemm qiegħda: l-ajruplan jinżel fil-mitjar ta' Zaventem "fost iċ-ċapċip brijuż (u xi radda tas-salib 'l hemm u 'l hawn)" (Stagno 65).

5 Peress li t-terminu 'eroj' huwa miżgħud b'ħafna implikazzjonijiet li mhux kollha huma rilevanti għal din il-kitba, jien se nużah l-iktar biex infisser 'protagonist'. Fil-waqtiet fejn hemm bżonn li nkun iktar speċifiku, nelabora fit-test.

# RIĊERKA

# Siltiet minn *Stedina* ta' Vassalli fil-ġurnal *Il Kaulata Maltia* (1839)

David Agius Muscat

**L-eqdem edizzjoni ta' *Stedina***

Konna naħsbu li *Stedina* dehret l-ewwel darba fl-1841 fil-ktejjeb *A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools addressed to His Excellency Sir H. F. Bouverie* ta' George Percy Badger. Fl-1843 *Stedina* reġgħet dehret f'*Il Malti* tal-Academia Filologica Maltia u fl-1845 reġgħet tfaċċat fil-ktieb *A Short Grammar of the Maltese Language*, xogħol li sal-lum ma konniex nafu ta' min hu. L-aħħar żewġ edizzjonijiet ħarġu b'xi tibdiliet mill-edizzjoni ta' Badger.[1]

Dan l-aħħar, waqt li konna qed inqallbu l-ġurnal *Il Kaulata Maltia*,[2] intbaħna li fit-tielet u l-aħħar ħarġa tiegħu, jiġifieri dik tad-29 ta' Jannar 1839, kien hemm xi siltiet twal minn *Stedina* miġburin f'artiklu wieħed. Isem Vassalli ma jidher imkien.

***Il Kaulata Maltia***

Il-ġurnal *Il Kaulata Maltia* ħareġ l-ewwel darba fil-15 ta' Jannar 1839. Kien "stampât min Cumbo ∩al' Editur tal' Arlekkin, u jimbieħ fil kafè ta' Sàlvu Said Ħâra ir-Rjâli, No. 248."[3] L-editur ta' *L-Arlekkin*[4] kien James Richardson, Protestant.[5] Mid-dehra l-ġurnal *Il Kaulata Maltia* ma kienx jiktbu Richardson imma sieħbu George Percy Badger,[6] Ingliż u Protestant bħalu li kien jaf il-Malti sew.[7] Skont nota manuskritta fuq il-faċċata tat-tielet ħarġa, il-ġurnal kien

jeditjah Badger: "*Edited by G. P. Badger Esq. Discontinued with this number.*"[8]

*Il Kaulata Maltia* fih qwiel, taqbiliet, poeżiji, tagħrifiet u avviżi marbutin mal-edukazzjoni u r-reliġjon.[9]

**Il-ħsieb tal-ġurnal**

Il-ħsieb ta' dan il-ġurnal kien wieħed ambizzjuż. Ried jagħti sehmu biex jistabbilixxi l-lingwa u l-letteratura Maltija. Hekk jidher fl-avviż ta' qabel il-pubblikazzjoni tiegħu miġjub minn *The Harlequin*:

> *Non occorre che noi parliamo dell'utilità, e del pregio di una tal publicazione, queste son cose ovvie a chiunque. E chi potrà assicurare che non sarà per essere questo foglio un giorno, il precursore dello stabilimento della lingua Maltese sopra un'equa e solida base, e della produzione d'una letteratura che potrà empire il Mediterraneo de' suoi pregievoli e gloriosi risultamenti?*[10]

Meta *Il Kaulata Maltia* kien diġà ħareġ darbtejn, *The Harlequin* reġa' kiteb:

> *The second number of the Kaulata has made its appearance. We recommend this paper to every Maltese family as being the most unexceptionable publication in Malta, not excepting the great father of us all, the Government Gazette. The object of this purely Maltese paper is, to give information to the mass of the people, descending to the very lowest classes. Besides this, to excite the love of reading and letters, and to afford some elegant literary amusement. If this paper continues, we doubt not, all these desirable things will be accomplished.*
>
> *The objection, that this paper will retard the march of education is of no value, since out of the city very few Maltese understand the Italian or English languages; and if in every town and village one person can be found who can read, he may be able to amuse and instruct hundreds and thousands in their own mother tongue. The ortography of this publication is conducted upon scientific principles; and for once, and perhaps now and for ever, this orthography has taken a tolerably fixed and permanent form.*[11]

Kif għedna, il-ġurnal ħareġ tliet darbiet biss. Jista' jkun li waqaf għax ma kienx hemm biżżejjed qarrejja li kienu lesti jixtru ġurnal bil-Malti maħruġ

mill-Protestanti.[12] Forsi lanqas ma għen ruħu meta permezz ta' *Stedina* ħadha kontra t-Taljan bħala l-ilsien ewlieni ta' Malta.

## Kelmtejn fuq l-alfabett u xi għażliet lingwistiċi oħra

L-alfabett tal-ġurnal huwa wieħed Latin. Għandu minn dak ta' Vassalli tal-1827, ħlief għall-grafema <ġ> flok <ɪ> (<ġadzetti>,[13] <ortoġrafia>[14]), id-digraff <ts> flok <ʒ> (<Skòtsja>,[15] <edukatsioni>[16]) u l-grafema <x> flok <щ> (<xemx>, <xita>).

Mill-bqija, bħal Vassalli, il-*Kaulata* jiddistingwi l-gutturali /ʕ/ u /ḡ/ u jirrappreżentahom bħalu, jiġifieri <ɴ> u <ɳ>. Għażel ukoll il-fonemi /h/, /ḥ/, u /ḵ/. Bħal Vassalli, huwa rrappreżentahom bil-grafemi <h>, <ɦ>, u <ɧ> – ħalliha li xi drabi jista' jkun li ma kienx ċert mid-distinzjoni ta' bejniethom. Ngħidu aħna, darba minnhom kiteb <jid**ɦ**er>[17] u ftit wara kiteb <jix**h**ed>.[18]

Xi drabi l-ġurnal ħaddem il-prinċipju etimoloġiku għal xi kliem missellef. Ngħidu aħna hekk għamel bil-kelma <skon**d**>[19] (minn <secon**d**o>). Dan il-prinċipju reġa' ħaddmu għal xi kliem ta' nisel Għarbi bħal <blie**d**>.[20] Daqqiet oħra ħaddem il-prinċipju fonetiku bħal fil-kliem <ra**d**ba>[21] u <xuħu**t**>.[22]

## X'kien jaħseb Badger fuq Vassalli u ħidmietu

Badger huwa magħruf l-iktar għal kitbietu fuq Malta u l-edukazzjoni tal-Maltin.[23] Fl-istess sena li huwa kien medhi bil-ġurnal *Il Kaulata Maltia* (u aktarx b'*The Harlequin* ukoll), huwa ppubblika *Sullo Stato della Educazione Pubblica in Malta*. Sena qabel ħareġ *Description of Malta and Gozo* u fih reġa' tkellem fuq l-edukazzjoni tal-Maltin u fuq it-tagħlim tal-Malti.

Fiż-żmien li qed insemmu, il-Kummissarji Ingliżi George Cornewall Lewis u John Austin kienu għadhom kemm ippubblikaw ir-rapport tagħhom fuq il-qagħda ta' Malta. Fih ħarsu wkoll lejn l-edukazzjoni u għaddew għadd ta' rakkomandazzjonijiet. Skont Badger, dan ir-rapport kien xprunat mill-kritika li kien għamel lill-Gvern Ingliż Giorgio Mitrovich fl-1836.[24] Ir-rapport kien ħadilhom sena u nofs xogħol.[25]

Fil-ktieb *Sullo Stato della Educazione* Badger fela r-rakkomandazzjonijiet fuq l-edukazzjoni u kellu xi jgħid fuq kull waħda minnhom. Tkellem fit-tul fuq it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel primarji u wera li ma kien jaqbel xejn mal-

alfabett imħallat li dak iż-żmien kien użat fil-ktieb tal-qari għall-iskejjel.[26] Jista' jkun li kien qed jirreferi għall-ktieb *English and Maltese Reading Book, for the use of Government Primary Schools* (Malta, 1839).[27] Qal li dan l-alfabett kien hemm warajh Lewis.[28] Sejjaħlu "*inutile innovazione*" għax barra li l-grafemi Għarab li kien fih kienu jtellfu s-simetrija tal-karattri Latini, huma kienu joħolqu diffikultà għall-istampar u għall-kitba bl-idejn.[29] Fisser li mqar Vassalli, "*il più dotto nella sua lingua nativa che mai esistesse in Malta*", u li seta' uża grafemi aktar sempliċi fl-alfabett li ħoloq, tal-inqas il-grafemi tiegħu kienu jżommu mas-simetrija tal-alfabett Latin.[30] L-argumenti fuq is-simetrija alfabetika u fuq l-ittri Għarab insibuhom f'*Il Kaulata Maltia* wkoll.[31]

Fil-ktieb Badger reġa' semmieh lil Vassalli meta ried isostni li l-Malti kien ilsien tajjeb biex wieħed jesprimi l-ideat kollha tiegħu – ħalliha li fit-tieni ħarġa ta' *Il Kaulata Maltia* nsibu li l-Malti "sâr tant fqir illi ma fihx kliem bizzejjed biex uiħed jistaဂ jikteb fih ix-xensi [ix-xjenzi]."[32] Fil-ktieb issokta l-argument tiegħu billi elenka għadd ta' kotba ta' kittieba Maltin, fosthom Vassalli. Għafas l-aktar fuq l-erba' vanġeli u l-Atti tal-Appostli, ta' Vassalli wkoll, miktubin "in puro dialetto maltese*, che contegono, come ognuno facilmente convien che dica, molte idee spirituali e metafisiche, difficili ad esprimersi in qualsivoglia lingua.*"[33] Barra dawn, Badger semma wkoll xi manuskritti bil-Malti, imma did-darba m'għamel l-ebda referenza għall-manuskritti ta' Vassalli,[34] wisq anqas għal *Stedina* – avolja f'dan iż-żmien kienet diġà għaddiet għandu. Dan għaliex dik il-ħabta Badger kien traduttur taċ-Church Missionary Society, li kellha f'idejha l-manuskritti ta' Vassalli. *Stedina*, li donnha hija d-daħla għal xi ktieb tal-qari, nistennewha li kienet fosthom. Band'oħra Badger indika li kellu l-kopja oriġinali ta' Vassalli.[35]

Badger wera fehmiet differenti ħafna minn dawk li kien iħaddan Vassalli fuq in-nisel tal-Malti. Filwaqt li Vassalli baqa' jsostni li l-Malti kien imnissel mill-Puniku,[36] Badger, li fl-1835 kien Bejrut jissokta l-istudji tal-Għarbi u 'l quddiem ħareġ xi kotba wkoll,[37] mill-bidu saħaq li l-Malti kien djalett Għarbi. F'*Description of Malta and Gozo* huwa fisser li l-bosta kliem Malti li seta' kien Puniku u li kien għadu jintuża sa żmienu kien jinsab kollu fl-Għarbi. Fl-istess ħin, il-ftit tagħrif li l-istudjużi kellhom f'idejhom fuq il-Puniku ma kienx biżżejjed biex jikkonferma x-xebh bejnu u l-Malti. Filwaqt li għaraf li xi kelmiet fil-Malti ma kellhomx l-Għarbi bħala s-sors tagħhom, huwa fisser li b'daqshekk ma jfissirx li dawn kienu mnisslin mill-Puniku. Badger irrefera għal sieħbu Schlienz, li kien jaf l-Għarbi wkoll u li kien jaħsibha bħalu.[38]

Xi kultant, id-differenzi fil-fehmiet ta' Vassalli u Badger kienu kbar. Filwaqt li Vassalli fisser ruħu sew, anke fi *Stedina*, li l-Maltin kellhom l-ewwel jitgħallmu l-Malti u mbagħad jgħaddu għat-tagħlim ta' ilsna oħra, fil-ktieb *Description of Malta and Gozo* Badger kien jaqbel mal-isforzi li kienu qed isiru biex l-Għarbi jkun l-ilsien ewlieni tat-tagħlim fl-iskejjel tal-Gvern.[39] Madankollu, sena wara, fil-ktieb *Sullo Stato della Educazione* Badger elenka l-vantaġġi l-kbar li kieku l-ilsien tat-tagħlim f'Malta kellu jkun l-Ingliż, u li l-Malti kellu jservi ta' pont sakemm jintgħallem dan l-ilsien.[40] Hawnhekk it-tagħlim tal-Għarbi llimitah għall-istudenti fil-Liċeo.[41] F'*Il Kaulata Maltia* nerġgħu nsibu li l-Ingliż, u mhux it-Taljan, kellu jkun l-ilsien ewlieni tat-tagħlim.[42] Fil-ktejjeb *A Letter on the Eligibility* Badger fisser li l-Malti kellu jkun *ikkoltivat parzjalment* biss,[43] jiġifieri li l-Malti kellu jkun mezz li jwassal għat-tagħlim ta' lingwa oħra, u mhux suġġett ta' studju fih innifsu.

**Il-merti taż-żewġ edizzjonijiet ta' *Stedina* miġjuba minn Badger (1839, 1841)**

Kull waħda miż-żewġ edizzjonijiet ta' Badger għandha element li jqarribha lejn il-kitba oriġinali ta' Vassalli. L-ewwel edizzjoni, dik imxandra fil-ġurnal, tippreserva d-distinzjonijiet tal-ħsejjes gutturali li kienu tant għal qalb Vassalli. Dawn id-distinzjonijiet fil-ħsejjes Badger ma rriproduċihomx fit-tieni edizzjoni mxandra f'*A Letter on the Eligibility*, għax skontu, barra li ma kinux għadhom jinstemgħu fit-Tlett Ibliet, fl-irħula kienu qed jinqatgħu wkoll.[44] Kontemporanju li ma kienx jaqbel mal-għażla ta' Badger kien Francesco Vella, li għamilha ċara li l-ħsejjes li kien neħħa Badger kienu għadhom jinħassu. Vella ta x'jifhem li Badger kien qed jinqeda b'Vassalli biex jippromwovi l-alfabett ġdid tiegħu.[45]

Mill-banda l-oħra, it-tieni edizzjoni jidher li tippreserva l-kitba sħiħa ta' Vassalli. L-ewwel edizzjoni tal-*Kaulata* hija magħmula minn ġabra ta' siltiet differenti, kultant b'xi żieda ta' xi frażi għall-konsistenza tal-argument, kif jidher mit-traskrizzjoni taż-żewġ edizzjonijiet fl-appendiċi ta' dan l-artiklu.

Irid jingħad li bidla ewlenija fit-test tal-ewwel edizzjoni hija l-qtugħ barra tar-referenza awtobijografika għas-safar li Vassalli kien għamel l-Italja, Korsika, Franza u Majorka. Badger seta' ħalla barra din ir-referenza, għax fl-ewwel edizzjoni ma semmiex l-awtur oriġinali min kien waqt li fit-tieni edizzjoni jsemmih u ddeskrivieh bħala "*a man who did more in the cultivation of his native dialect than any Maltese, but whose memory is not held in that reverence and esteem which it deserves*".[46]

## Mikelanġ Camilleri

Fil-bidu semmejna li *Stedina* dehret ukoll fil-ġurnal *Il Malti* tal-Academia Filologica Maltia tat-2 u s-16 ta' Settembru 1843. Fl-1845 reġgħet dehret fil-ktieb anonimu *A Short Grammar of the Maltese Language*.

Ma nafux min kien il-moħħ wara l-pubblikazzjoni mill-ġdid ta' *Stedina* f'*Il Malti*. Madankollu llum nistgħu ngħidu li wieħed mill-membri tal-bidu tagħha, Mikelanġ Camilleri,[47] kien l-awtur tax-*Short Grammar*.

Camilleri, mill-Birgu, kien qassis Kattoliku li wara seba' snin li kien ordna, sewwasew f'Mejju 1843, ħarab lejn Ġibiltà, sar Anglikan u żżewweġ armla Maltija.[48] Ftit ġimgħat qabel, il-ġurnal *Il Portafoglio Maltese* kien qed ifaħħru għall-mod tajjeb li bih kien qed imexxi skola li kien fetaħ hu f'Jannar 1842 fil-Birgu, u li fiha lit-tfal kienu jgħallmuhom il-Malti biex bih jintgħallmu suġġetti oħra.[49]

## Ħidma mas-Society for Promoting Christian Knowledge

Bħala Anglikan Camilleri tqabbad mill-Isqof Tomlinson biex jaqleb bil-Malti xi kotba sagri għas-Society for Promoting Christian Knowledge – għaqda Protestanta li daħlet hawn Malta flok iċ-Church Missionary Society.[50]

L-ewwel biċċa xogħol li ppubblika b'ismu kienet il-verżjoni bil-Malti tal-*Book of Common Prayer*. Din rat id-dawl fl-1845 bl-isem *Ktieb it Talb ta' Âalenia, u tal Âoti tas Sagramenti u tar Riti u chirimonyi oħra tal Knisya, fuq id draw̃a tal Knisya mwaħħda ta' l'Ingilterra u ta' l'Irlanda: flimkien mas salteryu ew is salmi ta' David, ukoll il âamla u kif âandhom ikunu ordnati u ikkonsagrati l'isqfiyiet, il qassisin, u id dyakni*.

Nafu li l-Isqof kien qabbdu jaħdem ukoll fuq l-edizzjoni l-ġdida tat-Testment il-Ġdid. Din l-edizzjoni ħarġet fl-1847 bl-isem *Il Âaqda il Jdida ta' Sidna Jesu Kristu, mijyuba mil Inglis*.[51] Fiha rreveda x-xogħol li kien għamel Vassalli u żied it-traduzzjonijiet tiegħu tal-epistoli u tal-Apokalissi.[52]

Iż-żewġ kotba ħarġu bl-istess sistema alfabetika. F'rapport li ħareġ fl-1845, ftit qabel il-pubblikazzjoni ta' *Ktieb it Talb ta' Âalenia*, l-Isqof kien qal li fit-tħejjija għal dan il-ktieb kellhom iħabbtu wiċċhom ma' diversi diffikultajiet minħabba l-"istat anomalu" li fih kien jinsab il-Malti miktub.[53] Skontu, is-sistema ortografika li nħadmet kienet l-eħfef waħda u l-iktar waħda effikaċi biex jintgħallem il-Malti fi skola tal-Ingliż.[54]

**Tliet kotba oħrajn ta' Camilleri?**

Skont Ninu Cremona, is-Society for Promoting Christian Knowledge ħarġet tliet kotba oħrajn bil-Malti.[55] Dawn huma *A Short Grammar of the Maltese Language* (1845), *Il-Bidu tal-Grammatika Ingliża* (1846), u *Il Ħaŷa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe, ta' York: Miktuba minnu in nifsu. Mijyuba mill'Inglis* (1846). Il-ktieb tal-grammatika tal-Ingliż nistgħu nqisuh mitluf.

Fl-1857 Cesare Vassallo attribwixxa l-ktieb ta' Robinson Krusoe lil Camilleri.[56] Minkejja dan, u minkejja l-alfabett tiegħu, dan il-ktieb kemm-il darba ġie attribwit lil Richard Taylor.[57]

Minħabba li l-kotba li rajna nkitbu bl-istess alfabett, jiġifieri dak li ħareġ bih u użah Camilleri, nifhmu li barra l-ktieb ta' Robinson Krusoe, il-grammatika tal-Malti u l-grammatika tal-Ingliż setgħu kienu xogħol Camilleri wkoll.

Ħajr lill-ħabib tiegħi Dr Olvin Vella.

## Appendiċi A

Dawn huma t-traskrizzjonijiet taż-żewġ edizzjonijiet ta' *Stedina* miġjubin minn Badger. Is-siltiet bil-grassett juru d-differenzi bejniethom.

| L-edizzjoni ta' *Il Kaulata Maltia* (1839) | L-edizzjoni ta' *A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools addressed to His Excellency Sir H.F. Bouverie* (1841) |
|---|---|
| Par. A **Ħat ma jitsta [sic] jicħad illi aħna hau f'Mâlta uisq nieqsĭn it-taᴖlĭm u il ᴖerf, u fost il bosta ħuejjeg illi zamna lura in-noqsàn tal qari a tal kitba f'lsienna hia l'akbar. Miskĭn ta Màlti qabel ma jista jitᴖallem xi ħâga jaħtieglu leuuel jitᴖallem lsien ieɧor li jrid is-snĭn sa ma jiksbu tajjeb, u min huma dauka fostna li jistᴖu jᴖaddu tant zmien fl'iskola biex jitᴖallmu ftit tal-qari u kitba?** | Par. A **Tiftħu ctieb, u ma tistůx takrauh, åx ma tållimtùx il kari, tarau u tħossu illi bħalli chiecu jso̊b bicom. Jec mbaåt takrauh u ma tifmuhx, u lankas tafu tfisruh, billi jcun mictùb b'lsien barrani, nistħajjel illi jcolcom actar so̊ba. Izda jec tafu takrauh, u tifmu minnu xi ftìt, u hec ma tafùx tfisruh, u xi ħuejjeg tifmuhom ħagia b'oħra, jeu bil maklùb, e̊duli: x'o̊kla cbìra ma tigicomx?** |
| Par. A **U kos ᴖalhek hauna tant Maltĭn li meta jaqrau xi ħâga bit-Taljân ma jafux jfissruha, u jɧabbilhom** moɧhom, b'hek jqarqu bihom nfushom u b'oɧrain bħâlhom, bla ma jrĭdu. U mniex jigi dân kollu? ∩air milli f'dĭna l'art taᴖna qat ma ħasbu ᴖalĭna, u anqas ħsibna aħna ta rgiel tal ᴖaqal, **bħal ma ħaseb il poplu u in-nies tad-dinja kolha** fl'artijiet ta barra, seuua kbâr seuua zᴖar. Aħna immela jmisna u ᴖandna nâfu u naqrau u niktbu b'lsienna, bħal ma jâfu huma ma kollimkien; ladarba dĭn hi ħâga li tinħtieg u jafuha sa fix-xᴖajjar ta Barbarĭa, u il ∩arab u il Biduĭn. | Par. A **U chem hem fostna min daun ittalìn, li il ftìt li jakrau ma jfmuhx [sic] tajjeb, u jħabblilhom** moħhom, **u** b'hec jkarku bihom nfùshom, u b'oħrain bħalom bla ma jrìdu? U mniex jgi [sic] dàn collu? ʻAir milli f'dìna l'art tåna kat ma ħasbu ålìna, u ankas ħsibna aħna ta rgiel tal åkal, **bħal ma ħasbet in-nies tad-digna colla**, fl'artijet ta barra, seuua cbàr, seuua zår. Aħna immela imissna, u åndna nafu nakrau u nictbu b'lsienna, bħalma jafu huma må collimchien: ladarba dìn hi ħagia li tinħtieg u jafuha sa fix-xåjjar ta Barbaria, il ʻArab u il Biduìn. |
| - | Par. A **ʻAliex min-nokkàs tal kari u il chitba beinietna jgi, illi aħna bis, fost innies ta' collimchien, bkaina bosta uara fit-tålìm, u fil ħuejjeg tal e̊rf; illi rjùsna ntleu bil ħrejjef, u baků mimlijn bil frui̊jet; illi uisk minna nitchelmu u ma nafùx xi ni̊du, nitħattu u ma niftiemux: u ålhec bosta uħud jnsabu mħabblìn dejjem f'åmìlhom, u ål col xein jtbie̊du ma xilxìn.** |

| | |
|---|---|
| - | Par B **Il bniedem li ma jafx jakra u jcteb [sic] b'lsienu ma jstax juizen lilu in-nifsu, xoo̊lu dejjem mħabbel, u hua dejjem mħabbat u ħosbien, ma jafx x'jåmel, la fein jmid ideih leuuel; åx billi ma jctibx, meta jnsa, ma åndux x'jfaccru. Geuakt åndu il mictub fuq ħuejjeg ta daru, u jaħtieglu jakrahom min ħat ieħor, biex jåraf x'inchitiblu, u chem il darba jgri illi jakraulu u ma jfisrulux seuua, u jcollu jmur jggiera u jbka ma jafx chif in huma. F'chelma uaħda, il bniedem li ma jctebx, ållankas b'lsienu, hu åma u mxebbeh lil bhima, u l'oħrain jstů jmexxuh u jsukuh chìf jrìdu u jo̊giobom.** |
| - | Par Ċ **Illùm id-digna fetħet åineiha u åddiet lkoddiem bil kari u il chitba li inåraf ma collimchien, u ålhec tbidlet uisk milli chienet mijet ta snìn ìlu. Immela il bniedem li ma jàfx jakra u jcteb jstå ji̊d illi ma hu xein fid-dinja, illi hu il lsìr tiů in-nifsu u tal oħrain; illi col fein jmùr ma jsua xein, u jåddi b'mischin u b'zeuuiel, u malli ħat ma jhares leih, uisk uħud jdcu bih. 'Aliex fiz-zmien li aħna fih, in-nies ħjenet bosta uisk milli dari, u hem mìn jfittex jkarrak b'mìn hu bla ħila u åineih måluka. U filli dàc li ma jafx jakra u jcteb hua bla daul dana izjed min oħrain jstå jtkarrak. Imma nħalluna min dana collu: nåmlu illi aħna ninsabu kalb it-tieba, u fost innies seuua. Izda meta narau nies oħra, u mad-dinja colha, u sa f'kie̊ il lvant geuua ic-Cina collimchien jafu il chitba, nistů aħna nåmlu ruiehna min åiru u illi nibků saimìn minnu, u fid-dlamijet ta l'mbicmìn ta l'mtarxìn, u tal o̊mi, li ma jtchelmux, li ma jsimůx, u li ma jaraux? Le: ma jxirkilniex dana billi nibků uara izied, u jaħtigilna nħautlu u någglu f'dìn il ħagia, biex nirbħu ir-riħu li rħaina sissa, u nilħku ma l'oħrain.** |

| | |
|---|---|
| [Par B] **∩idna illi il kitba u il qari jaɦtieg** jkun b’ilsienna biex nirbɦu iz-zmien li tlifna, ladarba malli taqra u tikteb b’lsienek tɦossok minnufih tithenna, u bɦalli kieku tistenbeɦ, billi tiftaɦ ∩aineik u târa daul gdĭd, **izda meta Màlti jaqra bit-Taljân (ma n∩idux ∩al dauka il ftit li t∩allmu ∩al snĭn) donnu dejjem bic-cpâr qoddiem ∩aineih, u ftit jieɧu pjacĭr il ∩aliex ftit jifɦem.** | [Par D] **Izda ctibna mil-leuuel åndu** jcun b’lsienna, biex nirbħu iz-zmien li tlifna: ladarba, malli takra u ticteb b’lsienec tħossoc minnufih tithenna, u bħalli chiecu tistenbeh, billi tifatħ åineic u tara daul gdìd, **dinja oħra, u hemma mbaåd tåraf x’kiee̊d t̊id u x’kiee̊d t̊amel, u issìb illi minnec uaħdec tcun ticteb fehmietec b’ideic, tarahom b’åineic, u takta b’fommoc colma jctbulec oħrain; åliex, billi jcun mictub bil lsien li tuilidt u trabbeit min tfulitec u mis-sibħ ta o̊mroc, issibec fid-daul, fein tara u tilmaħ tajjeb, tifhem u ittiee̊m, u tistå tixtar collox minnufih u minnec in-nifsec.** |
| [Par B] U mnein sa fein, **u** il ∩aliex ma ∩andniex niktbu bɦal oɧrain? Il ∩arbi bil ∩arbi jikteb, bit-Taljân it-Taljân, u sal Isuet li jinsâb geuua il **qalb** ta l’Afrika, mnein qat ma ɧareg, u la râ dinj’oɧra, izda jaqra u jikteb b’lsienu? U min kien dâk **il ɧâti l’ibleɦ**, u **dâk** nieqes mil ∩aqal, bniedem mberfel, li ga∩al lil missirijietna taz-zmien, illi beniethom ma jiktbux bil lsien li fih tuieldu, u bih jiftiehmu? Mĭn uebbilom dâna? Ried illi **ja∩mel** dâk li ma jigĭx minnu, u qarraq bĭhom. Taqriqa kienet li giebet il uisq **minna fil ɦal tad-dlamijiet**, u tal bluha, li hi l’a∩arr ɦâga li tinsâb fid-dinja: ∩aliex **il bluha** hia il ɧtĭa **ta kol deni** li fihom iggib il bnedmĭn. Izda bnadijiet oɧra ma humiex hek. **Barra min hauna kol fein rait, u kol fein dort sibt ir-ra∩ajja,** il ɦarrâta, il ∩azziegĭn, il bdieua, il ɧaddiemĭn, u in-nies tas-snajja kolha, sibtom jâfu jaqrau u jiktbu, kolɦat b’lsien ta pajjĭsu. Il kol taràhom bil kodba f’ideihom fil knejjes, fir-**rɦula**, qalb l’mrieɦel, fil bliet, fir-rɦajjel. Haun bis ma raitx dâna. **Bnâdi oɧra qat ma ltqait** ma missirijiet li j∩idu l’uliedom: La titkellem bil lsien ta fein Alla ɧalqek u uildek; **izda haun f’Mâlta rait u smait**. Bândi oɧra leuuel b’lsienom, u bih mba∩ad ilsna oɧra jit∩allmu; izda hauna le, donna m’aɦniex bɦal nies oɧra. U x’jedd ∩andu it-Taljân izjed min ilsna oɧra? **Izda il miskĭn ta Màlti x’j∩idli fuq dàna kollu? ma kellĭsx mĭn jatĭni id-daul, u j∩allimni. Imma tâf x’j∩id il bidui meta il bard u ix-xita tkun sejra tɧallih:**<br><br>**“Ja ∩asfûr, tbaɧbaɧ, u infila**<br>**Uaslet ∩alĭk ir-rebbi∩a**<br>**Ladarba fl’art ix-x∩ir mila.”** | [Par E] U mnein sa fein, **jeu** il åliex, ma åndniex nictbu bħal oħrain? Il ‘Arbi bil årbi jcteb, bit-taljàn it-Taljàn, u sal isued li jnsàb geuua il **kalba** tal Africa, mnein kat ma ħareg, u la kat ra dinj’oħra: izda jakra u jcteb b’lsienu. U min chien **dac l’ibleh**, u **hec** nieqes mil åkal, bniedem mberfel, li giaål lil missirijetna taz-zmien, illi beinietom ma jctbux bil lsien li fih tuieldu, u bih jiftiehmu? Min uibbilom dana? Ried illi **jåmlu** dak li m jgìx minnu, u karrak bihom. Takrìka chienet li giebet il uisk **minna fid-dlamijet** u fil bluha, li hi l’aår ħagia li tinsàb fid-digna: åliex **li bluha** hia il ħtia **ta col kerk, u ta col deni** li fihom iggìb il bnidmìn. Izda bnadijet oħra ma humiex hec. **Barra min hauna col fein rait, u col fein dort, ħdàx il sena fl’Italia, u tsetax f’uisk bliet, gzejjer, u artijet oħra, sibt ir-råjja,** il ħarrata, il åzzikìn, il bdieua, il ħaddimìn, u in-nies tas-snajja colla, sibtom jafu jakrau u jctbu colhat bil lsien ta pajìsu. Il col tarahom bil cotba f’ideihom fil cnejjes, fir **rbuå**, kalb l’mrieħel, fil bliet, fir-rħajjel. Haun bis ma raitx dana. **Bnadi oħra mchien ma ltkait** må missirijet li ji̊du l’uliedhom: La titchellem bil lsien ta fein Alla ħalkec u uieldec; **izda haun rait u smait**. Bnadi oħra leuuel b’lsienom, u bih mbaåd ilsna oħra jitålmu; izda hauna le, donna maħniex bħal nies oħra. U x’jed åndu it-taljàn izjed min ilsna oħra? **Izda t̊iduli ma chenniex min jatìna id-daul, u mìn jållimna. Tabilħak**. |

| | |
|---|---|
| - | Par F Immela issa illi åndna il chìf u biex bid-daul tat-tålìm, issa illi nfetħet it-triek u hia uàtja lachem nåddu minna, ma noko̊dux izied nitħàsbu x'åndna nåmlu u ankas il chìf åndna nictbu. La tisimůx izied, u lankas bis tatu uiden lein it-tmarmìr u il climijet tal fruå tå dauc il boloh i rjusom jebsa u åjjurìn jlakilku bil marràra f'lsienom ji̊du illi il ħagia ånda issìr xort'oħra, hec kat ma chienet: izda mbaåd billi huma bla ħila ma jafùx il chìf, u dana l'ankas ħsieb li åndhom. U malli ma tatùx uiden, ħallu ideicom, ictbu ål-leuuel chìf tistů, u bil ftìt il ftìt sama collox jgìcom seuua, u tidrau u iddarru. La taktůx klubcom. Il ħràra tåcom jec te̊leb il bluha ta xuħud li jberducom fuc dàna jeu jficciu jneħħulcom il ħràra, hia nfisha tirbaħ it-tmirijiet colha li ħirgìn mil mard tå klubhom. |
| - | Par Ġ Aktar min erbi̊n sena ìli illi ħsibt, tħabatt u ħdimt fuk dìn il ħagia biex nseuuìa, u nåmel illi il chitba tåna tcun tistå issìr ħielsa b'lsienna u mårufa; izda it-torok colha chienu måluka. Oħrain kabli chienu ħasbu u riedu jåmlu dana; åx chienu rau bħali illi jinħtieg. Huma årfu min kabli it-tbatìa il cbìra li nbatu f'Malta sabiex nitålmu; illi it-tħabìt bein in-nies collu jgi min dan in-noqqâs ; illi tålìmna bil maklub, illi mchien bħàlna, colħat fid-digna jbda jakra n jcteb b'lsienu, n aħna ndumu is-snìn il cbar nitåchircu bla feida, u ftìt mbaåd huma fostna li joħorgiu, u bosta uisk izied jbků ma jafu xein, u bla ebda kari. Dac li ma jftiehemx jntisa. Dàna collu niggez lil o̊rrief tåna fl'mo̊ddi; imma billi ma setů kat jåmlu leuuel triec, malli bdeu u ma nifdux, chellom jħallu min dic is-siå li rau li ma chellom daul u ħila bizzejjed. Izda il haira u it-tħautìl tahhom, jec ålihom sar bàtal, it-telfien taz-zmien u it-tbatìa il cbira kankluni, ħairuni u uettakli il ħràra tå kalbi biex nåmel dmìri collu u nsi̊b it-tarf ta dìn il ħagia hec moħtiega. Mbaåd bil åinuna t'Alla il åzìz meddeit idejja, u ål-leuuel bħal åma u bit-teftìf fost ic-cpàr u id-dlam, u b'nakra ta daul li chelli, ftaħt it-triek, u kalkaila åddeit il koddiem sama sebaħli, u sibt ruħi fuk ir-rieħ. Min dac iz-zmien ħdimt, ctibt, u rait u ħejjeit-ilcom il mo̊dìa miftuħa beraħ, li åliha kie̊ėd nistedincom. |

## Appendiċi B

Malta
Feb 4 – 1844

My dear D.r Cullen,

The bearer, Mr Charles Murphy, (son of Mr Murphy Esqr known to every one from the Giant's Causeway to Cape Clear) requests a line to you – but he requires no recommendation from me, for independent of his worthy family, he is his own recommendation when known the travels for his health with his medical friend to Hyland, I shall be most grateful if in your power to be of every use to them in any way, they leave to-day for Sicily, thence to Naples and on to the Eternal City for holy week.
In my banishment here (on a rock as well as thorny) I have had such a treat in D.r Miley's home and God speed his pen. Small people here. All or nearly all the Government offices filled with Scotch from the Governor downwards, – as for Religious affairs here I console myself with the adage "when things come to the worst they mend".
Dr Tomlinson seems a midway, via media, between a ninny and a bigot. I fear the latter predominates.
Some time ago you had in Rome a Maltese apostate Priest, named Camilleri, who ran away last May with a woman to Gibraltar, there they read their Recantation and were married by Tomlinson's vicar, thence they returned to Malta, where Camilleri hands the dame back to her friends, repairs to Rome to make his peace, receives absolution from the Inquisition – makes the exercises (they say) at St Eusebio, and hurries back thus to the woman and to Tomlinson, who seems in extacy at the glorious conversion, has appointed Camilleri Cappellano Maggiore of the New Church (to be opened in a few days) and the dame organist as she plays the Piano. By Tomlinson's express desire the conversed pair go on Sunday publicly to the Protestant Church at 11 o'clock a.m – amidst the hisses of the assembled indignant crowd. Yesterday several were put in prison for insulting him, and to-day others.
So much for Maltese edification.
Tell good Dr Kelly that the Pilgrim to Jerusalem is at length out of the hospital like a ghost, without a place to go to or a penny in his pocket. I want him to go back and say his prayers one (?) of Naas, as Government would get him a passage home free – but he persists on going on various. I dont know how to help him.
I trust all is well and prosperous with you – with 50 kind things to Dr Kelly and sincere wishes for the prosperity of all and each under the most

ever yours sincerely
B. Esmonde S.J.

I fear there is another couple at least, on or about to trip off also to Gibraltar – so we shall soon have a Gretna–Green in the South – under the auspices of his Lordship of Gibraltar so much for the march of intellect in Malta.

CUL/NC/4/1844/13

13

Malta
Feb 4 – 1844.

My dear Dr Cullen –

The bearer, Mr Charles Murphy, (son of Wm Murphy Esqr known to every one from the Giants Causeway to Cape Clear) requests a line to you – but he requires no recom-mendation from me, for independent of his worthy family, he is his own recommendation when known — he travels for his health with his medical friend Dr Hylands, I shall be most grateful if in yr power to be of every use to them in every way, they leave today for Sicily, thence to Naples & on to the Eternal City for holy week. –

In my banishment here (on a rock as well as Boney) I have had such a treat in Dr Mi-ley's Rome &c — God speed his pen — Scotch people here — all or nearly all the Govmt Offices filled with Scotch from the Governor Commissioner, — as for Religious affairs here I console myself with the hope that when things come

come to the worst they will? —

(Mr Tomlinson seems a midway, via-Media, between a Ninny & a bigot. I fear the latter predominates —

Some time ago there was in Rome a Maltese apostate Priest, named Camilleri, who ran away last May with a woman to Gibraltar; there they read their Recantation & were married by Tomlinson's Vicar; thence they returned to Malta, where Camilleri hands the woman back to her friends, repairs to Rome to make his peace, receives absolution from the H. Inquisition — makes the Exercises (they say) at St Eusebio, & hurries back to the woman & Dr Tomlinson, who seems in ecstasy at the glorious conversion, has appointed Camilleri Cappellano Maggiore of the New Church (to be opened in a few days) & the Same Organist as she plays the Piano.

By Tomlinson's express desire ~~they~~ the converts pair go on Sunday publicly to the Prot: Church at 11 o'C. A.M — amidst the hisses of the

of emulated indigenant Crowd — yesterday
several were put in prison for insulting
him, & taking others —

So much for Maltese Civilization —

Tell poor Dr. Kelly that the Pilgrim to
Jerusalem is at length out of the hospital
like a ghost, without a place to go to or
a penny in his pocket — I want him to
go back & say his prayers over Teri of Naas,
as Govt want to get him a proper home — but
he persists in going onwards — I don't know
how to help him. —

I trust all is well & prosperous with you —
with so kind things to Dr Kelly &
sincere wishes for the prosperity of all
& each in your post

ever yours sincerely

B. Esmonde S.J.

I fear there is another Couple at least on or about to hop from Malta
to Gibraltar — so we shall soon have a Gretna-Green in
the South — under the auspices of his Lordship of Gibraltar
so much for the march of intellect in Malta —



To the V. Revd. Dr. Cullen
Collegio Irlandese
Roma

**Noti**

1 Vella, Olvin. '*Stedina* ta' Vassalli: Studju Kritiku u Komparattiv', *Il-Malti* – ħarġa LXXVII. Malta, 2005.

2 Fuq dan il-ġurnal ara Fiorentini, Bianca. 'Il giornalismo a Malta' f'Bonello, Vincenzo; Fiorentini, Bianca; Schiavone, Lorenzo (ed.). *Echi del risorgimento a Malta*. Milan, 1982: 38-9. Ara wkoll Farrugia, Karl. '*Il Kaulata Maltia* – The only extant copy of the first journal in Maltese', imxandar elettronikament f'https://blogs.bl.uk/asian-and-african/2017/11/il-kaulata-maltia-the-only-extant-copy-of-the-first-journal-in-maltese.html. Farrugia identifika t-tliet ħarġiet ta' dan il-ġurnal fil-British Library, Londra.

3 Ara l-aħħar paġna ta' kull ħarġa tal-ġurnal.

4 Il-ġurnal kien jismu *The Harlequin, or Anglo Maltese Miscellany*. Ħareġ 115-il darba, mill-1838 sal-1840.

5 Ara n-nota bijografika fuq James Richardson fi Fiorentini, 1982: 33 u 34, n. 4. Fiorentini qalet ukoll li missier James, John, kien waqqaf dan il-ġurnal. Fuqu ara Fiorentini, 1982: 33 u 34, n. 3. Ara wkoll Cassola, Arnold. *Lost Maltese Newspapers of the 19th Century*. Malta, 2011: 22 et passim.

6 Fiorentini, 1982: 38. Fiorentini kitbet hekk: "*Foglio scritto in vernacolo, ideato da Sir John Richardson* [missier James] *e diretto dal suo amico e collaboratore Sir George Percy Badger*."

Aktarx Badger u Richardson kienu t-tnejn ta' ġewwa, għax fl-1839 ukoll, meta Richardson spiċċa l-Qorti u weħel sitt xhur ħabs – mibdula f'multa ta' 250 skud – minħabba artiklu kontra l-Knisja Kattolika li kien xandar f'*The Harlequin*, Badger ħareġ jiddefendih b'ruħu u ġismu fil-pubbliku. Ara Badger, George P. *Trial of Mr J. Richardson, for an alleged libel against the Roman Catholic Church*. Malta, 1839.

7 Roper, Geoffrey. 'George Percy Badger (1815-1888)' f'*Bulletin (British Society for Middle Eastern Studies)*, vol. XI, nru 2. Londra, 1984: 140 et passim.

8 Qed nirreferu għall-kopja tal-British Library.

9 Ara Farrugia, 2017.

10 *The Harlequin*, 13.xii.1838: 176. Ir-referenza oriġinali fi Fiorentini, 1982: 39, n. 1.

11 Ibid., 23.i.1839: 20. Ir-referenza oriġinali fi Fiorentini, 1982: 39, n. 1.

12 Sa fejn nafu aħna, il-ġurnal Protestant *Malta Penny Magazine*, editjat minn Richardson ukoll, kien l-aħħar wieħed li uża l-alfabett ta' Vassalli, jiġifieri f'Ottubru 1839. Ara Vella, Olvin. 2005: 47, 50.

13 *Il Kaulata Maltia*, 22.i.1839: 6.

14 Ibid.: 8.
15 Ibid.: 6.
16 Ibid.: 5.
17 *Il Kaulata Maltia*, 15.i.1839: 2.
18 Ibid.
19 *Il Kaulata Maltia*, 15.i.1839: 3.
20 *Il Kaulata Maltia*, 15.i.1839: 4.
21 Ibid.: 2.
22 Ibid.: 2.
23 Fuq il-ħajja u l-ħidma ta' Badger ara Dessoulavy, Charles. 'George Percy Badger' f'*Journal of the Maltese University Literary Society*, nru 9, Jannar. Malta, 1934: 437-39; u Roper, Geoffrey. 1984: 140-155.
24 Badger, George Percy. *Sullo Stato della Educazione Pubblica in Malta*. Malta, 1839: 33.
25 Lewis, Gilbert Frankland (ed.). *Letters of the Right Hon. Sir George Cornewall Lewis, Bart. to various friends*. Londra, 1870: 101.
26 Badger, 1839: 124-6.
27 Dan il-ktieb huwa attribwit lill-Kanonku Annetto Casolani. Ara Cremona, Ninu. "Kelmtejn fuq l-Istorja tal-Letteratura Maltija (mis-Seklu Sbatax sas-Seklu Għoxrin)" f'*Leħen il-Malti*, Għadd 8. Malta, 1965: 31.
28 Badger, 1839; Ibid.: 125-6.
29 Ibid.: 124.
30 Ibid.: 125.
31 *Il Kaulata Maltia*, 15.i.1839: 2.
32 Ibid., 22.i.1839: 5.
33 Badger, 1839: 131.
34 Ibid.: 132.
35 Vella, Olvin. 2005: 38.
36 Agius Muscat, David u Vella, Olvin. *Minn Fomm Vassalli*. Malta, 2014: 64-67.
37 Roper, 1984: 141 et passim.
38 Badger, George Percy. *Description of Malta and Gozo*. Malta, 1838: 5, 12, 77.
39 Ibid.: 79-81. Ara wkoll Dessoulavy, C. L. 'Modern Maltese Literature' f'*Bulletin of the School of Oriental Studies*, vol. VII, nru 4. Londra, 1935: 791.
40 Badger, 1839: 119-120.
41 Badger, 1839: 134.
42 *Il Kaulata Maltia*, 22.i.1839: 5.
43 Badger, 1841: 5-6.

44 Badger, 1841: 12. Ara wkoll Badger, 1838: 78.

45 Vella, Francesco. *Scoperta di Cinque Nuove Vocali di G. P. Badger*. c. 1841: 2.

46 Badger, 1841: 17.

47 L-imseħbin tal-Academia kienu Dr Ludovico Mifsud Tommasi, Dr Lorenzo Decaro, Dr Celestino Camilleri, Dr Paolo Pullicino, Dr Michel'Angelo Camilleri, Dr Salvatore Cumbo u Dr Gaetano Vella. Wara ssieħbu wkoll Dr Arcangelo Pullicino u Dr Gio Antonio Vassallo. Ara Vella, Olvin. 2005: 46.

48 Pontificio Collegio Irlandese, Ruma, CUL/NC/1844/13. Ara t-traskrizzjoni tagħha f'Appendiċi B. Fuq Camilleri ara wkoll Sant, Carmel. *Bible Translation and Language – Essays into the History of Bible Translation in Maltese*. Malta, 1992: 34; Bonnici, Joseph. 'Rev. Michael Angelo Camilleri: a renegade priest or a philantropist?' f'*The Sunday Times of Malta*, 7.v.2000: 52-53.

49 Bonnici, 2000: 52-53. Il-permess ħariġlu fit-23 ta' April 1842. L-Arkivju Nazzjonali, ir-Rabat, CSG 43/1, bla numru tal-paġna.

50 Cremona, 1935: 50.

51 Cremona, 1935: 50; Sant, 1992: 35.

52 Sant, 1992: 35.

53 Cremona, 1935: 50; Sant, 1992: 35. Ara wkoll *The Missionary Register for MDCCCXLV. Containing the Principal Transactions of the Various Institutions for Propagating the Gospel: with the Proceedings, at large, of the Church Missionary Society*. Londra, 1845: 385.

54 Cremona, 1935: 50; Sant, 1992: 35.

55 Cremona, 1935: 50-51.

56 Vassallo, Cesare. *Index Librorum Orientalium et Latinorum Publicae Bibliothecae Melitensis Ordine Alphabeti*. Malta, 1857: 16.

57 Ara, ngħidu aħna, Aquilina, Joseph. 'A Brief Survey of Maltese Literature', *Scientia*, Lulju-Settembru 1956: 132.

# LINGWISTIKA

# Verbi bl-ewwel radikali "W"

Mons. Lawrenz Cachia

Verbi bl-ewwel radikali W jinqasmu fi tnejn. Fl-ewwel taqsima hemm dawk tat-tieni u t-tielet forma, jew xi forma oħra mnissla, u magħhom il-kwadrilitteri. Fit-tieni taqsima hemm il-verbi trilitteri tal-ewwel forma. Dawk imnissla u l-kwadrilitteri ma joħolqu ebda problema, għaliex iżommu l-ewwel radikali dejjem. Iżda dawk trilitteri tal-ewwel forma jwaqqgħu dik ir-radikali fil-preżent/imperfett u fl-imperattiv. Hekk minn **wasal** nagħmlu: **nasal**, **tasal**, **jasal**, eċċ. filwaqt li minn wieġeb nagħmlu: **inwieġeb**, **twieġeb**, **iwieġeb**, eċċ. Il-verbi trilitteri tal-ewwel forma jerġgħu jinqasmu fi tliet kategoriji:

Fl-ewwel kategorija hemm il-verbi tal-ewwel forma li għandhom l-ewwel radikali W u fil-preżent iwaqqgħu l-ewwel radikali, u jieħdu l-ewwel vokali qasira:

| | |
|---|---|
| waqa' | naqa' |
| wasal | nasal |
| weħel | neħel |
| wiled | niled |
| wiret | niret |
| wiżen | niżen |

Fit-tieni kategorija hemm il-verbi *weġa'* u *wera*, li fil-preżent/imperfett u fl-imperattiv jieħdu l-ewwel vokali U twila. Minn *weġa'* nagħmlu **nuġa'**, **tuġa'**, **juġa'**. Hawn wieħed irid jiftakar li l-vokali U timxi ħafna u toqrob lejn il-ħoss tal-konsonanti W, u għalhekk f'dawn il-verbi, għalkemm l-ewwel radikali taqa', donnha ma titlaqx għalkollox u għalhekk il-vokali U tinħass twila.

Ta' min iżid li l-verb *wera* llum huwa verb tal-ewwel forma għalkemm oriġinarjament kien ġej mill-verb *ra*, bir-radikali R-alif-J.

Fl-aħħar kategorija hemm il-verb *waqaf*, li fil-preżent/imperfett u fl-imperattiv għandu l-ewwel vokali IE, li dejjem hija twila: **nieqaf**, **tieqaf**, **jieqaf**.

Għaliex dan il-verb (*waqaf*) ma jimxix fuq sieħbu *waqa'*? Raġuni ċara ma nistax insib, iżda hemm biss suġġeriment li nista' nagħmel, u dan hu li l-verb *waqaf* mexa fuq l-analoġija tal-verb *kiel* u *ħa(d)* għalkemm dawn kellhom l-ewwel radikali mhux W imma Alif. Għalhekk bħalma ngħidu u niktbu **nieħu**, **tieħu**, **jieħu**, u **niekol**, **tiekol**, **jiekol**, hekk ngħidu u niktbu **nieqaf**, **tieqaf**, **jieqaf**.

## Il-verb *ibbies*

Fil-Malti nsibu l-verb tat-tieni forma *webbes*, bl-ewwel radikali W; iżda nafu li storikament dik l-ewwel radikali kienet J. Hu x'inhu, fid-disa' forma l-ewwel radikali (J/W) ma waqgħetx iżda nbidlet mal-konsonanti B u saret tixbah lit-tieni radikali: mela i*bbies* flok i*wbies*/i*jbies*. Dawk li kitbu li *(i)bbies* huwa tat-tieni forma żbaljaw għax la jaqbel fl-għamla u lanqas fit-tifsir mal-verbi tat-tieni forma.

# Iż-żamma tal-kuntest kulturali tat-test sors u tal-elementi lessikali kemm dijakroniċi kif ukoll sinkroniċi fil-proċess tat-traduzzjoni li tinvolvi testi letterarji u nonletterarji

Paul Zahra

'Without translation, I would be limited to the borders of my own country. The translator is my most important ally. He introduces me to the world.'

Italo Calvino

Il-proċess tal-kitba normalment jinvolvi lingwa u kultura waħda; għalhekk dan jista' jitqies bħala wieħed bipolari. Għall-kuntrarju, il-proċess tat-traduzzjoni hu triangolari, jinkludi fih tliet dimensjonijiet bażiċi, jiġifieri ż-żewġ kuntesti lingwistiċi, dak tal-lingwa sors u tal-lingwa mira, u l-kuntest kulturali tat-test sors.

**It-test sors jitlaq mil-lingwa sors u jitwassal lingwistikament fil-lingwa mira.** Dan il-proċess jinvolvi fih żewġ kuntesti lingwistiċi separabbli u differenti; għalhekk hu **mutabbli** u **trasferibbli**. F'dan is-sens **it-traduzzjoni tibdel il-kuntest lingwistiku** għax minn lingwa A, li biha oriġinarjament inkiteb it-test, dan jgħaddi għal lingwa B, li biha tkun qed issir it-traduzzjoni. Dan it-transkowdjar iwassal għal bidla lingwistika sħiħa (għax hu wieħed mutabbli u trasferibbli) li matulha l-kowd tal-lingwa sors jibda billi jiġi ddikowdjat u jispiċċa billi jiġi enkowdjat mill-ġdid fil-lingwa mira.

Għall-kuntrarju, ebda bidla ma tista' tiġi attwata jew riflessa fil-livell tal-kuntest kulturali tat-test sors. Hawnhekk kollox jeħtieġlu jibqa' **immutabbli** u **intrasferibbli**.[1] Dan ifisser li fit-traduzzjoni l-kuntest kulturali tat-test sors ma għandux jinbidel u għandha tiġi evitata u eskluża għalkollox minnu l-kultura

mira. It-test sors ma għandux jiġi ddomestikat permezz tal-lokalizzazzjoni. Għal din ir-raġuni **l-kuntest tal-kultura sors ma għandux tluq: hu biss punt fiss** kemm fil-livell temporali (immutabbli) kif ukoll f'dak spazjali (intrasferibbli).

## Proċess ta' mutabbiltà u ta' trasferibbiltà bejn żewġ kuntesti lingwistiċi

Kif għedt hawn fuq, it-traduzzjoni ssir billi l-kuntest lingwistiku tal-lingwa sors jinbidel b'dak tal-lingwa mira. Madankollu l-kuntest lingwistiku tal-lingwa mira jista' ma jippermettix li dan isir dejjem. Għal diversi raġunijiet, fosthom storiċi, ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi, lingwa tista' tkun għadha ma żviluppatx biżżejjed biex dan il-proċess bipolari (f'dan il-każ lingwa sors > lingwa mira) ikun jista' jseħħ b'ekwivalenza sħiħa jew relattiva. **Għalhekk il-kuntest lingwistiku tal-lingwa mira mhux dejjem jippermetti li titwettaq il-mutabbiltà u t-trasferibbiltà meħtieġa biex it-test sors jiġi rreplikat fiha.**

Hu fatt magħruf ukoll li l-għodod u l-kuntesti lingwistiċi jevolvu kontinwament, għax bħalma jgħid Eraklitu, 'kollox jinbidel u xejn mhu fiss'. Maż-żmien l-evoluzzjoni lingwistika tista' twassal biex lingwa mira tiżviluppa b'tali mod li tkun tista' tittraduċi testi kemm letterarji kif ukoll nonletterarji meta ftit mijiet ta' snin jew anki saħansitra għexieren jew għexur ta' snin qabel ma kinitx tkun kapaċi tagħmel dan. U effettivament fil-Malti seħħ dan l-iżvilupp, għax illum hu jħaddan fih lessiku minn tliet sorsi lingwistiċi differenti, jiġifieri mis-Semitiku, mir-Rumanz u mill-Ingliż. Biex niżviluppa dan il-punt se nagħmel referenza għat-traduzzjonijiet letterarji u dawk nonletterarji li għalkemm jidhru differenti xorta waħda għandhom spazji komuni.

## *Robinson Crusoe* ta' Daniel Defoe

It-traduzzjoni ta' *Robinson Crusoe* ta' Richard Taylor,[2] li ġġib l-isem ta' *Il Haÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe*, mhix traduzzjoni sħiħa iżda biss adattament. Kif tgħid Janelle Muscat fit-tezi tagħha (Muscat, 2016), Taylor iħalli barra partijiet sħaħ (ommissjonijiet deliberati fl-opinjoni tiegħi) u jimxi b'mod żleali, fost affarijiet oħrajn, mal-istrutturi tas-sentenzi, tal-paragrafi, u saħansitra anki tal-istruttura tar-rumanz innifsu.[3] Muscat, mingħajr ma tqis in-nuqqas ta' kliem missellef mir-Rumanz, pjuttost tikkunsidra li l-element Semitiku f'Taylor ġej mill-fatt li hu ried jirrendi t-traduzzjoni tiegħu lingwistikament b'Malti

idjomatiku. Iżda dan mhux ħlief dak li jolqot l-għajn. Muscat ma tispjegax b'mod espliċitu għaliex Taylor ħarab minn traduzzjoni fidila u integrali tat-test bl-Ingliż. Fl-opinjoni tiegħi l-ħrib tiegħu jirriżulta mill-fatt li fl-1846 il-vernakolu Malti kien għadu pjuttost lingwaġġ bi predominanza lessikali Semitika (u din aktarx hi r-raġuni għaliex għal Muscat jinħass aktar idjomatiku mill-Malti sinkroniku kontemporanju).

Fl-1719, meta dehret l-ewwel pubblikazzjoni ta' *Robinson Crusoe*, il-lingwa Ingliża kienet, kuntrarjament għal-lingwa Maltija fl-1846, diġà stabbilita b'lessiku Anglo-Normann b'għeruq Latini li seta' jħalli lil Defoe jikteb dak li xtaq kemm fil-livell konkret kif ukoll f'dak astratt. Defoe ma kienx jikteb ir-rumanz kif kitbu li kieku kellu biss għad-dispożizzjoni tiegħu l-parti Anglo-Sassona tal-lingwa Ingliża. Fil-kuntest Malti, **is-Semitiku, jiġifieri l-kontroparti tal-Anglo-Sassonu fl-Ingliż** (Zahra, 2015: 233) mingħajr l-għajnuna **tar-Rumanz, jiġifieri l-kontroparti tal-Anglo-Normann fl-Ingliż** (ibid.), ma setax jippermetti lil Taylor 'jittraduċi' lil Defoe għajr kif 'ittraduċieh'. B'hekk, il-corpus lessikali nieqes, aktar tard missellef mir-Rumanz, li kieku kien disponibbli, kien ikun jista' jipprovdi lil Taylor bis-sinonimi interlingwistiċi meħtiġin biex issir traduzzjoni xierqa.

Fit-tezi tagħha Muscat ma tagħmilx referenza għal dan in-nuqqas fil-Malti-Rumanz dijakronikament ipprovat. Kif turi l-kelma 'vinturi', il-lessiku Rumanz kien ilu progressivament jidħol u jitħallat mal-lessiku Malti (Fenech, 1977: 15).[4] Taylor ma kellu ebda skrupli li jużaha għax mhix Semitika. Għalhekk wieħed jassumi li hu kien juża kliem Rumanz ieħor bħalha li kieku seta' jagħmel dan. Għaldaqstant illum il-ġurnata, bl-ammont kbir ta' lessiku Rumanz li stabbilixxa ruħu fil-Malti, wieħed jista' faċilment jittraduċi lil Defoe mingħajr ma jħabbat wiċċu mal-problema tan-nuqqas lessikali li kellu jiffaċċja Taylor. U hawn nixtieq nenfasizza li qed ngħid il-lessiku Rumanz, mhux dak Ingliż. Din l-enfasi qed nagħmilha għax meta nkiteb xogħol Defoe fl-1719 il-kuntest lingwistiku Ingliż ma kienx l-istess bħal dak tal-Ingliż sinkroniku, jiġifieri dak użat illum u li minnu qed jissellef il-Malti kontemporanju. Għalhekk, permezz tas-Semitiku u tar-Rumanz, traduttur fis-seklu 21 jista' faċilment jittraduċi, b'Malti mexxej u idjomatiku, lil *Robinson Crusoe* ta' Defoe mingħajr ma jissellef lessiku mill-Ingliż sinkroniku kontemporanju.

**L-għażla tal-lessiku u tat-terminologija jeħtiġilha ssir bir-reqqa**

Kif għedt aktar 'il fuq, il-Malti hu lingwa mħallta u dijakronikament, f'termini stratografiċi, is-sekwenza kronoloġika tat-tliet partijiet li jikkostitwuh tibda bl-istrat Semitiku, tissokta bis-superstrat Rumanz u tispiċċa bl-adstrat Ingliż. Din l-ordni dijakronika għandha importanza kbira. Biex nelabora dwar l-importanza tal-element dijakroniku se nieħu eżempju mit-traduzzjoni tiegħi ta' *Salammbô* (Flaubert, 2014) filwaqt li għal dak li jirrigwarda l-importanza tal-element sinkroniku se nirreferi għat-traduzzjoni ta' *Malta Ħanina* ta' Toni Aquilina (Rondeau, 2016) u għat-traduzzjoni ta' *Oscar u s-Sinjura r-Roża* ta' Claudine Borg (Schmitt, 2015).

***Salammbô* ta' Gustave Flaubert**

*Salammbô* ġie ppubblikat fl-1862. F'din l-epoka l-Malti kien għadu ftit li xejn qed jissellef kliem mill-Ingliż. Għalhekk, biex traduċejtu neħħejt mill-ewwel il-possibbiltà tal-lessiku (sinkroniku kontemporanju) ta' nisel Ingliż. Żammejt l-aktar mas-Semitiku (dijakroniku) billi *Salammbô* hu rumanz b'influwenza biblika u Orjentali. Din l-għażla kienet parti mill-istrateġija li adattajt u hi wasslitni biex infassal u napplika l-metodoloġija meħtieġa għall-proċess tat-traduzzjoni tiegħu. F'**Tabella 1** hawn taħt qed nagħti xi ftit eżempji tas-sinonimi mis-Semitiku li ppreferejt li nuża għal raġunijiet dijakroniċi minflok l-ekwivalenti tagħhom mir-Rumanz:

Tabella 1

| Lessiku Franċiż | Lessiku Preferit | Lessiku Mwarrab |
|---|---|---|
| bêtes | bhejjem | bestji[5]/annimali |
| chariot | mirkeb | karru |
| coupe | kies | kalċi |
| esclave | ilsir | skjav[6] |
| fantassins | irġiel bir-riġel | suldati tal-infanterija |
| navire | ġifen | bastiment |

Madankollu ma stajtx inwarrab il-lessiku Rumanz għalkollox, għax *Salammbô* nkiteb oriġinarjament bil-Franċiż, li jagħmel parti mill-familja tal-lingwi

Rumanzi. Għalhekk li kieku ma kellix għad-dispożizzjoni tiegħi l-elementi lessikali tar-Rumanz (sinkroniku kontemporanju) kont insib lili nnifsi fil-pożizzjoni li sab ruħu fiha Taylor fl-1846. B'hekk bis-saħħa ta' dan il-lessiku mħallat inħoss li rnexxieli nwassal replika awtentika bil-Malti tar-rumanz Franċiż.

### 2.2.2. *Malta Ħanina* u *Oscar u s-Sinjura r-Roża*

It-traduzzjonijiet mill-Franċiż ta' *Malta Ħanina* (Rondeau, 2016) u ta' *Oscar u s-Sinjura r-Roża* (Schmitt, 2015) huma magħmulin minn żewġ xogħlijiet letterarji kontemporanji. Huma nkitbu fil-verżjoni oriġinali tagħhom rispettivament fl-2012 u fl-2002. Għalhekk it-traduzzjoni tagħhom bil-Malti ħtiġilha forma lingwistika sinkronika li tikkorrispondi mal-Malti fid-diskors kif nafuh illum. F'*Malta Ħanina* (Rondeau, 2016) Aquilina ma joqgħodx lura, fejn ħass il-bżonn, milli juża kliem ta' nisel Ingliż; fost l-oħrajn: *casual* (p. 39), *navy* (p. 54), *civil service* (p. 54), *bad boy* (p. 75), *t-shirt* (p. 77), *flipflop* (p. 77), *barbecue* (p. 78), *overdoses* (p. 83), *riff-raff* (p. 83), *teenagers* (p. 144), *piercings* (p. 144), *sandwiches* (p. 144), *jeans* (p. 147). L-istess għamlet Borg fit-traduzzjoni ta' *Oscar u s-Sinjura r-Roża* (Schmitt, 2015), li fiha, fost kliem ieħor, hi tuża *xokk* (p. 17), *Father Christmas* (p. 20), *CD player* (p. 35), *bulibif* (p. 42). Din l-għażla sinkronika hi lingwistikament pożittiva għax tirrendi dawn iż-żewġ traduzzjonijiet kemm aktar naturali kif ukoll aktar mexxejja.

### 2.3. Dokumenti nonletterarji

Minħabba l-globalizzazzjoni, li permezz tagħha aktar u aktar ma jgħaddi żmien qed jinfirex b'mod mgħaġġel l-Ingliż, il-lingwi kollha qed jiffaċċjaw aktar minn qatt qabel id-dilemma jekk għandhomx jinkorporaw kliem ġdid missellef minnu, speċjalment fl-oqsma tal-liġi, tax-xjenza, tat-teknoloġija u tad-divertiment. It-traduzzjonijiet meħtieġa għall-finijiet ta' testi nonletterarji qed iġegħluna nħabbtu wiċċna ma' baħar ta' lessiku ġdid li s-sors tiegħu hu 99% mil-lingwa Ingliża.

Bħalma għedt hawn fuq, fil-każ tat-traduzzjoni letterarja u fil-paper tiegħi (Zahra, 2015), il-Malti hu lingwa mħallta. Meta niċħdu dan il-fatt inkunu qed ngħaddsu rasna fir-ramel. Il-biża' li l-Malti mhux kapaċi jittraduċi bħal-lingwi

l-oħrajn id-dokumenti nonletterarji hu għalkollox infondat. Paradossalment, għall-kuntrarju ta' dan il-biża', il-Malti, bis-saħħa tal-adstrat Ingliż, għandu vantaġġ kbir meta mqabbel ma' lingwi Ewropej oħrajn. Il-Malti kontemporanju (jiġifieri sinkroniku), kemm minħabba s-sistema edukattiva f'pajjiżna kif ukoll minħabba l-influwenza tal-kolonjaliżmu Ingliż ta' aktar minn 150 sena, għandu koeżistenza attiva mal-Ingliż b'mod predominanti fil-qari, fil-kitba u fl-udit, u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed isaħħaħ l-adstrat Ingliż tiegħu li ftit ftit qed jieħu post is-superstrat Rumanz. Għalhekk ikun żball li ma naċċettawx dan il-fenomenu lingwistiku u żball akbar jekk ma niħdux vantaġġ minnu fit-traduzzjonijiet nonletterarji li jeħtiġilhom, għall-kuntrarju ta' rumanzi bħal *Robinson Crusoe* u *Salammbô*, lingwaġġ totalment sinkroniku kontemporanju u modern.

Kliem Malti missellef mill-Ingliż mhux ta' theddida għall-Malti Semitiku u Rumanz. Il-kliem li dieħel u li jeħtieġlu jidħol mill-Ingliż hu meħtieġ għax, apparti milli joħloq neoloġiżmi tant meħtieġa, ikattar l-għadd ta' sinonimi kemm interlingwistiċi kif ukoll intralingwistiċi. Kif jista' wieħed jirrifjuta li juża, biex nieħu eżempju minn qasam wieħed tat-traduzzjoni, kliem missellef mill-Ingliż marbut mal-computer, bħal *pop-up window*, *dashboard*, *login*, *logout*, *mode*, *widget*, *desktop*, *app*, *pointer*, *firewall, spam folder*, *link*, *email*, eċċ. u jirnexxilu jħalli t-test bil-Malti jirrifletti l-lingwa kif imħaddma mill-poplu llum? Għaliex eż. *chairman*, *chairwoman*, *chairperson*, *chair* għandhom jiġu lkoll tradotti bi *president*? Ma jagħmilx sens li nwarrbuhom, bħalma qed isir minħabba mentalità purista u għalhekk għalkollox retrograda li tinjora r-realtà sinkronika favur idjosinkrazija idjolettika, dijakronika żbaljata. Ma jagħmlux lanqas sens it-tentattivi li jitwarrab għalkollox kliem bħal *label*, *partnership*, *invoice*, *staff*, eċċ. Kif bl-istess mod ma jagħmilx sens ukoll li kieku kellna fid-diskors tagħna ta' kuljum ma nużawx kliem bħal *burger*, *cake*, *breaks*, *housing*, *leasing*, *party*, *switch*, *wire*, *bottle* (eż. tatu l-*bottle*), *hockey*, *billiards*, *football*, żebgħa *undercoat*, *zebra crossing*, *blackboard*, *basket*, *meeting*, *frame*, *tyre*, eċċ. Xi nkunu qed nippruvaw billi noqogħdu ninħlew noħolqu kliem ġdid, saħansitra frażijiet sħaħ, mis-Semitiku jew mir-Rumanz sabiex fit-testi tradotti nissostitwixxu kliem, missellef mill-Ingliż użat fid-diskors ta' kuljum u mifhum minn kulħadd, b'lessiku ġdid li ma jifhmu ħadd jew li jagħmel sens għal min jittraduċih biss? (Ara l-eżempji f'**Tabella 2** hawn taħt).

Tabella 2

| **Malti komunikattiv misselle f mill-Ingliż** | **Malti mhux komunikattiv riżultat ta' traduzzjoni artifiċjali u puriżmu idjolettiku** |
|---|---|
| *air-conditioning* | arja kkondizzjonata / klimatizzazzjoni tal-arja |
| *banners* | strixxuni |
| *childcare centre* | ċentru għall-indukrar tat-tfal |
| *electricity grid* | grilja tal-elettriċità |
| *franchise* | frankiġja |
| *invoicing* | fatturazzjoni |
| *leasing* | lokazzjoni |
| *logbook* | ġurnal ta' abbord |
| *navy* | forza navali |
| *red tape* | burokrazija |
| *roadmap* | pjanijiet direzzjonali |
| *role play* | logħob ta' rwol |
| *smart city* | belt intelliġenti |
| *start-ups* | negozji ġodda |
| *sub-leasing* | sublokazzjoni |
| *sunbed* | sodda tat-tixmix |
| *trademark* | marka kummerċjali / marka tal-fabbrika |
| *website* | sit web |
| *workshops* | sessjoni ta' ħidma |

Għalkemm f'ċerti ċirkonstanzi t-traduttur ikollu joħloq neoloġiżmi, xogħlu **mhux li jivvinta jew li jabbuża mil-lingwa** iżda li jwassal it-test tal-lingwa sors b'tali mod u manjiera li dan ikun ekwivalenti u jinftiehem mal-qarrejja fil-kuntest awtentiku tal-lingwa mira. Il-ħolqien ta' kliem artifiċjali bħal dak f'**Tabella 2** għas-sempliċi raġuni li hawn min iħoss li kliem missellef mill-Ingliż ma għandux postu fil-Malti ma jagħmilx għajr ixekkel il-komunikazzjoni, il-proċess tat-traduzzjoni, u l-progress tal-lingwa nnifisha. **Li kelma titħalla bl-Ingliż mhux għażż lingwistiku** iżda riflessjoni tal-lingwaġġ ta' kuljum, ta' progress soċjali u ekonomiku, u ta' fejn sejra d-direzzjoni tal-iżvilupp fil-Malti. Il-kliem Ingliż li daħal u li għadu qed jidħol u li se jkompli jidħol fil-Malti sar, hu, u se jkompli jagħmel parti mill-kompetenza lingwistika tal-kelliema nattivi.

Ta' min iżomm f'moħħu hawnhekk li l-parti l-kbira tat-tentattivi tal-gvernijiet Franċiżi (Délégation générale à la langue française, 1994) bl-assistenza tal-Académie Française sabiex, fost ruxxmata kliem ieħor, kliem bħal *best-seller*, *meeting*, *break*, *dance*, *budget*, *casting*, eċċ. jinstablu ekwivalenti bil-'Franċiż' kollha fallew qabel ma twieldu. L-istess biżżejjed li wieħed jagħmel siegħa quddiem it-television Taljan biex jirrealizza kemm it-Taljani jħobbu kliem Ingliż u jippreferuh għall-kliem saħansitra ekwivalenti bit-Taljan meta fil-kostituzzjoni tagħhom ma għandhomx ħlief it-Taljan bħala lingwa uffiċjali!

**Bħall-boomerang l-influwenza tal-Ingliż nixħtuha kemm nixħtuha 'l bogħod se nerġgħu nsibuha ma' wiċċna.** Għalhekk il-lessiku Malti użat fix-xogħol tat-traduzzjonijiet nonletterarji jeħtieġlu jkun wieħed sinkroniku. Dan ifisser li jeħtieġlu jirrifletti l-Malti mitkellem kontemporanjament biex il-*vox in texta* misjuba fit-traduzzjonijiet tkun komunikattiva u tħajjar il-pubbliku jaqra t-testi bit-traduzzjoni Maltija mingħajr ma jdarras snienu u b'hekk jevita li jkollu jirrikorri għall-verżjoni Ingliża. Il-Malti kontemporanju jinsab f'koeżistenza mal-Ingliż u għal din ir-raġuni tentattivi biex tinħoloq terminoloġija artifiċjali, b'mod speċjali mit-Taljan (eż. *The Hague* > *L-Aja*, *interface* > *interfaċċa*), ixekklu l-komunikazzjoni u jiskoraġġixxu u jfixklu lill-qarrej milli jaqra t-testi tradotti bil-Malti. Bħalma tgħid Catherine Belsey, '*Meaning is not at our disposal, or we could never communicate with others*' (Belsey, 2002: 2). Għalhekk biex traduzzjoni nonletterarja tkun valida trid tkun komunikattiva, u l-aspett bilingwi Malti-Ingliż għandu jitħaddem kif inhu xieraq lil hinn minn kull nozzjoni ta' puriżmu lingwistiku.

Waqt il-proċess tat-traduzzjoni l-għażla tal-lessiku għandha tkun waħda li tħaddem il-forom eżistenti. Għalhekk it-traduzzjoni tat-testi nonletterarji jeħtiġilha ssir permezz tal-lingwa fil-forma eżistenti (sinkronika) tagħha. Fejn il-kuntest jitlob l-użu tal-kliem mill-adstrat Ingliż, dan għandu jintuża u ma għandhomx jinħolqu forom ta' kliem noneżistenti (psewdodijakroniċi) mis-Semitiku u aktar ta' spiss mir-Rumanz, kif rajna hawn fuq f'**Tabella 2**.

## 3. Kuntest kulturali immutabbli u intrasferibbli

L-awtur tat-test b'mod ġenerali jikteb għall-udjenza primarja fi ħdan l-istess kuntest kulturali. Iżda billi bħalma jingħad fil-Latin *Verba volant, scripta manent*, hu t-test tal-awtur li joffri punt fiss fuq l-assi temporali għall-udjenzi

sekondarji kemm tal-lingwa sors kif ukoll tal-lingwa mira. Għalhekk xogħol l-awtur wara li jitlesta ma jistax jitqies ħlief **definittiv**, jiġifieri ma jistax jiġi affettwat aktar miż-żmien u mill-ispazju. Mill-banda l-oħra l-udjenza tiegħu ma tistax tkun b'mod temporali u spazjali fissa, billi minn udjenza kontemporanja b'kuntest lingwistiku u kulturali komuni, xogħol l-awtur jgħaddi għal udjenzi sekondarji futuri u temporanji li lingwistikament u kulturalment ikunu għaddew jew għaddejjin minn tibdiliet li l-awtur ma setax jantiċipahom.

Diversi mistoqsijiet jistgħu jsiru minn dan li qed jingħad hawn fuq iżda l-ewwel mistoqsija li għandha ssir hi: fit-traduzzjoni l-udjenza mira għandha tingħata t-test bl-istess mod li dan ingħata lill-udjenza primarja jew b'mod differenti? Jekk it-tweġiba għal din il-mistoqsija hi affermattiva, dan ikun ifisser li irrispettivament mill-kuntest kulturali li l-udjenza mira tinsab fih, it-test sors għandu jitwasslilha bl-istess dimensjonijiet li twassal lill-udjenza primarja. Sintendi aktar ma d-differenza fuq l-assi temporali tkun kbira aktar se tkun diffiċli li l-udjenza tal-lingwa mira tifhem it-test. Dan għax mhux il-kompitu tat-traduttur, li qed nassumi li jifhem u jaħkem il-kuntest kulturali oriġinali tat-test sors, li jirrendih fil-livell interpretattiv u kulturali eħfef milli dan kien għall-udjenza primarja. Jekk it-traduzzjoni fit-test mira jeħtiġilha tkun replika tat-test sors, it-traduttur ma jistax joqgħod iħaffef it-toqol tat-test għall-udjenza sekondarja. Jekk jagħmel dan ikun qed imur kontra dak li jitqies bħala definittiv fir-rigward tal-awtur u b'hekk ikun qed jittradixxi l-awtentiċità u l-validità tat-traduzzjoni tiegħu. It-traduttur għandu jaħdem fuq il-*vouloir-dire* (dak li l-awtur jixtieq jgħid) (De Launay, 2016) u mhux fuq il-*vouloir-exprimer* (dak li l-awtur jixtieq jesprimi) (ibid.). L-interpretazzjoni ta' dak li l-awtur xtaq jgħid tagħmel parti mill-qasam tal-ermenewtika. Għalhekk, appena t-traduzzjoni tmiss mal-*vouloir-exprimer*, din taqbad it-triq tal-adattament u finalment tispiċċa titbiegħed minn dak li xtaq jgħid l-awtur.

## Lokalizzazzjoni jew esternalizzazzjoni?

Test tradott ma jistax jiġi kulturalment illokalizzat għax l-aspetti kulturali ta' test sors partikolari huma immutabbli u intrasferibbli. Meta dan isir, ix-xogħol jibda jitqies adattament għar-raġuni sempliċi li jkun qed jiġi adattat għall-kultura mira. Traduzzjoni ssir għal udjenza li ma tafx il-lingwa sors u li tixtieq tiffamiljarizza ruħha ma' kultura barranija. It-test tradott għandu jinqara daqslikieku l-qarrej qed jaqrah bil-lingwa sors u fil-kuntest tagħha. Meta qarrej jaf il-lingwa sors, hu

u jaqra ma joqgħodx jillokalizza, la mentalment u wisq anqas deliberatament, il-kuntest kulturali. Meta t-traduttur jillokalizza l-kuntest kulturali lill-qarrej li ma jafx il-lingwa sors, ikun qed jikkawża ommissjoni kulturali u jittradixxi l-għan ewlieni tat-traduzzjoni, li titwassal replika tax-xogħol oriġinali. Meta traduzzjoni tiġi llokalizzata, dan ikun ifisser ukoll li l-qarrej tal-lingwa mira jiċċaħħad milli jiffamiljarizza ruħu mal-kultura tal-lingwa sors u jsakkar lilu nnifsu f'parrokkjaliżmu kulturali. It-traduzzjoni għandha sservi ta' għodda li permezz tagħha l-kulturi jifhmu u japprezzaw lil xulxin.

## *L-Iljieli Għarbin* – 'traduzzjoni' ta' Edmund Teuma

Il-livell tal-lokalizzazzjoni hu spiss marbut mal-għażla tal-lessiku. Biex inwessa' d-diskussjoni se nirreferi għat-'traduzzjoni' ta' *L-Iljieli Għarbin* (Teuma, 2015). Teuma jimxi ma' traduzzjoni aktarx mill-Ingliż, kif jidher malli wieħed jaqra t-titlu tal-ktieb. L-isem *L-Iljieli Għarbin*, bl-Ingliż *Arabian Nights*, ma jirriflettix l-isem tal-verżjoni Għarbija, li fl-assenza tat-test Persjan-Indjan attwalment titqies bħala l-verżjoni primarja eżistenti, u li ġġib l-isem ta' *Elf Lejla u Lejla*. Isem rifless kollu kemm hu fil-verżjoni Franċiża *Mille et une nuit*, li minnha mbagħad ġew tradotti l-verżjonijiet bl-Ingliż, fosthom dik bl-isem distort ta' *Arabian Nights*.

Kulturalment it-'traduzzjoni' ta' Teuma tistona. Fiha l-qarrej jiltaqa' ma' bosta anakroniżmi li Teuma wiret mit-traduzzjoni Ingliża. Għal din l-analiżi, kemm għax it-'traduzzjoni' hi mimlija bihom kif ukoll minħabba raġuni ta' spazju, se jkolli nikkonċentra fuq ftit mill-anakroniżmi u mil-lokalizzazzjonijiet kulturali żbaljati li jidhru f'**Tabella 3**, li wħud minnhom tant huma spissi li kważi kważi jidhru f'kull paġna tat-'traduzzjoni' u għalhekk ma nħossx il-bżonn li nindika l-paġni li jidhru fihom.

Il-ħrejjef li niltaqgħu magħhom f'*Elf Lejla u Lejla* jiżvolġu fi żmien il-kalifat f'Baghdad għall-ħabta tas-seklu 8 WK. Dan ifisser li huma stejjer li seħħew fl-Orjent u għalhekk min-natura tagħhom huma eżotiċi. Madankollu, it-'traduzzjoni' ta' Teuma ma tirriflettix iż-żmien u l-kuntest kulturali li jappartienu għalih. Il-lessiku sinkroniku magħżul minnu, kif jidher f'**Tabella 3**, sfortunatament jiddikontestwalizzahom mill-assi dijakroniċi lingwistiċi u kulturali tagħhom, u b'hekk iwassal biex dawn jitilfu l-faxxinu Orjentali. Il-kliem magħżul minn Teuma mhux biss jiddikontestwalizzahom kulturalment iżda joħloq anakroniżmi li jxejnu l-aspett eżotiku ppreservat fi wħud mit-traduzzjonijiet bil-Franċiż u bl-Ingliż.

Tabella 3

| Anakroniżmi u lokalizzazzjonijiet kulturali żbaljati |
|---|
| Alla |
| bajjunetti |
| kap tal-pulizija kriminali |
| kavallieri |
| maġistrat tal-għassa |
| prim imħallef |
| prim ministru |
| pulizija |
| sptar |
| sur ministru |

Teuma għal ebda raġuni loġika, għajr li jimxi mat-traduzzjoni żbaljata li hu għażel li 'jittraduċi' minnha, jippreferi juża l-kelma *Alla* (kuntest Kristjan) flok *Allah* (kuntest Musulman). U dan minkejja li *Allah* hi kelma mifhuma kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment minn kulħadd. Kliem bħal *bajjunetti* u *kavallieri* huma anakroniżmi inaċċettabbli. Il-*bajjunetti* jissemmew l-ewwel darba fis-seklu 16 WK u l-*kavallieri* ma kinux jeżistu fis-soċjetajiet Musulmani, billi assolutament ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kultura tagħhom. Fil-fatt il-qarrej, kull meta fit-test ta' Teuma jiltaqa' ma' *kavallieri*, jeħtieġlu jifhem li fl-oriġinal tkun qed issir referenza għal *rikkieba*. Espressjonijiet meħudin mil-lingwaġġ sinkroniku kontemporanju bħal *pulizija*, *kap tal-pulizija kriminali*, *maġistrat tal-għassa*, *prim imħallef*, *sptar*, *sur ministru*, *prim ministru*, eċċ. aktar ifakkru l-qarrej f'dak li jaqra fil-gazzetti ta' kuljum milli f'Baghdad tas-seklu 8 WK!

L-iżball ta' Teuma hu li ħadem fuq traduzzjoni indiretta fejn il-prototip mhuwiex l-oriġinal iżda traduzzjoni (Jettmarová, 1983) u f'dan il-każ traduzzjoni tat-traduzzjoni, billi t-traduzzjonijiet bl-Ingliż jistrieħu fuq it-traduzzjoni Franċiża. B'konsegwenza ta' dan, biex iżomm mat-test Ingliż Teuma spiċċa jirreplika l-iżbalji tiegħu. Għalhekk kemm l-anakroniżmi kif ukoll il-lokalizzazzjonijiet misjubin f'*L-Iljieli Għarbin* idgħajfu t-'traduzzjoni' tiegħu u jressquha lejn l-adattament li jiġġustifika l-ħtieġa, kif jgħid Paul Ricoeur, tar-ritraduzzjoni kontinwa tax-xogħlijiet letterarji (Ricoeur, 2016).

### 3.3. *The Paper Moon* – traduzzjoni ta' Stephen Sartarelli

B'kuntrast ma' dak li jagħmel Teuma se nħares lejn it-traduzzjoni bl-Ingliż minn Stephen Sartarelli ta' *La Luna di Carta* ta' Andrea Camilleri. Kif jaf kulħadd, l-istejjer tal-persunaġġ fittizju Salvo Montalbano jiżvolġu fi Sqallija. Fit-traduzzjonijiet kollha tas-sensiela ta' Montalbano, Sartarelli jħalli l-preżenza tal-kulur lokali, u għalhekk il-qarrej li jaqra t-test bl-Ingliż ma jitlef xejn mill-ambjent Sqalli tiegħu. Fi kliem ieħor, il-kuntest kulturali Sqalli għal Sartarelli hu immutabbli u intrasferibbli. Hu jesternalizza t-traduzzjoni għall-qarrej Anglofoniku u ma jiddejjaq xejn li jħalli kliem Sqalli fit-test Ingliż. U bis-saħħa t'hekk min jaqra t-test bl-Ingliż jiffamiljarizza ruħu mal-kultura Siċiljana. Hawn taħt qed nagħti xi eżempji:

> 'Maybe he'd been interrupted during a game of *briscola* or *tressette*, which he played every Thursday night.' (Camilleri, 2008: 31) (korsiv fl-oriġinal)
>
> '… Emilio Sclafani, who teaches Greek at the Montelusa *liceo*.' (ibid.: 59) (korsiv fl-oriġinal)
>
> '*Madunnuzza Santa!* The patience one needed with this man.' (ibid.: 71) (korsiv fl-oriġinal)
>
> 'As he was about to enter *La Trotteria da Enzo*, Montalbano heard someone call him.' (Ibid.: 106) (korsiv tiegħi)

Id-deċiżjoni ta' Sartarelli li jħalli sparpaljat 'l hemm u 'l hawn kliem bl-Isqalli hi f'lokha. U b'dan il-mod hu jirnexxilu jirrendi t-traduzzjoni tiegħu kemm mexxejja kif ukoll pjaċevoli għall-qarrej. Sartarelli ma jittradixxix la lil Camilleri u lanqas lill-qarrejja tiegħu. Għalhekk mill-bidu sat-tmiem it-traduzzjoni tiegħu tibqa' tinħass awtentika.

### Konklużjoni

Il-proċess tat-traduzzjoni mhux wieħed faċli. Dan fost affarijiet oħrajn jinvolvi, bħalma rajna hawn fuq, l-analiżi kemm tal-kuntest lingwistiku kif ukoll tal-kuntest kulturali tat-test sors. It-traduttur jeħtieġlu għalhekk ikun konxju mir-rwol tiegħu li jwassal f'xogħlu l-kuntest kulturali tat-test sors mingħajr ma dan ikun mittiefes. Dan ifisser li bħala medjatur, jew aħjar minn hekk bħala messaġġier, hu jrid joqgħod għall-għażliet lingwistiċi u kulturali **ddeterminati**

mill-awtur. Ir-rispett lejn id-**determiniżmu lingwistiku u kulturali**[7] flimkien mal-**kuntest stilistiku**[8] huma ċ-ċwievet li jwasslu għas-suċċess ta' traduzzjoni kemm letterarja kif ukoll nonletterarja. F'lingwi li qegħdin kontinwament jiżviluppaw it-traduttur jeħtieġlu jkun konxju tal-qagħda sinkronika u tal-evoluzzjoni dijakronika taż-żewġ lingwi involuti fit-traduzzjoni. Il-qofol tat-traduzzjoni hu li wieħed jirreplika dawn il-kuntesti bl-aktar mod fidil possibbli u jevita t-tentazzjoni li jaqa' u jirreferi għal għażliet lingwistiċi idjosinkratiċi jew għal kuntest kulturali llokalizzat. Bħalma jgħid Ricoeur, l-għan tat-traduzzjoni għandu jkun l-ospitalità lingwistika (Ricoeur, 2016). Fil-livell lingwistiku ma għandniex nibżgħu nirċievu u nżommu lessiku minn lingwi oħrajn għax dan jgħinna niżviluppaw ilsienna, u bl-istess mod mil-lat kulturali ma għandniex nibżgħu nilqgħu u nippreservaw kulturi barranin li jwessgħulna l-perspettivi u jilliberawna mis-soffokazzjoni tal-parrokkjaliżmu kulturali.

**Referenzi:**


Belsey, C. *Poststructuralism: A Very Short Introduction*. Hampshire, 2002.

Camilleri, A. *The Paper Moon*. Tradott mit-Taljan minn S. Sartarelli. New York, 2008.

De Launay, M. "Prefazju: P. Ricoeur," *Sur la traduction*. Paris, 2016: ix–xxx.

Délégation générale à la langue française. *Dictionnaire des termes officiels de la langue française*. éd. Janvier 1994: JO de la République Française, 1994.

Fenech, D. *Wirt il-Muża: Stejjer Kritiċi Komparattivi*. Malta, 1977: 41.

Flaubert, G. *Salammbô*. Tradott mill-Franċiż minn P. Zahra. Malta, 2014.

Jettmarová, Z. "Daħla", J. Levý, *The Art of Translation*. Tradott miċ-Ċek minn P. Corness, 2nd ed. Amsterdam/Philadelphia, 1983: xv–xxiv.

Muscat, J. *Translation and adaptation in extracts from Il Ħaӯa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe by Daniel Defoe translated by Richard Taylor*. Teżi tal-MA, Università ta' Malta, 2016.

Ricoeur, P. *Sur la traduction*. Paris, 2016.

Rondeau, D. *Malta Ħanina*. Tradott mill-Franċiż minn T. Aquilina. Malta, 2016.

Schmitt, E. E. *Oscar u s-Sinjura r-Roża*. Tradott mill-Franċiż minn C. Borg. Malta, 2015.

Teuma, E. *L-Iljieli Għarbin*. Tradott aktarx mill-Ingliż minn Edmund Teuma. Malta, 2015.

Zahra, P. "Il-Forma Ortografika u t-Tifsira Semantika fl-Għażla tal-Lessiku Malti fl-Oqsma tat-Traduzzjoni u tat-Terminoloġija", *Symposia Melitensia*, Nº 11. 2015: 227–256.

**Noti:**

1 *Intrasferibbli* għax il-pussess tal-kultura jibqa' dejjem dak tat-test sors u ma jiġix ittrasferit lejn il-lingwa mira.

2 Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-qarrej li, skont tagħrif li għaddieli Ivan Said, riċerkatur dwar il-bijografiji ta' tradutturi Maltin, riċerka li għadha qed issir għandha tiżvela li t-traduzzjoni *Il Haỳa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* aktarx hi tar-Rev. Michelangelo Camilleri. Madankollu, għall-finijiet ta' din il-kitba, il-qarrej għandu jżomm f'moħħu li hu irrilevanti jekk din it-traduzzjoni saritx minn Taylor jew minn Camilleri.

3 Dwardu Fenech jinnota wkoll din it-tendenza fit-traduzzjoni tas-*Salm XIII* ta' Taylor mill-Vulgata (Fenech, 1977: 41).

4 *Vinturi* hi l-ewwel kelma Romanza reġistrata fil-kitba letterarja bil-Malti, billi hi l-unika kelma mhux Semitika f'*Il-Kantilena* ta' Pietru Caxaro (c. 1400-85).

5 Minkejja li *bestja* taqbel mal-forma ortografika ta' *bête,* għal raġunijiet konnotattivi fil-livell tat-tifsir il-kelmiet *bestja* u *bestji* ma użajthomx.

6 *Skjav* tikkorrispondi perfettament ma' *esclave,* iżda minħabba l-kuntest Orjentali tat-test sors u biex inżomm mal-lessiku misjub f'Saydon ippreferejt nuża l-forma tal-Malti Semitiku.

7 Minħabba raġunijiet ta' spazju ma nistax nelabora dwar dan l-aspett sinifikanti, kważi kważi fundamentali, tat-traduzzjoni, li nittama li se nkun qed niżviluppah f'kitbiet oħrajn fil-ġejjieni.

8 Aspett ieħor li wkoll jeħtieġlu jiġi diskuss aktar fid-dettall.

# INTERVISTA

# Lil Dun Karm "nirringrazzjah u nibqa' nqimu"
## Tliet awturi Maltin jintervistaw lill-Kardinal Prospero Grech dwar *Dun Karm – Poet of Malta*

B'introduzzjoni ta' Ivan Said

Fit-30 ta' Diċembru 2019 miet il-Kardinal Prospero Grech OSA, fl-età ta' 94 sena. L-Eminenza Tiegħu Mons. Grech, it-tieni kardinal Malti wara l-Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata (1757-1843), kien iħobb ħafna l-Malti u b'mod partikolari lil Dun Karm u l-poeżiji tiegħu.

Deskritt minn *The Telegraph* ta' Londra bħala wieħed mill-ilħna l-aktar influwenti fil-Vatikan, il-Prinċep Malti tal-Knisja Kattolika, barra l-Malti u l-Ingliż, kien jitkellem tajjeb it-Taljan, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Olandiż, il-Latin, il-Grieg u l-Ebrajk.

Fl-1957, bis-saħħa ta' borża ta' studju mill-British Council, Patri Grech beda jistudja l-lingwi Semitiċi fl-Università ta' Oxford. Kien f'dan iż-żmien li, fuq rakkomandazzjoni tal-Professur Ġużè Aquilina, beda jassisti lill-Professur Arthur John Arberry (1905-1969), studjuż tal-Għarbi, il-Persjan u l-Istudji Iżlamiċi tal-Università ta' Cambridge, fil-ġabra u t-traduzzjoni għall-Ingliż ta' xogħlijiet letterarji Maltin, fosthom l-aqwa poeżiji ta' Dun Karm. B'riħet hekk fl-1958 Patri Grech iċċaqlaq għall-Università ta' Cambridge biex ikompli l-istudju tal-lingwi Semitiċi hemm u jsir research assistant tal-Professur Arberry. Frott din il-kollaborazzjoni fl-1960 il-Professur Arberry ħareġ *A Maltese Anthology*, ġabra ta' xogħlijiet letterarji Maltin maqlubin għall-Ingliż, mitbugħa mill-Clarendon Press ta' Oxford. Din il-ġabra kienet tinkludi taqsima ddedikata lill-ħrejjef u l-proverbji Maltin.

Fl-1961 Cambridge University Press ħarġet *Dun Karm – Poet of Malta*, ġabra ta' ftit mill-aqwa poeżiji tal-poeta nazzjonali maqlubin għall-Ingliż mill-



*Il-Kardinal Prospero Grech OSA jikkwota minn* Dun Karm – Poet of Malta *waqt l-intervista li saritlu Ruma fl-2011*

Professur Arberry. Dan il-ktieb jinkludi introduzzjoni (pp. 1-52), noti dwar il-poeżiji (pp. 194-199) u glossarju ta' xi termini li hemm fil-poeżiji mfissra bl-Ingliż u, xi kultant, saħansitra bl-Isqalli u bl-Għarbi (pp. 200-215), miġbura u miktubin minn Patri Grech. Ħafna studjużi Maltin jemmnu li ma jafux fejn seta' jasal il-Professur Arberry fil-qlib ta' dawn il-poeżiji mill-Malti għall-Ingliż li kieku ma kellux l-għajnuna ta' Patri Grech, minkejja li dan il-professur Ingliż kien jaf sew l-ilsna Semitiċi, b'mod partikolari l-Għarbi u xi djaletti tiegħu, u li tul ħajtu kollha ppubblika f'ismu xi 50 ktieb. Fil-fatt fid-daħla tal-ktieb, filwaqt li jsejjaħ lil Patri Grech "a learned Maltese and a remarkable linguist", jistqarr li

### Xi dati importanti fil-ħajja tal-Kardinal Prospero Grech O.S.A.

**24 ta' Diċembru 1925**: jitwieled il-Birgu, bħala Stanley

**1943**: jingħaqad mal-Agostinjani Maltin

**25 ta' Marzu 1950**: jiġi ordnat saċerdot fil-Bażilika tal-Lateran f'Ruma

**1951**: jikseb diploma fil-psikoloġija edukattiva mill-Università ta' Fribourg, l-Iżvizzera

**1953**: jikseb dottorat fit-teoloġija mill-Università Gregorjana ta' Ruma

**1954**: jikseb liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa mill-Istitut Pontifiċju Bibliku ta' Ruma

**1984**: il-Papa Ġwanni Pawlu II jaħtru konsultur tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi

**Jum ir-Repubblika tal-2011**: jiġi onorat mill-Istat Malti bħala Kumpann tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu

**2012**: jiġi kkonsagrat isqof mill-isqfijiet Maltin u wara jinħatar kardinal mill-Papa Benedittu XVI. Bħala l-motto episkopali hu jagħżel *In te Domine speravi* ("Fik, Mulej, jien nistkenn"), mill-ewwel vers tas-Salm 71

**30 ta' Diċembru 2019:** imut fl-Isptar Santo Spirito ta' Ruma

*Sors: Wikipedia*







1960 *A Maltese Anthology*

1961 *Dun Karm – Poet of Malta*

kien hu li ħeffiflu t-toqol tax-xogħol li daħal għalih hu stess u li kontinwament baqa' ħdejh "as I wrestled with the interpretation of these poems". Hu jkompli jistqarr li kien dan l-Agostinjan li wessa' l-iskop tal-ktieb u kabbar il-valur tiegħu billi kiteb "a luminous account of the history of Maltese poetry and of Dun Karm's predominant part in that history, and by adding philological notes which will be highly appreciated by all scholars of language."[1]

It-traduzzjonijiet bl-Ingliż li dehru fiż-żewġ kotba kienu akkumpanjati mix-xogħlijiet oriġinali Maltin li nqalbu.

Il-Professur Pierre Cachia (1921-2017), f'reċensjoni ta' *Dun Karm – Poet of Malta*, ippubblikata fl-1962 fil-ġurnal akkademiku *Bulletin of the School of Oriental and African Studies*, kellu dan xi jgħid dwar l-Introduzzjoni ta' Patri Grech: "His appreciation of Dun Karm is not only sensitive and sympathetic, but also admirably well-balanced and precisely worded. Placing in nice equilibrium on the one hand the depth and integrity of the poet's experience and on the other the limitation of its range, on the one hand the poet's indebtedness to nineteenth-century Italian models and on the other the uniqueness of his contribution to Maltese, Father Grech characterizes him as 'Romantic in thought and sentiment… classical in relation to his own literature'." Fil-qosor imma bi kliem preċiż, dan l-Orjentalista Eġizzjan, bin Malti u Russa, jgħidilna fiex tikkonsisti l-Introduzzjoni ta' Patri Grech: "Father Grech introduces this book with a concise and extremely useful survey of Maltese, its linguistic development, and its prosody, and with a suggestive study of Maltese literature and of Dun Karm's contribution to it."[2]

Min-naħa ta' Patri Grech din ma kinitx l-ewwel darba li ppubblika kummenti dwar xogħlijiet ta' poeti Maltin. Fl-1960 kiteb artiklu f'*The Sunday Times*

*of Malta* bit-titlu "Karmenu Vassallo's *Magnum Opus* – An intense Faith in God and in the Mysteries of Christianity", u fl-1969 rajna fl-istess gazzetta l-kummenti tiegħu dwar *Vatum Consortium*, il-ġabra ta' poeżiji li l-istess poeta ħareġ fl-1968.

Il-Kardinal Grech għallem f'diversi universitajiet u istituti prestiġjużi, fosthom bħala professur tat-teoloġija Biblika fl-Università tal-Lateran, li fi ħdanha fl-1970, flimkien ma' Patri Agostino Trapè, waqqaf l-Istitut tal-Patristika, l-Augustinianum, u serva bħala l-president tiegħu bejn l-1971 u l-1979. Skont in-nekroloġija li dehret f'*The Telegraph* ta' Londra fit-22 ta' Jannar 2020,[3] sa minn kmieni kien rikonoxxut bħala brillanti, u l-ħatra tiegħu bħala kardinal fl-età ta' 86, mingħajr id-dritt li jieħu sehem f'konklavi, ma kienet xejn għajr omaġġ lill-fama tiegħu ta' studjuż.



Achille Mizzi



Ġorġ Peresso



Ġorġ Borg

Meta Malta kienet waslet biex tiċċelebra l-50 anniversarju tal-mewt tal-poeta nazzjonali, Toni Cortis, Żebbuġi bi mħabba kbira għal Dun Karm u Mikiel Anton Vassalli, ħa l-inizjattiva li jorganizza intervista mal-Kardinal Grech dwar il-ktieb *Dun Karm – Poet of Malta*. Cortis stieden lill-awturi Achille Mizzi, Ġorġ Peresso u Ġorġ Borg jipprovdulu xi mistoqsijiet dwar dan il-ktieb diretti lill-Kardinal Grech. Bl-assistenza ta' Catherine Tabone l-mistoqsijiet inġabru u ntbagħtu lill-Kardinal Agostinjan biex eventwalment saret l-intervista, li ġiet irreġistrata bil-video mir-Rev. Dr Jonathan Farrugia, dak iż-żmien saċerdot student tal-Patristika u li kien qed isegwi xi korsijiet tal-Kardinal Grech f'Ruma.[4] Din li ġejja hi t-traskrizzjoni ta' dik l-intervista, b'xi editjar u xi noti ta' qiegħ il-paġna, li saret fis-16 ta' Ottubru 2011 fl-Augustinianum, Ruma, fejn kien jgħallem il-Kardinal Grech, u li qed tixxandar għall-ewwel darba hawnhekk f'*Il-Malti*.

**Għidilna xi ħaġa dwar kif tnissel u seħħ il-ktieb tal-poeżiji tradotti *Dun Karm – Poet of Malta* permezz tal-kollaborazzjoni tiegħek mal-Professur Arberry.**

Arthur John Arberry kien professur tal-Għarbi u tal-Persjan fl-Università ta' Cambridge. Kien awtur ta' aktar minn 50 ktieb. Darba mar Malta u ltaqa' ma' Dun Karm.[5] Ħa grazzja miegħu bħala persuna kif ukoll għoġbuh il-poeżiji tiegħu bil-Malti għaliex interessa ruħu ħafna fuq ir-relazzjoni tal-Malti mal-Għarbi. U permezz tal-Għarbi tiegħu, anke l-Għarbi djalettali, beda jifhem xi ħaġa bil-Malti. Allura tkellem mal-Professur Ġużè Aquilina, li aħna konna ħbieb ħafna, u staqsieh jekk hemmx xi Malti illi jista' jgħinu ftit fuq it-traduzzjoni ta' Dun Karm u ta' xi poeżiji Maltin. Jien dak iż-żmien kont Oxford, wara li kienu tawni British Council Scholarship. Niftakar li mort ma' [Godfrey] Wettinger: huwa mar Londra u jien mort Oxford. Jien mort hemm biex nistudja l-lingwi Semitiċi. Allura l-Professur Aquilina qal lil Professor Arberry li "hemm wieħed Oxford, Fr Grech, ħalli nistaqsuh jekk għandux pjaċir illi jiġi jgħinek hu." Kitibli u jien naturalment pjaċir kelli illi mmur Cambridge minn Oxford u nkun research assistant ta' Professor Arberry. Oxford kont qed nistudja l-Ebrajk, imma mbagħad ma' Professor Arberry bdejt l-Għarbi. Ngħidlek il-veru, ftit kont naf fuq il-letteratura Maltija; kelli nibda mill-abc u kelli nagħmel sena studju serju, kemm biex nifhem xi ħaġa dwar il-letteratura Maltija u fuq Dun Karm, kif ukoll biex nikteb dak li kont ktibt. Imma insomma, flimkien imbagħad għamilna żewġ kotba: wieħed huwa *A Maltese Anthology* (The Clarendon Press, 1960), antoloġija ta' letteratura Maltija: letteratura li tibda minn stejjer fuq Ġaħan u mbagħad tkompli b'poeżiji u proża iżjed serji. Imbagħad *Dun Karm – Poet of Malta* (Cambridge University Press, 1961), illi tiegħu jien għamilt "Introduction, Notes and Glossary". Imbagħad l-Introduzzjoni ġiet maqluba bil-Malti ġentilment minn Mons. Lawrenz Cachia, *Dun Karm – Il-Poeta Nazzjonali* (1999), jiġifieri tistgħu taqrawha wkoll bil-Malti. Id-differenza bejn *A Maltese Anthology* u *Dun Karm – Poet of Malta* hija dina: fil-*Maltese Anthology*, Professor Arberry xtaq illi anke fit-traduzzjoni Ingliża tibqa' t-togħma tal-lingwa Maltija, jiġifieri ċerti frażijiet illi setgħu jkunu tradotti bl-Ingliż Ingliż, ħalliehom bil-Malti, kważi bl-Ingliż Malti, biex jagħti iżjed



Professur Arthur John Arberry

it-togħma tal-lingwa Maltija. Xi ħadd ikkritikah fuq dina imma naħseb li kellu raġun, għax huwa ried almenu jgħarraf il-letteratura Maltija barra minn Malta, lil dawk il-pajjiżi tal-lingwa Ingliża. Imbagħad għażel il-poeta li kien jammira u ddeċieda li jagħmel antoloġija b'introduzzjoni fuq dak il-poeta.

**Fiex kienet tikkonsisti l-għajnuna li tajt lill-Professur Arberry?**

Xi ftit mill-għażla tal-poeżiji għamilnieha flimkien, sija tal-poeżiji tal-*Maltese Anthology* u sija l-poeżiji ta' Dun Karm. Jien għamilt l-Introduzzjoni ta' *Dun Karm*, kif għedt, u anke n-noti u l-glossarju. Il-glossarju huwa dak il-kliem, ngħidu aħna Malti, illi wieħed li ma jafx it-Taljan jew ma jafx l-Għarbi jiġih diffiċli. Allura l-glossarju huwa l-kliem Malti kif jikkorrispondi ngħidu aħna mal-kliem tal-Classical Arabic. It-traduzzjonijiet naturalment ħafna għamilthom jiena, imma waqt illi fil-*Maltese Anthology* ħallejniehom kif inhuma, ngħidu aħna, kif għedna, bit-togħma Maltija, fl-antoloġija ta' Dun Karm imbagħad Professor Arberry stess tahom iżjed forma letterarja u poetika.

**Fil-volum imsemmi inti ktibt introduzzjoni elaborata dwar Dun Karm u l-poeżija Maltija, b'firxa ta' eżempji u kummenti. Fiha semmejt li Dun Karm laħaq il-quċċata tal-poeżija Maltija ta' żmienu. Tista' tgħidilna b'liema mod sar dan?**

Il-poeżija li kien hemm qabel Dun Karm kienet poeżija tajba, poeżija ispirata ħafna mill-poeżija Taljana, u kien hemm ħafna esperimenti. L-ilsien Malti tana prova illi jista' jkun hemm poeżija serja. Barra minn dak il-manuskritt tas-seklu ħmistax, illi nstab xi 20 sena ilu (sic),[6] il-poeżija Maltija tista' tgħid bdiet b'mod sempliċi ħafna fis-seklu tmintax. Imma mbagħad sija fis-seklu dsatax u partikolarment fis-seklu għoxrin kien hemm ħafna, ngħidu aħna, poeti Maltin bravi. Jien għedt illi laħqet il-maturità tagħha għaliex hawnhekk sibna lingwa u lingwaġġ ta' Dun Karm illi l-ewwel ħaġa, huwa Malti pur, it-tieni mbagħad, Malti li jifhmu kulħadd. Ma qagħadx ifittex fid-dizzjunarji Għarbin biex ngħidu kif suppost illi ngħidu, imma uża Malti li kien jitkellem fi żmienu, illi għallmitu ommu. Imbagħad naturalment hemm is-sentimenti ta' poeta illi hu verament poeta; mhux għax l-oħrajn ma kinux, imma hawnhekk laħaq il-maturità tiegħu.[7]

**Dun Karm kien ispirat minn Malta ta' żmienu u mill-kultura letterarja Taljana li xorob f'żgħożitu. Kif tara l-influwenza tiegħu fuq il-kittieba Maltin li ġew warajh?**

Il-kittieba Maltin li ġew warajh naturalment ħaduh bħala mudell. Aħna nsejħu lil xi ħadd klassiku meta l-ewwel ħaġa jiftaħ u jfettaħ il-lingwaġġ, jiġifieri kważi joħloq lingwaġġ iżjed wiesa' minn dak li huwa wiret. Hu mhux biss fil-lingwaġġ, għax il-lingwaġġ mhix biss huwa l-lingwa, l-ilsien Malti, imma l-lingwaġġ huwa kif jaħseb bniedem, kif jesprimi ruħu sija fil-poeżija, sija fil-mużika, sija fl-arti, sija fl-arkitettura, sija fis-soċjetà stess, jiġifieri f'dan is-sens. Il-poeti li ġew wara Dun Karm kellhom mudelli oħrajn. Dun Karm fassal il-poeżija tiegħu fuq il-poeżija Taljana, li huwa kien jaf sew. Imma għall-ġenerazzjonijiet li ġew wara Dun Karm kien hemm il-poeżija Ingliża, li kibru fuqha sija fl-iskejjel u anke, naturalment, il-poeżija Ingliża kontemporanja minn T. S. Eliot (1888-1965), W. H. Auden (1907-1973), u 'l quddiem, illi kulħadd kien jaf, kulħadd kien jaqraha, u kellhom mudelli oħrajn. Imma jien naħseb illi kull wieħed minnhom, anke l-poeti u dawk li kitbu fuq il-letteratura Maltija wara Dun Karm, baqgħu b'obbligazzjoni lejh talli wriehom kif tikteb poeżija bil-lingwa li tinftiehem.

**F'dan l-istudju tiegħek int ukoll ikkomparajt il-poeżiji li Dun Karm kiteb bit-Taljan ma' dawk li kiteb bil-Malti. Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar dan?**

Forsi nista' naqra xi ħaġa mill-ktieb mill-Introduzzjoni tiegħi u niċċitaha hawnhekk: "When we say that Dun Karm wrote in a language that was not his own we certainly do not intend to derogate anything from his perfect command over Italian. But Italian has never been spoken as a native language in Malta. It has always been learned from books, and books which truly represent the latest foreign development of a language take time to settle in a country. One is tempted to fall under the spell of great writers, absorb their style, and forget that in their own land more recent literary circles have already started to question their authority. A good poem in the style of Pope can be an inestimable asset in the English tripos but will hardly find its way into a modern anthology. Now Dun Karm fell under the spell of Vincenzo Monti (d. 1828), a great poet, though hardly one of the greatest figures in Italian literature, and of Alessandro

Manzoni, who was primarily a prose writer. The style of these two poets had its last representative in Leopardi, with faint echoes in Carducci, whom Dun Karm also admired. But already Giuseppe Giusti (d. 1850) had adopted a less classical diction, and Giovanni Pascoli, Dun Karm's senior by fifteen years, was as fresh in his language as Wordsworth in his own time… It is not surprising, therefore, that Dun Karm's Italian poetry, though impeccable from the point of view of technique, classical imagery and language, makes use of certain eighteenth-century phrases which were very highly valued by the *élite* in Malta but which may have lacked in persuasiveness in Italian literary circles."[8]

**Fl-istess studju inti kont ikkummentajt li Dun Karm kellu ħsieb ċar u preċiż fil-poeżiji, u kien igawdi dik li [Carl Gustav] Jung (1875-1961) isejħilha "personalità integra". Kellimna xi ftit dwar din id-dimensjoni fil-ħajja tal-poeta nazzjonali.**

Jung jiddistingwi fil-psike uman, *anima* u *animus*, forsi bejn *yin* u *yang* biċ-Ċiniż. Jiġifieri hemm aspett femminili u hemm aspett maskili f'kull ruħ jew f'kull moħħ tal-bniedem. Dana xi kultant jippredomina l-aspett maskili u xi kultant jippredomina l-aspett femminili. 'Integrated personality' hija meta jkun hemm ekwilibriju bejn dawn iż-żewġ elementi fil-moħħ jew fir-ruħ ta' bniedem. U Dun Karm l-element femminili xorbu ħafna mill-omm. Għandu ħafna poeżiji fuq ommu u jsemmiha spiss ħafna. Fl-Introduzzjoni tiegħi jiena ddedikajt xi paġni lil Dun Karm bħala qassis u ċ-ċelibat tiegħu. Iċ-ċelibat tiegħu qatt ma kellu diffikultajiet, jiġifieri kien bniedem integru diġà. Imma naturalment qassis ma jistax jixrob l-element femminili bħal raġel miżżewweġ jew sekular. Imma Dun Karm xorob ħafna minn ommu; minn ommu naturalment u minn dawk ta' madwaru, il-familja u l-ħbieb. U l-personalità tiegħu li tant impressjonat lill-Professur Arberry hi forsi din l-integrità ta' bniedem matur.

**Fid-daħla għall-ktieb *Dun Karm – Poet of Malta* inti semmejt ukoll il-kapaċità ta' Dun Karm bħala poeta mill-iżjed validu li jinterpreta l-esperjenza tiegħu f'versi. Forsi tista' tagħtina xi eżempji prattiċi ta' dan?**

Bħala eżempji prattiċi nista' niċċita xi ħaġa. Pereżempju nieħu silta minn *Dell u Dija* (*Shadow and Light*):

"– Safja minn ġo qalbi ħarġet
il-għanja li għannejt lill-Maltin ħuti.
Ġbartha dik il-għanja taħt ix-xemx utieqa
mill-ġonna ħomor tal-larinġ, mill-oqsma
tmewweġ biż-żara' mdieheb,
mill-widien dellija"[9]

*"Pure out of my heart sprang*
*the song that I sang to my Maltese brothers.*
*I gathered that song under the steady sun*
*from the gardens red with orange-trees,*
*from fields*
*waving with golden corn,*
*from shady valleys"*[10]

Jiġifieri minn hawnhekk ġab il-versi tiegħu, proprju mill-art ta' Malta. Kien bniedem li kellu widnejh mal-art biex jisma' kull taħbita ta' qalb Malta. Ċitazzjoni oħra – li tagħti eżempju ieħor – hija meħuda minn *Lill-Kanarin Tiegħi* (*To my Canary*). Din poeżija illi Dun Karm kitibha fi żmien ikrah li kellu f'ħajtu; il-kanarin kien kważi l-uniku ħabib tiegħu u seta' jiftaħ qalbu biss miegħu:

"Iżda ma ngħirx għalik, għasfur lelluxi
Għalkemm ħajtek togħġobni. Iżjed fil-għoli
Mill-ħajja ta' din l-art it-tama tiegħi.
Naf illi bosta drabi l-ħobż li niekol
Huwa mxarrab bid-dmugħ, u flok il-kelma,
Xi darba bla ma rrid toħroġ tnehida,
Għaliex fejn żrajt il-ward kiber bil-kotra
Xewk u għollieq, min bi mħabbtu safja
Sata' jsabbarni ntemm qabli ġo qabar:
Imma naf illi d-dmugħ, miżrugħ fid-dinja
Irodd ferħ fis-smewwiet u wara dina
Il-ħolma li ngħidulha ħajja, tiġi
Il-qawma mill-imwiet fid-dawl ta' dejjem."[11]

*"And yet I am not jealous of you, golden bird,*
*Though I admire your manner of life. Far on high*
*Above the life of the earth, there my hope lies.*
*I know that often and often the bread I eat*
*Is watered with tears, and instead of words*
*Sometimes, involuntarily, I utter a sigh,*
*Because where I sowed flowers grew in profusion*
*Thorns and brambles, and she who with purest love*
*Could have comforted me went down to the grave before me:*
*But I know that the tears sown in this world*
*Shall yield happiness in heaven, and after this*
*Little dream that we call life, there shall come*
*The resurrection of the dead in eternal light."*[12]

Xi jrid jgħid hawnhekk Dun Karm? Illi l-esperjenzi tiegħu, anke dawk koroh, ikkontribwew għall-poeżija tiegħu. Mentri aspett ieħor imbagħad insibuh f'*Il-Vjatku*. Illum min jaqra *Il-Vjatku* ma jifhimhiex din il-poeżija, għaliex m'għadux isir il-vjatku kif kien isir meta jien kont tifel. Meta xi ħadd kien

qiegħed imut, kienet iddoqq il-qanpiena tal-vjatku fil-parroċċa u mbagħad jinġabru fi proċessjoni xi qassisin, imma ħafna ħafna sekulari wkoll, li kienu jmorru fi proċessjoni bil-fanali f'idejhom taħt id-dar ta' dak li kien qiegħed imut, imbagħad il-kappillan jew il-qassis jitla' fuq biex jassisti lil dak li kien qiegħed imut, waqt li taħt id-dar kulħadd jgħid ir-rużarju. Dan kien il-vjatku. U din il-poeżija ta' Dun Karm tirrifletti l-użanzi ta' żmienu – ta' żmieni nista' ngħid. Ara ftit kif jiddeskrivi s-sitwazzjoni:

"Fil-ħin nisma' kemm kemm leħen qanpiena:
– Drajtu biżżejjed dak il-leħen – jersaq
U kulma jmur jitqawwa. F'daqqa waħda
Nilmaħ jitħarrku

Xi dwal, tnejn tnejn ... Resqin ... mannaħa l-waħda
U mal-oħra tat-triq jitqassmu: iħeffu,
Quddiem, it-tfal: fin-nofs tmewweġ u tħammar
Bandiera ċkejkna."[13]

*"Now faintly, faintly I hear the voice of a bell –*
*How well I have known that voice! It approaches*
*Growing in strength as it comes. All of a sudden*
*I descry moving*

*Lanterns, two by two; they approach; one side*
*And the other of the street they divide; hasten,*
*In front, the children; in the midst a crimson billow*
*The little banner."*[14]

Dawn it-tliet eżempji illi tajt, wieħed min-natura ta' Malta stess, ieħor esperjenza tiegħu f'ħajtu u ieħor mill-użanzi ta' żminijietu – ta' żminijieti, nista' ngħid, allura dan li ġabar Dun Karm u poġġieh fil-poeżiji tiegħu.

**Fl-istess ktieb inti semmejt li Dun Karm huwa profeta u mhux predikatur. X'idea kellek f'moħħok ta' poeta profeta?**

Profeta ġeneralment, almenu fil-lingwaġġ komuni li nużaw, huwa wieħed li jitkellem fuq il-futur. Imma profeta mhux hekk biss – il-kelma 'profeta', almenu fil-Bibbja, ġejja mill-kelma Griega *prophemi*[15] – hu wieħed illi jitkellem minflok xi ħadd. Il-profeta, bħal Iżaija u l-profeti kollha tal-Antik Testment, hekk anke tal-Ġdid Testment, kienu jitkellmu f'isem Alla. Issa Dun Karm ma

kienx jippretendi li huwa profeta illi jitkellem f'isem Alla; kien jitkellem ukoll f'isem il-poplu tiegħu. Imma l-profeta mbagħad kien wieħed illi jinterpreta ż-żminijiet tiegħu fid-dawl t'Alla, jiġifieri kien jagħmel eseġesi, kien jagħmel eżami u jgħaddi ġudizzju anke sija morali u sija anke kulturali fuq iż-żminijiet tiegħu, imma mhux minn moħħu; kien jagħmilha *sub luce aeternitatis*,[16] jiġifieri kważi kif jarahom Alla. U ħafna mill-poeżiji ta' Dun Karm, partikolarment dawk li jitkellmu fuq il-morali ta' żminijietu, li huwa kien kritiku ħafna tagħhom, għalkemm mhux li kien imaqdar imma kien jagħmilha ta' profeta f'dan is-sens. Huwa ġabar, barra mill-fidi tiegħu f'Alla, ir-ruħ stess ta' Malta u tan-nazzjon Malti, u minn dan il-point of view allura seta' jgħaddi ġudizzju fuq il-*mores*, fuq dak li kien qed jiġri fis-soċjetà fi żmienu.

**Fil-kitba kritika tiegħek inti qist lil Dun Karm bħala Klassiku iżda li kellu x-xejriet Romantiċi tiegħu. Fissrilna ftit dan l-aspett.**

Xi tfisser 'Klassiku'? Diġà tkellimt x'inhu Klassiku: huwa dak li jfettaħ il-lingwa, il-lingwaġġ, u illi jsir mudell, sija tal-pittura, jista' jkun tal-mużika, jista' jkun tal-poeżija għal dawk kollha li jiġu warajh. Jiġifieri m'hemmx bżonn li nopponu Klassiku u Romantiku. Ir-Romantiċiżmu ta' Dun Karm nistgħu naqrawh ukoll f'silta ta' Wordsworth. Issa Wordsworth huwa Klassiku fil-letteratura Ingliża, imma naturalment Romantiku. Ir-Romantiċiżmu ta' Wordsworth kif joħroġ? Jien se naqra biċċa minn dak li kiteb Wordsworth fuqu nnifsu illi tista' tgħid tirrifletti perfettament dak li jaħseb Dun Karm fuqu nnifsu: "The principle object proposed in these poems was to choose incidents and situations from common life," – kif kien jagħmel Dun Karm – "and to relate and describe them together, as far as was possible, in a selection of language really used by men, and to make these incidents and situations interesting by tracing in them primary laws of our nature. Humble and rustic life was generally chosen because, in that condition, the essential passions of the heart find a better soil in which they can attain their maturity, are less under restraint, and speak a plainer and more emphatic language; because in that condition of life our elementary feelings co-exist in a state of greater simplicity because the manners of rural life germinate from those elementary feelings; are more easily comprehended; and are more durable and lastly, because in that condition the passions of men are incorporated with the beautiful and permanent forms of nature."[17] Dan hu r-Romantiċiżmu ta' Wordsworth u r-Romantiċiżmu preċiż ta' Dun Karm.

Jiena naħseb li kieku Dun Karm – naħseb li kien jafha wkoll Dun Karm – dan il-paragrafu kien jiffirma taħtu, għax dak kien il-ħsieb tiegħu. Ikompli jgħid Wordsworth: "I have said that poetry is the spontaneous overflow of powerful feelings. It takes its origin from emotion recollected in tranquillity; the emotion is contemplated till by a species of reaction the tranquillity gradually disappears, and an emotion, similar to that which was before the subject of contemplation, is gradually produced, and does itself actually exist in the mind."[18] Forsi din is-silta tista' tispjega ħafna wkoll waħda mill-aqwa poeżiji ta' Dun Karm, *Il-Jien u Lil Hinn Minnu*, illi fiha għandek emozzjonijiet, ħsibijiet u kontemplazzjoni.

**Taħseb li l-poeżiji ta' Dun Karm għad għandhom rilevanza f'Malta tal-lum?**

Naħseb li żgur, allaħares ma kienx. Dun Karm huwa Klassiku, huwa dejjem mudell, jiġifieri r-ruħ Maltija għadha dik li kienet fi żmien Dun Karm jew inbidlet? Il-mentalità Maltija? Naturalment f'dawn l-aħħar 50 sena – u mhux biss f'dawn l-aħħar 50 sena, imma anke waqt il-ħajja ta' Dun Karm stess – kien hemm revoluzzjoni kbira f'Malta. Barra li nistgħu nitkellmu fl-evoluzzjoni politika, l-Indipendenza tagħna, imbagħad illum erġajna lura, ngħidu aħna, għall-Malti, dak li nsejħulu 'safi', illi allaħares tgħid xi kelma Taljana u xi kelma bl-Ingliż għaliex m'għadekx Malti u forsi, kif kont għedt qabel, toqgħod tqalleb id-dizzjunarju Għarbi biex noħolqu xi kliem ta' oriġini Semitika kif dawk li kellna. Imma mbagħad hemm illum poeżija oħra fuqiex nimmodellaw il-poeżija tagħna. Jekk aħna nitkellmu fuq il-letteratura Ingliża, Shakespeare għadu ħaj? Allaħares tgħid hekk. Shakespeare Klassiku, mhux Romantiku, huwa Klassiku kemm trid, imma jibqa' ħaj fil-lingwa Ingliża tal-lum. Anke Dun Karm, jista' forsi għadda żmienu, imma l-lingwaġġ tiegħu, il-ħsieb tiegħu, dejjem jgħix fir-ruħ tal-bqija tal-lum, anke jekk iċ-ċirkostanzi nbidlu.[19]

**Dun Karm kien u għadu figura nazzjonali. X'taħseb li kien l-impatt tiegħu fuq l-identità u l-kultura Maltija?**

Dak li għadni kif għedt. L-identità tal-kultura Maltija huwa xorobha proprju mill-art ta' Malta. L-art ta' Malta anke bidlet l-istorja ta' Malta; għadha l-istess. It-tradizzjoni Maltija għadha l-istess. Aħna l-istess poplu, anke jekk inbidlu




ċ-ċirkostanzi politiċi u soċjali tagħna. Jiġifieri hija din ir-ruħ tradizzjonali Maltija illi tesprimi ruħha sija fil-ħajja li ngħixu kuljum, sija wkoll fir-reliġjon tagħna, fil-fidi tagħna, illi tikkwalifikana bħala Maltin, u m'għandniex nistħu minnha. Aħna Maltin, twelidna hawnhekk, bil-grazzja t'Alla twelidna f'Malta. Jien nidħak hawnhekk għax ilni barra minn Malta xi 60 sena imma bqajt Malti f'ruħi, anke jekk għandi kulturi oħrajn, imma bqajt Malti f'ruħi u naħseb li nifhem lil Malta, naraha mill-bogħod u nifhimha aħjar milli jifhmuha l-Maltin li jgħixu hemm u illi jikkritikawha.

**Inti għext il-biċċa l-kbira ta' ħajtek barra minn Malta; għadek tħares lejn Dun Karm bħala dak li jirrappreżenta l-figura tassew Maltija b'dak kollu li jagħmilna Maltin?**

It-tweġiba hija iva, u nirringrazzjah u nibqa' nqimu.

*Nixtieq nirringrazzja lir-Rev. Dr Jonathan Farrugia talli qrali l-isteżura ta' dan l-artiklu qabel ma ssottomettejtu lil* Il-Malti *għall-pubblikazzjoni. Nirringrazzja wkoll lil Toni Cortis, lil Catherine Tabone u kull min kien involut fl-intervista.*

**Ivan Said jaħdem ta' traduttur mal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell u hu l-awtur ta'** ***Mikiel Anton Vassalli – It-Traduttur*** **(Horizons, 2019).**

**Noti**

1 *Dun Karm – Poet of Malta*. viii.

2 Cachia, P. 'A. J. Arberry and P. Grech: *Dun Karm, Poet of Malta. Texts chosen and translated by A. J. Arberry; Introduction, notes and glossary by P. Grech*. University of Cambridge Oriental Publications, No. 6, viii, 217 pp., front. Cambridge: University Press, 1961. 37s. 6d. *Bulletin of the School of Oriental and African Studies*, 25(2): 356-357. doi:10.1017/S0041977X00063928.

3 https://www.telegraph.co.uk/obituaries/2020/01/22/cardinal-prosper-grech-maltese-priest-became-one-influential/?WT.mc_id=tmg_share_fb&fbclid=IwAR0ZvuJQ_AQjYI2P1qJ3946RR-jSfXfVnymc_zqxXMeOPpH154JLNinxRKQ

4 Dwar kif saret l-intervista, Rev. Dr Farrugia kitibli dan l-aneddotu: "Il-post preċiż tal-intervista kien fil-pjan tat-taraġ tar-raba' sular tal-Augustinianum, fejn hemm il-klassijiet. L-idea tal-Kardinal kienet li l-intervista ssir fuq il-bejt biex tidher il-koppla ta' San Pietru fl-isfond, imma ma stajniex għax dak il-ħin kienu qed idoqqu l-qniepen u ma kien qed jinstema' xejn. Kien għalhekk li ħin minnhom dawwart il-kamera lejn it-tieqa biex tidher il-koppla, għax insista hu li nagħmel hekk."

5 Fid-daħla tal-ktieb il-Professur Arberry jgħid li f'Novembru tal-1957 kellu l-unur li jiltaqa' ma' Dun Karm, "the grand old man of Maltese literature". Hu jkompli jikteb li "I found him a frail old man, but still in full possession of his great mental faculties" minkejja li dak iż-żmien kellu 87 sena. Il-Professur Ingliż jistqarr li kien il-Professur Ġużè Aquilina li laqgħu u dawru ma' Malta u laqqgħu ma' Dun Karm (*Dun Karm – Poet of Malta*. vii).

6 Hawn aktarx li l-Kardinal Grech qed jirreferi għal *Il-Kantilena* ta' Pietru Caxaru, poeżija bil-Malti Medjevali, misjuba f'reġistru ta' kuntratti notarili fit-22 ta' Settembru 1966, fl-Arkivju Notarili, il-Belt. Inċidentalment il-pubblikazzjoni bl-Ingliż *Peter Caxaro's Cantilena – A poem in Medieval Maltese*, li ħabbret din is-sejba fl-1968, turi lista ta' dawk li kien ħaqqhom ħajr għall-għajnuna li taw lir-riċerkaturi Patri Mikiel Fsadni OP u Dr Godfrey Wettinger, u fiha jissemma "Fr Prosper Grech OSA, Principal of 'Augustinianum', Rome" (p. 4).

7 Fl-Introduzzjoni Patri Grech jikteb: "Nevertheless, it cannot be doubted that in spite of his literary preferences Dun Karm always reveals himself as a real poet" (pp. 32-33).

8 *Dun Karm – Poet of Malta*. 32.

9 *Dun Karm – Poet of Malta*. 54.

10 *Dun Karm – Poet of Malta*. 55.

11 *Dun Karm – Poet of Malta*. 86.

12 *Dun Karm – Poet of Malta*. 87.

13 *Dun Karm – Poet of Malta*. 118.

14 *Dun Karm – Poet of Malta*. 119.

15 Dwar dan il-punt tlabt kjarifika mingħand Rev. Dr Farrugia u ġentilment tani din l-ispjega: "Rigward din il-kelma: πρόφημι, tista' tkun jew l-ewwel persuna singular preżent attiv ta' προφάω, li tfisser 'tiddi', inkella tista' tfisser sempliċiment 'tgħid qabel'. Fil-kuntest tad-diskors dwar il-profeta (li letteralment huwa dak li jwassal messaġġ mid-divin, oraklu eċċ., imma mhux wieħed li jħabbar il-futur kif spiss jifhmu n-nies) naħseb hawn dik il-kelma aktar tfisser 'dak li jħabbar' jew xi ħaġa hekk. Skont id-dizzjunarju tal-Grieg li konna nużaw l-Università, l-għerq tal-kelma προφήτης hu proprju πρόφημι, għax il-profeta huwa, essenzjalment, dak li jgħid minn qabel ('iħabbar') il-messaġġ li d-divinità trid twassal lill-poplu biex jifhem. Dan mhux tbassir tal-ġejjieni, imma essenzjalment li xi ħadd jgħid xi ħaġa 'qabel' ma l-bqija tal-poplu jasal biex jifhimha. Naħseb il-Kardinal Grech dan kellu f'moħħu – wara kollox kien 'ġenju' u nassumi li d-dizzjunarju kien jafu ta' ġewwa barra."

16 "Bil-Latin, li tfisser 'skont l-aspett tal-eternità'. Allura minn [Baruch] Spinoza 'l quddiem, espressjoni onorifika li tiddeskrivi dak li hu universalment u eternalment veru, mingħajr kwalunkwe referenza għal porzjonijiet sempliċiment temporali tar-realtà jew dipendenza fuqhom." Miġjuba mill-Ingliż. http://www.philosophypages.com/dy/s9.htm

17 Mill-*Preface to Lyrical Ballads* ta' William Wordsworth, ippubblikat fl-1800.

18 Mill-*Preface to Lyrical Ballads* ta' William Wordsworth, ippubblikat fl-1800.

19 Dwar dan, fl-Introduzzjoni Patri Grech jikteb: "Paradoxically enough, Dun Karm, like Shakespeare, is a romantic in thought and sentiment, but is purely classical in relation to his own literature. He will never cease to be a criterion for the use of language in Maltese literature. Styles may change, but beauty of diction will always be measured against Dun Karm's use of words, because in him, as in Shakespeare, one can appreciate the full beauty of the language" (*Dun Karm – Poet of Malta*. 52).

# REĊENSJONIJIET

# Għemil li jiġbed il-ħsieb: Il-poeżija ta' Jonathan Balzan

Charles Briffa

*Irdieden – Poeżiji* (2013), *Kilometri – Poeżiji* (2016), *Madwar Ħajti – Poeżiji* (2018)

Il-poeżija ta' Jonathan Balzan tista' titqies bħala att li jattira attenzjoni.

Meta taqra poeżija l-ewwel ħaġa li tkun trid tkun taf hija min ikun qed jitkellem fil-poeżija. U tkun trid tieħu idea ta' lil min ikun qed jindirizza fiha. Tkun trid tkun taf ukoll x'tistenna l-poeżija minnek. Xi nkunu qed nisimgħu, monologu intern jew xi persona poetika? (Ġeneralment f'Balzan għandna l-monologu intern indirizzat lilu nnifsu.) Tkun qed tifirxilna xi ġrajja, xena, jew argument? (L-aktar li għandna f'Balzan huma argumenti siewja.) Xi jkun hemm fil-ħsibijiet imlissna li jitolbu l-attenzjoni tagħna? (Ikun hemm xejriet tal-kontemporanjetà.) X'jagħti lil dawn il-ħsibijiet is-siwi tagħhom? (Il-mod kif jippreżentahom.)

Irridu niflu l-kuntest maħluq mill-poeżija. Kif se nwieġbu għal dak li tgħidilna poeżija? Kif se ningaġġaw ruħna fid-dinja testwali tagħha? Kif se nirrispondu għall-vuċi tagħha? Billi naqrawha bil-paċenzja u naħkmu l-essenzjal kulturali li jintrabat magħha.

Meta naqra poeta jintrigani biex nipprova nifhem ftit il-proċessi mentali tiegħu, u dan nasal nagħmlu għax nifhem ftit mill-istil tiegħu. Ħa nieħu xi eżempji ħalli nfisser ruħi aħjar.

## Ir-rima

Kultant Jonathan Balzan jinqeda bir-rima biex jgħammar id-dinja testwali tiegħu bix-xejriet fonoloġiċi li joħloq. Nieħdu l-poeżija ta' definizzjoni *Il-Fariżej*,

li fiha nsibu dawn ir-rimi mbewsin: "tiċpis-irħis", "tiċpis-piż", "mmarinata-maskarata", u "devozzjoni-seduzzjoni". L-effett ta' dan il-pairing ta' kliem bl-istess ħoss fl-aħħar sillabi joħroġ mit-tifsir diverġenti li jorbot il-kunċetti flimkien biex jimlew il-kuntest. It-"tiċpis" artifiċjali fl-ilbies huwa ta' siwi baxx ("irħis") filgħodu, u filgħaxija t-"tiċpis" qed jitlaqqa' mal-ġisem ("piż") li qed ikun iddominat mil-"libsa tat-tibdila". Il-paralleliżmu sintattiku ("Filgħodu tidlik u tiċpis… Filgħaxija tidlik u tiċpis") isaħħaħ l-atmosfera superfiċjali f'dan il-kuntest fejn ħafna juru ħaġa b'oħra bil-makeup u l-ilbies tal-okkażjoni. Ir-rima fil-par "mmarinata-maskarata" tlaqqa' l-birra mħawra b'għemil ta' xorb fil-festa mal-makeup ta' qabel, u għalhekk din ir-rima testendi s-superfiċjalità tal-okkażjoni; minbarra l-fatt li t-terminu "maskarata" għandu assoċjazzjoni semantika ma' ħabi u wiri ta' wiċċ b'ieħor. U fl-aħħar versejn ir-rima ddaħħal il-qima ma' ġibda għamja wara l-qaddis. Ir-reġistru finanzjarju ("Tissarraf" u "muniti") jikklaxxja mad-"devozzjoni" li suppost in-nies għandhom ikollhom għall-qaddis, u tispikka l-"idolatrija" mingħajr ħajra ħanja ("seduzzjoni"). Id-distanza semantika bejn il-kliem irrimat toħloq tensjoni apposta biex dak li mhuwiex l-istess jidher konġenjali u jkattar is-sens ta' ipokrizija soċjali, għax din il-qagħda hija mifruxa mal-komunità u n-nies tal-festa jidhru "Fariżej".

Ir-rima, għax tgħaqqad is-similarità mad-dissimilarità, hija ekwivalenti għall-metafora. F'moħħ Balzan il-kliem irrimat jingħaqad b'sostituzzjoni metaforika. Hawnhekk il-poeta jrid jesponi l-argument li l-ferħ tal-festa huwa Fariżajku meta n-nies jinħlew fuq is-superfiċjalitajiet u mhux fuq il-qima proprja. Il-poeżija tirnexxi għax it-tħaddim tar-rima jsir l-espressjoni tal-argument.

Hekk jaħseb dan il-poeta, u l-qosor fil-poeżiji tiegħu għandu tifsira partikulari.

## Il-qosor

Bosta poeżiji ta' Balzan huma qosra. Huma poeżiji li jinvolvu konċentrazzjoni jew tiġmigħ ta' tifsir.

Fil-qosor hemm tagħqid jew kondensazzjoni fis-sens Freudjan ta' verżjoni konċiża li tippakkja ammont ta' tifsir. Dak it-tifsir irridu noħorġuh mill-pakkett tal-qosor biex insalvawh. Nieħdu *Mhux Kull Ilma*, fejn insibu l-proċess ta' kondensazzjoni mwassal bi strutturi komposti, magħmulin minn elementi differenti li jakkumulaw biex jagħtu sħuħija poetika. Fil-ħsieb taħtni hemm mara li tgħaqqad id-dehra u l-karatteristiċi ta' għadd ta' oġġetti ("granit ta'

lapida muta", "pjuma frivola", "pagun imkittef", "mudella tal-catwalk") biex tinġema' d-deskrizzjoni fiżika ("ħafifa", "imdandna", "niexfa") u psikoloġika ("iebsa") tagħha. Il-poeta jħaddem is-simili biex joħroġ il-karatteristiċi ta' din il-mara b'xebh li fil-proviżjonalità tiegħu jservi ta' estensjoni tal-ħsieb. It-tifsir konnotattiv ta' "muta" bħala samma minn fommha jingħaqad mal-ħsieb ta' personalità "iebsa", imsaħħa bid-dehra ta' "granit" u "lapida" (it-tnejn oġġetti żonqrin), biex f'moħħna nsawru karattru inflessibbli, impenetrabbli, li ma jqanqlu xejn. Din il-personalità żonqrija hija fl-istess ħin "frivola", li turi ħaġa fiergħa, vojta, bla fejda, u fil-kuntest tal-"pjuma" l-aġġettiv jiġbor fih xejriet ta' superfiċjalità u trivjalità li jagħtu l-impressjoni ta' ħaġa bla importanza u jestendu l-ħsieb ta' "ħafifa" biex din il-mara ħawja tixref f'moħħna bla għaqal. U l-ħsieb ikompli jinfirex għal fuq l-idea tal-"pagun" li jidħol fis-simboliżmu tal-kburija u s-self-love ("imdandna") u għalkemm huwa sabiħ imġibtu tagħmlu "mkittef" jew imrassas biex il-karattru ta' din il-mara jinħass imġebbed u merfugħ. L-akkumulazzjoni ta' dan it-tagħrif jilħaq il-klajmaks tiegħu fil-"mudella tal-catwalk" li allura tidher żonqrija, ħawja u mġebbda, u moħħna jagħsar dawn il-karatteristiċi kollha fl-aġġettiv "niexfa" (fiżikament u psikoloġikament).

U nintebħu xi jrid jgħid bl-isem ta' din il-poeżija *Mhux Kull Ilma*, għax nifhmu li jrid jitkompla biex jifforma l-għajdut sħiħ "mhux kull ilma jaqta' l-għatx". Mara bħal din mhix se tissodisfah u għalhekk irid ixejjinha għax hija "mwaħħxa" bħalma Medusa kienet imwaħħxa u Perseus bis-saħħa tat-tarka-mera rnexxielu jeqridha minn wiċċ id-dinja.

## Il-ħsieb dirett ħieles

Din il-poeżija hija għamla ta' diskors dirett ħieles li jnixxi minn moħħ il-poeta; jew aħjar ta' ħsieb dirett ħieles bħalma nsibu fil-biċċa l-kbira tal-poeżiji ta' Balzan li jipprova (b'din it-teknika) jagħmel il-ħsieb aktar attwali. Bħala eżempju ieħor ta' ħsieb dirett ħieles insemmi *Aljenazzjoni*, fejn il-ħsieb ivverbalizzat tal-poeta jingħata fl-idjoma tiegħu b'ġustapożizzjoni ta' ħajja aljenata fis-soċjetà tagħna tal-lum – "b'cocktails ta' tablets u gadgets" li jakkumpanjaw il-ħin moħli fuq il-mowbajls – ma' ħajja "tat-tielet dinja" – li tidher "bħal ħaġra fina". Il-poeżija ssir għamla ta' monologu rrakkontat mill-moħħ mill-perspettiva tal-poeta biex il-ġustapożizzjoni tressaq ulied b'ħalqhom imsikket bit-teknoloġija moderna biex qalbhom tiġi żlugata mal-"innoċenza kerubina

ġenwina" tat-tfal tat-tielet dinja. Il-vjaġġ tal-ħsieb jgħaddi mill-"mistħija" għall-"benna moħlija" biex jiddefinixxi l-aljenazzjoni kontemporanja. Hija poeżija li tagħtina perċezzjoni diretta.

L-għawġ tad-dinja jħassbu (eż. *Kontinenti* u *Il-Keychain ta' Sarajevo*) bħalma tħassbu l-qerda tal-ambjent (eż. *Kyrie Eleison*). Ipitter dinja ta' "kurrenti tremendi/imġewħin" li jagħtu "dinja arena grotteska" (*Ibqa' fil-Ġuf Imgaġġeġ*).

**Poeta kontemporanju**

Huwa poeta kontemporanju. Jgħarrex il-valuri umani tal-kontemporanjetà, kif qed jagħmlu bosta poeti oħrajn tal-ġenerazzjoni tiegħu. Imma għandu l-istil partikulari tiegħu – stil li meta nifluh nilmħu sitwazzjoni interessanti għax il-poeżija ta' Balzan turina qagħda ta' moħħ b'xejriet meqjusa li jattiraw l-attenzjoni u jqajmu l-kurżità. Hekk naraw f'*Amputazzjoni*, fejn il-ħsieb dirett ħieles jurina "kuxjenza amputata" li ċċaħħdu mill-għarfien eżistenzjali tiegħu nnifsu; u hekk naraw ukoll f'*Tombla*, b'xejra eżistenzjalista li tpoġġi dak li hu "ppredestinat" għalih f'kuntest ta' xorti, biex id-destin uman jinħass qisu dak li jitla' b'kumbinazzjoni fit-tombla. L-idea tal-ħajja bħala logħba tħuf f'moħħ il-poeta. *Is-Seba' Kelmiet ta' Binti*, waqt li turina r-relazzjoni ta' missier ma' bintu, tagħtina l-logħba mat-tifla li l-poeta jdawwarha f'ħakka ta' għajn f'att globali "tal-ishma telgħin u neżlin" biex dak li "għaliha biss bandla, għalina kundanna": hekk il-logħba tieħu direzzjoni ta' att intellettwali u hekk il-poeta jiddefamiljarizza l-perċezzjoni tagħna l-qarrejja. Ukoll f'*Kilometri* tana l-ħajja bħala "logħba tal-pupazzi tal-għuda" (*Logħba*).

Il-poeta jagħtina d-diskors intern tiegħu, u għalhekk ġabra bħal *Madwar Ħajti* tippreżenta b'mod vividu l-flow tal-ħsieb li jgħaddi minn moħħ il-poeta. Il-ħsieb fil-letteratura jikseb kwalità konxja meta jkun ivverbalizzat. B'hekk il-ġabra tagħtina mhux sempliċiment il-ħsibijiet tal-poeta imma wkoll l-esperjenza immedjata tiegħu jew aħjar il-konxju immedjat ta' dawk il-ħsibijiet. Il-kwalità konxja tal-ħsieb dirett ħieles f'dawn il-poeżiji turi lil Jonathan Balzan bħala l-bniedem li jaħseb u li huwa f'kontroll sħiħ tal-ħsibijiet tiegħu. U meta jipprintja l-poeżiji jara l-fehmiet tiegħu jimmarċjaw quddiemu.

Il-poeżija ta' Balzan (li tagħti l-ħsieb dirett ħieles) terġa' toħloq il-vuċi tal-ħsieb, u dan l-approwċ huwa essenzjali sabiex iżomm il-poeżija ħajja. B'dan l-approwċ il-poeta jistidinna npoġġu ħdejh biex naraw b'għajnejh, inħossu b'qalbu, u naħsbu b'moħħu. Dak li jagħmilha speċjali din il-poeżija

huwa x-xorta ta' attenzjoni li Balzan jagħti lid-dinja interna (mentali) u d-dinja esterna (soċjali). Jitħasseb fuq 'il fejn sejra l-kontemporanjetà bil-ġlied u bil-bruda tagħha, bir-regħba għas-setgħa, bil-korruzzjoni politika, bil-preferenzi u t-tradimenti li ma jħallux lil kulħadd indaqs, bil-faċċoliżmu soċjali, bit-tħassir ambjentali, u bit-taqlib eżistenzjali. Dawn kollha jidħlu fil-frejm poetiku tiegħu bħala suġġetti xierqa għal-letteratura. Il-kontemporanjetà hija kollha mgħaġġla u sfrenata u kultant tinħass żmien ta' taqtigħ il-qalb. Imma minkejja dan kollu, Balzan jemmen "li għad baqa' xaqq ta' tama" għalih u għal kulħadd: tama li trid isseħħ "biss bl-imħabba" li trid twarrab kull ħjiel ta' razziżmu sabiex twarrad qalb li twennes qalb oħra (kif jgħidilna fid-daħla tiegħu għal *Madwar Ħajti*).

Meta jlissen it-tħassib tiegħu jkun qed jibni pont bejn id-dinja kif jesperjenzaha hu u kif tidher madwarna.

## Konklużjoni

Jonathan Balzan huwa xempju eċċellenti ta' individwu kreattiv li qed ikun ikkategorizzat mal-kontemporanji. Għandu għarfien profond tal-kultura tal-lum – kultura globalizzata – imma jġib miegħu wkoll ħjut ta' kritika fil-poeżiji tiegħu. Juri xejriet ta' produzzjoni poetika kontemporanja b'versi li bosta drabi huma ħielsa minn kull ilġiem biex il-produzzjoni tingħata bil-qawwa tal-Post-Modern li jlaqqa' kultura stabbilita ma' temi popolari. U dan jagħmlu billi jħaddem lessiku mirqum li jħaddan ukoll il-kliem familjari (eż. "ibbumbardjata", "strimjati", "illejbiljawni", "ħlibtna u bażwartna") u b'hekk jimplika li dan il-kliem komuni u ħaj (parti mill-kontemporanjetà) ukoll jixraqlu dinjità letterarja.

Bl-aspetti stilistiċi tiegħu (eż. ir-rima, il-qosor, l-approwċ tal-ħsieb dirett ħieles) Jonathan Balzan jiġbdilna l-attenzjoni tagħna għall-argumenti kontemporanji tal-poeżiji.

Il-qari tal-poeżija huwa proċess kreattiv għax il-qarrej jikkonkretizza dak li jidher fid-dinja kuntestwali tal-poeżija, u għalhekk il-qari jrid imur 'l hemm minn dak li jkun ipprovdut mid-dehra tal-kliem fuq il-karta. Il-komplessità tal-poeżija qiegħda fil-fatt li hija ħeteronoma: teżisti kemm b'mod awtonomu (fiha nnifisha) u kemm b'dipendenza fuq l-atti tal-konxju tal-qarrejja.

# L-Akkademja tal-Malti matul is-snin... (2013-2015)

Joseph P. Borg
*Segretarju tal-Akkademja*

## Il-kunsill għas-sentejn 2013-2015

Fil-Laqgħa Ġenerali li saret is-Sibt, 31 ta' Awwissu 2013 f'Dar l-Ewropa nħatar kunsill magħmul minn Dr Olvin Vella (President), Dr George Farrugia (Viċi President), Joseph P. Borg (Segretarju), Reno Fenech (Assistent Segretarju), Inġ. Maurice Mifsud Bonnici (Teżorier), Saviour Camilleri (Assistent Teżorier), Trevor Żahra (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), Phyllis Debono, Victor Fenech, Achille Mizzi u Rita Saliba. Billi l-persuni nominati kienu jgħoddu ħdax, kif jitlob l-istatut għall-ħatra tal-Kunsill, ma ssejħitx elezzjoni. Għal din il-Laqgħa Ġenerali attendew 25 membru.

Matul dawn is-sentejn il-Kunsill iltaqa' 23 darba, mill-10 ta' Settembru 2013 sas-16 ta' Lulju 2015, u l-laqgħat dejjem saru f'Dar Doreen Micallef. Kienu mistednin speċjali fi wħud mil-laqgħat: is-Sur Paul P. Borg (laqgħa nru 4, fil-11 ta' Novembru 2013); is-Sur Carmel Azzopardi (laqgħa nru 7, fit-3 ta' Jannar 2014); David Agius Muscat u Thomas Pace (laqgħa nru 14, fit-23 ta' Settembru 2014); Claire Zerafa (laqgħa nru 20, fit-30 ta' April 2015); Frank Zammit mill-Awstralja kien preżenti f'laqgħa nru 21 fit-28 ta' Mejju 2015.

## Ħatriet ta' bordijiet editorjali, sottokumitati u nominazzjonijiet

Fl-ewwel laqgħa nħatar il-bord editorjali għall-ħarġa akkademika ta' *Il-Malti* LXXXV għas-sena 2013, b'Dr Olvin Vella bħala editur u David Agius Muscat,

Joe Borg, Thomas Pace u l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici bħala membri oħra tal-bord editorjali. Fit-tieni laqgħa l-Kunsill qabel mal-proposta li minbarra li toħroġ il-ħarġa bl-istudji akkademiċi, joħroġ ktieb għalih bit-taħditiet li saru. Din il-ħarġa speċjali kienet fi ħsieb il-President flimkien ma' bord editorjali magħmul minn David Agius Muscat, Joe Borg u Thomas Pace. Aktar 'il quddiem, fis-6 laqgħa (9.12.2013) inħatar il-bord editorjali għall-ħarġa letterarja ta' *Il-Malti* għas-sena 2014 u din id-darba s-Sur Achille Mizzi nħatar editur flimkien ma' Toni Cortis u Claire Zerafa.

Mill-ewwel laqgħa bdiet id-diskussjoni fuq il-possibiltà li jkollna l-Qanun tal-letteratura tagħna (Awturi Klassiċi Maltin) u nħatar sottokumitat biex jiddiskuti din il-proposta, magħmul minn Dr George Farrugia, Victor Fenech, Dr Adrian Grima, Dr Bernard Micallef, Dr Immanuel Mifsud, Achille Mizzi u Rita Saliba.

Fit-tieni laqgħa l-Akkademja nnominat il-persuni għall-ħatra tal-kapijiet tal-kumitati tekniċi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Fis-17 ta' Jannar 2014 l-Akkademja ħatret il-ġurija għall-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea 2014. Dan kien magħmul minn Carmel Azzopardi, il-Prof. Stella Borg-Barthet, Dr Marco Galea, Dr Albert Gatt u Achille Mizzi. Fid-19 ta' Novembru 2014 tħabbar li dan il-premju prestiġjuż rebħu Pierre J. Meylak għall-ġabra ta' novelli tiegħu *Dak li l-lejl iħallik tgħid*. Il-premju ngħata mill-Kummissarju tal-Kultura Tibor Navracsics f'ċerimonja li saret fi Brussell u li għaliha kien preżenti wkoll il-Ministru tal-Kultura u l-Ġustizzja, Dr Owen Bonnici.

Prof. Manwel Mifsud ressaq proposta lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex jinħatar kap għall-Kumitat Tekniku għall-Malti fil-Mużika u l-Ispettaklu. Id-Dipartiment tal-Malti ressaq l-ismijiet għal dan il-kumitat tekniku u l-Akkademja pproponiet lil Corazon Mizzi fil-laqgħa tat-18 ta' Frar 2015.

Fl-istess laqgħa s-Segretarju ġie nnominat għall-Kunsill tal-EWC u ħa sehem fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret fi Brussell fit-8 ta' Ġunju 2015.

## Pubblikazzjonijiet

### *Il-Malti*

Tul dawn is-sentejn l-Akkademja ħarġet erba' edizzjonijiet ta' *Il-Malti* – żewġ ħarġiet akkademiċi, ħarġa letterarja u ħarġa speċjali. *Il-Malti* – LXXXV –

ħarġa akkademika (2013) ħareġ f'Marzu 2014, editjat minn Dr Olvin Vella; *Il-Malti* – LXXXVI – ħarġa letterarja (2014), editjat minn Achille Mizzi, ħareġ f'Diċembru 2014; *Il-Malti* – LXXXVII – ħarġa speċjali (2014), editjat minn Dr Olvin Vella, ħareġ f'Ottubru 2014 u kien jinkludi għall-ewwel darba paġni bil-kulur b'żewġ studji fuq il-Kantilena, tnejn oħra marbutin mal-ħakma Għarbija, u ieħor fuq il-predikaturi tas-seklu 18 (din il-ħarġa ġiet stampata qabel il-ħarġa letterarja tal-2014); *Il-Malti* – LXXXVIII – ħarġa akkademika (2015), editjat minn Dr Olvin Vella, ġie ppubblikat f'Lulju 2015 bil-kontribuzzjoni ta' Olivia Borg fuq Ġużè Ellul Mercer, Dr George Farrugia fuq il-ġens grammatikali fil-Malti, Reno Fenech fuq il-vokali <i> fil-bidu ta' kliem Romanz, Christina Sammut fuq il-pronunzja tas-suffiss pronominali <-aha> u Dr Bernard Micallef bi studju dwar l-arti satirika fin-novelli ta' Juann Mamo.

Bis-saħħa tat-taħditiet organizzati kważi kull xahar daħlu ammont sabiħ ta' studji lingwistiċi u letterarji, li dehru fil-ħarġiet akkademiċi u speċjali ta' *Il-Malti*. Skont il-ftehim mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Klabb Kotba Maltin, l-Akkademja tgħaddi 150 kopja ta' kull edizzjoni ppubblikata lill-Ministeru sabiex jitqassmu fl-iskejjel u fil-libreriji f'Malta u Għawdex.

### *Doreen Micallef – Il-Konferenza – Il-Poeżiji* (2015)

Proġett ieħor fi ħsieb l-Akkademja kien li jinġabru u jiġu ppubblikati l-atti tal-Konferenza f'Ġieħ Doreen Micallef, li kienet saret fit-3 ta' Diċembru 2011 fil-Kavallier ta' San Ġakbu f'għeluq l-10 sena minn mewtha. Din il-pubblikazzjoni tħalliet fi ħsieb Victor Fenech u Reno Fenech.

Il-pubblikazzjoni, bit-titlu *Doreen Micallef – Il-Konferenza* tinkludi t-taħditiet tar-Rev. Il-Prof. Peter Serracino Inglott, il-Prof. Oliver Friggieri, Dr Bernard Micallef, Dr Marco Galea u Dr Immanuel Mifsud, flimkien mal-kontribuzzjonijiet li saru minn Francis Galea, Marlene Saliba, Olivia Borg u Rebecca Spiteri. Il-pubblikazzjoni tagħlaq b'suppliment viżiv li jinkludi ritratti ta' Vince Briffa li fihom irnexxielu jiġbor il-qagħda mwiegħra li fiha kienet qed tgħix il-poetessa.

Bil-ħsieb li Doreen Micallef tingħata tifkira tassew denja u mistħoqqa l-Akkademja ddeċidiet li tippubblikalha wkoll il-ġabriet poetiċi tagħha fi ktieb wieħed flimkien ma' għadd ta' poeżiji oħra li kien xieraq li jinġabru f'din il-pubblikazzjoni. Dan ix-xogħol tħalla mill-ġdid fil-kura ta' Victor Fenech u Reno Fenech, li ħadmu b'impenn u sagrifiċċju. Għaldaqstant, il-ġabriet

poetiċi *Fit-Triq tal-Empirew* (1975), *De Profundis* (1979) u *Kyrie* (1980) flimkien ma' xogħlijiet oħra li dehru f'antoloġiji u rivisti letterarji nġabru f'din il-pubblikazzjoni, bit-titlu *Doreen Micallef – Il-Poeżiji*, li wkoll inkludiet suppliment viżiv li fih dehru għall-ewwel darba ittri u manuskritti tal-poetessa.

Dawn iż-żewġ volumi ġew ippubblikati mill-Akkademja flimkien mal-Klabb Kotba Maltin u ħarġu bħala żewġ volumi fi slip-case pulita f'Ottubru 2015. It-tnedija saret nhar il-25 ta' Jannar 2016 fil-Palazzo De La Salle (Malta Society of Arts), il-Belt.

**Profil tal-Akkademja tal-Malti u tessera għall-imsieħba**

Il-Kunsill ħass il-bżonn li jistampa folju li jinkludi tagħrif fil-qosor dwar l-Akkademja, il-pubblikazzjonijiet tagħha, l-attivitajiet u t-taħditiet li torganizza bil-għan li tħajjar aktar awturi u gradwati jissieħbu magħha. Dan il-folju kien fi ħsieb Phyllis Debono u s-Segretarju, u ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2014, flimkien ma' tessera ġdida li tqassmet lill-membri mal-avviż tal-Laqgħa Ġenerali.

**Ċirkularijiet u stediniet**

Matul is-sentejn intbagħtu ċirkularijiet lill-membri kollha kull meta saret xi taħdita jew seminar u għas-serati mużiko-letterarji ntbagħtu inviti uffiċjali. It-taħditiet tħabbru wkoll mill-Facebook, mis-sit elettroniku kif ukoll permezz ta' emails. Il-posta lill-imsieħba kienet tinkludi wkoll iċ-ċirkulari tal-Ħrejjef – attività li saret fil-Kavallier ta' San Ġakbu (27.12.2013); mad-*Deċiżjonijiet 1* il-membri waslilhom l-istatut il-ġdid aġġornat kif ġie emendat fil-Laqgħa Ġenerali Ordinarja li saret fil-31 ta' Awwissu 2013; ċirkulari bit-talba għall-poeżiji marbuta ma' okkażjonijiet speċjali għall-Facebook tal-Akkademja; maċ-ċirkulari tat-taħdita ta' Dr Bernard Micallef intbagħat l-avviż għall-abbonament għall-ktieb *M. A. Vassalli – An Enlightened Maltese Reformer* tal-Prof. Frans Ciappara flimkien mal-avviż għall-attività *Wirt Malti – Ħrejjef u Mużika* ta' Ruben Zahra; ċirkulari tavża t-taħditiet tal-Prof. Andrzei Zaborski u t-taħdita ta' Dr George Farrugia lill-għalliema tal-Malti (April-Mejju 2014); ċirkulari tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb b'rabta mal-Public Lending Rights flimkien ma' żewġ avviżi bil-kulur għat-taħdita fuq *Il-Karnival Barokk f'Malta* u *Il-Qarċilla* (3.02.2015).

**Taħditiet**

L-Akkademja ssoktat torganizza t-taħditiet minn esperti f'oqsma differenti tal-Malti. Għal ħafna mit-taħditiet kienet mistiedna persuna li ħadet ħsieb tintroduċi l-kelliem. Saru tnax-il taħdita, il-biċċa l-kbira tagħhom f'Dar l-Ewropa, il-Belt, filwaqt li oħrajn saru fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun, fiċ-Ċentru Iżlamiku (il-Moskea), Raħal Ġdid, f'Palazzo Santa Sofia, l-Imdina, fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu, u fil-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, l-Imdina:

Taħdita nru 1 fil-31 ta' Ottubru 2013: "Int kif tlissinha 'jaqraha'?" – Christina Sammut. Introduċa l-Prof. Albert Borg, fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun.

Taħdita nru 2 fil-11 ta' Diċembru 2013: "Il-Grammatika tal-Kunjomijiet Maltin ta' nisel Taljan" – Dr Mario Cassar. Introduċa Dr George Farrugia, fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun.

Taħdita nru 3 fit-23 ta' Jannar 2014: "Il-Versi Għarbin tal-Poeti Medjevali Maltin – ħarsa mill-ġdid" – Prof. Martin Zammit. Introduċa Achille Mizzi, fil-Moskea, iċ-Ċentru Iżlamiku, Raħal Ġdid.

Taħdita nru 4 fit-28 ta' Marzu 2014: "Studju Kritiku fuq il-qari tal-Kantilena" – Prof. Bernard Micallef. Introduċa Trevor Żahra, f'Dar l-Ewropa, il-Belt.

Taħdita nru 5 fis-16 ta' April 2014: "Is-Sorsi Primarji u l-Ħajja ta' Brandano Caxario (u raġuni oħra għala seta' kkopja l-Kantilena)" – Dr Joan Abela. Introduċiet Rita Saliba, f'Palazzo Santa Sofija, l-Imdina.

Taħdita nru 6 fil-15 ta' Mejju 2014: "X'hemm ġdid fil-Ħimjari?" – Prof. Michael Cooperson. Introduċa Achille Mizzi, f'Dar l-Ewropa, il-Belt.

Taħdita nru 7 fid-29 ta' Jannar 2015: "Ir-Rikkezza tad-Djaletti" – Prof. Albert Borg. Introduċa Trevor Żahra, f'Dar l-Ewropa, il-Belt.

Taħdita nru 8 fit-13 ta' Frar 2015: "Il-Karnival Barokk f'Malta: ritwali viżivi, miktuba u mitkellma" – Dr William Zammit. Introduċa Joe Borg, fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu.

Taħdita nru 9 fis-16 ta' Frar 2015: "Il-valur lingwistiku tal-Qrieċel" – Dr Olvin Vella, b'wirja organizzata mill-Akkademja, fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu.

Taħdita nru 10 fis-17 ta' Frar 2015: "Il-Qarċilla – il-ħila letterarja ta' Dun Feliċ Demarco" – Prof. Bernard Micallef, fil-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, l-Imdina.

Taħdita nru 11 fl-24 ta' Marzu 2015: *Deċiżjonijiet 2* – ir-reviżjoni tar-regoli tal-1984 bis-sehem tal-Prof. Albert Borg, il-Prof. Ray Fabri u Dr George

Farrugia, organizzata flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti f'Dar l-Ewropa, il-Belt.

Taħdita nru 12 fis-17 ta' April 2015: "Dun Karm u Caruana Dingli" – Dr Giuseppe Schembri Bonaci, f'Dar l-Ewropa, il-Belt.

Ħajr lis-Sur Brian Buhagiar ta' Dar l-Ewropa, lis-Sinjuri David Agius Muscat, David Muscat u George Mifsud taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu kif ukoll lis-Sur Godwin Vella (Heritage Malta) biex stajna norganizzaw dawn it-taħditiet. Il-biċċa l-kbira tagħhom kellhom attendenza sabiħa u ġew irrekordjati b'mod diġitali għall-posterità fl-arkivju tal-Akkademja.

**Serati mużiko-letterarji kommemorattivi**

L-Akkademja organizzat erba' lejliet mużiko-letterarji ma' entitajiet oħra biex tfakkar lil:

**Dun Karm**

L-Akkademja ħadet sehem fil-korteo ta' Jum Dun Karm li jsir ta' kull sena mill-iskola primarja tal-Furjana sal-mafkar tal-Poeta Nazzjonali (18.10.2013 u 17.10.2014). Din l-attività ġiet organizzata mid-Dipartiment tal-Malti tad-Direttorat tal-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni flimkien mal-Kumitat Festi Nazzjonali.

Fit-18 ta' Ottubru 2013 l-Akkademja organizzat serata mużiko-letterarja f'ġieħ Dun Karm fil-Bibljoteka Nazzjonali flimkien mas-Sur Charles Coleiro flimkien mal-Kumitat Festi Nazzjonali. Fit-23 ta' Ottubru 2014 l-Akkademja ngħaqdet mill-ġdid mal-Kumitat Festi Nazzjonali u organizzat is-serata "Seddaq il-Għaqda fil-Maltin" fil-Palazz ta' Sant'Anton taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta. Fis-27 ta' Ottubru 2014 is-serata saret mill-ġdid mal-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex.

F'għeluq iċ-ċentinarju tal-innu ewkaristiku ta' Dun Karm – *Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema* – l-Akkademja ħadet ħsieb tippubblika tagħrifa fil-folju *Jum il-Mulej* fis-6 ta' Ottubru 2013.

**Kelinu Vella Haber**

Fid-29 ta' Novembru 2013 l-Akkademja organizzat serata f'ġieħ Kelinu Vella Haber f'għeluq il-100 sena minn twelidu, flimkien mal-Ministeru għal Għawdex. Paul P. Borg għamel kummenti bijografiċi permezz ta' PowerPoint u saru żewġ diskorsi ewlenin, wieħed mis-Sur Richard Matrenza fuq il-Moviment tal-Malti u ieħor mis-Sur Patrick Sammut b'rabta mal-kontribut letterarju ta' Kelinu Vella Haber. Il-programm tmexxa minn Lina Brockdorff u Josephine Mahoney u s-serata ntemmet b'diskors mill-Onor. Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. Kelinu ħalliena ftit tal-ġimgħat wara, fit-28 ta' Jannar 2014.

**Karmenu Vassallo**

F'għeluq il-100 sena mit-twelid ta' Karmenu Vassallo, l-Akkademja organizzat serata mużiko-letterarja mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Kastilja fit-30 ta' Jannar 2014, u kienet fi ħsieb kumitat organizzattiv magħmul minn Dr George Farrugia, Joe Borg, Marcel Zammit Marmarà, Mro Dominic Galea u Josette Ciappara flimkien mal-atturi tagħha. Is-serata bdiet b'diskors qasir minn Dr George Farrugia u segwiet b'apprezzament viżwali mħejji minn Marcel Zammit Marmarà, filmat mill-arkivji tal-PBS tal-Prof. Joe Friggieri jintervista lill-poeta, diskors kommemorattiv dwar il-leitmotif ta' Karmenu Vassallo mill-Prof. Oliver Friggieri u drammatizzazzjoni ta' poeżiji minn atturi taħt id-direzzjoni ta' Josette Ciappara. Kienet imżewqa wkoll b'mużika ta' Mro Dominic Galea u kant ta' Corazon Mizzi u Doreen Galea. Is-serata ntemmet b'diskors mill-Prim Ministru Dr Joseph Muscat.

**Ġużè Chetcuti**

Kumitat ieħor magħmul minn Dr George Farrugia, Joe Borg, Saviour Camilleri, Rita Saliba (għall-Akkademja) u Carmel Magro, Salv Sammut u Charles Mifsud (għall-Għaqda Poeti Maltin) ħa ħsieb jorganizza serata f'ġieħ Ġużè Chetcuti, li saret fir-Razzett tal-Markiż, il-Mosta nhar l-1 ta' Awwissu 2014. Għal din it-tifkira onorana mhux biss bil-preżenza imma wkoll bis-sehem tiegħu Mons. Victor Grech, qarib ta' Ġużè Chetcuti, li qasam mal-udjenza t-tifkiriet tiegħu. Is-serata ta' tifkira kienet imżewqa bil-proża u bil-poeżija ta' Ġużè Chetcuti

u bis-sehem tal-kantawtur Walter Micallef. Saru diskorsi kommemorattivi minn Patrick Sammut u l-Prof. Oliver Friggieri, u fost il-qarrejja kien hemm Salv Sammut, Yana Psaila, Carmel Bianchi, Dr George Farrugia, Rita Saliba, Joe Borg, Saviour Camilleri, Jane Micallef, Charles Mifsud u Theresa Pace.

**Konferenza Mikiel Anton Vassalli – 250 sena minn twelidu**

Għall-250 anniversarju mit-twelid ta' Mikiel Anton Vassalli l-Akkademja ħasbet għal konferenza bil-ħsieb li l-kontribuzzjonijiet li jidħlu jiġu ppubblikati u jkomplu jkabbru r-riċerka fuq Missier l-Ilsien Malti. It-tħejjijiet bdew kmieni f'Lulju 2014 u għall-ewwel l-intenzjoni kienet li ssir konferenza waħda. Kienet fi ħsieb Olvin Vella, David Agius Muscat, Joe Borg u Trevor Żahra, li b'sorpriża għalihom, ir-riċerka u kontribuzzjonijiet li daħlu wasslu biex ġew organizzati żewġ konferenzi: l-ewwel waħda saret fit-3 ta' Diċembru 2014 u t-tieni waħda saret fis-7 ta' Jannar 2015, it-tnejn f'Dar l-Ewropa.

Fl-ewwel parti, li tmexxiet minn Dr George Farrugia, kellna kontribuzzjonijiet minn Dr Giovanni Bonello, Karmenu Bonavia, Dr Mario Cassar, Mons. Ġwann Azzopardi, David Agius Muscat, Olvin Vella, Dr William Zammit u l-Prof. Frans Ciappara.

It-tieni parti tmexxiet minn Rita Saliba u ħadu sehem Dr Stefano Zammit, il-Prof. Richard Spiteri, Liam Gauci, Dr Charles Xuereb, il-Prof. Horatio C. R. Vella, Dr Albert Ganado, Dr Robert Thake u għalaqha Victor Fenech.

Matul l-ewwel parti tal-konferenza ġew preżentati *L-Avukat Giuseppe Elia Pace (1742-1820): Ħabib ta' M. A. Vassalli f'Ruma* ta' Karmenu Bonavia u *Minn Fomm Vassalli* ta' David Agius Muscat u Olvin Vella. *Il-Prefazju Storiku tal-Mylsen Feniċju-Puniku* tal-Prof. Horatio C. R. Vella tnieda fit-tieni parti.

**Tnedijiet ta' kotba oħra**

Minbarra t-tnedijiet li saru waqt iż-żewġ konferenzi f'ġieħ Vassalli, l-Akkademja nidiet żewġ kotba oħra: it-tielet u l-aħħar volum fis-sensiela *In-Nisġa tal-Ħsieb* tal-Prof. Joe Friggieri fit-13 ta' Ġunju 2014, li ħa l-forma ta' intervista mill-Prof. Manwel Mifsud u Olvin Vella f'Dar l-Ewropa. Wara saret bibita fid-daħla tal-Università l-Qadima, fejn sar ukoll il-bejgħ tal-ktieb. Saret ukoll it-tnedija ta' *Malta Poema Viżiva* ta' Victor Fenech bil-għajnuna tal-Kunsill

Malti għall-Arti flimkien ma' Poeżijaplus u bil-parteċipazzjoni tal-awtur ma' Kit Azzopardi, Vince Fabri, Rita Pace, Joe Galea u Leanne Ellul. L-attività saret fis-sede tal-Kunsill Malti għall-Arti, Casa Scaglia, Triq Mikiel Anton Vassalli, il-Belt.

**Nwar – programm imxandar minn Radju Malta 1**

Fuq inizjattiva ta' Victor Fenech l-Akkademja bdiet tieħu sehem fil-programm popolari *Nwar* ta' Susanne Mulvaney kull nhar ta' Ġimgħa fuq Radju Malta 1 (7.00 p.m. – 7.45 p.m.). F'dan il-programm ħadna ħsieb nistiednu lill-membri tagħna biex jiġu intervistati u hekk nagħtu pubbliċità lilhom u lill-kotba tagħhom. Bdejna nieħdu sehem mill-programm li xxandar fit-3 ta' Ottubru 2014, u sas-26 ta' Ġunju 2015 irreġistrajna 38 programm fi tliet skedi ta' 13-il programm kull waħda:
Olvin Vella – 250 sena mit-twelid ta' Vassalli
l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici – It-tifkiriet tal-gwerra
Ġorġ Borg – Il-bidliet fix-xejra tal-poeżija minn dik tradizzjonali
Prof. Albert Borg – Id-djaletti
Phyllis Debono u Claire Zerafa – It-tagħlim tal-Malti
Rita Saliba – Il-kotba tat-tfal u l-adolexxenti
Prof. Oliver Friggieri – Il-ġrajja tal-Innu Malti
Dr George Farrugia – Il-prinċipji tal-ortografija fil-Malti
Dr George Farrugia – L-aġġornament tal-ortografija
Joe Borg – Il-75 sena mill-mewt ta' Ġużè Bonnici
Toni Cortis – Il-produzzjoni tal-kotba
Prof. Ray Fabri u Thomas Pace – Il-kors tal-qari tal-provi
Karmenu Bonavia – Inxandru lil Vassalli bil-kotba u l-wirjiet
Trevor Żahra – Il-bidu u l-iżvilupp tal-letteratura tat-tfal f'pajjiżna
Prof. Rena Balzan – Il-karriera letterarja tagħha
Lina Brockdorff – Il-karriera letterarja tagħha
Charles Casha – Il-karriera letterarja tiegħu
Dr Bernard Micallef u Conrad Fenech – Il-Qarċilla tal-1760
Trevor Żahra u Joe Galea – Il-Qarċilla din il-ġimgħa
Prof. Joe Friggieri – *In-Nisġa tal-Ħsieb*
Prof. Albert Borg u Dr George Farrugia – Il-kliem ta' nisel Ingliż – kif se niktbuh?
Carmel Bezzina – Saydon

Marcel Zammit Marmarà – Karmenu Vassallo
Carmel G. Cauchi – Il-karriera letterarja tiegħu
Paul P. Borg – Il-karriera letterarja tiegħu
Prof. Manwel Mifsud – *Ikun li trid Int*
John Bonello – Il-kotba tal-fantaxjenza bil-Malti
Bertram Portelli – Awtur żagħżugħ b'rumanz ġdid għaż-żgħażagħ
Salv Sammut – Il-pubblikazzjonijiet tiegħu u sehmu fl-għaqdiet letterarji
Marlene Mifsud Chircop – L-għana fil-folklor Malti
President Emeritu Dr Ugo Mifsud Bonnici – *Il-Politika tal-Konvinzjoni* – esperjenza ta' politiku
Dr Josette Attard – L-estetika letterarja u l-ħajku
Ġużi Gatt – It-tradizzjonijiet, l-oriġini ta' kliem ta' snajja' Maltin
Michael Cini – *Preżenza* – l-ewwel pubblikazzjoni tiegħu
Dr William Zammit – Il-Karnival Barokk ta' Malta
Carlston Grima – It-terminoloġija tal-piroteknika
Leanne Ellul – Il-kitba tad-drammi u l-Konkors Letterarju għaż-Żgħażagħ
Clifford Jo Żahra – Juann Mamo

Il-koordinazzjoni tal-programm kienet fi ħsieb Olvin Vella, Joe Borg u Rita Saliba, u fihom ħadu sehem madwar 40 awtur. Din is-sensiela ngħatat il-pubbliċità li jixirqilha fil-Facebook tal-Akkademja u kull mistieden ingħata promozzjoni qabel kull xandira.

### Membri ġodda u ħatra ta' membri onorarji

Matul dawn is-sentejn issieħbu magħna rekord ta' 36 membru ġdid, ħafna minnhom gradwati fost l-oħrajn biċ-Ċertifikat tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti, kif ukoll awturi. Il-Kunsill ħatar bħala membri onorarji lis-Sinjuri Karmenu Bonavia u lil Toni Cortis, b'apprezzament għax-xogħol u r-riċerka tagħhom.

### Il-Facebook, is-sit elettroniku u l-korrispondenza elettronika

Minbarra ċ-ċirkularijiet bil-posta regolari l-Akkademja baqgħet tieħu ħsieb tavża u tibgħat l-informazzjoni lill-membri tagħha permezz tal-emails u l-paġna tagħha fil-Facebook, li sal-lum irreġistrat 2,243 like filwaqt li żaruha

3,407 persuni. Din qed isservi mhux biss ta' kuntatt kontinwu imma wkoll ta' vetrina għall-attivitajiet tagħna. Trevor Żahra ħa ħsieb iżomm din il-paġna dejjem attraenti u interessanti.

F'Novembru 2013 u f'Diċembru 2014 is-sit elettroniku mħaddem mill-Alert ġie aġġornat minn Thomas Pace, Rita Saliba, Joe Borg u Trevor Żahra.

Fil-laqgħa tat-30 ta' April 2015 Claire Zerafa nħatret biex tibni u tfassal sit elettroniku ġdid mill-pjattaforma tal-Wordpress u jkun taħt il-kura tagħha. Għaldaqstant beda t-trasferiment tat-tagħrif kollu mis-sit tal-Alert għas-sit elettroniku l-ġdid fid-dominju tal-Wordpress u l-indirizz elettroniku l-ġdid huwa: https://akkademjatalmalti.wordpress.com/

Permezz ta' email kważi kull xahar, minn Diċembru 2013 sa Ottubru 2014 ħadna ħsieb naġġornaw lill-membri b'kalendarju kulturali, bil-ħsieb li filwaqt li nkunu qed navżaw l-attivitajiet titnaqqas il-possibiltà li dawn jidħlu f'xulxin. Il-kalendarju kulturali kien fi ħsieb Saviour Camilleri u s-Segretarju.

**Posters bl-Innu Malti għall-iskejjel primarji u sekondarji**

Bil-ħsieb li l-Innu Malti fl-iskejjel tal-Gvern u tal-Knisja jkun aktar preżenti anke viżwalment, l-Akkademja u l-Ministeru tal-Edukazzjoni stampaw żewġ posters bl-Innu Malti, wieħed għall-klassijiet kollha fl-iskejjel primarji u ieħor għal kull blokk fl-iskejjel sekondarji. L-Akkademja daħlet għall-ispiża ta' 700 poster għall-primarji u 500 għas-sekondarji filwaqt li l-Ministeru tal-Edukazzjoni ħa ħsieb jistampa 1,500 għall-klassijiet tal-primarja. Id-disinn ta' dawn il-posters kien fi ħsieb Victor Fenech u Trevor Żahra, u tlestew f'Settembru 2014 u bdew jitqassmu mix-xahar ta' wara mill-Uffiċċju tal-Ispetturi tal-Malti.

**Dar Doreen Micallef – is-sede l-ġdida tal-Akkademja**

Nhar is-27 ta' Settembru 2013 sar il-ġarr tal-bqija tal-arkivju minn Palazzo Carafa għal Dar Doreen Micallef, fil-preżenza ta' David Agius Muscat, Joe Borg u Olvin Vella. Tkompla xi xogħol ta' rinovazzjoni fis-sede tal-Akkademja u fost ħwejjeġ oħra, bil-għajnuna ta' Phyllis Debono u Rita Saliba, f'Lulju 2014 il-post ġie mżejjen bil-purtieri.

Proġett ieħor fi ħsieb is-Segretarju u Toni Cortis kien li jinġabru u jiġu inkwadrati r-ritratti tal-Presidenti tal-Akkademja. Ir-ritratt ta' Patri Joseph

Ghigo nkiseb mill-Provinċjal tal-Ġiżwiti fin-Naxxar u r-ritratt tal-Prof. Ġużè Galea nkiseb mingħand is-Sa Marguerite Herrera, Tas-Sliema. Ġie wkoll restawrat l-inkwatru ta' Dun Karm u tqiegħed ritratt ġdid aktar dekoruż tal-Poeta Nazzjonali. L-inkwatri ġew preżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-23.09.2014.

Iż-żewġ posters bl-Innu Malti ġew inkwadrati minn Rita Saliba biex jinżammu f'Dar Doreen Micallef. Dr George Farrugia u Phyllis Debono ħadu ħsieb iqassmu kopji ta' *Il-Malti* u pubblikazzjonijiet oħra tal-Akkademja mis-snin l-imgħoddija lill-għalliema u lill-istudenti tal-kors tal-qari tal-provi.

**L-emblema tal-Akkademja**

Fuq inizjattiva tal-President ittieħed ritratt diġitali tal-emblema tal-Akkademja mill-pittura oriġinali mill-fotografu Joseph P. Borg ta' Ħaż-Żebbuġ. L-aħħar irtokki diġitali saru għand l-Outlook u b'hekk twarrbu l-ineżattezzi li kellna fl-emblema diġitali ta' qabel.

**"Malta, ġrajja kbira ta' gżira nazzjon żgħir f'mitt oġġett"**

L-Akkademja ħadet sehem fil-wirja li saret minn Heritage Malta fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Belt, bil-kartellun tal-"Kunċert Malti" tat-3 ta' Frar 1923, li nstab minn David Agius Muscat waqt ir-riċerka tiegħu fuq l-arkivju tal-Akkademja. Dan il-kartellun għandu rabta speċjali mal-Innu Malti u dehret riċerka fuqu kemm fil-ktieb *Studji Dunkarmjani* (2011) kif ukoll fil-ktieb tal-Prof. Oliver Friggieri *L-Istorja tal-Innu Malti – kif sar u xi jfisser* (2014). Il-wirja kienet miftuħa għall-pubbliku bejn Marzu 2014 u Frar 2015. Il-Kunsill kien mistieden iżur din il-wirja fit-30 ta' Ġunju 2014 u kien iggwidat mis-Sa Sharon Sultana ta' Heritage Malta.

**Attivitajiet u ħidma oħra**

**Żjara ta' kortesija lill-President ta' Malta**

Il-Kunsill għamel żjara ta' kortesija lill-President ta' Malta l-E. T. Marie-Louise Coleiro Preca nhar il-25 ta' Awwissu 2014 fil-Palazz, il-Belt u ġew ippreżentati

l-aħħar pubblikazzjonijiet ta' *Il-Malti*. Minbarra d-diskussjoni fuq il-qagħda tal-Malti tfassal pjan ta' ħidma fuq il-kant tal-Innu Malti fl-iskejjel. Il-President fissret l-impenn tagħha biex issir promozzjoni lill-Innu Malti u l-Uffiċċju tal-President ta' Malta stampa werrejja bl-Innu Malti, li wara li għaddiet mill-iskrutinju tal-Kunsill bdiet titqassam lill-istudenti kollha waqt iż-żjarat tal-President ta' Malta fl-iskejjel. Il-President ta' Malta stiednet lill-Akkademja biex jissoktaw is-serati kommemorattivi fil-palazzi taħt il-patroċinju tagħha u nkomplu nibnu l-librerija Maltija fil-Palazz ta' Sant'Anton, mibdija fi żmien il-President Emeritu Dr George Abela.

**Il-Malti bħala rekwiżit għall-eżami tal-Matsec**

Fit-3 ta' Diċembru 2013 saret laqgħa dwar il-letteratura Maltija fit-tagħlim tas-sekondarja fl-Istitut tal-Mediterran, li attendew għaliha l-biċċa l-kbira tal-entitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-Malti. Għal din il-laqgħa kienu preżenti d-Direttur Grace Grima u l-Prof. Frank J. Ventura. Laqgħa konġunta oħra saret fil-5 ta' Lulju 2015 mad-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta flimkien mal-Kunsill tal-Malti. Din il-laqgħa tqanqlet wara li ssemmiet il-proposta li l-letteratura Maltija tinqata' f'sillabu u eżami għalihom.

**Laqgħa mal-pubblikaturi**

Billi hi fil-qrib, u l-bidla tar-regola tolqot lill-pubblikaturi, speċjalment dawk li għandhom il-kotba mxerrdin fl-iskejjel, l-Akkademja ħadet ħsieb torganizza laqgħa għall-pubblikaturi li jippubblikaw bil-Malti biex tiddiskuti magħhom ir-reviżjoni tar-regoli dwar il-kitba tal-kliem Malti ta' nisel Ingliż. F'din il-laqgħa ġie diskuss kif l-aħjar għandha tidħol fis-seħħ din ir-regola, u kemm għandhom jgħoddu s-snin ta' tranżizzjoni biex ikun hemm passaġġ bla dannu għall-investiment tal-pubblikaturi. Fir-regoli tal-2008 kien hemm perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin imma xi wħud ħassewh qasir. Il-laqgħa saret nhar it-22 ta' April 2015 u attendew rappreżentanti tal-BDL, Merlin Library, DOM u kienu preżenti wkoll il-Prof. Ray Fabri u Thomas Pace għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

**Tislima lil dawk li ħallewna matul is-sentejn li għaddew**

Is-Segretarju flimkien ma' Victor Fenech irrappreżentaw lill-Akkademja fil-funerali ta' Anton Cassar (2.07.2014) u Lino Spiteri (14.11.2014), li kienu membri fl-Akkademja, u nxtraw kuruni għall-korteo. Is-Segretarju kien preżenti wkoll għall-aħħar tislima lil Louisette Briffa (mart Rużar Briffa – 29.08.2014) u l-Prof. Godfrey Wettinger (27.05.2015). Ingħataw tislima xierqa wkoll permezz tal-Facebook.

**Il-Kantilena fir-Reġistru Internazzjonali tal-Memorja tad-Dinja bħala Wirt Dinji mill-UNESCO**

Bl-inizjattiva tal-Akkademja u bl-appoġġ ta' entitajiet bħall-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, id-Dipartiment tal-Malti, l-Istitut tal-Lingwistika tal-Università ta' Malta, il-Kunsill għar-Riżorsi tal-Arkivju Notarili flimkien mal-Għaqda tal-Istorja, ġiet approvata b'mod unanimu l-applikazzjoni tal-Kantilena għat-titlu ta' Wirt Dinji u biex titniżżel fir-Reġistru Internazzjonali tal-Memorja tad-Dinja bħala Wirt Dinji. Il-Kantilena kienet ukoll fost il-mitt esebit fil-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt, li mmarkaw l-aktar mumenti importanti fl-istorja ta' Malta. Il-preżentazzjoni saret lill-UNESCO fil-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt fil-21 ta' Marzu 2014.

**Ritratti diġitali ta' *Il-Malti***

Is-Sur William Thierens kompla l-proġett tal-diġitalizzazzjoni tal-ħarġiet kollha ta' *Il-Malti* u kienu aċċessibbli għal kulħadd minn sit elettroniku. Is-Segretarju kellu tliet laqgħat mas-Sur Thierens, li fihom għadda l-kopji ta' *Il-Malti* mill-arkivju għal dan il-proġett u wara ġew irritornati. Dawn kienu jkopru s-snin 1951-1963 u 1964-1973, u għalhekk jonqos xi volumi oħra biex jingħalaq dan il-proġett.

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb**

L-Akkademja kellha tliet laqgħat mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (fit-30 t'Ottubru 2014 fl-uffiċċju tal-KNK, fid-19 ta' Diċembru 2014 f'Dar Doreen

Micallef u fil-11 ta' Ġunju 2015 fl-uffiċċju tal-KNK, fil-Librerija Pubblika, il-Furjana). F'dawn il-laqgħat ġiet diskussa l-possibiltà li l-Akkademja tieħu sehem fil-Festival tal-Ktieb.

**Żjara ta' studenti mill-Kulleġġ San Tumas More lil Dar Doreen Micallef**

Fit-23 ta' April 2015 saret żjara edukattiva minn studenti mill-Iskola Sekondarja tas-Subien tal-Kulleġġ San Tumas More bit-titlu "Mixjet il-Malti – minn Caxaro sa Aquilina" u kienet tinkludi żjara lill-Bibljoteka Nazzjonali, lill-Arkivju Notarili u Dar Doreen Micallef. Iż-żjara saret fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb u ħa ħsieb jorganizzaha s-Sur Joseph Buttigieg ma' għalliema oħra, flimkien mas-Sur George Mifsud, l-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti.

**Villa Frere**

Fid-29 ta' Marzu 2015 delegazzjoni magħmula minn Olvin Vella, Joe Borg, Victor Fenech u Rita Saliba ħadet sehem fi żjara li saret lil Villa Frere bil-ħsieb li aktar 'il quddiem norganizzaw attività hemmhekk mal-Ħbieb ta' Villa Frere.

**Żjara lill-Arkivju Nazzjonali ta' Santu Spirtu, ir-Rabat**

Fit-2 ta' Lulju 2015 Rita Saliba ħadet ħsieb torganizza żjara lill-Arkivju Nazzjonali ta' Santu Spirtu, ir-Rabat. Il-Kunsill kien iggwidat mis-Sur Charles J. Farrugia, l-Arkivista Nazzjonali.

**Għajnuna finanzjarja**

L-Akkademja sponsorjat is-CD *Moħġaġa* tal-Mro Dominic Galea – xogħol mużikali li jsegwi d-diski kompatti *Ommi*, *Għanja* (poeżiji ta' Dun Karm), *Karba* (poeżiji ta' Ružar Briffa) u *Nirien* (poeżiji ta' Karmenu Vassallo) u jservi ta' opportunità biex il-letteratura tasal f'forma dejjem aktar popolari.

L-Akkademja ħarġet ukoll l-ispejjeż għall-istampar tal-istatut tal-Għaqda tal-Malti – Università.

**Ir-reġistrazzjoni tal-Akkademja mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji**

Fit-12 ta' Frar 2014 l-Akkademja ressqet it-talba tagħha mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji biex tiġi reġistrata bħala NGO. Dan l-għarfien huwa meħtieġ u importanti biex tkun tista' tikseb il-fondi mill-UE għall-proġetti tagħha. Wara l-iskrutinju tal-applikazzjoni, il-Kummissarju sab li kollox kien konformi mal-liġi ħlief l-artiklu 5.8.1 tal-istatut li jgħid li l-Laqgħa Ġenerali tissejjaħ kull sentejn. L-Akkademja tkun eliġibbli biex tissieħeb bħala NGO wara li ssir emenda li biha tintrabat fl-istatut tagħha li ssir laqgħa ġenerali darba fis-sena u fiha jiġu approvati r-Rapport Amministrattiv u r-Rapport Finanzjarju mill-membri.

**Bust ifakkar lil Kilin**

L-Akkademja bdiet ħidma mal-qraba ta' Kilin (Michael Spiteri) biex jitwaqqaf bust fir-Rabat f'ġieħu. Fl-4 ta' Settembru 2014 saret talba lill-Fond għall-Kawżi Ġusti biex jinkisbu l-fondi meħtieġa u ġiet approvata s-somma ta' €2,000. Dakinhar tal-kxif tal-bust għandu wkoll jitnieda l-ktieb *Tinsiex, Publius, Tinsiex* maqlub għall-Ingliż mill-awtur innifsu.

**Korrispondenza importanti**

Matul dawn is-sentejn il-Kunsill ilmenta kemm-il darba mal-awtoritajiet kull fejn ra l-Malti jitwarrab, fost l-oħrajn: mal-PBS wara d-deċiżjoni li ma jixxandarx il-kummentarju tal-partiti tat-Tazza tad-Dinja bl-ilsien Malti; mal-President ta' Malta għax kienet tistona li matul il-quddiesa tal-Milied ta' nofsillejl, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-kant sar kważi kollu bl-Ingliż; mal-awtoritajiet (inkluż Nng Promotions) biex fil-kunċerti ta' Joseph Calleja tinstema' l-lirika Maltija u ġie mgħarraf il-Kumitat Tekniku għall-Malti fil-Mużika u l-Ispettaklu dwar dan; tqanqlet reazzjoni fil-ġurnali b'rabta mad-*Dokument ta' Konsultazzjoni* li ħareġ il-Ministeru tal-Edukazzjoni fl-4 ta' Lulju 2015 u ftit tal-jiem wara għaddiet korrispondenza mal-Ministru tal-Edukazzjoni bl-oġġezzjonijiet fuq l-istess dokument u fost affarijiet oħra l-Akkademja għamlitha ċara 'li hija tassew ironija li waqt li d-Dokument jisħaq li l-Malti "huwa aspett ewlieni

fl-identità Maltija u jisħoqqlu jiġi ttrattat b'rispett u protett kif mistħoqq", l-istess Dokument jinkludi argumenti sorpassati, fih bosta ineżattezzi u kien varat b'bosta żbalji ortografiċi'.

Ittra oħra ntbagħtet lill-Qrati tal-Ġustizzja biex il-Bibbja li jaħilfu fuqha l-Maltin tkun bil-Malti u biex fil-filmati tal-aħbarijiet mill-qorti tidher il-Bibbja bil-Malti wkoll u mhux il-Qoran u Bibbja bl-Ingliż biss.

F'korrispondenza oħra mal-Ministeru tal-Edukazzjoni tressqet il-proposta biex il-kulleġġi jissemmew għal Maltin magħrufa, u f'ittra lill-Kurja l-Akkademja fissret ir-rikonoxximent tagħha lill-Kap u 'l-għalliema tal-Kulleġġ San Elija għas-senjaletika bil-Malti li qed tintuża fil-bini tal-iskola tagħhom.

## Kotba għal-librerija tal-Akkademja tal-Malti

Il-membri li jibagħtu kopja/i tal-pubblikazzjoni/ijiet tagħhom għal-librerija tal-Akkademja bdew jingħataw prominenza fil-paġna tal-Akkademja fuq Facebook u kull ktieb għal-librerija f'Dar Doreen Micallef jiġi reġistrat u jitniżżel fis-sit tal-Akkademja.

## Il-lapida f'ġieħ Rużar Briffa fil-Barrakka ta' Fuq

Kienet ukoll fl-aġenda r-riallokazzjoni tal-lapida f'ġieħ Rużar Briffa fil-Barrakka ta' Fuq biex terġa' titqiegħed fil-post oriġinali tagħha – proġett bi sħab mal-Għaqda tal-Malti – Università. Għaddiet korrispondenza mal-Kunsill Lokali tal-Belt, mal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, mal-MEPA u finalment mal-Perit Mireille Fsadni (World Heritage Site Manager tal-Belt Valletta). Nhar is-6 ta' Awwissu 2015 Trevor Żahra, Victor Fenech u s-Segretarju kellhom laqgħa fuq il-post mal-Perit Wendy Jo Attard, fejn ġiet eżaminata l-plakka li kienet twaħħlet mill-Moviment Qawmien Letterarju fl-1972 u kien diskuss x'jeħtieġ li jsir biex din titqiegħed fil-post oriġinali tagħha.

F'ħidma oħra mad-Dipartiment tal-Malti tal-Università u mal-Għaqda tal-Malti – Università, l-Akkademja ħabirket biex titqiegħed lapida kommemorattiva f'ġieħ Ġan Anton Vassallo fil-Knisja tal-Karmnu, il-Belt, fejn jinsab midfun. Il-lapida oriġinali jidher li ntilfet waqt li kien qed isir xogħol ta' restawr. Tressaq rikors lill-Kurja u sa issa nkiseb il-permess meħtieġ.

F’dawn is-snin l-Akkademja tal-Malti ngħaqdet ma’ numru ta’ entitajiet f’appoġġ finanzjarju għall-pubblikazzjoni tad-*Damma tal-Kliem Kartaġiniż imxerred fil-Fomm tal-Maltin u Għawdxin* tal-Kan. Ġan Franġisk Agius de Soldanis – traskrizzjoni ta’ Rosabelle Carabott u Joanne Trevisan, riveduta u editjata minn Rosabelle Carabott taħt id-direzzjoni ta’ Dr Olvin Vella, b’disinn u fotografija ta’ Daniel Cilia.

# IL-MALTI

## LINJI GWIDA
## GĦALL-EDITURI U L-BORDIJIET EDITORJALI

**Nota:**
L-istatut tal-Akkademja tal-Malti jirreferi għal *Il-Malti* bħala l-pubblikazzjoni uffiċjali tagħha tliet darbiet kif ġej:

1.9 (L-Akkademja) tippubblika kull sena l-perjodiku uffiċjali *Il-Malti*;

6.9 (Il-Kunsill) jaħtar mhux inqas minn erba' (4) membri biex jiffurmaw il-Bord Editorjali tal-perjodiku *Il-Malti*, li l-editur tiegħu jkun minn fost il-membri tal-Kunsill u l-amministratur tiegħu jkun it-Teżorier;

6.20.6 (It-Teżorier) jamministra l-bejgħ tal-perjodiku *Il-Malti*, billi jieħu ħsieb il-kontijiet kollha marbuta miegħu;

**Linji Gwida:**

1. Huwa l-Kunsill, permezz tas-Segretarju, li jieħu ħsieb javża li qed jintlaqgħu kitbiet letterarji u/jew akkademiċi biex jiġu ppubblikati f'*Il-Malti* u tingħata data ta' skadenza sa meta dawn ikunu jistgħu jiġu sottomessi. Ma tintlaqa' l-ebda kitba wara li tagħlaq id-data ta' skadenza.

2. Fl-għażla tal-kitbiet, l-ewwel preferenza għandha dejjem tingħata lill-imsieħba tal-Akkademja aġġornati fil-miżata tagħhom. Il-Bord Editorjali jista' jagħżel li jippubblika xogħlijiet ta' persuni li mhumiex membri tal-Akkademja imma dejjem tingħata preċedenza lill-imsieħba sakemm xogħolhom ikun tal-livell mixtieq.

3. Is-sottomissjonijiet li jiġu magħżula mill-Bord Editorjali jridu jkunu oriġinali u qatt ma dehru stampati qabel.

4. Persuna ma tistax tissottometti kitba tagħha biex tidher f'ħarġa ta' *Il-Malti* jekk din l-istess persuna tkun tifforma parti mill-istess Bord Editorjali ta' *Il-Malti*.

5. Huwa l-Kunsill tal-Akkademja li jaħtar il-Bord Editorjali, li jkun magħmul minn Editur/Editriċi flimkien ma' erba' membri oħra.

6. Il-Kunsill jaħtar, minn fost il-membri tiegħu, Amministratur/Amministratriċi li ma jkunx/tkunx se jissottometti/tissottometti xogħol għall-ħarġa akkademika/letterarja ta' *Il-Malti*.

7. L-Amministratur/Amministratriċi jirċievi/tirċievi s-sottomissjonijiet u jippreżentahom/tippreżentahom b'mod anonimu lill-Editur/Editriċi tal-ħarġa. L-Editur/Editriċi jgħaddi/tgħaddi dawn is-sottomissjonijiet lill-membri tal-Bord Editorjali b'mod anonimu wkoll.

8. Hu fid-diskrezzjoni tal-Editur/Editriċi kif jitqassam ix-xogħol bejn il-membri tal-Bord Editorjali ta' *Il-Malti* għall-iskrutinju tagħhom.

9. Għandha tingħata kunsiderazzjoni li x-xogħol jiġi eżaminat minn espert/i fil-qasam ta' studju jew ġeneru letterarju li jkun.

10. Tingħata data ta' skadenza għall-iskrutinju tax-xogħlijiet sottomessi bi qbil mal-membri tal-Bord Editorjali.

11. Il-Bord Editorjali għandu jżomm kull deċiżjoni u kull osservazzjoni fuq is-sottomissjonijiet b'mod kunfidenzjali u bi professjonalità.

12. Mill-ħarġa LXXVI (is-76 sena) tal-2005 *Il-Malti* beda jalterna bejn ħarġa letterarja u ħarġa akkademika.

13. B'ħarġa letterarja nifhmu li l-Editur/Editriċi flimkien mal-Bord Editorjali maħtur għaliha jagħżel/tagħżel xogħlijiet mill-kontribuzzjonijiet sottomessi li jkunu poeżiji, poeproża, proża, esejs u traduzzjonijiet. Ara l-ħarġiet letterarji ta' *Il-Malti* għas-snin 2005 (LXXVI), 2006, 2008, 2012, 2014, 2016, 2018 bħala eżempji.

14. B'ħarġa akkademika nifhmu li l-Editur/Editriċi flimkien mal-Bord Editorjali maħtur għaliha jagħżel/tagħżel studji mill-kontribuzzjonijiet li jkunu sottomessi li jistgħu jinkludu diskorsi, kritika letterarja, storja tal-lingwa, lingwistika, folklor, nekroloġija u kronaka tal-Akkademja. Ara *Il-Malti* għas-snin 2005 (LXXVII), 2007, 2011, 2013, 2015, 2017 bħala eżempji.

15. Il-Kunsill jista' jagħżel li joħroġ *Il-Malti* bħala ħarġa speċjali li tkun dedikata jew kommemorattiva f'ġieħ poeta jew awtur. Ħarġa speċjali tista' tkun ċelebrattiva u tfakkar fatt jew ġrajja importanti marbuta mal-ilsien u l-letteratura Maltija jew tispeċjalizza fuq tema jew qasam ta' studju. Ħarġa speċjali tista' tinkludi fiha materjal li deher stampat diġà, sakemm din tkun qed tidher bil-permess tal-awtur jew tkun fid-dominju pubbliku. F'ħarġa speċjali l-Editur/l-Editriċi u l-Bord Editorjali jistgħu jikkontribwixxu bil-kitbiet tagħhom. Ara *Il-Malti* – Żjieda mat-Tagħrif (1984); *Anton Buttigieg* (1986); *Dun Karm – għeluq il-25 sena mill-mewt tiegħu* (1986); *Karmenu Vassallo* (1988); *Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1992); *Xogħlijiet magħżula ta' Ġużè Gatt* (2010); *Ta' Barra Minn Hawn: Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija* (2011); *Studji marbutin ma' testi qodma* (2014) bħala eżempji.

16. Il-Kumitat, bi qbil mal-Editur/Editriċi, għandu jara li l-Bord Editorjali, kemm jista' jkun, ikun magħmul jew jinkludi fih persuni kkwalifikati mill-inqas b'MA fil-Malti u/jew li jkunu speċjalizzaw f'oqsma marbutin mat-tema/i magħżula għal dik il-ħarġa jew edizzjoni partikolari ta' *Il-Malti*.

17. Il-Kumitat, bi qbil mal-Editur/Editriċi tal-ħarġa li tkun, għandu jagħżel qarrej tal-provi tal-Malti kkwalifikat u b'esperjenza biex jeżamina u jikkoreġi l-kitbiet kollha sottomessi u l-bqija tal-kontenut, inkluż il-qoxra, l-editorjali u l-werrej.

18. Il-Bord Editorjali għandu jikkonferma lil kull kontributur li rċieva s-sottomissjoni/jiet tiegħu jew tagħha għall-ħarġa li jkun maħtur għaliha.

19. Il-Bord Editorjali, permezz tal-Amministratur/Amministratriċi maħtur/a mill-Bord Editorjali, għandu jgħarraf lil dawk kollha li ssottomettew ix-xogħol, jekk xogħolhom hux se jkun ippubblikat jew le u d-deċiżjoni tal-Bord Editorjali tkun finali. Il-Bord mhux mistenni li jagħti raġunijiet u ġustifikazzjonijiet għall-għażliet li jagħmel.

20. Fejn tidħol il-poeżija, il-Bord għandu jagħżel sa żewġ xogħlijiet tal-istess awtur għall-istess ħarġa. Fejn tidħol il-proża, il-Bord jista' jagħżel sa xogħol wieħed biss, sakemm ma jkunx qasir ħafna (mikrostorja). F'dak il-każ, jistgħu jintgħażlu sa tnejn ukoll.

21. Il-kontributur jista' jintalab jemenda jew jeditja xogħlu skont il-parir tal-Bord Editorjali. Fil-każ li l-awtur jirrifjuta li jagħmel dan, il-Bord iżomm id-dritt li jirtira x-xogħol.

22. Il-Bord Editorjali jieħu ħsieb jippreżenta l-kitbiet magħżula lill-kontributuri li ssottomettewhom qabel ma l-ħarġa partikolari tmur għall-istampa u għandu jippubblikahom wara li jingħata l-konferma mill-kontributuri saż-żmien stipulat mill-Editur/Bord Editorjali.

23. Jekk il-livell tal-kontribuzzjonijiet ma jilħaqx il-livell mistenni, il-Bord jista' jeddeċiedi li jiftaħ l-applikazzjonijiet mill-ġdid, u anki jistieden awturi stabbiliti biex jikkontribwixxu b'invit personali.

24. Jekk il-membri tal-Bord ma jaqblux fuq il-mertu ta' xi xogħol partikolari, l-aħħar kelma tkun tal-Editur/Editriċi, li f'dal-każ jagħmilha/tagħmilha ta' arbitru.

25. L-Editur/Editriċi għandu/għandha jħejji/tħejji rapport qasir li jinkludi (1) l-ismijiet tal-membri tal-Bord Editorjali; (2) in-numru ta' laqgħat u d-dati li fihom saru l-laqgħat tal-Bord Editorjali għall-ħarġa ta' *Il-Malti* li tagħha kienu responsabbli; (3) l-ammont ta' kontribuzzjonijiet li daħlu; (4) il-kitbiet li ma ntgħażlux; (5) dettalji oħra relevanti bħan-numru u s-sena tal-ħarġa, l-ISBN, eċċ.

# APPENDIĊI 1

Noti għall-kontributuri

*Il-Malti* jikkonsisti f'xogħlijiet akkademiċi u letterarji li qatt ma jkunu dehru qabel. Il-kwalità tax-xogħol ippubblikat għandha tirrifletti l-pożizzjoni tal-Akkademja tal-Malti bħala istituzzjoni mogħtija għat-**twessigħ tal-produzzjoni letterarja bil-Malti, u għall-firxa ta' studji akkademiċi marbutin mal-istess lingwa**. Il-prinċipji u l-perspettivi tal-kontributuri jistgħu ma jaqblux ma' dawk tal-Bord Editorjali, iżda dan il-Bord ma jaċċettax xogħlijiet li jkunu offensivi lejn xi identità razzjali, sesswali, jew reliġjuża.

## Il-Manuskritt

- Idealment il-kitba ma tkunx itwal minn 5,000 kelma.
- Għandu jintuża font b'karattri Maltin, preferibbilment Times New Roman, daqs 12 pt.
- It-test kollu jrid ikun justified maż-żewġ naħat tal-paġna.
- Għal referenzi biblijografiċi u noti, il-kontributuri ta' *Il-Malti* għandhom jużaw is-sistema tal-footnotes jew endnotes, noti li jidhru fil-qiegħ tal-paġna jew fi tmiem l-artiklu. Il-kittieba għandhom jużaw dawn in-noti bil-qies. Nissuġġerixxu li, b'mod ġenerali, diskors essenzjali għall-argument tal-artiklu għandu jidħol fit-test ewlieni; diskors mhux rilevanti għall-artiklu għandu jitħalla barra.
- Ix-xogħol għandu jkun miktub b'Malti tajjeb, skont l-aħħar aġġornamenti uffiċjali tal-ortografija.
- Il-kitba trid tkun oriġinali u mhux diġà ppubblikata.
- Ix-xogħol irid jintbagħat ittajpjat jew b'mezz elettroniku (manuskritti bl-idejn ma jiġux aċċettati).
- Kull awtur ma jistax jibgħat aktar minn ħames kontribuzzjonijiet, biex il-Bord Editorjali jkun jista' jagħżel minnhom.

## APPENDIĊI 2

**Il-Malti** – Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, imwaqqfa fl-14 ta' Novembru 1920 u aktar tard magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti, bdiet toħroġ *Il-Malti* fl-1925. Minn dak iż-żmien sal-lum kitbu fih l-aqwa kittieba ta' pajjiżna. *Il-Malti* kien l-ewwel pubblikazzjoni letterarja li bdiet tuża l-alfabett tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u mxiet skont ir-regoli tal-ortografija u l-grammatika tal-ilsien Malti miġbura fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* maħruġ mill-Għaqda fl-1924. Bis-saħħa ta' din il-pubblikazzjoni l-Akkademja tal-Malti tqieset l-awtorità fejn tidħol l-ortografija tal-Malti u fl-1934 il-Gvern adotta r-regoli ortografiċi tal-Akkademja bħala uffiċjali u beda jimxi fuqhom.

Fost l-imseħbin tagħha nsibu l-aqwa studjużi tal-Malti, l-ikbar fosthom Ninu Cremona. Oħrajn li ppubblikaw ir-riċerka lingwistika tagħhom f'*Il-Malti* huma l-Prof. Pietru Pawl Saydon, Dun Karm Sant u l-Prof. Ġużè Aquilina, ilkoll lingwisti u letturi fl-Università ta' Malta. Il-Prof. Ġużè Aquilina nħatar l-ewwel lettur tal-Malti fl-Università fl-1937.

Filwaqt li l-Akkademja tal-Malti ħadmet bis-sħiħ biex issawwar ir-regoli tal-kitba tal-ilsien Malti, il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħha turi li ħafna mill-kittieba u l-kitbiet tagħhom ixaqilbu lejn il-letteratura. Fiha ppubblikaw l-aqwa xogħlijiet tagħhom Ġużè Muscat Azzopardi u Dun Karm (l-ewwel edituri ta' *Il-Malti*), Rużar Briffa, Karmenu Vassallo, Ġużè Bonnici, Ġużè Chetcuti, Anastasju Cuschieri, Anton Buttigieg, Wistin Born, Ġorġ Pisani, u Ġużè Ellul Mercer. Ma' dawn il-kittieba tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin fil-folji ta' *Il-Malti* aktar tard ingħaqdu poeti, rumanziera u drammaturgi, fosthom dawk li bdew il-karriera letterarja tagħhom mill-Moviment Qawmien Letterarju fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin.

Illum f'*Il-Malti* jidhru kemm xogħlijiet ta' kittieba stabbiliti kif ukoll ta' awturi ġodda.

L-Akkademja torganizza taħditiet pubbliċi u seminars kemm letterarji kif ukoll lingwistiċi u tistieden lill-kelliema mistiedna biex jippubblikaw ir-riċerka tagħhom fil-ħarġiet ta' *Il-Malti*.

Mill-1925 sal-1976 *Il-Malti* kien joħroġ erba' darbiet fis-sena. *Il-Malti* llum joħroġ kull sena, f'edizzjonijiet letterarji u akkademiċi, kif ukoll ħarġiet speċjali bħal ngħidu aħna l-edizzjonijiet dedikati lil Dun Karm u 'l Anton Buttigieg (1986), lil Karmenu Vassallo (1988) u aktar riċenti *Xogħlijiet magħżula ta'*

*Ġużè Gatt* (2010), *Ta' Barra Minn Hawn: Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija* (2011) u l-edizzjoni speċjali ta' *Il-Malti* b'ġabra ta' studji marbutin ma' testi qodma, b'żewġ studji fuq żmien l-Għarab, tnejn oħra fuq il-Kantilena u ieħor fuq il-prietki bikrin (2014).

*Għal aktar tagħrif:*


Agius Muscat, David. *Il-Librerija u l-Arkivju tal-Akkademja tal-Malti* (teżina tad-Dip. fl-Istudji tal-Libreriji u tal-Informazzjoni).

Cachia, Noel. *Biblijografija tar-rivista* Il-Malti *(1970-1999)*. Teżi tal-B.A. (Hons.) fil-Malti (2004).

Fenech, Angela. *Analiżi tar-rivista* Il-Malti *1925-1969*. Teżi tal-B.A. (Hons.) fil-Malti (1974).



**Linji gwida mfassla u tagħrif miġbur minn Joseph P. Borg, Dr Mario Cassar, Dr George Farrugia u Ann Marie Schembri.**

**Approvati mill-Kunsill tal-Akkademja fil-laqgħa tat-12 ta' Novembru 2020.**

# Il-Malti

PUBBLIKAZZJONI TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



*Lil hinn minn Ħaż-Żebbuġ - Tal-Grazzja*
Żejt fuq it-tila, 1993, 45ċm x 38ċm
**Jane Micallef**

ISBN 978-99932-7-813-9
9 789993 278139

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

Borg Charles Briffa Lawrenz
Cachia Charlò Camilleri O.C.
Charles Casha Mario Cassar
George Farrugia Stanley
Fiorini Sergio Grech Adrian
Grima Ivan Said Emanuel Tanti
Paul Zahra Trevor Żahra David
Agius Muscat Joseph P. Borg
Charles Briffa Lawrenz Cachia
Charlò Camilleri O.C. Charles
Casha Mario Cassar George
Farrugia Stanley Fiorini
Sergio Grech Adrian Grima
Ivan Said Emanuel Tanti Paul
Zahra Trevor Żahra David
Agius Muscat Joseph P. Borg
Charles Briffa Lawrenz Cachia
Charlò Camilleri O.C. Charles
Casha Mario Cassar George
Farrugia Stanley Fiorini
Sergio Grech Adrian Grima
Ivan Said Emanuel Tanti Paul
Zahra Trevor Żahra David
Agius Muscat Joseph P. Borg
Charles Briffa Lawrenz Cachia
Charlò Camilleri O.C. Charles
Casha Mario Cassar George
Farrugia Stanley Fiorini
Sergio Grech Adrian Grima
Ivan Said Emanuel Tanti Paul
Zahra Trevor Żahra David
Agius Muscat Joseph P. Borg
Charles Briffa Lawrenz Cachia
Charlò Camilleri O.C. Charles
Casha Mario Cassar George
Farrugia Stanley Fiorini
Sergio Grech Adrian Grima
Ivan Said Emanuel Tanti Paul
Zahra Trevor Żahra David
Agius Muscat Joseph P. Borg
Charles Briffa Lawrenz Cachia
Charlò Camilleri O.C. Charles